CATHEDRAL LIBRARY
VICTORIA GOZO
MALTA

# BULLETTIN TAL-ARCIDJOCESI U LITURGIJA TAL-KELMA

Sajf 1985 Nru. 46

## WERREJ

| | paġ. |
|---|---|
| Ittra tal-Papa liż-żgħażagħ ... ... ... ... ... ... | 321 |
| Ittra tal-Papa lis-saċerdoti għall-Ħamis ix-Xirka ... ... | 351 |
| Ittra tal-Papa f'egħluq il-1100 sena mill-mewt ta' S. Metodju ... | 362 |
| Digriet tal-Kongregazzjoni tal-Kult ... ... ... ... | 370 |
| Tħejjija għas-Sinodi ... ... ... ... ... .. ... | 375 |
| Direttivi tal-isqfijiet dwar il-Liturġija ... ... ... ... | 378 |
| Omeliji u messaġġi tal-Arċisqof ... ... ... ... ... | 380 |
| Ċirkolarijiet tal-Kurja ... ... ... ... ... .. | 388 |
| L-iskejjel tal-Knisja ... ... ... ... ... ... ... | 397 |
| Id-djar tax-xjuħ tal-Knisja ... ... ... ... ... ... | 404 |
| Rapporti tal-uffiċċju u istituzzjonijiet djoċesani ... ... | 407 |
| Onorifiċenzi — Okkażżjonijiet għall-ħidma pastorali barra minn Malta ... ... ... ... ... ... | 439 |
| Eżempju ta' omeliji ... ... ... ... ... ... | 440 |

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U
LITURĠIJA TAL-KELMA

Sajf 1985 Nru. 46

# ITTRA APPOSTOLIKA TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAD-DINJA FL-OKKAŻJONI TAS-SENA INTERNAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Egħżież ħbieb,

1. **Xewqat tajba għas-Sena Internazzjonali taż-żgħażagħ**

"Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom"[1].

B'dan il-kliem inkellem lilkom iż-żgħażagħ fil-bidu ta' din is-sena 1985 li l-Ġnus Magħquda ħabbruha bħala s-*Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ;* ħaġa li tfisser ħafna l-ewwelnett għalikom iż-żgħażagħ, imma wkoll għan-nies kollha ta' kull żmien — individwi, kommunitajiet u s-soċjetà kollha tal-bnedmin. Din hi wkoll ħaġa ta' tifsir speċjali għall-Knisja, li hija dik li tħares dawk li huma l-veritajiet u l-valuri fondamentali u fl-istess ħin hi l-ministru tad-destin li għandu l-bniedem u l-familja kollha tal-bnedmin f'Alla nnifsu.

Il-bniedem hu t-triq ewlenija u fl-istess ħin it-triq ta' kuljum tal-Knisja[2], u għalhekk m'hijiex xi ħaġa tqila biex wieħed jifhem għaliex il-Knisja tagħti importanza speċjali *liż-żmien taż-żogħżija,* għaliex tqisu ż-żmien li hu l-muftieħ tal-ħajja ta' kull bniedem. Intom iż-żgħażagħ intom iż-żogħżija: intom iż-żogħżija tan-nazzjonijiet u tas-soċjetajiet, ta' kull familja u tal-bnedmin kollha; intom ukoll iż-żogħżija tal-Knisja. Ilkoll inħarsu lejkom, għaliex aħna lkoll, bikom, b'xi mod, nerġgħu dejjem insiru żgħażagħ. Għalhekk iż-żogħżija m'hijiex xi ħaġa tagħkom biss, tagħkom personali, xi ħaġa tal-ġenerazzjoni tagħkom biss: hi taż-żmien kollu li minnu jrid igħaddi l-bniedem fil-mixja ta' ħajtu, u fl-istess ħin hi *ġid speċjali ta' kulħadd.* Hi ġid tal-familja kollha tal-bnedmin.

Fikom hemm, it-tama, għax intom tal-ġejjieni kif il-ġejjieni hu tagħkom. Għaliex *it-tama hi dejjem marbuta mal-ġejjieni:* tittama jiġifieri tistenna "l-ġid li jrid jiġi". Bħala virtù nisranija t-tama hi marbuta mal-ħsieb li għad niksbu dak il-ġid ta' dejjem li Alla wiegħed lill-bniedem f'Ġesù Kristu[3]. U fl-istess ħin, din *it-tama,* bħala virtù nisranija u bħala virtù umana, hija *l-mistennija tal-ġid* li l-bniedem jista' jagħmel bit-talenti li tagħtih il-Providenza ta' Alla.

F'dan is-sens il-ġejjieni hu ħaġa tagħkom iż-żgħażagħ, kif darba kienet ħaġa ta' dawk li llum huma l-kbar, u kien proprju flimkien magħhom li saret dak li hi *d-dinja llum.* Ir-responsabbiltà tad-dinja kif inhi llum, f'dak li hi fiha nfisha u fis-suriet kollha tagħha ta' kull xorta, hija l-ewwelnett tal-kbar. *Ir-responsabbiltà tagħkom hi* dwar

dak li għad tkun id-dinja flimkien magħkom, *imma dan għad irid jiġi.*

Meta ngħidu li *l-ġejjieni hu tagħkom* inkunu qegħdin naħsbu fuq dak li minnu jgħaddi l-bniedem, u dan hu dejjem xi ħaġa fil-ġejjieni. Meta ngħidu li *l-ġejjieni jiddependi minnkom* inkunu qegħdin naħsbu fuq valuri morali, fuq x'titlob ir-responsabbiltà morali, responsabbiltà li ġġiegħelna naraw fil-bniedem, bħala persuna — u lill-komunitajiet u lis-soċjetajiet li huma magħmulin minn bnedmin — il-valur fondamentali ta' kull ma jagħmel, ta' kull ma jiddeċiedi, ta' kull ma jaħseb u ta' kull ma jibda.

Din id-dimensjoni hi wkoll id-dimensjoni proprja tat-tama nisranija u umana. U f'din id-dimensjoni *l-ewwel u l-aqwa xewqa* li ttenni l-Knisja b'fommi, lilkom iż-żgħażagħ, hi, li f'din is-sena dedikata liż-żgħażagħ, intom "tkunu tistgħu tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama tagħkom"[4]

## 2. Kristu jkellem liż-żgħażagħ

Dawn il-kelmiet li darba nkitbu mill-Appostlu San Pietru lill-ewwel ġenerazzjoni ta' nsara, huma marbutin mal-Evanġelju kollu ta' Kristu. Din ir-rabta forsi narawha aħjar jekk nikkunsidraw il-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ li jsemmu l-Evanġelisti[5]. Fost il-ħafna siltiet mill-Iskrittura, din is-silta ta' min ifakkarha f'dan il-waqt.

Għall-mistoqsija: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?", Ġesù l-ewwel wieġeb bil-mistoqsija: "Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'? Hadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss". Imbagħad żied igħid: "Inti l-kmandamenti tafhom. 'La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor, weġġah 'il missierek u 'l ommok'"[6]. B'dan il-kliem Ġesù fakkar liż-żagħżugħ xi kmandamenti ewlenin tad-Dekalogu.

Iżda l-konversazzjoni ma waqfitx hawn, għax iż-żagħżugħ wieġeb: "Mgħallem, jien dan kollu ili nħarsu minn żogħżiti". Imbagħad l-evanġelista jżid: "Ġesù *xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba* u qallu: 'Ħaġa waħda tonqsok: mur, bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema: imbagħad ejja, u imxi warajja'."[7] F'dan il-mument *l-atmosfera tal-laqgħa titbiddel.* L-evanġelista jikteb: "Għal dan il-kliem ir-raġel qarras wiċċu, u telaq b'qalbu sewda għax kellu ħafna ġid"[8].

Hemm siltiet oħra fl-Evanġelju fejn naraw lil Ġesù jiltaqa' ma' żgħażagħ — ta' min isemmi b'mod speċjali ż-żewġ darbiet li Ġesù qajjem mill-imwiet żewġ żgħażagħ, il-bint ta' Ġajru[9] u lil bin l-armla ta' Najn[10] — iżda nistgħu ngħidu mingħajr biża' li nżbaljaw li l-laqgħa maż-żagħżugħ hija l-aktar waħda sħiħa u l-aktar waħda *mimlija tagħlim.* Nistgħu ngħidu wkoll li din il-laqgħa għandha karattru universali u 'l fuq minn kull żmien, jiġifieri, b'xi mod għandha li hi *ta' dejjem u tibqa'* tul il-mijiet tas-snin u f'kull nisel. Kristu jkellem b'dan il-mod kull żagħżugħ, ġuvni jew xebba, kullimkien fid-dinja, f'kull nazzjon, ta' kull ġens u kultura. *Kull wieħed u waħda minnkom* jista' jkun dak iż-żagħżugħ, li miegħu Kristu jitkellem. Fl-istess ħin il-ġrajja kollha ta' din il-konversazzjoni, il-kliem kollu li ntqal ma' tulha, kemm minn Ġesù u kemm miż-żagħżugħ, kollu għandu tifsir, u kollu għandu l-importanza proprja tiegħu. Nistgħu ngħidu li dan il-kliem għandu fih verità tassew għolja dwar il-bniedem, u fuq kollox,

*verità dwar iż-żogħżija*. Dan il-kliem hu verament *ta' piż kbir* għażżgħażagħ.

Ħalluni għalhekk norbot il-ħsibijiet ta' din l-ittra tiegħi mal-ġrajja ta' din il-laqgħa, mal-kliem tal-Evanġelju dwarha. Forsi b'dan il-mod ikun eħfef għalikom tiżviluppaw *il-konversazzjoni tagħkom ma' Kristu* — konversazzjoni li għandha importanza fondamentali u essenzjali għal kull żagħżugħ u għal kull żagħżugħa.

### 3. Iż-żogħżija hi teżor speċjali

Nibdew b'dak li nsibu fl-aħħar tas-silta ta' l-Evanġelju. Iż-żagħżugħ telaq minn ħdejn Ġesù qalbu sewda *"għaliex kellu ħafna ġid"*. Dan il-kliem żgur ifisser li ż-żagħżugħ kellu jew kien werriet ta' ħafna ġid materjali. Forsi biss xi żgħażagħ huma f'din il-qagħda, iżda din m'hijiex il-qagħda proprja taż-żgħażagħ. Għalhekk kliem l-evanġelista jiġiegħelna nħarsu lejn il-ħaġa mod ieħor: iż-żogħżija hi fiha nfisha *teżor speċjali tal-bniedem*, ta' żagħżugħ jew żagħżugħa — hemm jew ma hemmx ġid materjali — u spiss iż-żgħażagħ igħixu żogħżithom qisha xi teżor speċjali, spiss, imma mhux dejjem u mhux bi drawwa, għax fid-dinja ma jonqsux nies li għal xi raġuni jew oħra ma jgħixux żogħżithom qisha xi teżor. Imma din il-ħaġa narawha għaliha.

Iżda hemm raġunijiet — u huma raġunijiet *bil-fatti* li jġiegħeluna nqisu ż-żogħżija xi teżor speċjali li wieħed igawdi f'mument partikulari tal-ħajja. Hu żmien li jingħażel sewwa minn żmien it-tfulija (huwa ż-żmien li fih wieħed iħalli tfulitu), kif jingħażel sewwa wkoll miż-żmien li fih il-bniedem jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala bniedem. Żmien iż-żogħżija huwa ż-żmien li fih il-bniedem jagħraf bil-qawwa kollha hu x'inhu bħala bniedem, u x'inhuma l-kwalitajiet u l-kapaċitajiet kollha tiegħu. Huwa u jħares fih innifsu u jara lilu nnifsu jikber bħala bniedem, iż-żagħżugħ (jew iż-żagħżugħa), bil-mod il-mod u ftit ftit, jintebaħ x'inhi l-ħila proprja tiegħu bħala bniedem, ħila li ma hemmx oħra bħalha u li tiġbor fiha l-pjan tal-ħajja kollha tiegħu fil-ġejjieni. Ħajtu jaraha bħala dan il-pjan li qiegħed iseħħ, bħal li kieku hu nnifsu qiegħed jilħaq il-kobor kollu tiegħu bħala bniedem.

Din il-ħaġa wieħed jista' jħares lejha u jfissirha f'aktar minn sura waħda: iżda biex infissruha fi ftit kliem, nistgħu ngħidu li hi s-sura u l-mod ta' dak it-teżor li hi ż-żogħżija. Dan it-teżor hu l-għana u l-ġid li tagħraf, torganizza u tagħżel x'deċiżjonijiet personali se tieħu, tintebaħ bihom minn qabel u tkun responsabbli tagħhom, deċiżjonijiet li se jkunu importanti għall-ġejjieni fil-ħajja strettament personali tiegħek. Fl-istess ħin dawn id-deċiżjonijiet għandhom ukoll importanza soċjali kbira. Iż-żagħżugħ tal-Evanġelju kien qiegħed proprju f'dan il-waqt ta' ħajtu, kif naraw mill-mistoqsija li għamel lil Ġesù. Għalhekk l-aħħar kelmiet dwar il-"ħafna ġid" — jiġifieri għana — nistgħu nifhmuh ukoll fis-sens li l-istess żogħżija hija teżor ta' għana u ġid.

Iżda jkollna nagħmlu din il-mistoqsija: Dan it-teżor taż-żogħżija bilfors ibiegħed il-bniedem minn Alla? Żgur li l-evanġelista dan ma jgħidux; anzi, jekk nagħarblu sewwa l-kliem tal-Evanġelju, naslu

għall-konklużjoni oħra. Id-deċiżjoni li jitbiegħed minn Kristu għal kollox, iż-żagħżugħ wasal għaliha minħabba l-ġid materjali, *minħabba dak li kellu. U mhux minħabba dak li kien.* Dak li kien, jiġifieri għax kien żagħżugħ — it-teżor moħbi taż-żogħżija — wasslu għand Ġesù u ġiegħelu wkoll jagħmel dawk il-mistoqsijiet li juru ċar ħafna t-tħassib tiegħu *dwar il-pjan ta' ħajtu kollha kemm hi.* X'għandi nagħmel? "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" X'għandi nagħmel biex *ħajti jkollha s-siwi u t-tifsir sħiħ tagħha?*

Iż-żogħżija ta' kull wieħed u waħda minnkom, ħbieb, hi teżor li *jidher proprju f'dawn il-mistoqsijiet.* Il-bniedem tul ħajtu kollha jagħmel dawn il-mistoqsijiet. Iżda fi żmien iż-żogħżija dawn il-mistoqsijiet *isiru bil-qawwa kollha u jridu tweġiba malajr,* u jsiru bla heda. U din hi ħaġa tajba. Dawn il-mistoqsijiet juru b'liema dinamiżmu, b'liema ħeġġa qiegħed jiżviluppa l-bniedem bħala bniedem: huwa d-dinamiżmu proprju taż-żogħżija. Intom xi kull tant tagħmlu dawn il-mistoqsijiet u ma għandkomx sabar tistennew tweġiba, u fl-istess ħin intom stess tifhmu li t-tweġiba ma tistax tingħata bil-għaġla u fuq fuq. It-tweġiba trid tkun tassew tiswa, tkun ċara u tgħodd għal dak li jkun. Hija *tweġiba li għandha x'taqsam mal-ħajja kollha ta' dak li jkun,* tħaddan ħajtu kollha bħala bniedem.

Dawn il-mistoqsijiet essenzjali jagħmluhom b'mod speċjali dawk iż-żgħażagħ li minn tfulithom sabu ruħhom magħfusin mit-toqol tat-tbatija: minħabba xi nuqqas jew difett fiżiku, minħabba xi marda jew xi *handicap* jew minħabba l-qagħda diffiċli tal-familja jew tal-ambjent soċjali li fih igħixu. Jekk moħħhom imbagħad fl-istess ħin jiżviluppa b'mod normali, il-mistoqsija dwar it-tifsir u s-siwi tal-ħajja ssir għalihom mistoqsija essenzjali ħafna u *b'mod speċjali traġika* wkoll, għaliex il-mistoqsija tagħhom hi mill-bidunett immarkata bis-sinjali tat-tbatija tal-ħajja. U kemm hemm żgħażagħ minn dawn fil-kotra kbira taż-żgħażagħ fid-dinja kollha! fin-nazzjonijiet u s-soċjetajiet kollha; fil-familji! Kemm minnhom kellhom igħixu minn tfulithom f'xi istitut jew f'xi sptar, f'qagħda li ma jistgħu jagħmlu, tista' tgħid, xejn, qagħda li twassalhom biex iħossu li huma ma jiswew xejn għall-bnedmin tad-dinja!

Nistgħu għalhekk ngħidu li ż-żogħżija ta' dawn hi wkoll teżor moħbi? Lil min se nagħmlu din il-mistoqsija? Lil min se jagħmlu huma din il-mistoqsija essenzjali? Milli jidher din il-mistoqsija tista' ssir biss lil Kristu, għax hu biss jista' jweġibha, u ma hemmx ħaddieħor li jista' jidħol għal kollox floku.

## 4. Alla hu mħabba

Kristu jwieġeb liż-żagħżugħ tal-Evanġelju, u jgħidlu: "Ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss". Smajna ġà dak li kien staqsa ż-żagħżugħ: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" Kif għandi nġib ruħi biex ħajti jkollha t-tifsir tagħha, it-tifsir sħiħ u l-qawwa kollha tagħha? Nistgħu nagħmlu din il-mistoqsija bi kliem tal-lum. U jekk nagħmluha b'dan il-mod it-tweġiba ta' Kristu tkun din: Alla biss fl-aħħar mill-aħħar *hu l-pedament ta' kull ġid;* Alla biss jista' jagħti *tifsir sħiħ u żgur* lill-ħajja tagħna l-bnedmin. Alla biss tajjeb; u dan ifisser li hu biss hu l-bidu u t-tmiem ta' kull ġid; hu l-"Alpha u l-Omega, il-bidu u t-tmiem"[11]. Fih biss kull ġid jitwettaq

għal kollox u jikseb il-verità sħiħa tiegħu. *Mingħajru* — jiġifieri jekk inwarrbu 'l Alla — il-ġid kollu maħluq jibqa' qisu mdendel f'vojt u baħħ bla qjies; ma jibqax aktar jidher b'mod ċar, ma jibqa' jfisser xejn. Id-deni jibda jidher qisu ġid, u l-ġid jitwarrab fil-ġenb. Dan ma narawhx mill-esperjenza taż-żminijiet tagħna, kull fejn Alla ġie mwarrab mill-valuri, mill-fehmiet u mill-ħidma tal-bniedem?

Għaliex Alla biss hu tajjeb? *Għaliex hu Mħabba.* Kristu jagħti din it-tweġiba bi kliem l-Evanġelju, u fuq kollox bix-xhieda tal-ħajja u tal-mewt tiegħu. "Għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni"[12]. Alla hu tajjeb proprju għaliex 'hu mħabba'[13].

Kif għidt, il-mistoqsija dwar is-siwi tal-ħajja, dwar it-tifsir tal-ħajja, hi parti mit-teżor proprju taż-żgħożija. Toħroġ *mill-qalba tal-għana u tat-tħassib* li hu marbut mal-pjan ta' ħajja li kull bniedem irid ifassal u jagħmel. Aktar u aktar imbagħad hi importanti din il-mistoqsija, meta ż-żagħżugħ hu mġarrab hu nnifsu mit-tbatija, jew meta hu milqut f'laħam il-ħaj mit-tbatija tal-oħrajn, meta jħoss ruħu mħawwad fuq li mħawwad huwa u jara kemm hemm deni fid-dinja, u, fl-aħħarnett meta jsib ruħu wiċċ imb'wiċċ mad-dnub, wiċċ imb'wiċċ mal-ħażen tal-bniedem (*mysterium iniquitatis*)[14]. It-tweġiba ta' Kristu hi din: "Alla biss hu tajjeb"; Alla biss hu mħabba. Din it-tweġiba tidher iebsa, iżda hi fl-istess ħin soda u vera wkoll għax tagħti *soluzzjoni ċerta u żgura.* Kemm nitlob, egħżież ħbieb żgħażagħ tiegħi, kemm nitlob li tilqgħu t-tweġiba ta' Kristu qisha magħmulha lilkom stess; kemm nitlob li ssibu dik it-triq tar-ruħ li twassalkom biex tifhmuha, tilqgħuha u tagħmluha.

*Hekk ġab ruħu Ġesù* fil-konversazzjoni tiegħu maż-żagħżugħ; hekk iġib ruħu fid-djalogu ma' kull wieħed u waħda minnkom. Meta tgħidulu: "Mgħallem tajjeb", hu jistaqsikom, "Għaliex qiegħed issejjaħli tajjeb? Hadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss". Għalhekk, għax jiena tajjeb, *jien nagħti xhieda għal Alla.* "Min ra lili ra l-Missier[15]. Hekk jitkellem Kristu, l-imgħallem u l-ħabib, Kristu msallab u rxoxt; dejjem l-istess il-bieraħ, illum u għal dejjem[16].

Dan hu l-qofol, il-punt essenzjali tat-tweġiba għal dawk il-mistoqsijiet li intom iż-żgħażagħ tagħmlulu mit-teżor li hemm fikom, li għandu egħruqu f'żogħżitkom.

Iż-żogħżija tagħkom tiftħilkom quddiemkom ħafna prospettivi differenti; tgħabbikom bid-dmir li tagħmlu pjan għal ħajjitkom kollha. Għalhekk il-mistoqsija dwar x'inhuma l-valuri; għalhekk il-mistoqsija dwar xi tfisser il-ħajja, x'inhi l-verità, x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin. Meta Kristu huwa u jweġibkom u jgħidilkom biex tirriferixxu dan kollu lil Alla, hu jkun *jurikom li l-bidu u l-pedament ta' dan kollu jinsab fikom stess.* Dan għaliex kull wieħed minnkom hu, mill-ħolqien, *sura u xbieha ta' Alla*[17]. Din is-*sura u xbieha* ta' Alla li intom, twassalkom biex tagħmlu dawk il-mistoqsijiet li għandkom tagħmlu lilkom infuskom. Dawn il-mistoqsijiet juru kemm *il-bniedem ma jistax jifhem lilu nnifsu mingħajr Alla,* u l-anqas jista' mingħajr Alla *jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu bħala bniedem.* Ġesù Kristu ġie fid-dinja l-aktar biex kull wieħed minna jintebaħ b'dan. Mingħajru hi ħaġa ħafifa ħafna li tintesa għal kollox din id-dimensjoni fondamentali tal-verità dwar il-bniedem. "Id-dawl ġie fid-dinja",[18] iżda "d-dlamijiet ma għarfuhx"[19].

5. **Il-mistoqsija dwar il-ħajja ta' dejjem......**

X'għandi nagħmel biex ħajti tkun tiswa, biex ikollha tifsir? Dan huwa l-kliem tal-mistoqsija ħerqana li toħroġ minn fomm iż-żagħżugħ tal-Evanġelju huwa u jistaqsi: *"X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"* Bniedem li jagħmel il-mistoqsija b'dan il-mod, in-nies tal-lum jifhmuh? M'aħniex nies illum li l-fehma tagħhom, dwar il-ħajja hi mibnija tista' tgħid kollha kemm hi *fuq id-dinja u l-progress fid-dinja?* Ħsibijietna huma kollha fid-dinja. Jekk bi ħsibijietna mmorru 'l hemm mid-dinja, ħsibijietna jkunu dwar titjir fl-ispazju, dwar kif se nibagħtu sinjali lejn pjaneti oħra, dwar strumenti li jintbagħtu jistħarrġu pjaneti oħra.

Din hi *llum iċ-ċiviltà tagħna*. Ix-xjenza flimkien mat-teknoloġija sabu, b'mod ta' l-għaġeb, x'ħila u x'setgħa għandu l-bniedem fuq il-materja li waslet biex taħkem *sa fil-fond* tal-ħsibijiet, tal-fakultajiet, tal-inklinazzjonijiet u tax-xewqat kollha tiegħu.

Fl-istess ħin, *meta aħna nqiegħdu ruħna quddiem Kristu*, meta nifthu qalbna miegħu u nagħmlulu l-mistoqsijiet ta' żogħżitna, malajr nintebħu li l-*mistoqsijiet* li rridu nagħmlulu *mhux se jkunu differenti* minn dawk taż-żagħżugħ tal-Evanġelju: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem " Kull mistoqsija oħra dwar it-tifsir u s-siwi tal-ħajja, quddiem Kristu, ma tkunx biżżejjed, ma tkunx tiswa.

Kristu m'huwiex biss l-"Imgħallem tajjeb", li jurina fuq l-art it-triq tal-ħajja; hu *xhud* ukoll tad-destin ta' dejjem li l-bniedem għandu f'Alla. Hu xhud *tal-immortalità* tal-bniedem. L-Evanġelju li Kristu xandar b'fommu ġie mwettaq darba għal dejjem bis-salib u l-qawmien mill-imwiet fil-misteru ta' l-Għid: "Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu"[20]. Bil-qawmien tiegħu mill-imwiet, Kristu sar ukoll għal kull żmien "sinjal li jmeruh"[21], quddiem kull ħsieb u kull fehma li ma jistgħux iwasslu l-bniedem *'l hemm mill-mewt*. Quddiem il-mewt dawn il-fehmiet u dawn il-ħsibijiet m'għandhomx tweġiba dwar il-valur u t-tifsir tal-ħajja. Quddiem dawn il-fehmiet u ħsibijiet, quddiem dan il-mod kif wieħed iħares lejn id-dinja, quddiem dawn l-ideoloġiji, Kristu jtenni dejjem: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja"[22].

Għalhekk, ħuti egħżież, jekk tridu tkellmu 'l Kristu u tilqgħu l-verità sħiħa tax-xhieda tiegħu, tridu min-naħa l-waħda *"tħobbu d-dinja* — "Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil ibnu l-waħdieni"[23] — u fl-istess ħin tridu jkollkom qalbkom miftuħa għal kollox minn dik ir-"realtà" tlellex u ssaħħar li hi "d-dinja". Jeħtieġ tiddeċiedu li tagħmlu l-mistoqsija *dwar il-ħajja ta' dejjem*. Għaliex "is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi"[24] u kull wieħed u waħda minna jrid igħaddi minn din id-dinja. Meta l-bniedem jitwieled, *għandu ġà quddiemu* li xi darba jrid imut u jħalli din id-dinja li naraw; iżda fl-istess ħin il-bniedem iħoss fih innifsu li qiegħed igħix biex jirbaħ lilu nnifsu, u għandu wkoll fih innifsu kull ma jeħtieġ biex jirbaħ id-dinja.

Kull ma għandu l-bniedem fih innifsu biex bih jirbaħ id-dinja — minkejja li huwa fid-dinja — isib it-tifsira tiegħu fil-fatt li hu maħluq sura u xbieha ta' Alla, sura u xbieha li hi fil-bniedem sa mill-bidu tiegħu. Kull ma għandu l-bniedem biex jirbaħ id-dinja, mhux biss iwassluh biex *jistaqsi dwar il-ħajja ta' dejjem*, imma jwasslu wkoll biex

ma jkunx jista' ma jistaqsix dwar il-ħajja ta' dejjem. Il-mistoqsija dwar il-ħajja ta' dejjem ilha ssir mill-bniedem, mhux biss fi ħdan ir-reliġjon nisranija, iżda wkoll barra mir-reliġjon nisranija. Jeħtieġ ikollkom dik il-ħeġġa tal-qalb biex tagħmlu din il-mistoqsija, li kellu ż-żagħżugħ tal-Evanġelju. Ir-reliġjon nisranija tgħallimna li aħna nifhmu x'inhu ż-żmien ta' issa fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem u tas-Saltna ta' Alla. Mingħajr dan id-dawl, il-ħajja tal-bniedem f'dan iż-żmien, għalkemm mogħnija b'kull ġid, għalkemm żviluppata mill-aħjar f'kollox. fl-aħħar mill-aħħar ma twasslux ħlief biex ikun jaf li se jmut żgur.

Hemm qisha *oppożizzjoni bejn iż-żogħżija u l-mewt*, għax il-mewt tidher 'il bogħod ħafna miż-żogħżija. Veru. Iżda ż-żogħżija tfisser pjan ta' ħajja sħiħa, pjan imfassal bi kriterji ta' valuri veri u ta' tifsir veru — għalhekk fiż-żogħżija huwa meħtieġ ukoll li wieħed jistaqsi *x'se jkun it-tmiem*. L-esperjenza tal-bniedem waħidha tasal biex tgħid dak li nsibu fl-Iskrittura: "Il-bnedmin għandhom imutu darba biss"[25], u l-kittieb, imnebbaħ minn Alla, iżid: "u wara dan isir il-ġudizzju"[26]. Imma Kristu jgħid: *"Jiena hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, igħix, u kull min igħix u jemmen fija ma jmut qatt"*[27]. Għalhekk staqsu lil Kristu dak li staqsih iż-żagħżugħ tal-Evanġelju: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

6. ......**dwar il-moralità u l-kuxjenza**

Għal din il-mistoqsija Ġesù wieġeb: "Inti l-kmandamenti tafhom", u semmihomlu. Dawn il-kmandamenti Mosè rċevihom fuq l-għolja tas-Sinaj, meta seħħ il-patt bejn Alla u Israel. Kienu miktuba fuq twavel tal-ġebel[28] u kienu kuljum juru lil-Lhud liema kienet triqthom[29]. Iż-żagħżugħ li mar ikellem lil Kristu, il-kmandamenti kien jafhom bl-amment, u kollu ferħan seta' jgħid: "Dan kollu ili nħarsu sa minn żogħżiti"[30]. Għandi naħseb li meta kull wieħed u waħda minnkom, egħżież żgħażagħ, tiltaqgħu ma' Kristu, *jagħmlilkom l-istess mistoqsija: "Inti l-kmandamenti tafhom?"* Din il-mistoqsija żgur jagħmililkom, għaliex il-kmandamenti huma parti mill-patt ta' Alla mal-familja kollha tal-bnedmin. Il-kmandamenti huma l-ewwel pedament ta' kif għandna nġibu ruħna, igħidulna x'inhu *s-siwi morali ta' l-egħmil* tal-bniedem, huma marbutin b'mod "organiku" mas-sejħa tal-bniedem għall-ħajja ta' dejjem, u mat-twaqqif tas-Saltna ta' Alla fil-bniedem u fost il-bnedmin. Fi kliem ir-Rivelazzjoni ta' Alla lill-bniedem hemm il-liġi ewlenija tal-imġiba, li tagħha l-aqwa parti huma t-twavel tal-għaxar kmandamenti, li nkitbu fuq l-għolja tas-Sinaj u laħqu l-perfezzjoni fl-Evanġelju: fid-diskors tal-muntanja[31] u fil-kmandament ta' l-imħabba[32].

Din il-liġi ta' l-imġiba hi wkoll miktuba mod ieħor. Hi miktuba *fil-kuxjenza morali ta' kull bniedem* tant li dawk li ma jafux bil-kmandamenti, jiġifieri bil-liġi li Alla ta lill-bnedmin, "huma liġi għalihom infushom"[33]. Hekk jikteb San Pawl *fl-ittra lir-Rumani*, u minnufih iżid: "Dawn juru b'egħmilhom li *l-liġi hi miktuba f'qalbhom* u dan tixhdu wkoll il-kuxjenza u r-raġuni tagħhom"[34].

Dawn huma kwistjonijiet ta' importanza kbira għaż-żogħżija tagħkom, u għall-pjan ta' ħajja li jrid joħroġ minnha.

Dan il-pjan ta' ħajja jkollu quddiemu l-ħajja ta' dejjem l-ewwel-nett jekk iqis il-verità ta' l-egħmil li bih irid isehħ. Din il-verità ta' l-egħmil għandha l-pedament tagħha fiż-żewġ suriet li bihom taslilna l-liġi morali: dik miktuba fuq it-twavel tal-liġi ta' Mosè u fl-Evanġelju, u dik qisha minquxa fil-kuxjenza morali ta' kull bniedem. Il-kuxjenza, jikteb San Pawl, *tagħti xhieda ta' din il-liġi*. U din il-kuxjenza, kif naqraw fl-*Ittra lir-Rumani*, "issa takkuża u issa tapprova egħmilhom"[35]. Kulħadd jara kemm dan il-kliem jaqbel mal-verità li hemm fina: kull wieħed minna sa minn tfulitu jisma' leħen il-kuxjenza tiegħu.

Mela meta Kristu, fil-konversazzjoni tiegħu maż-żagħżugħ, semmielu l-kmandamenti: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhedx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor, weġġah lil missierek u lil ommok"[36], il-kuxjenza tajba ġewwa fih tagħtu tweġiba għall-egħmil li jkun għamel: *tapprova jew takkuża*. Iżda jeħtieġ li l-kuxjenza ma titbiegħedx mit-triq it-tajba; jeħtieġ li l-pedament tal-prinċipji fondamentali tal-morali ma jiġux imħassra b'xi sura ta' "relativiżmu" u "utilitariżmu" morali.

Egħżież żgħażagħ, ħbiebi! It-tweġiba li Kristu jagħti liż-żagħżagħ tal-Evanġelju, hi tweġiba li hu jagħti lil kull wieħed u waħda minn-kom. Kristu jrid jistħarreġ *il-qagħda morali tagħkom,* u jistaqsikom dwar *il-qagħda tal-kuxjenza tagħkom.* Din hi l-aqwa mistoqsija għall-bniedem, l-aktar waħda importanti; hi mistoqsija fondamentali għaż-żogħżija tagħkom, u għandha qawwa kbira għall-pjan ta' ħajjitkom kollha, pjan li tridu tfasslu f'żogħżitkom. Din il-mistoqsija għandha rabta liema bħalha mal-mod kif kull wieħed u waħda minnkom iġġibu ruħkom *quddiem it-tajjeb u l-ħażin*. Is-siwi tal-pjan ta' ħajjitkom jiddependi essenzjalment mill-kuxjenza tagħkom, minn kemm hi vera u tajba, u tiddependi wkoll *mis-sensibbiltà tagħha*.

Dan hu mument diffiċli ħafna għaliex f'kull pass li jagħmel il-bniedem bħala bniedem, il-ħajja fid-dinja llum u l-ħajja ta' dejjem jiltaqgħu dejjem flimkien.

Kull pass li l-bniedem jagħmel bħala bniedem jagħmlu fuq il-livell tal-kuxjenza, fuq *il-livell tal-valuri morali*, għaliex hawn qiegħda d-dimensjoni l-aktar importanti taż-żmien u tal-ġrajja tal-bniedem fid-dinja. Għaliex il-ġrajja tal-bniedem ma sseħħx biss bi ġrajjiet li b'xi mod huma "barra" 'l bniedem, imma qabel kollox titfassal "ġew-wa" l-bniedem: *hi l-ġrajja tal-kuxjenzi tal-bnedmin* li jew jirbħu jew jiġu mirbuħa. Fuq dan ukoll jinbena l-aktar il-kobor tal-bniedem: id-dinjità vera tiegħu bħala bniedem. Dan huwa dak it-teżor moħbi fil-bniedem, li bih *il-bniedem bla heda jirbaħ lilu nnifsu* f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja ta' dejjem. Jekk hu minnu li "l-bnedmin għandhom imutu darba biss", u minnu wkoll li l-bniedem se jġorr miegħu, 'l hemm mill-mewt, it-tajjeb u l-ħażin kollu li jkun ġabar tul ħajtu kol-lha biex *quddiem dak li hu l-istess qdusija,* jara l-verità sħiħa li tibqa' għal dejjem ta' kollha kemm hi ħajtu, "u wara dan isir il-ġudizzju"[37].

Dan hu li jiġri fil-kuxjenza tagħna għax fil-verità ta' kull egħmil tagħna fih innifsu, hemm dejjem, b'xi mod, id-dimensjoni tal-ħajja ta' dejjem. Fl-istess waqt il-kuxjenza, permezz tal-valuri morali tis-siġilla, b'mod li tassew ifisser, il-ħajja ta' kull ġenerazzjoni, il-ħajja u l-kultura tal-ambjenti kollha tal-bniedem, tas-soċjetajiet, tan-naz-zjonijiet u tal-familja kollha tal-bnedmin.

F'dan il-qasam, kemm hemm x'jiddependi minn kull wieħed u waħda minnkom!

7. **Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba**

Aħna u nkomplu neżaminaw il-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ tal-Evanġelju, ngħaddu issa għall-aspett ieħor *ġdid u deċisiv*. Iż-żagħżugħ kellu tweġiba fondamentali u essenzjali għall-mistoqsija li għamel: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" Din it-tweġiba kienet taqbel mal-ħajja kollha li kien għex sa dak in-nhar: "Dan kollu ili nħarsu sa minn żogħżiti". Kemm nixtieq li kull wieħed u waħda minnkom *il-ħajja kollha li għex sal-lum tkun taqbel mat-tweġiba ta' Kristu.* Anzi nixtieq li ż-żogħżija tagħtikom pedament sod ta' prinċipji tajba, biex il-kuxjenza tagħkom, f'dawn is-snin taż-żogħżija, tasal biex tkun ċara daqs dik ta' min laħaq il-kbar sħiħ tiegħu bħala bniedem, jiġifieri li tul ħajjitkom kollha, kull wieħed u waħda minnkom, ikun "bniedem ta' kuxjenza", "bniedem ta' prinċipju", *"bniedem ta' min jafdah u jemmnu".* Bniedem imsawwar b'dan il-mod, fl-imġiba morali tiegħu, igħin ħafna l-ħajja *"komunitarja"*, kif igħidu, tal-familja, tas-soċjetà, ta' kull ħidma professjonali, kulturali u politika, u fl-aħħarnett tal-komunità tal-Knisja — ta' dawk l-oqsma kollha li fihom intom għandkom x'taqsmu jew għad ikollkom x'taqsmu. Din m'hijiex ħlief li wieħed għandu jkun *tassew bniedem,* li jkun tassew *żviluppa ruħu bis-sħiħ bħala bniedem,* raġel jew mara, b'dawk il-kwalitajiet kollha li jagħmluh dak li hu u mhux ħaddieħor, u fl-istess ħin iħalli s-sinjal tiegħu fil-ħajja tal-komunità u fl-ambjenti kollha, ibda mill-familja, li fihom igħix. Kull wieħed u waħda minnkom għandu, b'xi mod, igħix biex jikber *il-ġid u l-għana* ta' dawn il-komunitajiet, l-aktar billi jkun *dak li hu fih innifsu.* Mhux din hi t-triq taż-żogħżija, li hi t-teżor tal-ġid "personali" ta' kull wieħed u waħda minnkom? Il-bniedem iqis lilu nnifsu, iqis in-natura tiegħu ta' bniedem li hu, billi *jkun "għall-oħrajn"*, kif hu *f'dak li hu għalih innifsu,* u kif hu *f'dak li "hu ma' l-oħrajn"* fid-dinja.

Hawn jiksbu tifsir deċisiv il-kmandamenti u l-Evanġelju, l-aktar *il-kmandament ta' l-imħabba,* li jwassal il-bniedem biex idur lejn Alla u lejn għajru. L-imħabba hi l-"qofol" tal-perfezzjoni[38]. Biha l-bniedem u l-għaqda tal-bnedmin bħal aħwa jilħqu l-kobor l-aktar sħiħ tagħhom. Għalhekk l-imħabba "hi l-aqwa"[39] u l-ewwel fost il-kmandamenti kollha, kif igħallem Kristu[40]: fil-kmandament ta' l-imħabba jinġabru l-kmandamenti kollha u jsiru kmandament wieħed.

It-tama tiegħi għal kull wieħed u waħda minnkom hi li mit-triq taż-żogħżija tagħkom taslu għand Kristu, biex quddiemu, bix-xhieda tal-kuxjenza tagħkom, tkunu tistgħu twettqu din il-liġi morali tal-Evanġelju, li tul iż-żminijiet, resqu lejha, b'xi mod, tant nies ta' spirtu nobbli u għoli.

Ma hemmx għalfejn hawn inwettqu din il-ħaġa bi provi li nsibuhom fil-ġrajja kollha tal-bniedem tul iż-żminijiet. Hi ħaġa żgura li sa minn żminijiet l-aktar imbegħda, *il-kuxjenza* mexxiet kull bniedem lejn regola morali oġġettiva, li tidher fir-rispett għall-oħrajn, li jintwera bil-fatti, u li tidher fil-prinċipju li jgħid li ma għandekx tagħmel lil ħaddieħor dak li ma tridx li ħaddieħor jagħmel lilek[41].

F'dan naraw ġà qiegħda b'mod tassew ċar dik il-liġi morali oġ-

ġettiva li San Pawl igħid li hi "miktuba fi qlubna" u "tixhdu wkoll il-kuxjenza u r-raġuni tagħna"[42]. Fiha n-nisrani malajr jilmaħ qisu raġġ tal-Verb ta' Alla li ħalaq kollox u li jdawwal kull bniedem[43]; u għaliex hu dixxiplu ta' dan il-Verb li sar bniedem, in-nisrani jasal għal dik il-liġi aktar għolja tal-Evanġelju, li tgħidlu b'mod definitiv li għandu jagħmel lil għajru l-ġid kollu li jixtieq li jsir lilu — din hi l-liġi tal-imħabba. B'dan il-mod jissiġilla l-leħen tal-kuxjenza ħiereġ mill-fond ta' qalbu billi jintrabat b'mod sħiħ ma' Kristu u mal-kelma tiegħu.

It-tama tiegħi għalikom hi wkoll li intom, wara li tagħarfu liema huma l-problemi l-aktar essenzjali u l-aktar importanti ta' żogħżitkom, jiġrilkom, fil-pjan tal-ħajja kollha li għandkom quddiemkom, dak li jgħid l-Evanġelju: "Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba". It-tama tiegħi hi li Ġesù jixħet fuqkom din il-ħarsa.... It-tama tiegħi hi li intom taraw il-verità ta' din il-ħarsa ta' mħabba li Kristu jixħet fuqkom!

Ġesù jixħet ħarsa ta' mħabba fuq kull bniedem. U dan iwettqu l-Evanġelju kemm-il darba. Anzi nistgħu ngħidu li l-qofol tal-*Bxara t-tajba* tinsab f'din "il-ħarsa ta' mħabba" ta' Kristu. Jekk irridu naraw kif bdiet din il-ħarsa, irridu mmorru għall-Ktieb tal-Ġenesi, għal dak il-mument li fih, wara li Alla ħalaq il-bniedem "raġel u mara", ra li dak li għamel "kien tajjeb ħafna"[44]. Din l-ewwel ħarsa ta' Alla li ħalaq kollox, tiddi fil-ħarsa li Kristu xeħet fuq iż-żagħżugħ tal-Evanġelju, huwa u jitkellem miegħu.

Nafu wkoll li *Kristu* mbagħad wettaq u ssiġilla din il-ħarsa tiegħu *bis-sagrifiċċju tal-fidwa tagħna fuq is-salib*, għaliex permezz ta' dan is-sagrifiċċju "l-ħarsa" ta' Kristu laħqet il-qofol tal-imħabba. F' dan hemm *dikjarazzjoni ta' x'inhu l-bniedem u x'inhi n-natura tiegħu*, dikjarazzjoni li Kristu biss jista' jagħmilha, Kristu l-Feddej u l-Għarus Hu biss "jaf x'hemm fil-bniedem"[45], jaf *kemm hu dgħajjef*, u jaf ukoll, u fuq kollox, x'inhi *d-dinjità tiegħu*.

It-tama tiegħi hi li kull wieħed u waħda minnkom jintebaħ b'din il-ħarsa ta' Kristu u jħossha bil-qawwa kollha tagħha. Ma nafux f'liema mument tal-ħajja dan se jseħħ, imma naħseb li jseħħ meta jkun il-waqt: forsi f'xi mument ta' niket, forsi flimkien max-xhieda ta' kuxjenza safja kif ġara fil-każ taż-żagħżugħ tal-Evanġelju, jew forsi f'xi okkażjoni oħra l-maqlub ta' din, meta *flimkien mas-sens tal-ħtija* jkun hemm ir-rimors tal-kuxjenza. Kristu xeħet ħarsa ta' mħabba fuq San Pietru, meta dan waqa', meta għal tliet darbiet ċaħad lill-Imgħallem[46].

Din *il-ħarsa kollha mħabba hi għal kollox meħtieġa mill-bniedem*: il-bniedem irid iħoss li hu maħbub, *li hu maħbub sa minn dejjem* u magħżul qabel kull żmien[47]. Din l-imħabba ta' dejjem, li biha Alla għażilna, tissieħeb mal-bniedem tul ħajtu kollha, kif tissieħeb ukoll miegħu l-ħarsa kollha mħabba ta' Kristu. U forsi tissieħeb l-aktar fi żmien meta wieħed *isib ruħu mġarrab, umiljat, persegwitat, mirbuħ*, meta d-dinjità tiegħu bħala bniedem, quddiem il-bnedmin l-oħra tintilef għal kollox, titmaqdar, titkasbar. F'dawn il-mumenti jkun *ta' ħarsien sħiħ* għall-ħajja kollha tagħna l-ħsieb li l-Missier dejjem ħabbna f'Ibnu, li Kristu dejjem iħobb lil kull wieħed u waħda minna. Meta kollox qisu jkun qiegħed igħin biex aħna naqtgħu qalbna minna nfusna u nibdew niddubitaw mit-tifsir stess tal-ħajja, jekk nintebħu b'din il-ħarsa ta' Kristu, jiġifieri jekk *inħossu li aħna maħbubin* minn

Kristu b'imħabba li fih hi dejjem aqwa minn kull deni u minn kull tiġrib.

Nittama għalhekk li intom tħossu dak li ħass iż-żagħżugħ tal-Evanġelju: "Ġesù xeħet ħuqu ħarsa ta' mħabba".

## 8. Ejja u imxi warajja

Meta nagħarblu dan il-kliem tal-Evanġelju, nifhmu li l-ħarsa ta' Kristu b'xi mod kienet it-tweġiba ta' Kristu għax-xhieda li ta ż-żagħżugħ tal-ħajja tiegħu sa dak il-waqt, jiġifieri li hu għex ħajtu fil-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla: "Dan kollu ili nħarsu minn żogħżiti" Fl-istess ħin dik il-ħarsa kollha mħabba hi *l-bidu tal-aħħar parti* tal-konversazzjoni. Skond ir-rakkont ta' San Mattew kien iż-żagħżugħ li ta bidu għal din l-aħħar parti, għaliex mhux biss qal li kien ilu jħares il-kmandamenti sa minn żogħżitu, ħaġa li sawret il-ħajja kollha tiegħu ta' qabel, imma, fl-istess ħin, għamel mistoqsija oħra: "X'jonqosni iżjed?"[48]

Din il-mistoqsija hi importanti ħafna. Turi li fil-kuxjenza tal-bniedem, anzi fil-kuxjenza ta' kull żagħżugħ, jew żagħżugħa, li qiegħed ifassal il-pjan kollu ta' ħajtu, *hemm moħbija x-xewqa ta' "xi ħaġa aktar"*. Din ix-xewqa tista' turi ruħha b'ħafna modi, u nistgħu narawha wkoll f'nies li huma 'l bogħod ħafna minn dik li hi reliġjon.

Fost dawk li jħaddnu reliġjonijiet oħra, l-aktar fost dawk li jħaddnu l-buddiżmu, l-induwiżmu u l-islamiżmu, tul l-eluf ta' snin, niltaqgħu ma' nies "spiritwali" li spiss, sa minn żogħżithom, iħallu kollox biex igħixu ħajja ta' faqar u ta' safa, biex ifittxu dak li hu l-Assolut, dak li hu 'l fuq minn kull ma jidher; iħabirku biex jiksbu qagħda ta' ħelsien sħiħ; imqanqlin mill-imħabba u l-fiduċja, ifittxu lil Alla, u. bil-qawwa kollha ta' ruħhom, ifittxu li jħarsu l-preċetti moħbija tiegħu. Dawn jimbuttahom leħen misterjuż li jidwi f'ruħhom, qisu leħen li jtenni kliem San Pawl: "Is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi"[49], u jwassalhom biex ifittxu ħwejjeġ aqwa, ħwejjeġ li jibqgħu: "Fittxu l-ħwejjeġ tas-sema"[50]. Dawn in-nies ifittxu jilħqu dan il-għan bil-ħila kollha tagħhom, jitħabtu ħafna biex jissaffew f'ruħhom u xi kull tant jaslu biex joffru ħajjithom bħala don ta' mħabba lil Alla. B'dan il-mod isiru eżempji ħajjin għan-nies ta' żmienhom, u bl-imġiba tagħhom juruhom li l-ġid li jibqa' għal dejjem jiġi qabel kull ġid li jgħaddi u kull ġid fieragħ li toffrilhom is-soċjetà li fiha jkunu jgħixu.

Iżda *fl-Evanġelju* x-xewqa tal-perfezzjoni, għal xi "ħaġa aktar" hi xewqa għal xi ħaġa li nafu x'inhi tassew. Kristu fid-diskors fuq il-muntanja, wettaq il-liġi morali, li l-qofol tagħha huma t-twavel tal-għaxar kmandamenti ta' Mosè; iżda fl-istess ħin Ġesù ta tifsir ġdid lil dawn il-kmandamenti, *tifsir evanġeliku*. U dawn il-kmandamenti kollha — kif għidna — *jinġabru fil-kmandament ta' l-imħabba*, fl-imħabba, mhux biss *bħala kmandament*, imma wkoll *bħala don*: "L-imħabba ta' Kristu ssawbet fi qlubna l-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna"[51].

F'dan il-kontest ġdid wieħed jasal malajr biex jifhem x'jitolbu *t-tmien beatitudni*, li bihom jibda d-diskors tal-muntanja fl-Evanġelju ta' San Mattew[52].

F'dan l-istess kontest, il-kmandamenti kollha li flimkien jiffurmaw il-liġi fondamentali tal-moralità nisranija, jilħqu s-sħuħija tagħhom fil-*kunsilli evanġeliċi kollha flimkien:* dawn il-kunsilli b'mod speċjali juru x'inhi u jagħmlu li sseħħ is-sejħa ta' Kristu għall-perfezzjoni li hija sejħa għall-qdusija.

Meta żagħżugħ jistaqsi x'jonqsu iżjed: "X'jonqosni iżjed?", Ġesù jkun qiegħed jixħet fuqu ħarsa ta' mħabba; din l-imħabba hawn għandha tifsir ġdid. L-Ispirtu s-Santu jmexxi l-bniedem fir-ruħ tiegħu *minn ħajja skond il-kmandamenti għall-ħajja ta' għarfien tad-don tiegħu* u tal-ħarsa kollha mħabba ta' Kristu, u dan juri l-bidla li tkun saret fir-ruħ. Ġesù jgħid: "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja, u imxi warajja"[53].

Hekk hu, egħżież żgħażagħ ħbieb! Il-bniedem nisrani *kapaċi jgħix skond il-qjies tad-don tiegħu.* U dan il-qjies mhux biss hu *aqwa* mill-qjies tad-dmirijiet morali biss, li joħorġu mill-kmandamenti, imma hu "ogħla" u aktar qawwi minnhom, għax jagħti xhieda ta' tifsir aqwa għall-pjan ta' ħajja li nkunu fassalna għalina f'żogħżitna. Il-qjies tad-don joħloq ukoll *dehra ta' vokazzjoni* nisranija u umana *li tkun laħqet il-kobor sħiħ tagħha,* kif se naraw aktar 'il quddiem.

Imma issa nixtieq inkellimkom fuq it-tifsir speċjali tal-kliem li Kristu qal liż-żagħżugħ; u dan se nagħmlu għax jien żgur li Kristu juża l-istess kliem *ma' xi żgħażagħ* fil-Knisja, meta f'kull żmien isejjħilhom. Dan il-kliem ta' Ġesù jfisser sejħa speċjali fi ħdan ix-xirka tal-Poplu ta' Alla. Il-Knisja tilmaħ fil-kliem: *"Ejja u imxi warajja"*[54], il-bidu ta' kull sejħa għas-saċerdozju ministerjali, li fil-Knisja Latina hu marbut ma' l-għażla, ħielsa u magħżula bil-ħsieb, taċ-ċelibat. Kliem Kristu: "Ejja, u imxi warajja" hu wkoll fil-Knisja sejħa għall-ħajja reliġjuża, ħajja li, permezz tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi (safa, faqar u ubbidjenza), raġel jew mara, jaslu għal dik is-sura ta' ħajja *li Kristu għex fid-dinja,* ħajja li jaslu biex jagħarfuha bħala l-ħajja proprja tagħhom *għas-saltna tas-smewwiet*[55]. Huma u jintrabtu bil-voti reliġjużi, jintrabtu li jagħtu xhieda ta' mħabba speċjali għal Alla fuq kollox, u fl-istess ħin jagħtu xhieda wkoll tas-sejħa għall-għaqda sħiħa ma' Alla fil-ħajja ta' dejjem, li hi *sejħa għal kulħadd. Iżda* hu meħtieġ *li xi wħud* jagħtu xhieda ta' din is-sejħa ta' kulħadd b'mod eċċezzjonali.

Fuq dan, f'din l-ittra, se nitkellem biss fuq fuq għaliex għax ġà tkellimt fit-tul u spiss drabi oħra[56]. Imma ridt infakkar dan, għaliex fil-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ din il-ħaġa tidher ċara ħafna, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-faqar evanġeliku. Infakkarha wkoll għaliex is-sejħa ta' Kristu, imfissra bil-kliem "Ejja u imxi warajja" f'din it-tifsira speċjali u karismatika, aktarx wieħed jintebaħ biha *f'żogħżitu,* u xi kull tant ukoll fi tfulitu.

Hu għalhekk, egħżież żgħażagħ, li, f'dan il-mument tal-ħajja tagħkom li fih qegħdin tiżviluppaw bħala rġiel jew nisa, nixtieq ngħidilkom dan: jekk *din is-sejħa* tolqtilkom qalbkom, toħonquhiex. *Ħalluha tasal għall-kobor sħiħ tagħha.* Wieġbu għaliha bit-talb u l-ħarsien tal-kmandamenti. "Il-ħsad kbir"[57]. Hu meħtieġ li s-sejħa ta' Kristu: "Ejja u imxi warajja", tasal għand ħafna. Hemm ħtieġa ta'

ħafna saċerdoti skond il-qalb ta' Alla — u l-Knisja u d-dinja tal-lum jeħtieġu *x-xhieda ta' ħajja mogħtija kollha kemm hi lil Alla,* jiġifieri x-xhieda ta' dik l-imħabba ta' egħrusija għal Kristu li tqiegħed quddiem id-dinja b'mod speċjali s-saltna ta' Alla u tqarrabha aktar lejha.

Halluni għalhekk inkompli kliem il-Mulej dwar "il-ħsad kbir". Iva, il-ħsad tal-Evanġelju, il-ħsad tas-salvazzjoni hu kbir, imma... "il-ħaddiema ftit". Forsi dan jidher aktar illum mill-imgħoddi, l-aktar f'xi nazzjonijiet u f'xi istituti ta' ħajja konsagrata u f'istituti oħra bħalhom.

*"Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħafna ħaddiema* fil-ħsad tiegħu"[58]. Dan żied igħid Kristu. Dan il-kliem, l-aktar illum, huwa programm ta' talb u ta' ħidma favur il-vokazzjonijiet reliġjużi u saċerdotali. Hu b'dan il-ħsieb li l-Knisja *iddur lejkom, żgħażagħ!* Intom ukoll, itolbu! U jekk il-frott ta' dan it-talb tal-Knisja jinbet fil-fond ta' qalbkom, agħtu widen għall-Imgħallem li qiegħed igħidilkom: "Ejja u imxi warajja".

## 9. Il-pjan tal-ħajja u l-vokazzjoni nisranija

Dan il-kliem tal-Evanġelju żgur għandu x'jaqsam mal-vokazzjoni saċerdotali u reliġjuża; imma jiswa wkoll biex nifhmu aħjar, *x'inhi l-vokazzjoni fit-tifsir aktar wiesgħa tal-kelma.*

Wieħed jista' jitkellem hawn dwar *il-vokazzjoni għall-"ħajja"* li b'xi mod hi l-istess ħaġa bħall-*pjan tal-ħajja* li kull wieħed minna jfassal f'żogħżitu. Iżda "vokazzjoni" tfisser xi ħaġa aktar minn "pjan". F'dan il-każ ikun jien li nfassalha l-vokazzjoni tiegħi, u dan jaqbel aktar mal-fatt li jien bniedem, kif hu bniedem kull wieħed u waħda minnkom. Dan *il-pjan* hu *vokazzjoni* għax fih jinġabru ħafna sejħat. Dawn is-sejħat ġeneralment jiffurmaw flimkien ċertu ordni ta' valuri (li jissejjaħ ukoll ġerarkija ta' valuri) li minnhom toħroġ dik is-sura perfetta ta' ħajja li wieħed ikun irid igħix, sura ta' ħajja li tiġbed il-qalb ta' żagħżugħ jew żagħżugħa. F'dan il-proċess il-"vokazzjoni" ssir "Pjan", u l-pjan jibda jkun ukoll vokazzjoni.

Iżda meta nkunu *quddiem Kristu* u nibnu l-ħsibijiet tagħna dwar iż-żogħżija fuq il-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ jeħtieġ inqabblu "l-pjan tal-ħajja" mal-"vokazzjoni għall-ħajja" b'mod aktar fil-fond, b'mod aktar għoli. Il-bniedem huwa *ħliqa ħajja* u fl-istess ħin hu iben adottiv ta' Alla fi Kristu: hu *iben Alla.* Għalhekk il-bniedem f'żogħżitu jistaqsi: "X'għandi nagħmel?" mhux biss lilu nnifsu imma lill-bnedmin l-oħra li minnhom jistenna tweġiba, l-ewwelnett lill-ġenituri u l-għalliema tiegħu, imma wkoll *lil Alla li ħalqu u hu Missier.* Din il-mistoqsija jagħmilha fil-fond ta' qalbu fejn tgħallem jingħaqad fil-qrib ma' Alla, l-aktar *fit-talb.* U għalhekk jistaqsi lil Alla: X'għandi nagħmel?" X'inhu l-pjan tiegħek għal ħajti? Il-pjan tiegħek għalija li ħlaqtni u int Missieri? *X'inhi r-rieda tiegħek għalija?* Għax nixtieq nagħmilha. Hawnhekk "il-pjan" jikseb it-tifsir ta' "vokazzjoni għall-ħajja", bħala xi ħaġa mogħtija *lill-bniedem minn Alla, qisha bi dmir.* Iż-żagħżugħ miġbur fih innifsu u fl-istess ħin jitkellem ma' Kristu fit-talb, jixtieq kieku *jifhem dan il-pjan etern* li għandu għalih Alla li ħalqu u li hu Missieru. Imbagħad jasal biex ikun żgur li d-dmir li Alla fdalu *jinsab kollu kemm hu fir-rieda tiegħu stess* u fl-istess ħin huwa

marbut maċ-ċirkostanzi kollha li jinsabu fih u barra minnu. Meta jara dan kollu, iż-żagħżugħ, ġuvni jew xebba, ifassal il-pjan ta' ħajtu u *jagħraf* li dan il-pjan hu *s-sejħa li qiegħed jagħmillu Alla.*

Nixtieq għalhekk, lilkom iż-żgħażagħ kollha li qiegħed nibagħtilkom din l-ittra, nafdalkom din il-ħidma li hi marbuta mal-għarfien quddiem Alla tas-sejħa ta' kull wieħed u waħda minnkom. Hi ħidma tassew ta' l-għaġeb, *ħidma li ssaħħrek. Hi dmir li jimpenja r-ruħ kollha kemm hi.* B'din il-ħidma intom iż-żgħażagħ tiżviluppaw u tikbru fin-natura tagħkom ta' bnedmin li intom, waqt li l-personalità tagħkom bħala żgħażagħ bil-mod il-mod tasal għall-kobor sħiħ tagħha. Twettqu f'dak li intom, f'dak li hu kull wieħed jew waħda minnkom, biex tkunu *dak li għandkom tkunu għalikom — għall-bnedmin l-oħra — għal Alla.*

Flimkien ma' dan il-proċess li bih tagħarfu x'inhi l-vokazzjoni għall-ħajja tagħkom tridu wkoll taraw għaliex din is-sejħa għall-ħajja hi wkoll sejħa "nisranija".

Ta' min ifakkar li fiż-żmien ta' qabel il-Konċilju Vatikan II il-fehma ta' vokazzjoni kienet marbuta *fuq kollox* mas-saċerdozju u l-ħajja reliġjuża, bħallikieku l-kliem: "Ejja u imxi warajja", li Kristu qal liż-żagħżugħ tal-Evanġelju kienu biss sejħa għas-saċerdozju jew għall-ħajja reliġjuża. Il-Konċilju *wessa'* din il-fehma. Il-vokazzjoni saċerdotali u reliġjuża baqgħet iżżomm in-natura proprja tagħha u l-importanza sagramentali u karizmatika tagħha fil-ħajja tal-Poplu ta' Alla. Iżda fl-istess waqt il-Konċilju Vatikan II *ġedded il-fehma* li l-imgħammdin kollha għandhom sehem *mit-tlett ufficcji* ta' Kristu, ta' profeta, saċerdot u sultan, u ġedded ukoll il-fehma tal-*vokazzjoni ta' kulħadd għall-qdusija*[59]. Dan wassal biex kull vokazzjoni tal-bniedem għall-ħajja, bħala vokazzjoni nisranija, tkun taqbel mal-vokazzjoni evanġelika. *Kliem Kristu "Ejja u imxi warajja"* jinstemgħu fit-triqat kollha tal-ħajja li minnhom iridu jgħaddu d-dixxipli u x-xhieda tal-Feddej divin. Wieħed jista' jkun jixbah lil Kristu b'ħafna modi, *mhux* biss billi jagħti xhieda tas-saltna eskatoloġika tal-verità u tal-imħabba, *imma wkoll* billi jħabrek għat-tibdil sħiħ tal-ħajja kollha fid-dinja skond l-ispirtu tal-Evanġelju[60]. Minn hawn għandu l-bidu tiegħu l-*appostolat tal-lajċi,* li ma tistax tifirdu minn dak li hi l-vokazzjoni nisranija.

*Dan kollu li għidt* huwa ta' importanza kbira għal dak *il-pjan ta' ħajja* li l-aktar jaqbel mal-ħeġġa taż-żogħżija tagħkom. Dan il-pjan — barra l-fatti tal-"ħajja" li bihom iseħħ — tridu tqisuh fid-dawl tal-kliem li Ġesù qal liż-żagħżugħ tal-Evanġelju.

Jeħtieġ ukoll *taħsbu* — u taħsbu sewwa — *dwar it-tifsir tal-Magħmudija u tal-Griżma.* F'dawn iż-żewġ sagramenti jinsab il-pedament tal-ħajja u tal-vokazzjoni nisranija. Minnhom tibda t-triq għall-Ewkaristija, li hi l-milja tad-doni sagramentali mogħtijin lill-insara: l-għana kollu tal-Knisja jinsab miġbur f'dan is-sagrament ta' l-Imħabba. Jeħtieġ ukoll — u dan dejjem b'riferenza għall-Ewkaristija — li taħsbu sewwa dwar *is-sagrament tal-penitenza,* li hu tant importanti li xejn ma jista' jkun hemm f'loku għat-trawwim tan-nisrani, l-aktar meta hemm imsieħba ma' dan is-sagrament id-direzzjoni spiritwali, jiġifieri *skola sistematika tal-ħajja tar-ruħ.*

Fuq dan se nitkellem fil-qasir, għalkemm kull sagrament minnu nnifsu b'xi mod *jaqbel maż-żogħżija* u maż-żgħażagħ. Nittama li fuq dan ikun hemm oħrajn li jitkellmu fit-tul, u l-aktar dawk li huma msejħa apposta għall-ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ.

Il-Knisja stess — kif igħallem il-Konċilju Vatikan II — hi "qisha sagrament jew sinjal u strument tar-rabta sħiħa tal-familja kollha tal-bnedmin ma' Alla"[61]. Kull sejħa tal-ħajja, bħala *sejħa* "nisranija", għandha *l-pedament tagħha fis-sagrmentalità tal-Knisja*, jiġifieri tis-sawwar bis-sagramenti tal-fidi tagħna. Is-sagramenti jwassluna biex, sa minn tfulitna, nifthu l-'jien' tagħna bħala bnedmin, għall-ħidma ta' Alla, jiġifieri għall-ħidma tat-Trinità Qaddisa. Bis-sagramenti aħna *jkollna sehem mill-ħajja ta' Alla*, aħna u ngħixu l-vera ħajja tagħna bħala bnedmin fil-milja kollha. B'dan il-mod il-ħajja tagħna bħala bnedmin tikseb dimensjoni ġdida u fl-istess ħin ukoll *sura nisranija:* u hekk waqt li nintebħu bid-dmirijiet li jitlob minna l-Evanġelju, nintebħu wkoll bid-don ta' Alla li jisboq kull ħaġa oħra: "Kieku kont taf id-don ta' Alla"[62], qal Kristu meta kien ikellem lis-Samaritana.

## 10. "Is-sagrament il-kbir taż-żwieġ"

F'dan l-isfond hekk wiesgħa tal-pjan ta' ħajjitna fid-dawl tas-sejħa nisranija, nixtieq, egħżież żgħażagħ, flimkien magħkom, li għalikom qiegħed nikteb din l-ittra, inħares lejn ħaġa li *b'xi mod hi fiċ-ċentru taż-żogħżija tagħkom ilkoll.* Din hi waħda mill-ħwejjeġ l-aktar importanti tal-ħajja tal-bniedem, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li jitolbu ħsieb, kreatività u kultura. Hija wkoll wieħed mit-temi ewlenin tal-Iskrittura li jien ħsibt ħafna fuqha u għarbiltha sewwa. *Alla ħalaq il-bniedem raġel u mara* u hekk daħħal fil-ġrajja tal-bniedem "tnejn" li, fejn tidħol id-dinjità tagħhom bħala bnedmin, *huma ndaqs f'kollox,* u huma mbagħad *b'mod tassew tal-għaġeb* maħluqin għal xulxin, meta nqisu t-tqassim ta' l-"attributi", tal-kwalitajiet u tad-dmirijiet li huma proprji tal-bniedem-raġel jew tal-bniedem-mara. Dan kollu qiegħed fil-"jien" proprju ta' kull wieħed u waħda minnkom. Iż-żogħżija hija ż-żmien li fih kull tifel u tifla, *f'ruħu u ġismu,* jagħraf din il-ħaġa hekk kbira b'esperjenza personali u b'mod kreativ fih innifsu, fil-fond tal-kuxjenza tiegħu, u fl-istess ħin jagħraf ukoll lilu nnifsu u x'qawwa għandu fih innifsu biex jagħmel tant u tant proġetti. F'dan iż-żmien ukoll ir-ruħ taż-żagħżugħ u taż-żagħżugħa jkollha esperjenza ġdida, l-esperjenza tal-imħabba li mal-ewwel titlob li tkun imdaħħla fil-pjan tal-ħajja li ż-żagħżugħ joħloq u jfassal minn rajh.

F'kull wieħed u waħda minnkom dan kollu għandu *espressjoni proprja li bl-ebda mod ma hi u ma tista' tkun ta' ħaddieħor,* għandu *l-għana proprju tiegħu* ta' mħabba, *l-isbuħija* metafisika proprja tiegħu. U fl-istess ħin dan kollu għandu *stedina* mħeġġa biex din l-espressjoni ma tiġix imħassra, dan il-għana ma jiġix meqrud, din is-sbuħija ma tiġix imniġġsa. Hemm bżonn li tkunu żguri li din l-istedina ġejja *mill-istess Alla* li ħalaq il-bniedem "sura u xbieha tiegħu", "raġel u mara". Din it-twissija tiġi mill-Evanġelju u *ż-żagħżugħ jintebaħ biha fil-fond tal-kuxjenza tiegħu,* jekk ikun ħares is-sempliċità u s-safa ta' qalbu: "Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax jaraw lil Alla"[63]. Hekk hu: *b'din l-imħabba* li tinbet fikom — u trid issib postha fil-pjan kollu ta' ħajjitkom — taraw lil Alla, li hu mħabba[64].

Nitlobkom biex f'dan il-mument hekk importanti ta' żogħżitkom intom ma tiqfux li titkellmu ma' Kristu, anzi nħeġġiġkom biex titkellmu aktar miegħu. Meta Kristu jgħid: "Ejja, u imxi warajja" s-sejħa tiegħu *tista' tfisser:* "qiegħed insejjaħlek għal imħabba oħra", imma *spiss tista' tfisser:* "Imxi warajja, imxi warajja, jien li jien l-Għarus tal-Knisja — l-għarusa tiegħi — kun int ukoll għarus ta' għarustek, għarusa ta' għarusek. *Issieħbu t-tnejn f'dak il-misteru, f'dak* is-sagrament li fl-ittra lill-Efesin jissejjaħ kbir "għal Kristu u għall-Knisja"[65].

Jiswa ħafna jekk intom timxu wara Kristu u mhux taħarbu minnu wkoll f'din il-ħaġa li, bir-raġun kollu, tqisu li hi *l-ħaġa l-aktar importanti ta' qalbkom,* ħaġa li hi fikom u bejnietkom biss. Nixtieq li temmnu u tkunu żguri li din il-ħaġa hekk importanti għandha *t-tifsira sħiħa tagħha* f'Alla, li hu mħabba — f'Alla li fil-qofol tal-misteru tiegħu ta' Alla hu wieħed fi Tliet Persuni, il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. Nixtieq li temmnu u tkunu żguri li *l-bidu* ta' dan "il-misteru kbir" tagħkom ta' bnedmin li intom, *huwa f'Alla li ħalaq kollox,* u għandu l-pedament tiegħu fi Kristu l-Feddej li, bħala Għarus, "ta lilu nnifsu" u *għallem* lil kull raġel u lil kull mara *biex jagħtu lilhom infushom* bil-milja tad-dinjità tagħhom ta' bnedmin li huma. Kristu jgħallimna l-imħabba tal-miżżewġin.

Taqbad it-triq tal-ħajja fiż-żwieġ ifisser *titgħallem l-imħabba fiż-żwieġ,* minn jum għall-ieħor, minn sena għall-oħra; imħabba fir-ruħ u l-ġisem. Imħabba li "taf tistabar u tħenn, *ma tfittix dak li hu tagħha,* ma żżommx f'qalbha għad-deni", hi mħabba li "tifraħ bil-verità", imħabba li "kollox tissaporti"[66].

Hi din l-imħabba li teħtieġu, żgħażagħ, jekk tridu li ż-żwieġ tagħkom *iseħħ tul ħajjitkom kollha.* U s-sħuħija taż-żwieġ tagħkom hija parti essenzjali tas-sejħa tagħkom li, permezz taż-żwieġ, trid issib postha fil-pjan ta' ħajjitkom.

Għalhekk *ma nieqaf qatt nitlob lil Kristu u lill-Omm ta' l-imħabba sabiħa,* għall-imħabba li tinbet fi qlub iż-żgħażagħ. Spiss tul ħajti kelli l-okkażjoni nara, b'xi mod, mill-qrib din l-imħabba taż-żgħażagħ. U l-esperjenza għallmitni kemm *hi ħaġa essenzjali din l-imħabba,* kemm hi importanti, kemm hi kbira. Jiena tal-fehma li l-ġejjieni tal-bniedem, fil-qofol tiegħu, jiddependi minn din l-imħabba li fil-bidu taż-żogħżija, *int u hi ...int u hu,* issibu tul żogħżitkom. Din nistgħu ngħidulha avventura kbira, imma hi wkoll dmir kbir.

Illum *il-prinċipji tat-tagħlim morali nisrani dwar iż-żwieġ* qiegħed jingħata dehra mgħawġa f'ħafna ambjenti tal-bnedmin. Hawn min qiegħed jipprova jdaħħal f'ċerti ambjenti u fis-soċjetajiet kollha wkoll, sura ta' żwieġ li *dawk stess li sawruh qegħdin isejħulu "sinjal ta' progress", sura "adatta għal żminijietna".* U mhux qegħdin jintebħu li f'din is-sura ta' żwieġ, ir-raġel, u forsi aktar il-mara, minn suġġett taż-żwieġ qiegħed isir oġġett (oġġett li tisfruttah kemm tista'), fissens li *dak kollu li hu l-imħabba fiż-żwieġ mhux ħlief il-"pjaċir tas-sess",* li għalkemm igawduh it-tnejn, jibqa' dejjem imħabba tiegħek innifsek biss, li tgawdi inti biss. Imbagħad *it-tarbija,* li hi l-frott u, biex ngħid hekk, l-"inkarnazzjoni" ta' l-imħabba tal-miżżewġin it-tnejn, tidher dejjem aktar *ħaġa żejda li ddejjaq* għax mhux mixtieqa. Iċ-ċiviltà materjalista, ir-regħba żejda għall-ġid tad-dinja, qegħdin jindehsu fl-

imħabba hekk kbira tal-miżżewġin bejniethom u tal-ġenituri għal uliedhom u qegħdin jeqirdu minn din l-imħabba dak kollu li jagħmilha *imħabba tixraq lil bniedem*, imħabba li sa mill-bidu kellha fiha s-sinjal u l-ħsieb ta' Alla.

Egħżież ħbieb żgħażagħ! *Tħallux min jisirqilkom dan il-ġid kollu.* Iddaħħlux fil-pjan ta' ħajjitkom kull ma hu ikrah, fieragħ u mħassar: l-imħabba "tifraħ bil-verità". *Fittxu din il-verità,* fejn tassew tinsab! Jekk ikun meħtieġ, kunu sodi u żommu iebes għal fehmiet tan-nies tal-lum u għall-propaganda li qiegħda ssir. *Tibżgħux minn dik l-imħabba li titlob dmirijiet minn għandkom.* Dawn id-dmirijiet, li ssibu dejjem imsemmija fit-tagħlim tal-Knisja, jistgħu jagħmlu l-imħabba tagħkom, imħabba vera.

Jekk dan li ser ngħid kelli ngħidulkom xi darba, issa jidhirli li hu l-mument l-aktar f'waqtu biex intenniIkom dak li għidtilkom fil-bidu jiġifieri *"li tkunu dejjem lesti tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom".*

Il-Knisja u l-familja kollha tal-bnedmin iħallu f'idejkom dik l-imħabba, li fuqha jinbena ż-żwieġ, il-familja ta' għada. Il-Knisja u l-familja kollha tal-bnedmin jittamaw li intom *se tħabirku biex terġa' titwieleb l-imħabba;* jittamaw li intom se ssebbħu l-imħabba billi tagħtuha sura tixraq lill-bniedem, sura nisranija: imħabba sħiħa, kbira u responsabbli b'sura li tixraq il-bniedem, b'sura nisranija.

## 11. Wirt

Kellimtkom fuq il-pont l-aktar importanti tal-qasam kollu li fih il-pjan tal-ħajja li jitfassal fiż-żogħżija, jiltaqa' ma' l-"oħrajn". Iżda rrid inkompli nitkellem fuq din il-ħaġa hekk importanti fejn il-"jien" tiegħi jinfetaħ għall-ħajja "ma' l-oħrajn" u "għall-oħrajn", fir-rabta taż-żwieġ, li fl-Iskrittura hi mfissra b'dan il-kliem hekk mimli tifsir: *"Ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed"*[67].

Il-kelma "jħalli" jistħoqqilha attenzjoni speċjali. Sa mill-bidu tagħha l-ġrajja tal-bniedem tgħaddi — u tibqa' tgħaddi sat-tmiem tagħha — *mill-familja.* Il-bniedem jidħol fil-familja bit-twelid li jagħtuh il-ġenituri tiegħu, missieru u ommu, biex imbagħad, meta jasal il-waqt, *iħalli* dan l-ewwel ambjent ta' ħajja u ta' mħabba, *ħa jmur* f' ambjent ieħor: "iħalli lil missieru u lil ommu". Intom u tħallu lil missierkom u lil ommkom, kull wieħed u waħda minnkom, b'xi mod, *iġġorruhom fikom;* tieħdu *dan il-wirt ta' ħafna suriet* li għandu l-bidu fihom u ġej minnhom u mill-familja tagħhom. B'dan il-mod kull wieħed u waħda minnkom, *għalkemm ħallejtuhom, bqajtu magħhom;* il-wirt li ġibtu minn għandhom jorbotkom magħhom, li ħallewlkom dan il-wirt, u li tant tafu ġid minn għandhom. U intom stess — int u hi — tkomplu tgħaddu dan il-wirt. Hu għalhekk li r-raba' kmandament hu hekk importanti: "Weġġaħ lil missierek u lil ommok"[68].

*Dan il-wirt* hu l-ewwel nett *li int bniedem,* u mbagħad li int dan il-bniedem li int, fil-qagħda personali u soċjali tiegħek. F'din il-ħaġa għandu importanza wkoll ix-xebh li wieħed ikollu mal-ġenituri tiegħu. Iżda aktar mix-xebh fil-wiċċ, jiswa u hu aktar importanti *l-wirt tal-kultura,* li jinsab l-aktar *fl-ilsien* li bih wieħed jitħaddet kuljum. Il-

ġenituri tagħkom għallmukom titkellmu dan l-ilsien li hu l-espressjoni ewlenija, li hu dik il-ħaġa li l-aktar tfisser, ir-rabta soċjali tagħkom mal-bnedmin l-oħra. Hi rabta f'qasam li huwa aktar wiesgħa mill-qasam tal-familja jew ta' l-ambjent tagħkom; dan il-qasam jista' jkun *it-tribù*, jew *il-poplu*, jew *in-nazzjon* li fi ħdanha twelidtu.

B'dan il-mod il-wirt tal-familja jikber. Bl-edukazzjoni li tirċievu fi ħdan il-familja, tiksbu sehem minn ċerta kultura u tiksbu sehem ukoll *mill-ġrajja* tal-poplu jew tan-nazzjon tagħkom. Ir-rabta tal-familja tfisser ukoll li intom sirtu wkoll membri ta' komunità akbar mill-familja/komunità, li minnha wkoll tiksbu l-identità tagħkom. Jekk il-familja hi l-ewwel għalliem ta' kull wieħed u waħda minnkom, hekk ukoll — *permezz tal-familja* — hi għalliema t-tribù, hu għalliem il-poplu, hi għalliema n-nazzjon, li magħha aħna marbutin għax għandna l-kultura l-ilsien u l-ġrajja tagħha.

Dan il-wirt hu wkoll *sejħa għall-ħajja morali*. Meta intom tirtu l-fidi u l-valuri u dak kollu li jinsab fl-istorja u l-kultura tas-soċjetà u tan-nazzjon tagħkom, intom, kull wieħed u waħda minnkom, bħala bnedmin, *tiksbu kobor spiritwali*, kobor fir-ruħ. Dan ifakkarni *fil-parabbola tat-talenti* li nirċievu minn Dak li ħalaqna permezz tal-ġenituri tagħna u tal-familji tagħna, u permezz ukoll tal-komunità nazzjonali li minnha nagħmlu sehem. Quddiem wirt bħal dan ma nistgħux *nitgħażżnu*, ma nistgħux ma jkun jimpurtana xejn u nagħmlu bħall-aħħar wieħed tal-qaddejja tal-parabbola tat-talenti[69].

Għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex *nilqgħu, inwettqu, ngħożżu u nkabbru* dan il-wirt spiritwali tagħna. Dan hu l-aqwa dmir ta' kull soċjetà, u forsi l-aktar ta' dawk is-soċjetajiet li *qegħdin jiksbu l-indipendenza tagħhom*, jew li jridu jħarsu l-istess eżistenza tagħhom jew l-identità essenzjali tan-nazzjon tagħhom minn theddid minn barra jew fi ħdanhom stess.

Jiena u niktbilkom, żgħażagħ, qiegħed nipprova nżomm quddiem għajnejja l-ħafna qagħdiet ta' kull sura u ta' kull xorta *ta' kull tribù, ta' kull poplu u ta' kull nazzjon tad-dinja*. Iż-żogħżija tagħkom, il-pjan ta' ħajja li kull wieħed u waħda minnkom fassaltu f'żogħżitkom, *huma mill-bidu parti mill-ġrajja* ta' dawn is-soċjetajiet kollha, u huma parti mhux "minn barra", imma tassew "minn ġewwa". Din il-ħaġa għandha twassalkom biex tintebħu x'inhi l-familja għalikom, x' inhi n-nazzjon għalikom: *hi ħaġa li għandha tmissilkom qalbkom, tmissilkom il-kuxjenza tagħkom.* Il-fehma ta' "art twelidna", tal-"patria" tiżviluppa ruħha mill-ewwel, wara l-fehma tal-"familja", u, b'xi mod, dawn iż-żewġ fehmiet jinsabu waħda fl-oħra. Bil-mod il-mod, intom tibdew tħossu li hemm rabta soċjali aktar wiesgħa mir-rabta tal-familja, u tibdew tħossu ruħkom responsabbli wkoll *tal-ġid ta' kulħadd* f'dik il-familja aktar kbira li hi l-"patria", li hi art twelid kull wieħed u waħda minnkom. Nies prominenti tal-ġrajja ta' issa jew ta' l-imgħoddi ta' pajjiżkom, huma wkoll imqxxu żogħżitkom u *jkabbru fikom dik l-imħabba soċjali* li spiss tissejjaħ "imħabba għall-art twelidek".

## 12. Talenti u dmirijiet

F'dan id-diskors dwar il-familja u dwar dik is-soċjetà li hi art twelidkom, bil-mod il-mod, jibda jidher ħsieb li għandu rabta kbira

mal-parabbola tat-talenti. Bil-mod il-mod, intom *tibdew tintebħu li għandkom dak "it-talent" jew dawk "it-talenti"* u, bil-għaqal kollu, *tibdew tkabbruhom.* Dan *tagħmluh bix-xogħol.*

Kemm triqat wieħed jista' jaqbad, kemm kapaċitajiet, kemm interess insibu f'dan il-qasam! Mhux se nsemmilkom kollox bħala eżempju, għaliex nista' ma nsemmix wisq aktar affarijiet, milli jirnexxili nitkellem fuqhom. Ngħidilkom biss li *triqat li tistgħu taqbdu huma ħafna u ta' ħafna suriet.* Dan juri wkoll kemm suriet ta' ġid u għana ż-żogħżija ġġib magħha. Mill-Evanġelju nistgħu ngħidu li *ż-żogħżija hija ż-żmien li fih jingħarfu t-talenti;* hija ż-żmien ukoll li fih wieħed jibda miexi fit-triqat kollha li fihom il-bniedem żviluppa u għadu jiżviluppa l-attività, il-ħidma u l-kreattività kollha tiegħu.

It-tama tiegħi hi li intom ilkoll taqbdu dawn it-triqat. Nixtieq li intom ilkoll tibdew mexjin f'dawn it-triqat bil-għaqal kollu, b'interess u b'ħeġġa kbira. *Ix-xogħol* — kull xogħol — hu marbut mat-taħbit. "Bil-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok"[70], u kull wieħed u waħda minnkom, sa mill-ewwel snin tagħkom, kellkom sehem minn dan ittaħbit. Iżda *x-xogħol,* fl-istess ħin, *jifforma l-bniedem,* u *b'xi mod, iwasslu biex jaħlaq.* U għalhekk ix-xogħol hu dejjem marbut mat-taħbit, imma ma' taħbit li joħloq.

Dan ngħiduh mhux biss għax-xogħol ta' tfittxija, ta' riċerka, għal kull xogħol intellettwali, ta' tagħlim, imma ngħiduh ukoll għal dak ix-xogħol ta' l-id li qiesu ma joħloq xejn. Ix-xogħol ta' żmien iż-żogħżija hu l-ewwelnett *thejjija għax-xogħol tal-kbar,* u għalhekk hu marbut ma' l-iskola. Għalhekk, żgħażagħ, jiena u niktbilkom, ħsiebi jmur fliskejjel kollha tad-dinja: magħhom hi marbuta l-ħajja tagħkom għal ħafna snin, f'ħafna klassijiet, skond kif tiżviluppa l-intelliġenza tagħkom u skond x'inhuma l-inklinazzjonijiet tagħkom, *mill-iskejjel primarji sa l-universitajiet.* Ħsiebi jmur ukoll għal tant kbar, kollha ħuti, l-għalliema u l-edukaturi tagħkom li jgħinukom tiżviluppaw l-intelliġenza u kapaċitajiet kollha tagħkom. Kemm huwa kbir dan id-dmir tagħhom! X'piż tgħabbew bih! Imma x'merti kbar għandhom!

Ħsiebi jmur ukoll f'dik il-kotra kbira ta' żgħażagħ, ta' mparkom — l-aktar f'xi soċjetajiet u f'xi postijiet — li huma *neqsin mit-tagħlim,* u spiss neqsin ukoll minn tagħlim elementari. Dan il-fatt huwa sfida bla heda għall-istituti nazzjonali u internazzjonali responsabbli, biex jagħmlu dak li hu meħtieġ f'qagħdiet bħal dawn. *It-tagħlim* huwa *ġid ewlieni* taċ-ċiviltà. Hu ta' importanza speċjali għaż-żgħażagħ. Mit-tagħlim jiddependi ħafna l-ġejjieni tas-soċjetà kollha tal-bnedmin.

Iżda meta nitkellmu dwar tagħlim, studju, xjenzi u skejjel, hemm kwistjoni li hi importanti ħafna għall-bniedem, u l-aktar għaż-żagħżugħ. Hi l-kwistjoni *dwar il-verità.* Il-verità hi dawl għall-moħħ talbniedem, għax jekk sa minn żogħżitu jħabrek biex ikun jafha fid-dimensjonijiet kollha tagħha, il-bniedem jiksibha: *biex igħix bil-verità.* Hekk hi msawra ruħ il-bniedem: l-aqwa xewqa u l-aqwa espressjoni tar-ruħ hi l-għatx għall-verità.

Kristu qal: "Tagħarfu l-verità u l-verità teħliskom"[71]. Dan il-kliem huwa żgur kliem fost il-kliem l-aktar importanti li nsibu fl-Evanġelju; għax hu kliem li jqis il-bniedem fil-qofol kollu tiegħu. Juru kif il-bniedem hu mibni fih innifsu skond il-qjies ta' l-ispirtu tiegħu,

*tad-dinjità u tal-kobor li huma proprju tiegħu.* It-tagħrif li jeħles il-bniedem mhux biss jinsab fit-tagħlim li jingħatalu, ukoll jekk jingħatalu fl-Universitajiet — jista' jkollu dan it-tagħrif ukoll min ma jafx jaqra u jikteb; iżda t-tagħlim tad-dinja madwarna, mogħti b'mod sistematiku, għandu jaqdi din id-dinjità u dan il-kobor tal-bniedem; għandu għalhekk jaqdi l-verità.

Il-qadi tal-verità jsir ukoll *fix-xogħol*, li għalih intom iż-żgħażagħ imsejħin wara li tispiċċaw l-iskola tagħkom. Fl-iskola intom tridu tiksbu dik il-kapaċità intellettwali, teknika u prattika li teħtieġu biex taqdu sewwa l-ħidma tagħkom fil-qasam kbir tax-xogħol tal-bniedem. Iżda jekk hu minnu li l-iskola thejjikom għax-xogħol, ukoll għax-xogħol tal-idejn, hu minnu wkoll li *x-xogħol hu skola ta' valur ikbar u importanti;* għaliex ix-xogħol għandu wkoll xi jgħid u dak li jgħid hu kontribut kbir għall-kultura tal-bniedem.

Iżda fir-relazzjoni bejn it-tagħlim u x-xogħol, relazzjoni li hi ħaġa proprju taż-żminijiet tagħna, hemm *fil-prattika ħafna problemi serji.* Hawn qiegħed naħseb l-aktar dwar il-qgħad, u, b'mod ġenerali, dwar in-nuqqas ta' xogħol, li b'tant suriet qiegħed jagħfas fuq tant żgħażagħ. Dan, kif tafu, iġib miegħu ħafna problemi oħra, li, sa minn meta għadkom l-iskola, jitfgħu dell fuq dak li jista' jkun il-ġejjieni mhux żgur tagħkom. Intom tistaqsu: is-soċjetà għandha bżonni? Sa nsib xogħol igħodd għalija, biex ikolli raji f'idejja biex ikolli l-familja tiegħi f'qagħda xierqa ta' ħajja, u qabel kollox, f'dar li tkun tiegħi? Fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetà qiegħda tistenna *l-għajnuna tal-ħidma tiegħi?*

Il-qawwa ta' dawn il-mistoqsijiet tant tqanqalni, li f'din l-okkażjoni wkoll inħoss li għandi nfakkar lill-gvernijiet u lil dawk li huma responsabbli tal-ekonomija u tal-progress tan-nazzjonijiet, li *x-xogħol hu dritt tal-bniedem,* u għalhekk, għandu jinstab xogħol għal kulħadd billi wieħed jieħu ħsieb sewwa għal dan il-għan, l-ewwelnett billi, fit-tfassil ta' pjanijiet ekonomiċi, wieħed jara li jinħolqu okkażjonijiet xierqa ta' xogħol għal kulħadd, u, qabel kulħadd, għaż-żgħażagħ, li llum ta' spiss qed ibatu minħabba l-qgħad. Ilkoll naqblu li x-xogħol "hu ġid għall-bniedem — għan-natura tiegħu ta' bniedem li hu — għax bix-xogħol il-bniedem mhux biss *ibiddel in-natura* għall-ħtiġijiet tiegħu, imma wkoll *iġib ruħu 'l quddiem bħala bniedem,* anzi *jsir dejjem aktar bniedem*"[72].

## 13. L-edukazzjoni tiegħek innifsek u t-theddid tagħha

Dak li hi l-iskola *bħala tagħlim u ambjent ta' tagħlim* hi ħaġa li tolqot l-aktar iż-żogħżija. Iżda, fil-fehma tiegħi, il-kliem ta' Kristu dwar il-verità, li semmejt aktar 'il fuq, jolqtu aktar liż-żgħażagħ infushom. Jekk ma hemm ebda dubju li *l-familja tagħti edukazzjoni* u li *l-iskola tagħti edukazzjoni u tagħlim,* hu veru wkoll li l-ħidma tal-familja u ta' l-iskola ma tkunx sħiħa (anzi tista' tkun ħażina) jekk *kull wieħed u waħda minnkom,* egħżież żgħażagħ, ma tingħatawx intom stess għall-edukazzjoni tagħkom infuskom. L-iskola u l-familja *jistgħu biss jagħtukom xi tagħrif li jkun ta' għajnuna għall-edukazzjoni tagħkom, minnkom infuskom.*

U f'din il-ħaġa kliem Kristu: "Tagħarfu l-verità u l-verità teħliskom", isiru għalikom sura ta' programm ta' ħidma. Iż-żgħażagħ —

jekk nistgħu ngħidu hekk — għandhom fihom infushom "is-sens tal-verità". U l-verità trid isservi għall-ħelsien — u żgħażagħ għandhom fihom infushom "*ix-xewqa għall-ħelsien*". X'jiġifieri tkun ħieles? Tfisser li tkun tagħraf tuża l-ħelsien tiegħek fil-verità — tkun "tassew" ħieles. *Tkun tassew ħieles* ma jfissirx tagħmel kull ma jogħġbok, kull ma tixtieq. Il-ħelsien fih innifsu għandu r-regola tal-verità, id-dixxiplina tal-verità. Tkun tassew ħieles ifisser *tuża l-ħelsien tiegħek ħa tikseb dak li hu veru, dak li hu ta' ġid.* U għalhekk tkun tassew ħieles ifisser li tkun bniedem b'kuxjenza tajba, tkun bniedem responsabbli, tkun bniedem "għall-oħrajn".

Dan kollu *hu l-qofol* ta' dak li nsejħulu edukazzjoni, ta' dak li b'mod speċjali nsejħu l-edukazzjoni tiegħek innifsek. Hekk hu, edukazzjoni tiegħek innifsek! Dan il-bini fir-ruħ, fejn "il-verità tagħmilna tassew ħielsa", ma jistax isir biss minn "barra". Kull wieħed minna jrid jibnih minn "ġewwa", fih innifsu; irid *jibnih bit-taħbit, mingħajr qatt ma jaqta' qalbu, bis-sabar kollu* (ħaġa li mhux dejjem jagħmlu ż-żgħażagħ). Dan il-bini fik innifsek jissejjaħ edukazzjoni tiegħek innifsek. Fuqha tkellem ukoll il-Mulej Ġesù meta qal li biss jekk "nibqgħu sħaħ sa l-aħħar" nistgħu "nsalvaw ħajjitna". Li nsalvaw ħajjitna huwa l-frott tal-edukazzjoni tagħna nfusna.

F'dan kollu nsibu mod ieħor kif wieħed iħares lejn iż-żogħżija. Issa mhux biss il-każ ta' pjan ta' ħajja li jrid iseħħ fil-ġejjieni. Dan il-pjan *iseħħ fiż-żogħżija*, jekk aħna, bix-xogħol u bl-iskola u l-aktar bl-edukazzjoni tagħna nfusna, *aħna nqegħdu l-pedament tal-mixi 'l quddiem* tagħna bħala bnedmin. U għalhekk nistgħu nxebbhu liż-żogħżija ma' "skultur li jiskolpixxi l-ħajja kollha"; u s-sura li ż-żogħżija tagħti lil kull wieħed u waħda minnkom bħala bnedmin, tibqa' tul il-ħajja tagħkom kollha. Jekk dan għandu *tifsir positiv* important ħafna, jista' jkollu wkoll, jaħasra, *tifsir negattiv* importanti ħafna wkoll. Ma tistgħux tagħalqu għajnejkom quddiem il-perikoli li jheddukom fi żmien iż-żogħżija tagħkom. Għax dawn ukoll jistgħu jħallu sinjal, marka fil-ħajja tagħkom kollha.

Bħala eżempju nista' nsemmi l-ħajra li jista' jkollkom li tikkritikaw u tbiddlu kollox addoċċ u bl-aħrax; jew il-ħajra li tħarsu dejjem b'ċertu xettiċiżmu lejn dak kollu li hu tradizzjonali, xettiċiżmu li jista' jinbidel malajr f'ċiniżmu sfaċċat dwar ix-xogħol, il-karriera, u l-istess żwieġ. U kif ma nistax ma nsemmix it-tentazzjoni li tiġikom minn dik il-propaganda dejjem sejra għal ċerta sura ta' divertimenti, li l-aktar niltaqgħu magħhom fil-pajjiżi li mxew ħafna 'l quddiem fil-progress, tentazzjoni li twassal lill-bniedem biex ma jimpurtawh xejn mill-ħajra naturali tal-bniedem li jeħles mit-taħbit, billi twegħdu li jikseb malajr kull ma jixtieq, u fl-istess ħin, bil-ħsieb li tmexxi kemm tista' kull ma tirreklama — il-konsumiżmu — tipprova tipperswadi l-bniedem li jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu biss jekk jorbtu mal-ġid materjali tad-dinja. Kemm żgħażagħ imsaħħrin minn ħafna ħolm qarrieq, iħallu l-istint tagħhom imexxuhom bla ebda kontroll, jew jaqbdu triqat li jarawhom mimlijin b'ħafna wegħdiet sbieħ, iżda li fil-fatt nieqsa għal kollox minn kull ma jistenna l-bniedem bħala bniedem, u b'hekk isibu ruħhom f'ħafna perikoli! Jaqbel li hawn intenni dak li għidtilkom fil-messaġġ tiegħi għall-Jum il-Paċi: "Xi

wħud minnkom jista' jiġihom il-ħsieb li jeħilsu minn kull responsabbiltà u jfittxu d-dinja fiergħa tax-xorb u tad-drogi, tar-relazzjonijiet sesswali ta' mument mingħajr ebda rabta ta' żwieġ u ta' familja, ta' l-indifferenza, taċ-ċiniżmu u tal-vjolenza wkoll. Harsu rwieħkom minn dan il-qerq tad-dinja, li trid tinqeda bil-ħeġġa kbira tagħkom għall-hena u għat-tifsir veru tal-ħajja"[74].

Qiegħed insemmilkom dan biex nurikom kemm jien imħasseb għalikom. Jekk hu meħtieġ li intom "tkunu dejjem lesti tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom", *kull ma jhedded din it-tama* għandu jħassibna. U lil dawk kollha li b'kull sura ta' ħajriet u ta' frugħat qed ifittxu li jħassrulkom żogħżitkom, jien irrid infakkarkom *fi kliem Kristu* dwar l-iskandlu u dwar min jagħti skandlu. "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli, imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom! Ikun aktar jaqbillu li jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin u jitfgħuh il-baħar, milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin"[75].

Kliem iebes! u l-aktar fil-fomm ta' Dak li ġie jxandar l-imħabba! Għalhekk min jaqra bir-reqqa kollha dan il-kliem tal-Evanġelju għandu jara kemm ma jaqblux ma' xulxin it-tajjeb u l-ħażin, il-virtù u d-dnub. U għandu jara wkoll b'mod aktar ċar *x'importanza għandha għal Kristu ż-żogħżija ta' kull wieħed u waħda minnkom.* Kienet l-imħabba għaż-żgħażagħ li wasslet lil Kristu biex igħid il-kliem iebes li għadni kemm semmejt. F'dan il-kliem qisu jtenni l-kliem tal-konversazzjoni tiegħu maż-żagħżugħ tal-Evanġelju, konversazzjoni li din l-ittra semmiet ħafna ta' spiss.

## 14. Iż-żogħżija bħala "kobor"

Ippermettuli ntemm dawn il-ħsibijiet tiegħi, billi nfakkar dak li l-Evanġelju jgħid dwar *iż-żogħżija ta' Ġesù f'Nazaret.* Hu ftit il-kliem li jħaddan iż-żmien ta' tletin sena li għadda Ġesù fid-dar tal-familja tiegħu ma' Marija u Ġużeppi l-mastrudaxxa. Igħidilna l-evanġelista San Luqa: "Ġesù baqa' jikber fil-għerf, fis-snin u fil-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin"[76].

Iż-żogħżija mela hi "kobor". Fid-dawl ta' dak kollu li għidt sa issa, dan il-kliem ta' l-Evanġelju *jidher mimli tifsir.* "Jikber fis-snin": dan qiegħed jingħad għar-rabta li għandu l-bniedem maż-żmien; il-kobor fis-snin hu "mixi", "mixi 'l quddiem" fiż-żmien kollu tal-ħajja talbniedem. Ma' dan il-mixi 'l quddiem hemm marbut l-iżvilupp tal-ġisem u tal-moħħ: hu l-iżvilupp, il-kobor *tal-qawwiet u l-enerġiji kollha* li jagħmlu kull bniedem dak li hu. Iżda jeħtieġ li ma' dan l-iżvilupp ikun hemm ukoll il-kobor fl-għerf u l-grazzja.

Lilkom ilkoll, egħżież żgħażagħ ħbiebi, nixtiqilkom dan "il-kobor". Nistgħu ngħidu li *b'dan il-kobor iż-żogħżija tkun tassew żagħżija.* B'hekk biss kull wieħed u waħda minnkom ikun dak li hu, tkun dik li hi. B'hekk biss iż-żogħżija tingħata lil kull wieħed u waħda minnkom *bħala ġid proprju* ta' kull wieħed u waħda minnkom, ġid miksub bl-esperjenza personali tagħkom u fi ħdan il-komunità. B'hekk ukoll żogħżitkom titwettaq bl-esperjenza tal-kbar li ħallew iż-żogħ-

żija u li flok mixi 'l quddiem, se jibdew mexjin "lura", u hekk itemmu l-kors sħiħ tal-ħajja tagħhom.

Ħa tkun mela ż-żogħżija "kobor", jiġifieri kobor li jġib miegħu *progress f'kull ma hu veru u tajjeb u sabiħ,* ukoll jekk dan "minn barra" hu marbut mat-tbatija, mat-telfa tal-qraba maħbuba u mat-tiġrib tal-ħażen li bla ħeda jinsab fid-dinja li fiha ngħixu.

"Il-kobor" jixraq liż-żogħżija. Għalhekk jaqbel ħafna li wieħed ikollu kuntatt mad-*dinja kollha li tidher,* jiġifieri *man-natura.* B'dan il-kuntatt man-natura fiż-żogħżija nistagħnu aktar milli nistagħnu bittagħrif dwar id-dinja "li niksbu mill-kotba". Għax nistagħnu direttament. Bir-raġun kollu nistgħu ngħidu li b'dan il-mod, b'dan il-kuntatt dirett man-natura aħna nilqgħu fil-ħajja tagħna ta' bnedmin *il-misteru stess tal-ħolqien* li jinfetaħ għalina bil-varjetà ta' l-għaġeb ta' kull ma hemm x'tara fin-natura; fl-istess ħin in-natura tħajjarna nfittxu dak li għadu moħbi fiha u ma jidhirx. L-għerf — kemm dak li nsibu fil-kotba mnebbħin minn Alla[77] u kemm dak li tiegħu jagħtuna xhieda tant nies għorrief — *qisu juri* f'ħafna suriet *"kemm tiddi d-dehra tad-dinja"*. Jaqbel li l-bniedem iqalleb dak il-ktieb ta' l-għaġeb li hu "l-ktieb tan-natura", miftuħ għal kull wieħed u waħda minna. Dak li l-moħħ u l-qalb taż-żgħażagħ jaqraw fih, ijdher li *jaqbel perfettament* ma dik *l-istedina għall-Għerf:* "Ikseb il-għerf, ikollok id-dehen... twarrbux minnek, hu jżommok, ħobbu u hu jieqaf miegħek"[78]. Il-bniedem ta' żmienna, l-aktar dak ta' pajjiżi li mxew ħafna 'l quddiem fl-industrija u t-teknika, huwa bniedem li jitkixxef ħafna n-natura, imma spiss dan jagħmlu għal dak li jaqbel lilu biss, u hekk ikun jeqred ħafna ġid u ġmiel tan-natura, u jħammeġ u jħassar *l-ambjent naturali* tal-ħajja fid-dinja. Iżda n-natura ġiet mogħtija lilna biex inħarsu lejha u nissaħħru biha, qisna għandna quddiemna mera kbir tad-dinja. Fiha naraw *il-patt tal-Ħallieq mal-ħlejjaq tiegħu,* li f' nofshom, sa mill-bidu, jinsab il-bniedem maħluq direttament "xbieha" ta' Alla li ħalqu.

Għalhekk, egħżież żgħażagħ, nixtieq li l-kobor tagħkom "fil-għerf u fis-snin" ikun kobor imsieħeb man-natura, b'kuntatt man-natura. Fittxu li jkollkom żmien għal dan! Titilfuhx dan iż-żmien! *Ilqgħu bil-qalb it-taħbit u l-għeja* li xi kull tant hu mitlub minn dan il-kuntatt man-natura, l-aktar meta rridu nilħqu dak li jitlob sforz kbir. Taħbit bħal dan hu taħbit li joħloq, u fl-istess ħin iġib *mistrieħ li jagħti s-saħħa,* mistrieħ meħtieġ daqs l-istudju u x-xogħol.

Dan it-taħbit u dan l-isforz hu msemmi wkoll fl-Iskrittura, f'San Pawl, li jxebbah il-ħajja nisranija mal-*ġiri fl-istadju*[79].

Kull wieħed u waħda minnkom teħtieġu din l-għeja u dawn l-isforzi li bihom mhux biss il-ġisem jitwettaq u jissaħħaħ, imma l-bniedem kollu kemm hu jġarrab il-ferħ li rnexxielu jirbaħ lilu nnifsu u *jegħleb kull tfixkil u kull xkiel kontra tiegħu.*

Nixtieq ukoll li l-"kobor" tagħkom iseħħ billi tkunu f'kuntatt ma' *kull ma għamel il-bniedem,* anzi ma' kull ma qegħdin jagħmlu *l-bnedmin li għadhom igħixu fid-dinja.* Kemm opri għamlu l-bnedmin tul il-mijiet tas-snin! Kemm huma ta' l-għaġeb, u x'varjetà ta' opri! Jidher li ż-żgħażagħ minnufih jagħarfu sewwa kull ma hu veru, sabiħ u taj-

jeb fl-opri tal-bniedem. U meta nqisu l-opri li għamlu l-bnedmin ta' tant kulturi differenti, ta' tant suriet ta' arti u ta' snajja, *nitgħallmu x'inhi sewwa l-verità dwar il-bniedem* (verità mfissra b'mod hekk ta' l-għaġeb fis-Salm 8). Din il-verità tista' tkabbar u tagħni bħala bniedem lil kull wieħed u waħda minna.

Iżda naraw l-aktar il-bniedem x'inhu, meta narawh *fir-relazzjonijiet tiegħu mal-bnedmin l-oħra.* Jeħtieġ li ż-żogħżija tagħkom tgħinkom "tikbru fl-għerf" permezz ta' dawn ir-relazzjonijiet ma' bnedmin oħra. Iż-żogħżija hi żmien li fih wieħed ikabbar ir-relazzjonijiet tiegħu, *jiżdidulu sħabu, u jżid in-numru tal-ħbieb,* f'ambjent aktar wiesgħa minn dak tal-familja. Jikber ukoll il-qasam tal-esperjenzi li, mhux biss għandu importanza kbira biex wieħed jikseb ħafna tagħrif, imma fl-istess ħin hu wkoll mezz ta' edukazzjoni u ta' tagħlim dwar imġiba morali tajba. Dawn l-esperjenzi jiswew ħafna fiż-żogħżija għaliex joħolqu f'kull wieħed u waħda minnkom sens kritiku u fuq kollox jagħtukom *il-ħila li tkunu tistgħu tagħmlu għażla* f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-bniedem. Tkun tassew hienja din l-esperjenza taż-żogħżija jekk biha titgħallmu x'inhi *l-verità* essenzjali *dwar il-bniedem* — dwar kull bniedem u dwarkom infuskom — verità li ġiet imfissra bi ftit kliem fil-Kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes:* "il-bniedem fuq l-art huwa kreatura waħdanija li Alla ried għaliha nfisha, u (il-bniedem) ma jistax isib sewwa lilu nnifsu ħlief billi sinċerament jagħmel don tiegħu nnifsu"[80].

Nitgħallmu għalhekk inkunu nafu l-bniedem bil-mod li bih aħna nkunu aktar bnedmin billi "nagħtu lilna nfusna": *inkunu* bnedmin *"għall-oħrajn".* Il-qofol ta' din il-verità dwar il-bniedem — ta' din l-antropoloġija, *qofol* li ma nistgħux nilħqu, hu *Ġesù ta' Nazaret.* Għalhekk hi wkoll importanti ħafna ż-żogħżija tiegħu meta kien "jikber fl-għerf... u l-grazzja quddiem Alla u quddiem il-bnedmin".

Nitlob li jkollkom dan il-kobor *f'kuntatt ma' Alla.* Jista' jgħin indirettament, għal dan il-kobor, il-kuntatt tagħkom man-natura u mal-bnedmin l-oħra, imma l-aktar li jgħin direttament hu *t-talb.* Itolbu u tgħallmu itolbu! Iftħu qalbkom u l-kuxjenzi tagħkom għal Dak li jafkom aktar milli tafu intom lilkom infuskom. Tkellmu miegħu! Stħarrġu aktar fil-fond il-kliem ta' Alla l-ħaj billi taqraw u timmeditaw il-Kotba Mqaddsa.

Dawn huma *t-triqat* li jwassluna għand Alla u jlaqqgħuna miegħu. Ftakru li din hi dejjem laqgħa bejn tnejn. *Alla jwieġeb* l-aktar "bil-għoti tiegħu nnifsu", għoti li l-Iskrittura ssejjaħlu "grazzja". Fittxu għalhekk li tgħixu fil-grazzja ta' Alla!

Dan kollu dwar "il-kobor", u dan li ktibt ktibtu biss biex insemmulkom il-problemi ewlenin tiegħu; kull waħda minn dawn il-problemi tista' tiġi studjata aktar fil-fond. U dan nixtieqú jsir fil-ħafna għaqdiet u *soċjetajiet taż-żgħażagħ,* fil-movimenti u l-organizzazzjonijiet li dejjem qed jiżdiedu fil-pajjiżi u l-kontinenti kollha, kull waħda *bil-ħidma spiritwali u l-appostolat proprju tagħha.* Dawn l-istituti kollha, li fihom il-Knisja għandha sehem, jixtiequ juru liż-żgħażagħ triq għal dak "il-kobor" li b'xi mod juri *x'inhi ż-żogħżija fid-dawl tal-Evanġelju.*

## 15. L-isfida kbira tal-ġejjieni

Il-Knisja tħares lejn iż-żgħażagħ; anzi l-Knisja b'xi mod *tara lilha stess fiż-żgħażagħ* — fikom kollha u f'kull wieħed u waħda minnkom. Dan kien sa mill-bidu, jiġifieri, sa minn żmien l-Appostli. Kliem San Ġwann *fl-ewwel Ittra* tiegħu jistgħu jkunu xhieda mill-aqwa ta' dan. "Qiegħed nikteb lilkom, *żgħażagħ*, għax intom *għelibtu l-ħażin*. Ktibt lilkom, tfal għax intom *għaraftu lill-Missier*... Ktibt lilkom żgħażagħ, għax intom qawwija u l-kelma ta' Alla *tgħammar fikom*"[81].

Kliem l-Appostlu jingħaqdu ma' kliem Kristu liż-żagħżugħ tal-Evanġelju u jidwu minn nisel għal nisel, *minn żmien għal żmien*.

U fi żmienna wkoll, meta aħna qrib l-elfejn sena wara Kristu, il-Knisja tara lilha nfisha fiż-żgħażagħ. *U kif tara l-Knisja lilha nfisha fiż-żgħażagħ?* It-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II hu xhieda speċjali ta' dan. Il-Knisja tara lilha nfisha bħala *sagrament* jew sinjal u strument *tal-għaqda sħiħa ma' Alla tal-familja kollha tal-bnedmin*[82]. Tara għalhekk lilha nfisha marbuta mal-familja kbira tal-bnedmin, li dejjem qiegħda tikber aktar. Tara lilha nfisha f'dimensjoni universali. Tara lilha nfisha *fit-triq tal-ekumeniżmu* jiġifieri fit-triq tal-għaqda tal-insara kollha, għaqda li Kristu talab għaliha u fi żmienna kulħadd qiegħed jifhem li għandna nfittxuha bil-qawwa kollha. Il-Knisja tara lilha nfisha wkoll fil-kuntatti ma' nies li *jħaddmu reliġjonijiet mhux insara* u mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Dawn il-kuntatti huma djalogu ta' salvazzjoni li għandu jgħin għall-paċi fid-dinja u għall-ġustizzja bejn il-bnedmin.

Intom iż-żgħażagħ intom it-tama tal-Knisja għax proprju b'dan il-mod tara *lilha nfisha u l-missjoni tagħha*. U l-Knisja tkellimkom fuq din il-missjoni tagħha. Il-messaġġ ta' l-ewwel ta' Jannar ta' din is-sena 1985, f'Jum il-Paċi, hu xhieda ta' dan. Dan il-messaġġ sar direttament lilkom għaliex "it-triq tas-sliem hi fl-istess ħin it-triq taż-żgħażagħ" ("is-sliem u ż-żgħażagħ jimxu flimkien"). U din il-konvinzjoni hi stedina u fl-istess ħin dmir: hawn għandna wkoll l-istedina li "tkunu dejjem lesti tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom" — it-tama li hi marbuta magħkom. Tistgħu taraw għalhekk kemm din it-tama tħaddan veritajiet importanti u universali.

Intom tgħixu kuljum ma' l-egħżież tagħkom. Dan l-ambjent bil-mod il-mod *jitwessa'*. Għadd dejjem akbar ta' nies qed ikollhom x'jaqsmu ma' ħajjitkom, u intom stess tintebħu bis-sinjali ta' din ix-xirka tagħkom magħhom. Din ix-xirka tista' tgħid dejjem hi *xirka* li *tingħażel* fiha nfisha. Tingħażel bil-mod kif għaraf u għallem il-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni dommatika dwar il-Knisja u fil-kostituzzjoni pastorali dwar il-Knisja fid-dinja tal-lum. Spiss iż-żogħżija tagħkom tgħadduha f'ambjenti li *mhumiex l-istess* dwar dak li hu reliġjon jew f'ambjenti b'reliġjonijiet differenti jew f'ambjenti fejn jiltaqgħu flimkien it-twemmin u n-nuqqas ta' twemmin, nuqqas ta' twemmin li jista' jkun l-anjostiċiżmu jew saħansitra l-ateiżmu fis-suriet kollha tiegħu.

Iżda quddiem ċerti problemi jidher li dawn il-ħafna komunitajiet ta' żgħażagħ, iħossu u jaħsbu u jġibu ruħhom bl-istess mod. Bħala eżempju nista' ngħid li ż-żgħażagħ kollha *jaqblu bejniethom u jħossu l-istess* dwar dan li ġej: li eluf ta' eluf ta' bnedmin qed igħixu f'mi-

żerja kbira u qed imutu bil-ġuħ waqt li fl-istess ħin qed jintefqu somom kbar ħafna ta' flus biex isiru armi nukleari, li issa hemm ħażna hekk kbira tagħhom li jistgħu jġibu l-qerda sħiħa tal-familja kollha talbnedmin. Hemm imbagħad theddid u tensjonijiet oħra li qatt ma kienu daqshekk kbar fil-ġrajja kollha tal-bniedem. Fuq dan tkellimt fil-messaġġ tal-ewwel tas-sena, u għalhekk mhux ser nerġa' nsemmihom. Il-koll nifhmu li l-ġejjieni ta' eluf ta' eluf ta' miljuni ta' bnedmin, fi tmiem l-elfejn sena wara Kristu, qiesu jħabbar li *jistgħu jkun ħerba u qerda* ta' kobor "apokalittiku".

F'qagħda bħal din, bir-raġun kollu intom iż-żgħażagħ tistaqsu lil dawk li ġew qabilkom: Għax wasalna sa hawn? Għaliex wasalna għal din il-qagħda hekk kbira ta' perikolu għall-familja kollha tal-bnedmin? *Minn fejn dawn* l-inġustizzji kollha li jweġġgħulna għajnejna? Għaliex *tant* nies qed imutu bil-ġuħ? Għaliex *tant* eluf ta' eluf ta' rifuġjati minn fost ħafna nazzjonijiet? Għaliex *tant* drabi qed jiġu mkasbra d-drittijiet tal-bniedem? Għaliex *tant* ħabsijiet u kampi ta' konċentrament, għaliex *tant* vjolenza bi ħsieb, *tant* qtil ta' nies innoċenti, għaliex *tant* bnedmin qed isofru vjolenza u torturi, għaliex *tant* moħqrija u *tant* tkasbir ta' kuxjenzi? U fost dankollu, hemm ukoll il-fatt li tant żgħażagħ għandhom il-kuxjenza tagħhom mgħobbija bil-piż tal-qtil ta' tant innoċenti, għaliex huma għal kollox konvinti li d-dinja se tkun aħjar biss *permezz tat-terroriżmu mhejji u maħsub sewwa.* U għalhekk intom terġgħu tistaqsu: *Għaliex dan kollu?*

Għandkom id-dritt kollu tagħmlu dawn il-mistoqsijiet; anzi jeħtieġ tagħmluhom. Għax huma mistoqsijiet dwar id-dinja li fiha qegħdin tgħixu llum, u fejn għada tridu tgħixu meta dawk akbar minnkom ikunu ħallew din id-dinja.

Għalhekk bir-raġun kollu tistaqsu: għaliex *dan il-progress* kollu tal-bniedem — li qatt ma kien hemm ieħor bħalu fil-ġrajja kollha tal-bniedem — fil-qasam tax-xjenza u tat-teknika; għaliex *dan il-progress kollu,* li bih il-bniedem qiegħed jaħkem il-materja, il-bniedem b'ħafna modi qiegħed jużah kontra l-bniedem? Għalhekk bir-raġun kollu tistaqsu (u bi ftit ta' biża' wkoll għall-ġejjieni fikom infuskom): *Tista' ddur din ir-rotta? Tista' tinbidel din il-qagħda? Jirnexxilna nġibu din il-bidla?*

Tagħmlu sewwa tistaqsu dan. Iva, qegħdin tagħmlu l-aqwa mistoqsija ta' żmienkom. B'dan il-mod intom tkomplu *l-konversazzjoni tagħkom ma' Kristu* li nbdiet darba fl-Evanġelju. Dak iż-żagħżugħ kien staqsa: "X'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?" Intom tagħmlu l-istess mistoqsija *skond iż-żmien* li fih intom: X'għandna nagħmlu biex il-ħajja — il-ħajja kollha ġmiel tal-familja tal-bnedmin — ma tinbidilx f'qabar ta' mewt nukleari? *X'għandna nagħmlu* biex ma jaħkimniex id-dnub tal-inġustizzja mxerred ma' kullimkien fid-dinja? Dak id-dnub tat-tkasbir tal-bniedem u tat-twarrib tad-dinjità tiegħu, minkejja li jingħad tant kliem li jwettaq dawn id-drittijiet tiegħu. *X'għandna nagħmlu?* U mill-ġdid: *Naslu biex nagħmluh?*

Iwieġeb Kristu kif wieġeb fl-ewwel seklu tal-Knisja bi kliem l-Appostlu liż-żgħażagħ: "Qiegħed nikteb lilkom, *żgħażagh, għax intom għelibtu l-ħażin.* Ktibt lilkom tfal, *għax intom għaraftu lill-Missier...*

Ktibt lilkom, żgħażagħ, *għax intom qawwija* u l-kelma ta' Alla qiegħda tgħammar fikom"[83]. Dan il-kliem ta' l-Appostlu mtenni elfejn sena ilu, huwa wkoll tweġiba għal-lum. Huwa kliem sempliċi u qawwi ta' fidi li ġġib ir-rebħa fuq il-ħażen li hawn fid-dinja: "Din hi r-rebħa fuq id-dinja: il-fidi tagħna"[84]. Dan il-kliem jikseb il-qawwa tiegħu mill-*esperjenza ta' Kristu u tal-qawmien tiegħu mill-imwiet* li kellhom l-Appostli u l-ġenerazzjonijiet kollha tal-insara li ġew warajhom. F'din l-esperjenza jitwettaq l-Evanġelju kollu. U titwettaq ukoll il-verità li tinsab fil-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ tal-Evanġelju.

Nieqfu ftit fi tmiem din l-ittra *fuq il-kliem ta' l-Appostlu* li jwettqukom u fl-istess ħin jisfidawhom. Għax huma wkoll tweġiba.

Fikom, fi qlubkom, hemm tħeġġeġ *xewqa ta' mħabba ta' l-aħwa bejn il-bnedmin kollha,* 'il fuq minn kull firda, jew għied jew diskriminazzjoni. Jalla jkun hekk! Intom iż-żgħażagħ għandkom ħerqa kbira ta' mħabba ta' l-aħwa u kull xorta ta' rabta bejn il-bnedmin, u żgur ma tridux li jkun hemm *ebda xorta ta' għied bejn bniedem u ieħor* U din ix-xewqa ħerqana ta' mħabba ta' l-aħwa — il-bniedem huwa l-proxxmu tal-bniedem, il-bniedem huwa hu bniedem ieħor! — *m'hijiex forsi xhieda li intom "għaraftu l-Missier"*, kif jikteb l-Appostlu, la lkoll aħna aħwa jekk xi ħadd hu missier? U biss *fejn hemm il-Missier, il-bnedmin huma aħwa.*

Għalhekk jekk intom għandkom fikom ix-xewqa tal-imħabba ta' l-aħwa, dan ifisser li *"l-Kelma ta' Alla tgħammar fikom"*. Fikom hemm dak it-tagħlim li Kristu għallem u li bir-raġun kollu jissejjaħ "li-Bxara t-tajba". Hemm fuq fommkom, hemm almenu fi qlubkom, *it-talba* tal-Mulej *li tibda bil-kliem:* "Missierna." Din it-talba li tħabbrilna l-Missier, fl-istess ħin twettaq li aħna lkoll aħwa, u, fil-qofol tagħha, tmur kontra *kull xorta ta' mġiba mibnija fuq il-prinċipju tal-għied* bejn bniedem u ieħor, hu ta' liema sura hu. Il-"Missierna" jbiegħed qlub il-bnedmin mill-għied u l-mibegħda, mill-vjolenza u t-twerwir, minn kull xorta ta' diskriminazzjoni li bihom huma mkasbra d-dinjità u d-drittijiet tal-bniedem.

L-Appostlu jikteb liż-żgħażagħ u jgħidilhom li huma *qawwija għax il-Kelma ta' Alla tgħammar fihom:* dan it-tagħlim jinsab fl-Evanġelju ta' Kristu u hu miġbur fil-qasir fil-"Missierna". Iva. Intom qawwija b'dawn il-preċetti ta' Alla; intom qawwija b'din it-talba; intom qawwija għax din it-talba *tnissel fikom l-imħabba,* it-tjieba, ir-rispett għall-bniedem: għal ħajtu, għad-dinjità tiegħu, għall-kuxjenza u l-fehmiet tiegħu, għad-drittijiet tiegħu. Jekk "għaraftu l-Missier" intom qawwija bil-qawwa tal-imħabba bejn il-bnedmin bħal aħwa.

Intom qawwija wkoll *għall-għied: mhux kontra l-bnedmin* favur xi ideoloġija jew favur xi drawwa maqtugħa għal kollox mill-egħruq tal-Evanġelju, imma intom qawwija *għall-għied kontra l-ħażen,* kontra l-ħażen veru: kontra kull ħaġa li toffendi lil Alla, kontra kull xorta ta' inġustizzja u sfruttament, kontra kull qerq u kull gideb, kontra dak kollu li joffendi u jkasbar, kontra kull ma jħassar l-għaqda bejn il-bnedmin u r-relazzjonijiet ta' bejniethom, kontra kull delitt li jhedded jew jeqred il-ħajja, kontra kull dnub.

L-Appostlu jikteb: *"Għelibtu l-ħażin!"* U hekk hu. Għandna dejjem inżommu quddiemna *l-bidu tad-deni u tad-dnub* fil-ġrajja tal-bniedem u tal-ħolqien kollu kif għamel Kristu fil-misteru ta' l-Għid tas-Salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Ma għandniex għax nibżgħu nsemmu b'ismu *'l dak li hu l-bidu ta' kull deni: il-Ħażin.* Il-qerq li uża u għadu juża hu dak li *ma jidhirx bħala ħażin,* biex il-ħażin li jkun żera' sa mill-bidu jikber bil-ħidma tal-bniedem stess bis-sistemi li għandu l-bniedem, bir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom, bir-relazzjonijiet bejnietkom ta' kull klassi fin-nazzjonijiet... biex dejjem aktar jikber *id-dnub fl-"istrutturi",* ħalli dejjem inqas jingħaraf bħala dnub "personali" tal-bniedem, biex il-bniedem iħoss ruħu dejjem aktar "ħieles" mid-dnub, waqt li hu fl-istess ħin għandu egħruq akbar fid-dnub. L-Appostlu qal liż-żgħażagħ: "intom qawwija, u għalhekk jeħtieġ li *l-kelma ta' Alla tgħammar fikom".* Imbagħad tkunu tassew qawwija: u hekk tkunu tistgħu tintebħu kif il-ħażin jaħdem bil-moħbi, u fejn huma l-egħruq tiegħu; u hekk bil-mod il-mod jirnexxilkom *tbiddlu d-dinja,* tagħmluha aktar tixraq lill-bniedem, *tagħmluha aktar dinja ta' aħwa, aktar dinja li hi t' Alla.* Ma jiswiex tqaċċat id-dinja minn Alla, tagħmilha kontra Alla; lanqas jiswa li l-bniedem ijtbiegħed minn Alla u jkun kontra Alla. Dan imur kontra n-natura tad-dinja u kontra n-natura tal-bniedem, dan imur kontra l-verità intima ta' kollox, li hi r-"realtà" kollha. Hu għalhekk li l-qalb tal-bniedem hi bla mistrieħ, sa ma tistrieħ f'Alla. Dan il-kliem ta' l-għaref Santu Wistin ma jitlef qatt il-qawwa tiegħu f'kull żmien[85].

## 16. Il-messaġġ ta' l-aħħar

Egħiżeż żgħażagħ ħbiebi, araw, *inħalli f'idejkom din l-ittra* li hi marbuta mal-konversazzjoni ta' Kristu maż-żagħżugħ tal-Evanġelju, u ġejja mix-xhieda ta' l-Appostli u tal-ewwel ġenerazzjonijiet tal-insara. Qed nagħtikom din l-ittra tul is-sena internazzjonali taż-żgħażagħ, *aħna u qed noqorbu lejn it-tieni elf sena wara Kristu.* Qed nagħtihielkom din is-sena li hi l-għoxrin sena minn meta ntemm il-Konċilju Vatikan II li sejjaħ liż-żgħażagħ "it-tama tal-Knisja"[86], u li kellu l-aħħar messaġġ tiegħu għaż-żgħażagħ ta' dak iż-żmien — kif għandu l-messaġġ tiegħu għaż-żgħażagħ tal-lum u taż-zmien li għad irid jiġi — f'dan il-messaġġ il-Knisja tidher bħala l-vera żogħżija tad-dinja, "bħala dik li għandha dak li hu l-qawwa u l-ġmiel taż-żogħżija, jiġifieri l-kapaċità li tifraħ b'kull ħaġa li tibda, il-ħila li tagħti ruħha minn rajha bla ebda kondizzjoni, il-ħila li tiġġedded u tfittex rebħiet ġodda"[88]. Dan qed nagħmlu *f'Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej,* fil-jum li fih se niltaqa' ma' ħafna minnkom fil-pjazza quddiem il-bażilika ta' San Pietru. F'dan il-jum l-isqof ta' Ruma *se jitlob magħkom għaż-żgħażagħ kollha tad-dinja: għal kull wieħed u waħda minnhom.* Nitolbu fix-xirka tal-Knisja biex — fiż-żminijiet iebsa li fihom qegħdin ngħixu — intom tkunu "tistgħu tagħtu tweġiba lil min jistaqsikom il-għala tat-tama li għandkom". Hekk hu, "li intom għandkom", għaliex minnkom jiddependi l-ġejjieni; minnkom jiddependi *t-tmiem ta' dawn l-elf sena u l-bidu ta' elf sena oħra.* Għalhekk titgħażżnux; il-qgħu d-dmirijiet tagħkom f'kull qasam li jinfetaħ quddiemkom f'din id-dinja. Għal din il-fehma wkoll qegħdin jitolbu magħkom l-isqfijiet u s-saċerdoti f'ħafna pajjiżi.

Aħna u nitolbu flimkien f'din ix-xirka kbira ta' żgħażagħ tal-Knisja Universali u tal-knejjes kollha, *għandna quddiemna d-dehra tal-Verġni Marija*, li sa mill-bidu tal-ħidma ta' Kristu fost il-bnedmin kienet dejjem miegħu. Hi dik Marija li, fil-festa tat-tieġ ta' Kana qabżet għaż-żgħażagħ, għaż-żewġ miżżewġin żgħażagħ, li fil-festa tat-tieġ naqsilhom l-inbid. Omm Kristu dak in-nhar, lin-nies li kienu jieħdu ħsieb l-ikel, qaltilhom: "Agħmlu kull ma jgħidilkom". Min kellu jgħidilhom, kien Kristu. Se ntenni dan il-kliem ta' Omm Alla biex ngħidu lilkom, żgħażagħ, lil kull wieħed u waħda minnkom: "Agħmlu kull ma jgħidilkom Kristu". U f'isem it-Trinità Qaddisa mberikkom. Amen.

Minn Ruma, f'San Pietru, fil-31 ta' Marzu, Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej, tas-sena 1985, is-seba' sena tal-pontifikat.

*Joannes Paulus PP. II*

---

**Noti:**

I Piet 3,15.
2. Ara *Redemptor hominis*, 14.
3. Ara Rum 8,19.21; Ef 4,4; Fil 3,10s; Tit 3.7; Lh 7,19; I Piet 1,13.
4. I Piet 3,15.
5. Ara Mk 10,17-22; Mt 19,16-22; Lq 18,23.
6. Mk 10,17-19.
7. Mk 10,20s.
8. Mk 10,22.
9. Ara Lq 8, 49-56.
10. Ara Lq 7,11-17.
11. Apok 21,6.
12. Ġw 3,16.
13. I Ġw 4,8.16.
14. Ara 2 Tes 2,7.
15. Ġw 14,9.
16. Ara Lh 13,8.
17. Ara Ġen 1,26.
18. Ġw 3,19; ara 1,9.
19. Ġw 1,5.
20. Rum 6,9.
21. Lq 2,34.
22. Ġw 11,25.
23. Ġw 3,16.
24. I Kor 7,13.
25. Lh 9,27.
26. *ibid.*
27. Ġw 11,25s.
28. Ara Es 24,1; Dewt 9,10; 2 Kor 3,3.
29. Ara Dewt 4.5-9.
30. Mk 10,20.
31. Ara Mt 5-7.
32. Ara Mt 22,37-40; Mk 12,29-31; Lq 10,27.
33. Ara Rum 2,14.
34. Rum 2,15.
35. *ibid.*
36. Mk 10,19.
37. Lh 9,27.
38. Kol 3,14.

39. Ara I Kor 13.13.
40. Ara Mt 22,38.
41. "Il-liġi morali", igħid Konfuċju, "mhux bogħod minna. L-għaref ma tantx jiżbalja f'dak li għandu x'jaqsam mal-liġi morali, għax jimxi fuq dan il-prinċipju: tagħmilx lil ħaddieħor dak li ma tridx li ħaddieħor jagħmel lilek" (Tchung-Yung — *It-triq tan-nofs*, 13). L-għaref Ġappuniż Dengyo Daishi, jew Saicho li għex fis-snin 767-822 wara Kristu, iħeġġeġ biex nin-sew lilna nfusna, nagħmlu l-ġid lill-oħrajn għax hawn hu l-qofol tal-ħbiberija u tal-imħabba kollha ħniena (ara W. Th. de Barry, *Sources of Japanese Tradition*, New York 1958, vol. I paġ. 127). Kif ma niftakrux dak li kien igħid il-Mahatma Ghandi li kien jisħaq fuq il-"qawwa tal-verità" *Satyyagraha)*, li mingħajr vjolenza tirbaħ bil-qawwa dinamika tagħha, li tinsab f'kull ħidma ġusta?
42. Ara Rum 2,15.
43. Ara Ġw 1.8; ara wkoll *Nostra aetate* (dikjarazzjoni tal-Konċilju Vatikan II dwar ir-relazzjonijiet tal-Knisja mar-reliġjonijiet mhux insara).
44. Ġen 1,31.
45. Ara Ġw 2,35.
46. Ara Lq 22,61.
47. Ara Ef 1,4.
48. Mt 19,20.
49. I Kor 7,21.
50. Kol 3,1.
51. Rum 5,5.
52. Ara Mt 5,3-12.
53. Mt 19,21.
54. Ara Mk 10,21; Ġw 1,43; 21,23.
55. Art Mt 19,12.
56. Ara v.g. *Redemptionis donum.*
57. Mt 9,37.
58. Mt 9,37s.
59. Ara *Lumen gentium* 39-42.
60. Ara *Gaudium et Spes* 43-44.
61. *Lumen gentium* 1.
62. Ġw 4,10.
63. Mt 5,8.
64. Ara I Ġw 4,8.16.
65. Ara Ef 5,32.
66. Ara I Kor 13,2.4.5.6.7.
67. Ġen 2,24; ara Mt 19.5,
68. Es 20,12; Dewt 5,16; Mt 15,4.
69. Mt 25,14-30; Lq 19,12-26.
70. Ġen 3,19.
71. Ġw 8,32.
72. *Laborem exercens*, 9.
73. Ara Lq 21,19.
74. Messaġġ ta' Jum il-Paċi 1985, 3.
75. Lq 17,1s.
76. Lq 2,52.
77. Ara v.g. Salm 104(103), 19(18); Għerf 13,1-9; 7,15-20.
78. Prov. 4,5s.
79. Ara I Kor 9,24-27.
80. *Gaudium et Spes*, 24.
81. I Ġw 2,13s.
82. *Lumen gentium*, 1.
83. I Ġw 2,13s.
84. I Ġw 5,4.
85. Ara Santu Wistin, Stqarrijiet, 1,1.
86. *Gravissimum educationis*, 2.
87. Ara AAS (1966), 18.
88. Ġw 2,5.

# ITTRA TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II

## LIS-SAĊERDOTI KOLLHA

## GHALL-HAMIS IX-XIRKA 1985

Egħżież ħuti fis-saċerdozju,

1. Fil-Liturġija ta' Hamis ix-Xirka aħna ningħaqdu b'mod speċjali *ma' Kristu*, li hu l-għajn dejjem tfawwar tas-saċerdozju tagħna fil-Knisja. Hu waħdu hu l-*qassis* tas-sagrifiċċju tiegħu, kif hu huwa wkoll *il-vittma* m'hemmx bħalha tas-saċerdozju tiegħu fis-sagrifiċċju tal-Kalvarju.

Fl-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu ħalla lill-Knisja dan is-sagrifiċċju tiegħu bħala *Ewkaristija* — dan is-sagrifiċċju tal-Patt ġdid u għal dejjem; is-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm tiegħu taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid "skond l-ordni ta' Melkisedek"[1].

Meta qal lill-Appostli: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"[2], hu waqqaf *il-ministri ta' dan is-Sagrament* fil-Knisja; fiha tul iż-żminijiet kollha, is-sagrifiċċju li hu offra għas-salvazzjoni tad-dinja, irid ikompli, jiġġedded u jissaħħaħ; jordna lil dawn il-ministri tiegħu biex — bijqawwa tas-saċerdozju sagramentali tagħhom — huma jaġixxu minn floku: *in persona Christi.*

Dan kollu, ħuti egħżież, ġie mogħti lilna fil-Knisja permezz tas-suċċessjoni appostolika. Hamis ix-Xirka hu kull sena *jum it-twelid ta' l-Ewkaristija*, u huwa fl-istess ħin *jum it-twelid tas-saċerdozju tagħna*, saċerdozju li hu qabel kollox saċerdozju ministerjali u fl-istess ħin saċerdozju ġerarkiku. Hu saċerdozju ministerjali għaliex bis-setgħa ta' l-Ordni Sagri li rċevejna, aħna nagħmlu fil-Knisja dak il-qadi li biss il-qassis jista' jagħmlu, u l-ewwelnett *il-qadi ta' l-Ewkaristija.* Huwa wkoll saċerdozju ġerarkiku, għaliex b'dan il-qadi, aħna u naqdu, inkunu nistgħu mmexxu, bħala ragħajja, *il-komunitajiet* individwali tal-Poplu ta' Alla, f'xirka ma' l-isqfijiet, li wirtu mingħand l-Appostli s-setgħa u l-kariżma ta' ragħajja fil-Knisja.

2. F'dan il-jum solenni ta' Hamis ix-Xirka, ix-xirka tas-saċerdoti — il-presbiterat — ta' kull Knisja, ibda mill-Knisja ta' Ruma, *turi* b'mod speċjali *l-għaqda tagħha* fis-saċerdozju ta' Kristu. U f'dan il-jum jiena — mhux għall-ewwel darba u f'rabta kolleġġjali ma' ħuti fl-episkopat — inkellem lilkom li intom *ħuti u ħutna fis-saċerdozju ministerjali ta' Kristu*, kullimkien fid-dinja, f'kull nazzjon u poplu, f'kull ilsien u f'kull kultura. Kif ktibtilkom f'okkażjoni oħra, meta addattajt għal dik l-okkażjoni xi kliem magħruf ta' Santu Wistin, nerġa' llum ngħidilkom: *Vobis sum episcopus* u fl-istess ħin *vobiscum sum sacerdos*[3]. F'dan il-jum solenni ta' Hamis ix-Xirka, flimkien magħkom ilkoll, ħuti egħżież — bħal kull isqof fil-Knisja tiegħu — bl-umiltà kollha u b'ħajr liema bħalu, *jiena nerġa' nagħraf u nagħraf sewwa x'inhu verament dan id-Don*, li permezz tal-ordinazzjoni saċerdotali tagħna sar xortina, ix-xorti ta' kull wieħed minna fis-saċerdozju tal-Knisja Universali[4].

Dan il-ħajr umli tagħna għandu kull sena jhejjina aħjar biex *inkattru t-talent* li l-Mulej fdalna dak in-nhar li telaq, biex nistgħu nidħru quddiemu meta jerġa' jiġi, aħna li qalilna: "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja... *sejjaħtilkom ħbieb,* ...Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa' "[5].

3. Jiena u nfakkar dan il-kliem tal-Imgħallem tagħna, kliem li hu kollu kemm hu mimli *b'xewqat tajba* għall-jum it-twelid tas-saċerdozju tagħna, nixtieq, f'din l-ittra tiegħi ta' Ħamis ix-Xirka, nitkellem fuq ħaġa li bilfors niltaqgħu magħha fil-qadi tal-vokazzjoni saċerdotali tagħna u tal-missjoni appostolika tagħna.

Fuq din il-ħaġa nitkellem aktar fit-tul u aktar fil-fond fl-"Ittra liż-Żgħażagħ" li qiegħed nibgħat ma' dan il-messaġġ tiegħi ta' kull sena għall-Ħamis ix-Xirka. Din is-sena 1985, b'inizjattiva tal-Organizzazzjoni tal-Ġnus Magħquda, hi għaddinja kollha s-*Sena Internazzjonali* taż-Żgħażagħ. Deherli li din l-inizjattiva, fil-Knisja, ma għandhiex titħalla fil-ġenb, kif ma tħallewx fil-ġenb inizjattivi oħra sbieħ ta' sura internazzjonali, bħalma kienu s-Sena tal-Anzjani, jew is-Sena tal-Handikappati, u oħrajn. F' dawn l-inizjattivi kollha *l-Knisja ma tistax tibqa' fil-ġenb,* għaliex dawn l-inizjattivi huma fil-qalba tal-missjoni u l-qadi tagħha, li bħala għan għandha l-bini u l-*kobor* tal-komunità ta' dawk li jemmnu, kif tfisser tajjeb ħafna l-kostituzzjoni dommatika *Lumen gentium* tal-Konċilju Vatikan II. Dawn l-inizjattivi, kull waħda skond is-sura tagħha, twettaq il-fatt li l-Knisja hi stess preżenti f'nofs id-dinja tal-lum, ħaġa li l-aħħar Konċilju bit-tagħlim tiegħu wera ċar bil-kostituzzjoni pastorali *Gaudium et Spes.*

Għalhekk nixtieq li f'din l-ittra tiegħi ta' din is-sena għall-Ħamis ix-Xirka, nitkellem fuq xi ħsibijiet tiegħi dwar *iż-żgħażagħ fil-ħidma* pastorali tas-saċerdoti u fl-appostolat li hu proprju tal-vokazzjoni tagħna.

4. F'dan il-qasam ukoll *Ġesù Kristu hu l-mudell l-aktar perfett.* Insibu dejjem x'naħsbu dwar din il-ħaġa fid-*diskors li Ġesù kellu ma' żagħżugħ,* diskors li nsibuh fit-tlett Evanġelji sinottiċi[8]. Dan id-diskors, b'mod speċjali, insemmih fl-"Ittra liż-żgħażagħ" ta' din is-sena. Iżda ħaġa tajba li nimmeditaw dan id-diskors aħna u nqisu x'inhu *l-impenn saċerdotali u pastorali tagħna maż-żgħażagħ.* F'din il-ħaġa Kristu għandu jkun dejjem dak li jispirana l-ewwel u qabel kollox.

L-Evanġelju jurina li *ż-żagħżugħ seta' jersaq lejn Ġesù mingħajr ebda tfixkil.* Għal dan iż-żagħżugħ, l-Imgħallem ta' Nazaret kien wieħed li seta' jersaq lejh bil-fiduċja kollha: *wieħed li jista' jafda fih biex igħinu fil-problemi l-aktar essenzjali* tiegħu; wieħed li minn għandu jista' jkollu tweġiba vera. Dan kollu hu għalina wkoll sinjal ta' importanza kbira. Kull wieħed minna għandu jkun magħruf bħala wieħed li n-nies *jistgħu jersqu lejh* bħalma n-nies kienu jistgħu jersqu lejn Ġesù. Iż-żgħażagħ ma għandhomx isibu diffikultà li jersqu lejn saċerdot, u għandhom isibuh mif-

tuh għall-problemi li qegħdin jinkwietawhom, bniedem kollu tjieba magħhom, u lest dejjem biex jismagħhom. Ukoll jekk iż-żagħżugħ, minħabba l-karattru tiegħu, hu ftit mistħi jew magħluq fih innifsu, l-imġiba tas-saċerdot għandha tgħinu jegħleb dawk id-diffikultajiet li jiġuh mill-karattru tiegħu. Iżda mbagħad hemm ħafna modi kif wieħed jista' jagħti bidu u jkompli dawn il-kontatti li nistgħu nsejħulhom "id-djalogu tas-salvazzjoni". Dwar dan, is-saċerdoti li huma mpenjati f'ħidma pastorali fost iż-żgħażagħ, *huma stess* jistgħu jgħidulna ħafna, u għalhekk nixtieq biss nappella għall-esperjenza tagħhom. Haġa ċara li *l-esperjenza tal-Qaddisin* għandha importanza speċjali u nafu li fost is-saċerdoti, tul iż-żminijiet, qatt ma naqsu "ragħajja qaddisa taż-żgħażagħ".

Meta ngħidu li ż-żgħażagħ ma għandhom isibu *ebda tfixkil biex jersqu* lejn is-saċerdot, ma rridux infissru biss li *għandhom iħossuhom f'sikkithom,* fil-knisja u barra l-knisja, kull fejn iż-żgħażagħ iħossu ruħhom li qegħdin sewwa flimkien fl-okkażjonijiet sbieħ kollha ta' żogħżithom (fi ħsiebi għandi t-turiżmu, l-isport, u kull qasam ta' interess kulturali). L-eżempju li jagħtina Kristu ta' kif in-nies kienu jersqu lejh bla ebda xkiel, hu xi ħaġa wisq aktar minn hekk. Is-saċerdot, mhux biss bl-istħarriġ li ħa biex ikun ministru ta' Alla, imma wkoll bil-ħila li jkun kiseb permezz tax-xjenzi pedagoġiċi, imissu jqajjem fiduċja kbira fiż-żgħażagħ, u jwassalhom biex jafdaw fih fil-problemi l-aktar fondamentali tagħhom, dawk il-problemi li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja spiritwali tagħhom u problemi tal-kuxjenza. Iż-żagħżugħ li mar għand Ġesù ta' Nazaret staqsih mal-ewwel: 'Mgħallem tajjeb, x' għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"'[7]. Din il-mistoqsija tista' ssir b'ħafna modi, mhux kollha b'mod hekk ċar; spiss issir b' mod li qisha qegħda ssir mhux għal min qiegħed jagħmilha. Iżda l-mistoqsija li nsibu fl-Evanġelju turina, b'xi mod, *kemm hu kbir il-qasam* li fih irridu nġibu 'l quddiem id-djalogu pastorali tagħna maż-żgħażagħ. Il-problemi f'dan il-qasam huma ħafna u jista' jkun hemm ħafna mistoqsijiet u tweġibiet; għaliex il-ħajja tal-bniedem, u l-aktar fi żmien iż-żogħżija, hi mimlija problemi ta' kull xorta, u l-Evanġelju min-naħa l-oħra, huwa mimli *bit-tweġib li jista' jkun hemm.*

5. Is-saċerdot li qiegħed f'kuntatt maż-żgħażagħ *għandu jkun jaf kif jisma' u kif iwieġeb.* Dan irid ikun il-frott tal-kobor sħiħ tiegħu fil-ħajja tar-ruħ; dan il-kobor jidher f'qbil sħiħ bejn it-tagħlim u l-ħajja; u aktar u aktar irid ikun frott tat-talb, ta' għaqda ma' Kristu l-Mulej, ta' tweġib sħiħ għall-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Veru li stħarriġ xieraq f'din il-ħaġa jiswa ħafna, iżda l-aktar ħaġa importanti hu *s-sens tar-responsabbiltà dwar il-verità* u *lejn min qiegħed jistaqsik.* Il-kliem li nsibu fl-Evanġelji sinottiċi l-ewwelnett jurina li l-Imgħallem għaż-żagħżugħ li għamillu l-mistoqsija kien wieħed li kellu *kredibiltà u awtorità* speċjali: *awtorità morali.* Iż-żagħżugħ kien qiegħed jistenna mingħandu l-verità, u kien lest jaċċetta t-tweġiba bħala espressjoni ta' verità li ġġib magħha obbligu. Din il-verità tista'

titlob ħafna. U ma għandniex nibżgħu nitolbu ħafna liż-żgħażagħ. Jista' jiġri li xi ħadd jitlaq "qalbu sewda" meta ma jkollux jew ikollhiex il-ħila għal dak li jkun qiegħed jintalab. Iżda "qalb sewda" bħal din tista' tkun "ta' salvazzjoni". Xi kull tant iż-żgħażagħ *iridu jimxu 'l quddiem* permezz ta' esperjenzi ta' swied il-qalb bħal dan, biex bil-mod il-mod jaslu għall-verità u għal *dak il-hena* li tagħti l-verità.

Barra dan, iż-żgħażagħ jafu li l-veru ġid ma jinkisibx "b'irħis"; irid ikun "jiswa". Juru sura ta' istint tajjeb fejn hemm fin-nofs l-għażla ta' valuri. Sakemm ir-ruħ tażżagħżugħ għad ma tħassritx, *il-ġudizzju li jagħti jkun tajjeb*. Jekk fir-ruħ taż-żagħżugħ nibtet il-ħsara morali l-art trid titgħażaq millġdid, u dan ma jistax isir ħlief billi wieħed jagħti tweġib veru u juri liema huma l-valuri veri.

Fl-imġiba ta' Kristu hemm element wieħed li jfisser ħafna. Meta ż-żagħżugħ isejjaħ lil Kristu "Mgħallem tajjeb", *Ġesù b'xi mod* iqiegħed lilu nnifsu "fuq naħa", għaliex iwieġeb: "Hadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss"[8]. Din il-ħaġa, fil-kuntatti kollha tagħna mażżgħażagħ, milli jidher, għandha importanza speċjali. Irridu dejjem aktar *ninpenjaw ruħna personalment*, l-imġiba tagħna trid tkun kollha kemm hi naturali, dik ta' ħabib, ta' gwida; iżda fl-istess ħin ma għandna qatt, lanqas għal mument wieħed, *ngħattu lil Alla, billi nqiegħdu ruħna quddiemu*. Ma nistgħux ngħattu lil Dak li "huwa waħdu tajjeb", Dak li ma jidhirx imma fl-istess ħin hu dejjem preżenti: *"interior intimo meo"* kif igħid Santu Wistin[9]. "Jiena u nitkellem" b'mod l-aktar naturali, ma nista' qatt ninsa li "dak li qiegħed jitkellem" f'kull djalogu għas-salvazzjoni ma jistax ikun ħlief *dak li biss jista' jsalva u li biss jista' jqaddes*. Il-kuntatti tagħna kollha maż-żgħażagħ, il-ħidma pastorali tagħna fosthom, hi ta' liema sura hi — dik is-sura wkoll li minn barra tidher kollha kemm hi "sekulari" — iridu jservu biex, bl-umiltà kollha, noħolqu u *nagħmlu wesa' għal Alla*, għal Ġesù Kristu, għaliex "Missieri għadu jaħdem sa issa mela naħdem jien ukoll"[10].

6. Fir-rakkont ta' l-Evanġelju dwar il-laqgħa ta' Kristu mażżagħżugħ hemm espressjoni li għandna nagħmlu tagħna b'mod speċjali. L-Evanġelju jgħidilna li Ġesù "xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba"[11]. Dan hu l-mument l-aktar importanti. Jekk nistaqsu lil dawk issaċerdoti kollha ta' kull żmien, li għamlu ħafna maż-żgħar, bniet u subien — dawk li kisbu kotra ta' frott mill-ħidma tagħhom fost iżżgħar — għandna nintebħu li l-ewwel u l-aqwa mezz li kellhom biex irnexxiet il-ħidma tagħhom kienet "il-ħarsa kollha mħabba" ta' Kristu.

Irridu *nagħarfu sewwa din l-imħabba* f'qalbna bħala saċerdoti. M'hijiex ħlief l-imħabba "ta' għajrna": l-imħabba għal bniedem fi Kristu, imħabba għall-bnedmin kollha, għal kull bniedem. L-imħabba għaż-żgħażagħ *m'hijiex imħabba għalihom biss*, qiesu tħalli fil-ġenb l-imħabba għall-kbar, għax-xjuħ, għall-morda. Anzi, l-imħabba għaż-żgħażagħ ikollha sura tassew evanġelika biss jekk *tkun ġejja minn imħabba għal kull bnie-*

*dem u għal kulħadd.* Fl-istess ħin din l-imħabba jrid ikollha l-karattru speċifiku tagħha, u, biex ngħid hekk, il-karattru kariżmatiku tagħha. Dan il-karattru speċifiku jiġi mill-*ħerqa speċjali li wieħed ikollu li jara x'jiġifieri tkun żagħżugħ fil-ħajja tal-bniedem.* Iż-żgħażagħ żgur jiġbduk ħafna, minħabba żogħżithom, iżda xi kultant naraw fihom ukoll xi difetti u nuqqasijiet. Iż-żagħżugħ tal-Evanġelju, li miegħu Kristu tkellem, min-naħa jidher bħala *Israelita fidil* lejn il-kmandamenti ta' Alla, u min-naħa l-oħra jidher bħala bniedem *kondizzjonat* minn ġidu u qalbu marbuta żżejjed ma' kull ma għandu.

L-imħabba għaż-żgħażagħ — imħabba li jeħtieġ ikollu kull min hu edukatur onest u ragħaj tajjeb ta' l-erwieħ — tagħraf sewwa x' inhuma l-kwalitajiet tajba u x'inhuma d-difetti proprji taż-żogħżija u taż-żgħażagħ. Fl-istess ħin, din l-imħabba — bħall-imħabba ta' Kristu — tasal dritt għand iż-żagħżugħ *proprju permezz ta' dawn il-kwalitajiet tajba u ta' dawn id-difetti;* tasal għandu *f'mument mill-aktar importanti ta' ħajtu.* Hafna ħwejjeġ jiġu determinati u deċiżi f' dan il-mument tal-ħajja, xi kull tant ukoll b'mod li ma tistax terġa' lura minnhom. *Il-ġejjieni tal-bniedem* jiddependi ħafna minn dak li kienet żogħżitu: il-ġejjieni jiġifieri dak li se jkun verament il-bniedem fil-fatt. Iż-żogħżija għalhekk fil-ħajja ta' kull bniedem hija mument tar-responsabbiltà partikulari. L-imħabba għaż-żgħażagħ hi fuq kollox għarfien ta' din ir-responsabbiltà partikulari. L-imħabba għaż-żgħażagħ hi fuq kollox għarfien ta' din ir-responsabbiltà li twasslek *biex tkun lest tissieħeb fiha.*

Imħabba bħal din hi tassew ħielsa minn kull sura ta' egoiżmu; twassal biex iż-żgħażagħ jafdaw fik. U ż-żgħażagħ *jeħtieġuha ħafna* din l-imħabba f'dan il-mument ta' ħajjitkom li minnu għaddejjin. Kull wieħed minna s-saċerdoti għandna nkunu dejjem b'mod speċjali *lesti noffru din l-imħabba ħielsa minn kull sura ta' egoiżmu.* Nistgħu ngħidu li l-ħajja axxetika kollha tas-saċerdot, l-isforzi li jagħmel kuljum biex jitqaddes dejjem aktar, l-ispirtu tat-talb u tal-għaqda ma' Kristu, l-offerta tiegħu nnifsu lil Omm Kristu — dan kollu kuljum jiġi mgħoddi mill-prova f'din il-ħaġa. Iż-żgħażagħ dan iħossuh sewwa f'ħajjithom; xi kull tant il-kritika tagħhom tkun iebsa. Għalhekk hu importanti ħafna li l-formazzjoni intellettwali tas-saċerdot tkun tajba. Iżda fl-istess ħin l-esperjenza tgħidilna li huma wisq aktar importanti l-kwalitajiet tal-karattru u tal-qalb: is-saċerdot irid ikun *saċerdot tajjeb, dedikat, imma wkoll sod fid-deċiżjonijiet tiegħu.*

Jien nemmen, ħuti, li kull wieħed minna għandu bil-ħerqa kollha jitlob lill-Mulej Ġesù biex il-kuntatti tagħna maż-żgħażagħ iridu jkunu fuq kollox *sehem minn dik il-ħarsa kollha mħabba li biha l-Mulej ħares* lejn iż-żagħżugħ ta' l-Evanġelju li mar għandu jistaqsih, sehem f'din l-imħabba li biha ħabbu. Irridu nitolbu wkoll bil-ħeġġa kollha li l-imħabba tagħna bħala saċerdoti, imħabba nieqsa minn kull sura ta' egoiżmu, tkun dik l-imħabba li jkunu verament jistennew minna ż-żgħażagħ kollha, *ġuvintur u xebbiet, bniet u subien.* Għaliex aħna nafu x'għana hemm

għall-iżvilupp sħiħ ta' kull bniedem fih innifsu fil-fatt li l-bniedem hu raġel u mara. Irridu nitgħallmu minn Kristu dik l-imħabba li biha hu stess ħabb, ħalli b'din l-istess imħabba *aħna wkoll inħobbu kull żagħżagħ* jew żagħżugħa.

L-imħabba twassalna biex *nipproponu dak li hu tajjeb.* Ġesù xeħet ħarsa ta' mħabba fuq iż-żagħżugħ tal-Evanġelju, u qallu: "Ejja u imxi warajja"[12]. It-tajjeb li nistgħu nipproponu liż-żgħażagħ, ilġid kollu li nistgħu nħajruhom għalih għandna dejjem infissruh b' dawn il-kelmiet: "Imxu wara Kristu!" Ma għandniex ġid ieħor x' nipproponu; ħadd ma għandu ġid aqwa x'jipproponi. Meta ngħidu: "Imxu wara Kristu!" inkunu rridu ngħidu, qabel kollox, "Fittex li *tagħraf lilek innifsek bħala persuna.* Għaliex — kif igħallimna l-Konċilju — hu proprju Kristu li juri lill-bniedem x'inhu fih innifsu u jurih x'inhi d-dinjità l-aktar għolja tiegħu[13].

U għalhekk: Imxu wara Kristu. Dan ifisser: ippruvaw sibu x'inhi s-sejħa li Kristu jagħmel lill-bniedem: dik is-sejħa li biha l-bniedem ikun tassew bniedem u jilħaq *iddinjità* li hi biss tiegħu. Biss fiddawl ta' Kristu u tal-Evanġelju tiegħu nistgħu nifhmu sewwa x'ifisser li *l-bniedem ġie maħluq sura xbieha ta' Alla nnifsu.* Biss jekk nimxu warajh din ix-xbieha ta' dejjem tkun tassew *mimlija* ħajja. Hu hi ħajja ta' ħafna suriet: ħafna huma s-sejħat u d-dmirijiet tal-ħajja li għandhom quddiemhom iż-żgħażagħ biex jagħżlu *triqthom.* Iżda hi liema hi t-triq li jagħżlu s-sejħa fondamentali tagħhom hi waħda: kun bniedem! Kun bniedem b'mod nisrani. Kun bniedem *skond il-qies tad-don ta' Kristu*[14].

Jekk fil-qalb tagħna ta' saċerdoti tinsab l-imħabba għaż-żgħażagħ, inkunu nafu kif ngħinuhom isibu tweġiba għal dik li għandha tkun is-sejħa ta' kull wieħed u waħda minnhom. *Inkunu nafu ngħinuhom* waqt li nħalluhom għal kollox ħielsa li jfittxu u *jagħżlu,* u fl-istess ħin nuruhom il-valur essenzjali — fis-sens uman u nisrani — ta' kull *għażla* li jagħmlu.

Inkunu nafu kif *nibqgħu magħhom,* ma' kull żagħżugħ u ma' kull żagħżugħa, fil-provi u fit-tbatijiet kollha li minnhom iż-żgħażagħ mhumiex ħielsa. Iva, iż-żgħażagħ xi kull tant huma mġarrbin u mtaqqlin aktar milli għandu jkun. Hemm *tbatijiet u provi ta'* kull sura, *dispjaċiri u qtigħ il-qalb:* kull ħaġa hi vera *kriżi.* Iż-żgħażagħ dan iħossuh ħafna, u mhux dejjem lesti biex jifilħu għad-daqqiet li jiġuhom mill-ħajja. Illum *ħafna żgħażagħ huma bir-raġun kollu mħassbin ħafna minħabba t-theddida* li hemm għall-ħajja tal-bniedem fillivelli kollha tas-soċjetà, anzi għat-theddida li hemm għar-razza kollha tal-bnedmin. Jeħtieġu għajnuna f'dan it-tħassib tagħhom biex jagħarfu x'inhi sewwa l-vokazzjoni tagħhom. Jeħtieġu l-għajnuna u jeħtieġu li jissaħħu fix-xewqa tagħhom *li jbiddlu d-dinja,* li jagħmluha aktar *tixraq lil bniedem, aktar tkun dinja ta' aħwa.* U dan mhux kliem biss; hi t-"Triq" vera u sħiħa li Kristu jurina u li twassal għal dinja mfassla b'dan il-mod. Fl-Evanġelju din id-dinja tissejjaħ is-Saltna ta' Alla. *Is-Saltna ta' Alla* hi fl-istess ħin il-vera "saltna tal-bniedem"; id-dinja ġdida li fiha l-bniedem jikseb il-vera "saltna tiegħu."

L-imħabba kapaċi tippproponi l-ġid. Meta Kristu liż-żagħżugħ qallu: "Ejja u imxi warajja", fil-ġrajja tal-Evanġelju, Kristu sejjaħlu biex "iħalli kollox" u jimxi mit-triq li fiha kienu mexjin l-Appostli ta' Kristu. *Id-diskors ta' Kristu maż-żgħażagħ hu xbieha* ta' tant u tant diskorsi li bihom quddiem iż-żagħżugħ tinfetaħ it-triq li twassal *għas-saċerdozju jew il-ħajja reliġjuża*. Egħżież ħuti saċerdoti u ragħajja tal-erwieħ, jeħtiġilna nkunu nafu kif nagħarfu dawn il-vokazzjonijiet. Hu minnu li "l-ħsad kbir imma l-ħaddiema ftit". U f'xi postijiet, 'l hawn u 'l hemm, huma ftit ħafna. Nitolbu mela lil "Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu"[15]. *Ħa nitolbu* aħna, u ħa nistiednu oħrajn jitolbu għal dan il-għan. U fuq kollox ejjew infittxu li ħajjitna stess *tkun bil-fatti sinjal* li juri x'inhi l-vokazzjoni saċerdotali jew reliġjuża, tkun *mudell* fil-fatt ta' ħajja saċerdotali jew reliġjuża. Iż-żgħażagħ jeħtieġu mudelli bħal dawn biex jintebħu fihom infushom li huma wkoll jistgħu jgħixu ħajja bħal din. F'dan il-qasam *is-saċerdozju tagħna jista' jagħti frott* bil-kotra b'mod tassew tal-għaġeb. Ħabirku għal dan, u itolbu li d-Don li rċevejtu jkun il-bidu ta' Don bħalu għal ħadd ieħor, u proprju għaż-żgħażagħ!

8. Hemm ħafna aktar xi tgħid u tikteb fuq din il-ħaġa. L-edukazzjoni u l-kura pastorali taż-żgħażagħ jeħtieġu ħafna studju sistematiku u ħafna pubblikazzjonijiet. Jiena u niktbilkom f'Ħamis ix-Xirka, ħuti saċerdoti, *irrid biss insemmilkom xi punti*. Nixtieq, b'xi mod, insemmilkom wieħed mit-temi li nsibu fit-teżor bla qjies tal-vokazzjoni u tal-missjoni saċerdotali tagħna. Fuq dan it-tema nitkellem aktar fit-tul *fl-Ittra liż-Żgħażagħ* li qiegħed nibagħtilkom flimkien ma' din l-ittra tiegħi, biex tagħmlu użu minnha speċjalment f'din is-Sena taż-Żgħażagħ.

Fil-Liturġija ta' qabel il-Konċilju li s-saċerdoti xjuħ għadhom jiftakru l-Quddiesa kienet tibda bit-talb fit-taraġ ta' l-artal u l-ewwel kliem tas-Salm kien: *Introibo ad altare Dei, ad Deum qui laetificat iuventutem meam:* Nidħol ħdejn l-artal ta' Alla, ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi[16].

Nhar Ħamis ix-Xirka lkoll *nerġgħu lura għall-bidu tas-saċerdozju tagħna — fil-kamra ta' fuq.* Ejjew naħsbu kif is-saċerdozju tagħna twieled fil-Qalb ta' Ġesù fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli. Ejjew naħsbu wkoll kif twieled fil-qalb ta' kull wieħed minna.

F'dan il-jum, egħżież ħuti, ix-xewqa tiegħi għal kull wieħed minnkom — huwa x'inhu żmienkom u hi x'inhi l-ġenerazzjoni tagħkom — hi li d-"dħul tagħna ħdejn l-artal tal-Mulej" (kif igħid is-Salm) ikun l-għajn li mingħand Alla li tnixxi fina ż-żogħżija supernaturali ta' l-ispirtu. Iġagħalna nifirħu biż-żogħżija tal-misteru etern ta' Kristu. Bħala saċerdoti ta' dan il-misteru ta' salvazzjoni, aħna għandna sehem minn din il-għajn taż-żogħżija ta' Alla: din il-*ħajja ġdida* li ma tintemm qatt u li Kristu jfawwar fil-qlub tal-bnedmin.

Jalla din "il-ħajja ġdida" jsir għalina lkoll, u *permezz tagħna għall-oħrajn kollha*, u l-aktar għaż-*żgħażagħ*, għajn ta' ħajja u ta' qdusija. Inqiegħed dawn ix-xewqat tajba tiegħi fi ħdan dik li fuqha naħsbu aħna u nkantaw: *Ave ve-*

*rum Corpus, natum de Maria Virgine. Vere passum, immolatum in Cruce pro somine. Esto nobis praegustatum mortis in examine".*

Bl-imħabba kollha ta' qalbi u bil-barka pastorali tiegħi b'rahan ta' qawwa fil-ministeru tagħkom.

Mill-Vatikan, nhar il-31 ta' Marzu, Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej, fis-sena 1985, is-seba' sena tal-pontifikat tiegħi.

JOANNES PAULUS PP. II

*Noti*

1. Salm 110(109), 4; ara Lh 7,17.
2. Lq 22,19; ara I Kor 11,24ss.
3. *Vobis sum episcopus, vobiscum sum christianus*, Sermo 340, 1.
4. Ara Salm 16(15) 5: Dominus *pars* haereditatis meae et calicis mei.
5. Ġw 15,15s.
6. Ara Mt 19, 16-22; Mk 10, 17-22; Lq 18,18-23.
7. Mk 10,17.
8. Ara Mt 19,17; Mk 10,18; Lq 18,19.
9. S. Wistin, *Confessiones* III, vi, 11.
10. Ġw 5,17.
11. Mk 10,21.
12. Mt 19,21; Mk 10,21; Lq 18,22.
13. *Gaudium et Spes*, 22.
14. Ef 4,7.
15. Mt 9,37s.
16. Salm 43(42),4; ara S. Ambroġ, *Expositio Evang. sec. Lucam* VIII, 71; ara wkoll Konċilju ta' Trento sess. XXIII c. 1, *De institutione sacerdotis Novae Legis.*

## MESSAĠĠ TAL-QDUSIJA TIEGHU L-PAPA ĠWANN PAWLU II GHALL-JUM IL-VOKAZZJONIJIET 1985

Ħuti miqjuma fl-Episkopat, egħżież uliedi fid-dinja kollha.

1. It-XXII Jum Dinji ta' Talb għall-vokazzjonijiet, li din is-sena bħas-snin l-oħra, se jiġi fir-raba' Ħadd ta' l-Għid, huwa għalija, bħala Ragħaj tal-Knisja kollha, okkażjoni li ġġegħelni nħoss id-dmir li nħeġġeġ lill-imgħammdin kollha biex bit-talb u l-ħidma pastorali tagħhom iġibu 'l quddiem il-vokazzjonijiet għas-saċerdozju, il-vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata fissuriet kollha tagħha, u l-vokazzjonijiet għall-missjonijiet. Dan huwa problema vitali fil-qalb stess tal-Knisja: il-ġejjieni tal-Knisja, il-mixi 'l quddiem tagħha, il-missjoni tagħha għas-salvazzjoni ta' kulħadd jiddependu minn kif se nħollu dan il-problema.

Minn mindu l-Papa Pawlu VI waqqaf Jum il-Vokazzjonijiet, il-messaġġi tal-Papiet għal dan il-jum inkitbu għall-poplu kollu ta' Alla, iżda l-Papiet dejjem kellhom fi ħsiebhom iż-żgħażagħ f'kull messaġġ li kitbu. Dan, f'din is-sena, għandu tifsir akbar la l-Ġnus Magħquda ħabbru li din is-sena hija s-*Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ.*

Din hi inizjattiva li minnha l-Knisja ma tridx tibqa' lura. Anzi trid tagħti sehemha, sehem marbut mal-fidi u l-valuri nsara. Hemm maħsuba ħafna attivitajiet kemm fuq livell tal-Knisja Universali u kemm fuq livell tal-knejjes partikulari, u hemm ħsieb ukoll ta' ħafna attivitajiet oħra. Jien stess ġà stedint iż-żgħażagħ kollha tad-dinja biex jiġu Ruma f'Ħadd il-

Palm ħalli flimkien ixandru li "Kristu hu s-sliem tagħna".

Hi xewqa kbira tiegħi li din is-sena nersqu b'mod speċjali lejn iż-żgħażagħ biex inkellmuhom fuq il-vokazzjoni għal ħajja konsagrata lil Alla. Il-Jum tal-Vokazzjonijiet hu okkażjoni mill-aqwa biex nagħmlu din il-ħidma b'mod aqwa u b' aktar ħeġġa. Din hija x-xhieda speċjali li l-komunitajiet insara jistennew miż-żgħażagħ. U fid-dawl ta' dan, kelmti rridha tasal l-ewwel liż-żgħażagħ, imbagħad lil dawk kollha li huma responsabbli fl-oqsma tal-pastorali u ta' l-edukazzjoni.

2. *Ġuvintur, xebbiet, Kristu jħobbkom!* Din hi bxara tajba li ma jistax ikun li ma tgħaġġibkomx. Kliem ma jistax ikun għajr il-kliem tal-Evanġelju stess: Kristu f' imħabbtu għandu preferenza għalikom u jqanqalkom għall-imħabba.

Jien tkellimt magħkom f'ħafna triqat tad-dinja, u kullimkien sibt żgħażagħ għatxana għall-imħabba u għall-verità u mtaqqlin b'ħafna mistoqsijiet u problemi dwar x'tifsira għandhom jagħtu lil ħajjithom.

Hi ħasra għalikom li spiss tiltaqgħu ma' mexxejja u għalliema qarrieqa li jippruvaw ifaħħrukom, jabbużaw mill-ġenerożità tagħkom u jħajrukom ukoll għal attivitajiet li ma jġibulkomx ħlief imrar u dispjaċiri.

Issa nixtieq nistaqsikom jekk intqajtux ma' Dak li qal li hu waħdu l-"Imgħallem" veru (Mt 23.8). Tafu jew ma tafux li hu biss għandu "l-kliem tal-ħajja ta' dejjem" (Ġw 6,88)? Tafu jew ma tafux li hu biss għandu t-tweġiba l-aktar vera għall-problemi kollha tagħkom?

L-imħabba ta' Kristu hija l-aqwa qawwa fid-dinja kollha. Hi l-qawwa tagħkom. Sibtuha din il-ħaġa hekk ta' l-għaġeb? Meta xebba tiltaqa' ma' Kristu personalment u ssib imħabbtu, tafdah, tisma' kelmtu, tibda mixja warajh, lesta għal kollox, lesta tagħtih ħajjitha. Hekk ukoll il-ġuvni li jiltaqa' ma' Kristu.

3. *Ġuvintur, xebbiet, Kristu qiegħed isejħilkom!* It-triqat ta' l-imħabba huma ħafna, u għalhekk il-ħidmiet li jafdalkom ma humiex kollha l-istess.

Fil-ħajja nisranija kull min huwa mgħammed għandu "sejħa" mingħand il-Mulej, u kull sejħa hi importanti; kull sejħa rridu nilqgħuha u nwieġbu għaliha bil-ġenerożità kollha. Iżda l-Mulej Ġesù, meta waqqaf il-Knisja, ried li jkun hemm xi ministeri u fdahom lil dawk li hu minn rajh għażel minn fost id-dixxipli tiegħu.

Il-Feddej divin għalhekk irid li ħafna minnkom, wisq aktar milli forsi taħbsu, ikollhom sehem missaċerdozju ministerjali biex ikunu jistgħu jqassmu l-Ewkaristija lill-bnedmin, jaħfru d-dnubiet, u jmexxu l-komunità. Kristu qiegħed jafda fikom biex tkompli din il-missjoni hekk ta' l-għaġeb. Is-saċerdoti huma meħtieġa għad-dinja, għax Kristu huwa meħtieġ għad-dinja.

Il-Mulej Ġesù qiegħed igħid lil ħafna minnkom biex tħallu kollox u tmorru warajh, fil-faqar, fis-safa u fl-obbedjenza. Il-Mulej Ġesù lil ħafna żgħażagħ qiegħed igħamlilhom din is-sejħa misterjuża biex igħixu ħajja ta' verġinità, ħajja ta' ċelibat, f'imħabba għalih biss.

Forsi taħsbu li dawn is-sejħat huma għal ħaddieħor u mhux għalikom personalment? Forsi taraw-

hom tqal għax jitolbu sagrifiċċju u l-offerta wkoll ta' ħajjitkom?

Araw kemm wieġbu malajr l-Appostli. Araw x'kienet l-esperjenza ta' eluf ta' eluf ta' saċerdoti, djakni, reliġjużi, sorijiet, lajċi konsagrati, missjunarji, li bi qlubija kbira, quddiem id-dinja, taw xhieda ta' Kristu mejjet u rxoxt.

Araw b'liema ġenerożità eluf ta' eluf ta' żgħażagħ fis-seminarji finnovizzjati, u f'istituti oħra ta' formazzjoni, qegħdin iħejju ruħhom ħa jirċievu l-Ordni. Sagri, jew jagħmlu l-professjoni tal-kunsill evanġeliċi, jew jirċievu l-mandat missjunarju. Lil dawn iż-żgħażagħ kollha nħeġġiġhom u nistedinhom iwasslu lil żgħażagħ ta' mparhom l-ideali li huma qegħdin iħaddnu.

4. *Ġuvintur, xebbiet, Kristu qiegħed jibgħatkom!* "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu" (Mk 16.15). Dan il-kliem li l-Mulej Ġesù qalu qabel reġa' lura għand il-Missier, illum qiegħed igħidu lilkom. Wasalna dalwaqt għat-tielet elf sena mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, iżda għad fadal għadd bla qjies ta' bnedmin li għad ma rawx id-dawl tal-Evanġelju, u qegħdin igħixu f'qagħdiet serji ta' inġustizzja u miżerja.

Il-Mulej innifsu jurina x'differenza kbira hemm bejn il-ħtiġijiet kbar għas-salvazzjoni tad-dinja u n-numru mhux biżżejjed ta' dawk li qed jaħdmu b'dan il-għan. "Il-ħsad kbir, imma l-ħaddiema ftit" (Mt 9,37): hekk tkellem Ġesù huwa u jara quddiemu l-folol ta' kull żmien, għajjienin u mifnijin bħal ngħaġ bla ragħaj. Fil-vjaġġi tiegħi ma' kullimkien fid-dinja ntbaħt aktar kemm hu minnu dan il-kliem tal-Mulej.

Il-grazzja ta' Alla biss, li nitolbuha bit-talb tagħna, tista' ġġib fix-xejn din id-differenza. Se tibqgħu intom ma jimpurtakomx meta tisimgħu din l-għajta li ġejja mill-bnedmin kollha tad-dinja? Inħeġġiġkom biex titolbu u toffru lilkom infuskom lil Sid il-ħsad li qiegħed jistedinkom tmorru taħdmu fil-ħsad tiegħu (ara Mt 9,38).

Kunu minn ta' quddiem fost dawk kollha li huma lesti jħallu pajjiżkom għall-missjoni li tħaddan id-dinja kollha. Permezz tagħkom Kristu jrid jilħaq il-bnedmin kollha.

5. Il-messaġġ tiegħi issa hu għall-komunitajiet insara kollha, għax kulħadd hu responsabbli lejn iż-żgħażagħ. U b'mod speċjali nkellem lilkom, egħżież ħuti fl-episkopat, u lil dawk kollha li jaqsmu magħkom il-ħidma fl-oqsma tal-pastorali u tal-edukazzjoni: qassisin, reliġjużi, animaturi tal-vokazzjonijiet, ġenituri, katekisti, għalliema, edukaturi.

F'din is-sena dedikata liż-żgħażagħ ejjew naraw x'ifissru ż-żgħażagħ għall-Knisja

Ftakru li *meta tkunu taqdu ż-żgħażagħ tkunu taqdu 'l Kristu.* Din hi ħidma li tiġi qabel kull ħidma oħra, qabel kull impenn u kull interess ieħor: dawn iridu jkunu ndirizzati għaliha u jiddependu minnha.

Ħobbu ż-żgħar kif Kristu jħobbhom. Fittxu li tkunu tafuhom u li huma jsiru jafu lilkom. Morru fittxuhom intom għax spiss ma jiġux minn rajhom għandkom.

*Fuq kollox, kunu strumenti qalbiena tas-sejħat li Alla jagħmel liż-żgħażagħ.*

Il-ħajja pastorali taż-żgħażagħ

ma tkunx sħiħa jekk ma tkunx miftuħa wkoll għall-vokazzjonijiet ta' ħajja konsagrata. Jien għamilt enfasi kbira fuq dan fid-dokument li ħriġt f'egħluq it-tieni kungress internazzjonali għall-Vokazzjonijiet (ara n. 42). Nixtieq illum li niġbed l-attenzjoni tagħkom għalih.

Il-Knisja rċeviet mingħand Kristu d-dritt u d-dmir li ssejjaħ u tħajjar għall-vokazzjonijiet ta' ħajja konsagrata; dan ma jfissirx li l-Knisja qiegħda timponi kariżmi u ministeri fuq dawk li ma rċevewhomx mill-Ispirtu s-Santu; ifisser biss li l-Knisja tkun qiegħda turi x'inhi l-ħidma ta' Alla fil-qalb ta' tant żgħażagħ, ħidma li spiss hija maħnuqa miċ-ċirkostanzi li fihom jinsabu ż-żgħażagħ. Il-ġuvintur u x-xebbiet għandhom id-dritt u d-dmir li jkollhom għajnuna ħa jkunu jafu x'inhi s-sejħa ta' Alla għalihom, u jgħixuha.

Jalla, f'din is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ, naraw joktru l-isforzi għal dan il-għan. U fuq kollox jalla Jum il-Vokazzjonijiet ikun okkażjoni mill-aqwa ta' talb ħalli joktru dejjem aktar il-vokazzjonijiet.

6. F'xirka waħda maż-żgħażagħ kollha tad-dinja, nitolbu lil Sid il-ħsad biex joktru fil-għadd il-ħaddiema tal-Evanġelju, żguri li Alla jrid jisma' dak li l-Mulej Ġesù stess ordnalna nagħmlu:

"Missier Alla, inħallu f'idejk il-ġuvintur u x-xebbiet tad-dinja, bil-problemi tagħhom, bix-xewqat u t-tamiet tagħhom. Itfa' fuqhom ħarsa ta' mħabba u agħmilhom ħaddiema ta' sliem u bennejja taċ-ċiviltà tal-imħabba.

"Sejħilhom biex jimxu wara Ġesù, Ibnek. Għinhom jifhmu li hi ħaġa ta' siwi kbir li joffru ħajjithom għalik u għall-bnedmin kollha.

"Ilqa', Mulej, it-tifħir u t-talb tagħna wkoll għal dawk iż-żgħażagħ li bħal Marija, Omm il-Knisja, emmnu f'kelmtek u qegħdin iħejju ruħhom għall-Ordni Sagri, għall-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, għall-ħidma missjunarja. Għinhom jifhmu li s-sejħa li għamiltilhom hi sejħa tassew, hi sejħa li ma tistax tistenna aktar. Amen."

B'tama qawwija li l-Mulej mhux sejjer ma jismax it-talba tal-Knisja għall-vokazzjonijiet, nagħti l-barka appostolika tiegħi lil ħuti fl-Episkopat, lis-saċerdoti, lir-reliġjużi, rġiel u nisa, lill-poplu kollu ta' Alla u, b'mod speċjali, lill-ġuvintur u x-xebbiet kollha li, b'qalb kbira, wieġbu għas-sejħa tal-Mulej.

Mill-Vatikan, 25 ta' Jannar 1985

Joannes Paulus PP. II

## ITTRA TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II F'EBHLUQ L-ELF U MITT SENA MILL-MEWT TA' SAN METODJU

Egħżież uliedi, saċerdoti u reliġjużi taċ-Ċekoslovakkja,

Inġbartu fil-belt ċkejkna ta' Velahrad, ħdejn il-qabar ta' San Metodju flimkien ma' ħija, il-Kardinal Franġisk Tomasek, mal-amministratur appostoliku ta' Olomouc, Mons. Ġużepp Vrana u mal-isqfijiet l-oħra u s-superjuri tagħkom, biex bid-devozzjoni kollha tfakkru l-elf mitt sena tal-mewt tal-Appostlu kbir ta' ġensikom. Fis-6 ta' April tas-sena 885, wara ħajja mħeġġa u qalbiena, mogħtija kollha kemm hi għax-xandir ta' l-Evanġelju u għall-konversjoni ta' l-erwieħ, Metodju kiseb il-premju tas-sema u ġie midfun fejn tinsabu miġburin.

Fil-ħajja tiegħu, li nkitbet malli miet, naqraw: "Id-dixxipli tiegħu li hejjewh għad-difna, tawh il-ġieh li kien jistħoqqlu u ċċelebraw l-uffiċċju divin bil-Latin, il-Grieg u s-Slaviniku u difnuh fil-Katidral... Folla kbira ta' nies inġabret u akkompanjawh bix-xemgħa mixgħul f' idejhom, — irġiel u nisa, żgħar u kbar, għonja u fqar, nies ħielsa u lsiera, romol u ltiema, nies tal-pajjiż u barranin — ilkoll jibku bniedem li kien kollox għal kulħadd biex jirbaħ lil kulħadd" (I Kor 9,22) (*Vita Methodii* VIII, 11-13).

Dan il-kliem għalkemm xott, ma kienx hemm kliem aħjar u aktar iqanqal minnu. Għax San Metodju verament ta ħajtu kollha ħa jirbaħ l-erwieħ, billi sar kollox għal kulħadd; tant li l-poplu kollu — il-klassijiet kollha tas-soċjetà — talab u beka u hekk wera li kiseb tassew il-ħeġġa appostolika ta' San Metodju, u bil-qalb kollha mexa fuq il-passi tiegħu.

Għalkemm għaddew mijiet ta' snin mindu San Metodju temm il-ħidma tiegħu u miet, flimkien ma' San Ċirillu, il-filosofu ħuħ (li miet Ruma u ġie midfun fil-Bażilika ta' San Klement), għadu ħaj, bit-tagħlim u l-eżempju tiegħu. u l-aktar bit-talb tiegħu għalikom: l-ewwel għalikom is-saċerdoti u r-reliġjużi, u mbagħad għall-insara kollha taċ-Ċekoslovakkja.

Ma kienx jixraq u ma stajtux ma tfakkruhx; u jiena waqt li nifraħ b'din il-laqgħa tagħkom, laqgħa li trid tqawwi d-devozzjoni u l-formazzjoni tagħkom, u twassal għattmiem tagħhom l-inizjattivi li ħadtu, ma jistax ikun li ma nħeġġiġkomx u nħajjarkom kif għamlu l-Papiet ta' qabli: il-Papa Ljun XIII bl-enċiklika *Grande munus* tat-30 ta' Settembru 1880, li biha ried li l-qima lil San Ċirillu u lil San Metodju tingħatalhom fil-Knisja kollha; il-Papa Beneditt XV bl-ittra *Saepe nobis* tat-30 ta' Novembru 1921 lill-isqfijiet taċ-Ċekoslovakkja; il-Papa Piju XI bl-ittra *Quod-Sanctum Cyrillum* tat-13 ta' Frar 1927, fl-okkażjoni tal-elf u mitt sena mit-twelid ta' San Ċirillu; il-Papa Ġwanni XXIII bl-ittra appostolika *Magnifici eventus* tal-11 ta' Mejju 1963, egħluq il-ħdax-il mitt sena mill-miġja ta' San Ċirillu u San Metodju fil-Moravja; il-Papa Pawlu VI bl-ittra appostolika *Antiquae nobilitatis* tat-2 ta' Frar 1969,

egħluq il-ħdax-il mitt sena mill-mewt ta' San Ċirillu; il-Papa Pawlu VI mill-ġdid fl-omelija li għamel fil-bażilika ta' San Pietru fl-14 ta' Frar 1969, waqt il-Quddiesa solenni, fl-okkażjoni tal-pellegrinaġġ għal Ruma tal-Kardinal Beran u ta' l-isqfijiet Ċekoslovakki.

2. Veru li ftit nafu dwar il-ħajja ta' San Metodju, qabel beda l-missjoni tiegħu fil-Moravja l-Kbira. Nafu żgur li twieled f'Salonika fis-sena 812, minn familja nisranija ta' fidi kbira, u wara xi żmien fiċ-ċivil, beda jgħix il-ħajja ta' raħeb, warrab fuq l-għolja ta' Olimpu, li tinsab fil-Bitinja, u ħa l-isem ta' Metodju. Għax kien umli u mistħi, u kollu mogħti għall-kontemplazzjoni tal-ħwejjeġ tas-sema, ma kien qatt se jħalli s-solitudni tal-muntanja Olimpu, kieku ma ntebaħx li rieda ta' Alla għaliħ kienet li, flimkien ma' ħuh Ċirillu, imur ixandar l-Evanġelju. Għalhekk missena 860, issieħeb ma' ħuh, f'missjoni politiku-reliġjuża, fil-Krimea; minn hemm flimkien ma' ħuh, fl-863, mar fil-Moravja, fuq talba tal-prinċep Boleslaw li kien talab lill-imperatur Mikiel III jibagħtlu f'pajjiżu żewġ missjunarji biex igħallmu l-ġnus tiegħu bl-ilsien slav l-Evanġelju u l-veritajiet l-oħra tal-fidi. Kulħadd jafha l-ġrajja ta' dawn iż-żewġt aħwa li marru jaqdu l-missjoni tagħhom, u ħadu magħhom l-Evanġelju fl-ilsien salv, u r-relikwi tal-Papa Klement I li fit-tieni seklu ġie eżiljat fil-Krimea mill-imperatur Trajan. Magħhom ingħaqdu għadd ta' żgħażagħ Slavi, li kienu ġà jafu sewwa l-Iskrittura; madankollu hu magħruf sewwa li kienu huma li fasslu l-alfabet slav (li hu kitba 'glagolitika'), adatt għan-natural tal-ġnus slavi, u adatt ukoll biex l-Evanġelju kollu u l-kotba liturġiċi, għaċ-ċelebrazzjoni xierqa tal-Liturġija, jinqalbu bl-ilsien slav b'mod li jiftiehem minn kulħadd.

Wara, minħabba raġunijiet politiċi, marru fil-Pannonja, imsejħin mill-prinċep Slav ta' dawk in-naħiet, Kocel, biex ixandru l-Evanġelju lil dak il-poplu. Iżda x'ġara? Ġew mixlija b'ereżija u Ċirillu u Metodju kellhom imorru Ruma biex quddiem il-Papa jeħilsu mill-akkuża li saritilhom. F'Ruma waslu fi żmien il-festi tal-Milied tas-sena 867 u ħadu magħhom ir-relikwi tal-Papa San Klement. Ġew milqugħin b'ġieh kbar mill-Papa Adrijan II, li wara li semagħhom u qies kliemhom, approva l-ħidma kollha tagħhom u kull ma kienu għamlu dwar l-ilsien slaviku. Dak iż-żmien, fl-14 ta' Frar tas-sena 869, miet Kostantinu, li kien ilu marid, imma qabel ma nfired mill-knisja maħbuba tiegħu, ried jagħmel il-professjoni ta' raħeb u ħa l-isem ta' Ċirillu, u, ried jafda l-missjoni tiegħu f'idejn ħuh, Metodju; qallu għalhekk: "Ara, ħi, konna sħab, u għaddejna bil-moħriet mill-istess raddiet, u jien issa waqajt f'nofs l-għalqa u l-jum tiegħi wasal għat-tmiem. Int tħobb ħafna l-għolja tiegħek, imma minħabba din għolja tieqafx ixxandar it-tagħlim. B'liema mod aqwa tista' ssalva?" *(Vita Methodii,* VII, 2-3).

Metodju qagħad għar-rieda ta' ħuh bil-ħeġġa kollha, reġa' lura fil-Pannonja, biex hemm iwaqqaf il-Knisja skond ix-xewqat tal-Papa Adrijan, li wara kkonsagrah isqof u tah is-setgħa fuq l-artijiet kollha li fihom xandar l-Evanġelju. Iżda Metodju reġa' ġarrab ħafna perse-

kuzzjonijiet u ġie mixli dwar ħafna ħwejjeġ, għadda ġuri u ġie eżiljat mill-imperatur Ludovik. Iżda ftit wara ġie meħlus b'ordni tal-Papa, reġa' lura fil-Pannonja u mar joqgħod f'Velehrad. Mixli mill-ġdid b'ereżija, kellu jerġa' jmur Ruma, imma l-Papa Ġwann VIII, wara li semgħu, wettaqlu l-ħidma missjunarja kollha tiegħu, u wettaqlu wkoll in-nomina ta' isqof tal-Moravja l-Kbira. Metodju kien bniedem tassew ta' l-għaġeb: għalkemm imġarrab ħafna, minħabba raġunijiet politiċi u reliġjużi, qatt ma qata' qalbu, jew naqqas il-ħidma tiegħu li jxandar l-Evanġelju, jew dgħajjef il-ħeġġa appostolika jew dgħajjef il-ħeġġa appostolika tiegħu, fost il-popli fdati lilu, jew tilef il-fiduċja kbira tiegħu fil-providenza ta' Alla, għax kien żgur li fost it-tiġrib, kbir u aħrax tal-ħajja tal-bniedem, il-Kelma ta' Alla, li hi l-verità u s-salvazzjoni, tibqa' għal dejjem.

Dak li fl-antik kiteb ħajtu, wara li jsemmi l-Imħallfin, il-Profeti, l-Appostli u l-Martri, u nies oħra kbar u ta' ġieħ, żied igħid: "Wara dawn kollha, Alla ħanin, li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħarfu l-verità (I Tim 2,4), fiż-żmienna, għall-ġid tal-poplu tagħna, li ħadd qatt ma ħa ħsiebu, għogħbu jqajjem l-għalliem tagħna, San Metodju, u ma nistħux inqabblu l-virtujiet u t-taqbid tiegħu, wieħed wieħed ma' dawk tan-nies kollha li għogħbu lil Alla *(Vita Methodii* II,1). U żied igħid ukoll: li kien juri li kellu "l-biża' ta' Alla, kien iħares il-kmandamenti, igħakkes lil ġismu, jitlob u jitqaddes u kien ta' kliem iebes u ħelu, iebes ma' l-egħdewwa, ħelu ma' dawk li kienu jilqgħu twissijietu; kien sever imma kien dħuli wkoll, kien juri ħniena, imħabba, sabar u qawwa" *(ibid* II, 1-3).

Il-Papa Adrijan II ukoll, fl-ittra li bagħat lill-prinċpijiet Ratislaw, Sviatopluk u Kocel, igħid li Metodju kien bniedem perfett kemm fl-intelliġenza u kemm fil-fidi *(ibid.* VIII,11). Dan il-kliem, miktub b' serjetà liema bħalha, mhux biss iqanqalna, imma wkoll iħajjarna naħsbu fuq dan l-eżempju hekk sabiħ, biex nissaħħu fir-ruħ u b'aktar ħeġġa naqdu l-ministeru tagħna.

Jogħġobni ħafna wkoll li f'din l-okkażjoni hekk solenni ntenni d-diskors li kont għamilt Ruma dwar San Ċirillu u San Metodju: Il-ħidma tagħhom ma kenitx biss f'pajjiż wieħed, għar-reliġjon biss, iżda mill-fidi f'Alla għarfu joħorġu prinċipji li jgħoddu għall-ħajja ta' kuljum ta' kull bniedem, ta' kull familja, u tas-soċjetà kollha kemm hi; biex f'kull qasam ta' ħidma, kull klassi tal-bnedmin, kull ma jagħmlu, jibdewh f'Alla u fih itemmuh; u hekk bnew fuq pedament sod soċjetà ġdida, ġustizzja ġdida, paċi ġdida. Ma bezgħux mill-fatt li kien jeħtiġilhom jiġġieldu u jbatu ħafna ħa jħarsu dawn il-prinċipji, għax Alla kien il-qawwa tagħhom, kien il-għan tagħhom, kien dak li jwettaqhom. Kemm ġie mixli, kemm ġie mkasbar San Metodju għax kien dejjem fidil għall-missjoni fdata lilu, missjoni li kien iqis bħala r-rieda ta' Alla għalih u ordni mogħti lilu minn ħuh, huwa u jmut" *(Osservatore Romano*, 9-10 Novembru 1981).

3. Dak li kiteb il-ħajja ta' San Metodju jgħidilna wkoll: "Fil-ħafna vjaġġi tiegħu kien igħaddi minn

ħafna perikoli ġejjin mix-xitan: ħallelin f'artijiet bla nies, maltempati fuq il-baħar, imwiet b'disgrazzja fix-xmajjar" *(ibid* XIV, 1); iżda f'dan it-tiġrib kollu, ħsiebu kien ikun biss f'Alla, 'il bogħod minn kull taħwid *(ibid* XV,1). U hekk fost ħafna taħbit kbir "temm il-ġirja tiegħu, baqa' sħiħ fil-fidi, jistenna l-kuruna tal-ġustizzja" *(ibid.* XVII,1). Tant li l-aħħar jum ta' ħajtu kien jum ta' ferħ għalih, għaliex stħoqqlu jisma' kliem l-Imgħallem Divin igħidlu dak il-kliem kollu faraġ: "Sewwa, qaddej tajjeb u fidil, int kont fidil fil-ftit u jien se nafdalek ħafna: idħol fil-hena ta' sidek" (Mt 25,23).

Jeħtieġ li t-tifkira ta' San Metodju li qegħdin nagħmlu, tkun għalikom is-saċerdoti u r-reliġjużi taċ-Ċekoslovakkja u għall-Knisja kollha okkażjoni li tqanqalna ħa ngħożżu d-dinjità tagħna ta' saċerdoti li aħna, u wkoll ħa ngħixu bil-ħerqa kollha ħajja li tixraq lil min iħabbar l-Evanġelju, li għalih, aħna, bħal San Metodju, ġejna msejħa biex inxandru.

a) Dwar dan, l-ewwel ħaġa li San Metodju jgħallimna hu li għandna nkunu dejjem lesti nilqgħu bil-kuraġġ kollu kull ma jista' jiġrilna, u, bl-umiltà kollha, nistennew iseħħ l-misteru tal-Provvidenza ta' Alla. San Metodju sab ruħu f'nofs il-ġrajjiet li ma ħalaqx hu u li fl-aħħar għelbuh, f'nofs ġrajjet li ma setax jintebaħ bihom, ġrajjiet maħluqin minn setgħat ċivili u soċjali, mir-regħba tal-bnedmin, u minn mibgħeda minħabba r-reliġjon. Dan il-bniedem ta' Alla ġarrab ħafna deni u mrar, imma qatt ma tħawwad, lanqas ħalla l-qtigħ il-qalb jegħilbu. Il-bnedmin qatt ma jistgħu jaslu biex jagħarfu l-vera raġuni ta' dak li jiġri fil-ġrajja tal-bniedem. Iżda aktar milli tifhem dan, jeħtieġ tħobb. Biss fid-dawl tal-ħajja ta' dejjem nistgħu naslu biex nifhmu r-rabta' li jkun hemm bejn il-ġrajjiet tad-dinja u l-ħajja ta' kull bniedem. Issa huwa ż-żmien li nħobbu: jiġifieri, iż-żmien li bla heda nistaqsu: "X'irid minni Alla l-għoli b'dan li qed jiġri?" Jeħtieġ iżda l-mixi lejn din is-saltna jseħħ f'kull żmien tal-ġrajja tal-bniedem, jiġifieri jseħħ f'din id-dinja u fil-ġrajja tal-bniedem. U biex dan il-mixi lejn is-saltna jkun bir-riżq, mhux biżżejjed li d-dixxipli tal-Mulej jitolbu, imma jridu wkoll jitħabtu u jaħdmu bla heda għal dan (J. Baritain, *Pour une philosophie de l'histoire*, IV, vi 9).

b) It-tieni twissija ta' San Metodju tolqot lilkom is-saċerdoti u r-reliġjużi wieħed wieħed. Kif nafu minn ħajtu, hu kien bniedem tassew magħruf kemm għall-qdusija u kemm għall-kultura tiegħu fit-teoloġija, fl-Iskrittura u fil-liġi tal-Knisja; din il-kultura tiegħu flimkien mal-qawwa tar-rieda tiegħu u l-karattru kollu ħlewwa li kellu, wasslu biex il-ħidma tiegħu dejjem tirnexxi. Xejn ma hu biżżejjed għall-formazzjoni tas-saċerdoti, l-aktar illum, f'dawn iż-żminijiet, jiġifieri li aħna bla biża' nxandru u nagħtu xhieda għall-Evanġelju, ukoll jekk iż-żminijiet tal-lum jagħmlu dan ħaġa iebsa ħafna għalina — u għalhekk ta' min ifaħħarha ħafna. Għax kif igħid San Pawl: "Alla ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skond il-provvidenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom" (Rum 8,28). Jispiċċaw il-bnedmin, jinbidlu ż-żminijiet; iżda xejn ma

jista' jifridna mill-imħabba ta' Kristu, minn dik l-imħabba għal ħutna f'ġieh Kristu. Għalhekk ma għandna qatt naqtgħu qalbna, żguri li dak li Alla jrid fil-providenza tiegħu se jseħħ permezz ta' dak li jiġri fil-ġrajja tal-bniedem. "Meta l-insara jgħidu kuljum il-*Missierna*" — jikteb Jacques Maritain, filosofu kbir — "huma jkunu jixtiequ jistennew il-miġja tas-saltna ta' Alla flimkien mal-qawmien mill-imwiet, 'l hemm mill-ġrajja kollha tad-dinja. Iżda jridu wkoll, jixtiequ li hawn, f'din id-dinja, jiġifieri fil-ġrajja tal-bniedem, ilkoll flimkien nimxu lejn is-saltna ta' Alla. Fi kliem ieħor is-saltna ta' Alla fil-perfezzjoni u l-milja kollha tagħha sseħħ biss fit-tmiem iż-żminijiet iebsin, f'dawn iż-żminijiet li jistennew ħafna minna. Għalhekk bil-ħerqa kollha nitlob lill-Feddej divin u lill-Missier: "Ikkonsagrahom permezz tal-verità, il-kelma tiegħek hi l-verità" (Ġw 17,17). Tqanqalna l-ħerqa li wrew San Ċirillu u San Metodju biex jagħtu edukazzjoni tassew soda u tajba lid-dixxipli tagħhom (ara *Vita Cyrill* XV, 1.18.19; XVIII, 6; *Vita Methodi* V. 13; VI, 14). Din il-ħeġġa tagħhom bla mistrieħ u tassew tal-għaġeb kienet ħierġa mill-qawwa spiritwali tagħhom, mill-fehma għolja li kellhom tal-qdusija meħtieġa għall-appostolat tagħhom u mill-imħabba għas-salib ta' Kristu: dan kollu għenhom biex jadattaw il-ħidma tagħhom skond kif kien ikun meħtieġ u jistabru b'kull tfixkil.

Kienu żminijiet koroh għal San Ċirillu u San Metodju. Kulħadd jaf bil-ġrajjiet ta' niket li seħħu bejn il-Papa Nikola II u Fozju, u l-akkużi kbar ta' ereżija li saru kontra San Metodju. Iżda dawn l-irġiel qaddisa, imwettqin bl-imħabba ta' Kristu u l-fedeltà lejn il-Knisja, baqgħu mexjin mit-triq li qabdu, mingħajr ma xlew lil ħadd jew jipprotestaw kontra xi ħadd. Dan l-eżempju tagħhom lilna jdawwalna u jfarraġna. Għaliex il-qawwa kollha tagħna tinsab fil-"vokazzjoni" u l-"missjoni" tagħna. Hu Alla li għażilna u bagħatna. "Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa' " (Ġw 15,15-16).

Jiena u nfakkar lil San Metodju, nixtieq ngħidilkom dak li għidt lill-kleru ta' Ruma fil-bidu tal-pontifikat tiegħi, diskors li tennejtu kemm-il darba kull fejn mort fil-pellegrinaġġi appostoliċi tiegħi. "Għandna nħobbu s-saċerdozju tagħna mill-fond ta' qalbna bħala sagrament soċjali kbir, bħala l-qofol tal-ħajja u tal-vokazzjoni tagħnat, anzi bħala l-pedament tad-dinjità tagħna bħala nsara u bħala bnedmin. Is-saċerdozju sagramentali jew ministerjali jitlob fidi mill-aqwa, jitlob impenn sħiħ mill-fakultajiet kollha tar-ruħ u l-ġisem, jitlob li nħossu sewwa l-kobor tal-vokazzjoni tagħna, bħala xi ħaġa tassew ma hemmx ħaġa oħra bħalha. Jeħtieġ li lkoll għarkobbtejna nroddu ħajr lil Kristu ta' dan id-don tal-vokazzjoni" (10 Novembru 1978).

c) Jeħtieġ ukoll li San Metodju jgħallimna kif nagħarfu sewwa x'inhuma dmirijietna. "Nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin" (Mt 4,19) qal Ġesù lill-Appostli u hekk wera x'inhu d-dmir kbir u għal dejjem tal-Knisja kollha u ta' kull saċerdot; u San Pawl igħid: "Ħażin għalija jekk ma xandarx l-Evanġelju"

(I Kor 9,16). "Intom il-melħ ta' l-art, imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma?... Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba, anqas jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-modd, imma fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar" (Mt 5, 12-15).

Dan il-kliem tal-Mulej għandu jkun għalina u għall-ministri kollha ta' Alla regola ta' mġiba kif kien għal San Metodju u għandu wkoll joħloq u jqawwi f'kull wieħed minna, għarfien sħiħ ta' x' inhuma dmirijietna. Is-saċerdot għandu jitħeġġeġ biex bid-dawl tiegħu jdawwal l-insara ta' kull belt, ta' kull nazzjon, tad-dinja kollha, u jnissel f'kulħadd it-tifsir veru tal-ħajja: dak it-tifsir ta' ħajja li jġiegħel lil kull wieħed, f' għażliet kollha tiegħu, iqis il-ħwejjeġ li jibqgħu għal dejjem.

L-għarfien ta' dan id-dmir jitlob li s-saċerdoti u r-reliġjużi kollha jaraw il-ħtieġa kbira li jkunu, dwar duttrina u dixxiplina, f'għaqda sħiħa mal-Knisja, li Kristu ried u li waqqaf, jiġifieri għaqda mas-suċċessur ta' San Pietru u ma' l-isqfijiet magħqudin miegħu. Biex iħarsu din l-għaqda San Ċirillu u San Metodju batew ħafna! U huma u jagħarfu s-setgħa sħiħa tal-isqof ta' Ruma fil-Knisja, baqgħu fidili lejn il-Papa, tant li l-Papa Ġwanni VIII seta' jikteb lill-prinċep Sviatopluk dwar il-fidi sinċiera ta' San Metodju: "Hu stqarr din il-fidi u qal li jgħallem u jlissen skond it-tagħlim ta' l-Evanġelju u ta' l-Appostli, skond ma tgħallem il-Knisja u wasslulna Missirijietna" (Ittra Appostolika *Industriae nostrae* tas-sena 880).

Hu kien jaf sewwa l-kliem li Kristu qal lill-Appostli fl-Aħħar Ikla tiegħu magħhom: "Nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda, kif int fija, Missier, u jiena fik... biex isiru ħaġa waħda għal kollox" (Ġw 17, 20-23).

4. Il-bnedmin ta' kull żmien u ta' kullimkien jeħtieġu dawl u salvazzjoni; u fost it-taħbit tal-ħajja u l-qtigħ il-qalb li jġibu ġrajjiet ġodda, jitħabtu ħa jsibu l-verità. Din it-tifkira li qed nagħmlu ta' San Metodju, f'dan iż-żmien hekk ikrah, għalkemm żmien ukoll tal-għaġeb minħabba l-progress kbir li sar fit-teknika u fix-xjenzi, għandha tkun għalikom is-saċerdoti u r-reliġjużi kollha, irġiel u nisa, taċ-Ċekoslovakkja, tifkira li tqanqalkom sewwa ħa tiksbu l-qdusija, biex tkunu tistgħu tgħinu n-nies tal-lum, li qishom jolfqu, qegħdin ifittxu, jistennew u jitolbu f'isem Kristu l-ħidma tagħkom kollha mħabba.

Imqanqal mill-eżempju ta' San Ċirillu u San Metodju, bl-ittra appostolika *Egregiae virtutis* tal-31 ta' Diċembru 1980, għażilthom patruni ta' l-Ewropa flimkien ma' San Benedittu. Imbagħad xtaqt li minn qalbi l-Ewropa kollha terġa' lura għal dik il-fehma tad-dinjità nisranija tal-bniedem li dawn il-qaddisin kbar ta' l-ewwel elf sena għallmu u waqqfu (*Osservatore Romano*, 21-3-1981). L-istess ħaġa ngħidilkom illum f'din l-okkażjoni; għaliex pajjiżkom, l-Ewropa, u d-dinja kollha għandhom għatx għall-verità u għas-salvazzjoni u qed jitolbuha lill-Knisja Kattolika, mingħand is-saċerdoti u r-reliġjużi, bħala nies ikkonsagrati għall-kawża ta' Kristu u ta' l-erwieħ. Huma jeħtieġu dawn il-veritajiet, dan il-faraġ tas-sema. Ma nqar-

rqux bihom. Il-Verġni Marija li intom tħobbu u tqimu b'tjieba liema bħalha, iddawwalkom, tnebbaħkom, tgħinkom u tfarraġkom.

"U int, mexxej qaddis u meqjum tagħna, mis-sema, fit-talb tiegħek, ftakar fina li tant nixtiquk; eħles minn kull periklu lid-dixxipli tiegħek, u xandar id-duttrina vera biex teħodha kontra l-ereżiji, ħalli aħna, il-merħla tiegħek, ngħixu skond is-sejħa li biha konna msejħin (Sf 4,1) f'din id-dinja, ħa naslu għandek, u fil-lemin ta' Kristu Alla tagħna niksbu mingħandu l-ħajja ta' dejjem. Lilu glorja u ġieħ (*ibid.* XVII, 14).

Fl-aħħarnett minn qalbi nagħtikom il-barka appostolika tiegħi, barka li hi għall-insara kollha taċ-Ċekoslovakkja.

Mill-Vatikan 19 ta' Marzu 1985, fis-seba' sena tal-Pontifikat.

## CONGREGATIO PRO CULTU DIVINO

Prot. n. 570/85

### Decretum

Universale Dei propositum humani generis salutem perficiendi multimodis necnon nobis absconditis viis ad effectum adducitur, ita ut quod semel pro omnibus patratum fuit, in universis decursu temporum statutisque momentis mirabiliter suum finem consequatur (cf. Conc. Vat. II, Decretum *Ad Gentes*, 3).

Spiritus Sanctus vero, qui omnes homines per semina Verbi praedicationemque Evangelii ad Christum vocat et in cordibus eorum fidei obsequium suscitat, gentes congregat in unum Populum Dei, qui est "genus electum, regale sacerdotium, gens sancta, populus ad acquisitionem" (1 Pt 2, 9; cf. *Ad Gentes*, 15).

Ecclesia autem non vere fundata est, non plene vivit, nec perfectum Christi signum est inter homines, nisi cum hierarchia laicatus veri nominis exstet ac laboret (*ibidem*, 21).

Quae omnia recognosci possunt in evangelizatione gentis Coreanae, apud quam ineunte saeculo XVII, quorundam laicorum zelo, primum fides christiana est ingressa. Casu quidem unico in ipsa Ecclesiae historia eveniente, antequam anno 1784 primus coreanus baptizatus a civitate Pechinensi in patriam revertisset, iam catholica fides in quibusdam communitatibus Coreae florescere visa est. Sed tum ab initio christifideles illius regionis immanes passi sunt persecutiones, quae ultra saeculum perdurantes innumeros Ecclesiae martyres dederunt.

Fortis ac fervens communitas christiana quinquaginta fere annos a principio sine pastoribus fere tantum a laicis ducta atque fota est usque ad annum 1836, quo vertente primi missionarii a Gallia venientes furtim in regionem intraverunt. Ex hac communitate, in persecutionibus annorum 1839, 1846, 1866 et 1867 centum tres martyres exorti sunt, inter quos

eminent primus presbyter et ardens pastor animarum Andreas KIM Taegon et insignis apostolus laicus Paulus CHONG Hasang. Omnes autem isti, Christi athletae, inter quos sunt Episcopi, sacerdotes et praevalenter laici, viri ac mulieres, matrimonio iuncti vel non, senes, iuvenes et pueri, supplicio affecti pretioso martyrum sanguine copiosa Coreanae Ecclesiae primordia consecrarunt.

In Beatorum numerum antea relatos, Summus Pontifex Ioannes Paulus II, die 6 maii 1984, durante peregrinatione apostolica ab eo per Coream facta, inter Missarum sollemnia, eosdem Beatos martyres catalogo Sanctorum adscripsit.

Cum vero martyres aliosque Sanctos, momentum universale prae se ferentes (cf. Conc. Vat. II, Constitutio Apostolica *Sacrosanctum Concilium*, 111), atque Christi mirabilia in servis eius Ecclesia extollat eorumque exempla imitanda cunctis praebeat fidelibus per liturgicas memorias, Calendario Romano generali inscriptas, quibus ipsos per anni circulum recolit ac celebrat, opportunum visum est numero Sanctorum, qui in diversis continentibus Evangelii praeconio ac sanguine suo Ecclesiam aedificarunt vel illustrarunt, et illos adiungere, qui in Coreana regione catholicae religionis exordia glorioso martyrio consecrarunt, unam Christi in mundo familiam congregantes.

Instante quidem Episcoporum Coetu Coreano, litteris die 8 aprilis 1984 datis, ut celebratio Sanctorum martyrum Coreae Calendario Romano generali inscriberetur, Summus Pontifex IOANNES PAULUS II eandem, celebrationem in Calendarium Romanum inseri decrevit, statuens ut memoria Sanctorum martyrum Coreae quotannis die *20 septembris* gradu *memoriae obligatoriae* ab omnibus peragatur.

Nova igitur memoria cunctis *Ordinibus* pro Missae et Liturgiae Horarum celebratione erit inscribenda atque eius indicatio ponetur in libris liturgicis cura Conferentiarum Episcoporum in posterum edendis.

Contrariis quibuslibet minime obstantibus.

Ex aedibus Congregationis pro Cultu Divino, die 12 martii 1985.

† Augustinus Mayer, o.s.b.
Archiep. tit. Satrianensis
Pro-Praefectus

† Vergilius Noè
Archiep. tit. Voncariensis
a Secretis

Is-suppliment għas-Sagramentarju Malti u għall-Brevjar jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Liturġija, il-Kurja (prezz 5c kull supplement).

## MESSAĠĠ TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II
## GHAD-DSATAX-IL JUM DINJI TAL-KOMUNIKAZZJONIJIET
### Il-Hadd 19 ta' Mejju 1985

Egħżież ħuti fi Kristu,
irġiel u nisa li għandkom għal qalbkom id-dinjità tal-bniedem, u l-aktar intom iż-żgħażagħ taddinja kollha li tridu tiktbu paġna ġdida tal-istorja għas-sena 2000!

1. Il-Knisja qiegħda thejji ruħha, bħalma thejji ruħha kull sena, biex tiċċelebra Jum il-Komunikazzjonijiet Soċjali. Hi okkażjoni ta' talb u ta' ħsieb, okkażjoni li fiha l-komunità kollha tal-Knisja hi msejħa biex tħabbar u tagħti xhieda tal-Evanġelju (Mt 16,15), li fiha għandha tħoss ruħha impenjata, biex il-'mass media', bil-għajnuna tal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, jagħtu tassew sehemhom ħalli "jseħħu l-ġustizzja, is-sliem, il-ħelsien u l-progress tal-bniedem" (*Populorum progressio*, 100).

It-tema ta' din is-sena — "Il-komunikazzjoni soċjali għall-promozzjoni nisranija taż-żgħażagħ" — ittenni l-inizjattiva tal-Ġnus Magħquda, li s-sena 1985 ħabbruha bħala s-"Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ". Il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali, li "kapaċi jwessgħu b'mod ta' l-għaġeb l-oqsma li fihom tista' tinstema' l-Kelma ta' Alla" (*Evangelii nuntiandi*, 45), jistgħu jgħinu ħafna biex iż-żgħażagħ jirrealizzaw is-sejħa personali tagħhom bħala bnedmin u bħala nsara, b'għażla ħielsa u b'sens ta' responsabbiltà, u hekk ihejju ruħhom biex ikunu l-bennejja tas-soċjetà ta' għada.

2. Il-Knisja, flimkien mal-Konċilju Vatikan II — u din is-sena hi l-għoxrin sena mill-egħluq tiegħu — u bit-tagħlim ta' wara l-Konċilju, għarfet b'mod ċar sewwa l-importanza kbira tal-'mass media' għall-iżvilupp tal-persuna tal-bniedem: u dan kemm minħabba t-tagħrif, l-edukazzjoni u t-tħarriġ li jagħtu, u kemm minħabba l-għajnuna li jagħtu l-kultura ħa tilħaq il-kobor sħiħ tagħha, u kemm għax jimlew il-ħin tal-mistrieħ u tar-rikreazzjoni. Iżda l-Knisja tfakkar ukoll li l-'mass media' huma *mezzi* għall-qadi tal-bnedmin u għall-ġid ta' kulħadd: huma mezzi, mhux għan.

Id-dinja tal-komunikazzjonijiet soċjali qiegħda tiżviluppa b'mod li jistordik tant hu komplikat, qiegħda tiżviluppa b'mod li ma nistgħux naraw sa fejn se tasal (illum qegħdin nitkellmu dwar żmien *teknotroniku*, biex infissru r-relazzjonijiet kbar li hemm illum bejn it-teknoloġija u l-elettronika); f'din id-dinja hekk komplikata mhux ftit huma l-problemi li niltaqgħu magħhom, problemi ġejjin mill-iżvilupp *ta' ordni ġdid fid-dinja* dwar informazzjoni u komunikazzjoni, flimkien mal-proġetti dwar l-użu tas-satelliti u l-ħakma tal-ispazju.

Qed nitkellem dwar taqliba li mhux biss tfisser bdil fis-sistemi u fit-teknika tal-komunikazzjoni, imma taqliba li tħaddan l-oqsma kollha kulturali, soċjali u spiritwali tal-persuna tal-bniedem. Għalhekk ma tistax timxi biss skond in-normi proprji tagħha, imma l-kriterji tagħha trid teħodhom mill-verità dwar il-bniedem u l-għan ewlieni tiegħu, il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla.

Kull bniedem għandu *d-dritt għall-informazzjoni* u għalhekk kull informazzjoni f'dak li tgħid, għandha tkun taqbel dejjem mal-verità, u għandha tkun sħiħa, għax hekk jitolbu l-ġustizzja u l-imħabba. U aktar u aktar il-komunikazzjoni għandha taqbel mal-verità, meta tingħata liż-żgħażagħ, li qegħdin jibdew iduqu l-esperjenzi tal-ħajja. F'din il-ħaġa, l-informazzjoni fuq kollox ma tistax tkun indifferenti għal dawk il-valuri li jolqtu l-ħajja tal-bniedem fl-egħruq tagħha, valuri bħalma huma l-primat tal-ħajja sa mill-ewwel mument tat-tnissil fil-ġuf, id-dimensjoni morali u spiritwali tal-bniedem, il-paċi u l-ġustizzja. L-informazzjoni ma tistax tibqa' indifferenti quddiem problemi u qagħdiet li huma ta' ħsara, fuq livell nazzjonali u internazzjonali, għall-istruttura kollha tas-soċjetà, bħalma huma l-gwerer, it-tkasbir tad-drittijiet tal-bniedem, il-faqar, il-vjolenza, id-drogi.

3. F'kull żmien id-destin tal-bniedem seħħ f'konfront mal-verità, fl-għażla li l-bniedem, bil-qawwa tal-libertà li tah Alla li ħalqu, jagħmel bejn it-tajjeb u l-ħażin, bejn id-dawl u d-dlam. Iżda hi ħaġa li tolqtok u tweġġa' tara llum tant bnedmin *ma jistgħux jagħmlu* b'mod tassew ħieles l-għażliet tagħhom: maħqumin minn gvernijiet awtoritarji, maħnuqin minn sistemi ideoloġiċi, strumentalizzati minn xjenza u teknika totalitarja, u kkondizzjonati mill-mekkaniżmu ta' soċjetà li dejjem aktar qed twassal biex ittellef lill-bniedem il-personalità tiegħu.

Il-libertà hi l-aqwa sfida li l-komunikazzjonijiet soċjali għandhom quddiemhom, sfida biex jikksbu awtonomija biżżejjed proprju f'dawk l-oqsma li fihom bħalissa l-komunikazzjonijiet soċjali jridu joqogħdu għaċ-ċensura ta' gvernijiet totalitarji, jew għar-rieda ta' gruppi kulturali, ekonomiċi u politiċi li għandhom qawwa kbira u jistgħu jagħmlu pressjoni kbira.

Il-'mass media', *bħala mezzi ta' għaqda u ta' progress*, iridu jegħlbu kull xkiel ideoloġiku u politiku, f'mixja lejn is-sliem mal-familja kollha tal-bnedmin, huma u jgħinu biex il-bnedmin kollha jingħaqdu dejjem aktar flimkien u jaqbżu aktar għal xulxin bħal aħwa, il-bnedmin kollha, kemm dawk tal-lvant u dawk tal-punent, u kemm dawk tat-tramuntana u dawk ta' nofs in-nhar tad-dinja. Bħala mezzi ta' edukazzjoni u ta' kultura l-'mass media' jridu jagħtu sehemhom għat-tiġdid tas-soċjetà, u b' mod speċjali, għall-iżvilupp tażżgħażagħ, billi igħinuhom jikkonċentraw ħsibijiethom fuq dak li huma mistennijin jagħmlu malli naslu biex nidħlu fit-tielet elf sena wara Kristu. B'dan il-għan quddiemhom, il-'mass media' imisshom juru liż-żgħażagħ orizzonti ġodda, billi jħarġuhom ħa jkollhom sens ta' responsabbiltà, ta' onestà, ta' rispett għal min hu ikbar minnhom, ta' sens ta' ġustizzja, ta' ħbiberija, ta' mħabba għall-istudju, ta' mħabba għax-xogħol.

4. Dawn il-ħsibijiet juruna b'mod ċar ħafna x'qawwa għandhom għall-ġid il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Imma fl-istess ħin iġagħluna naħsbu wkoll xi theddida kbira għas-soċjetà jistgħu jkunu jekk jiġu wżati biex isaħħu s-setgħa u l-interessi ta' xi whud, jew

jekk jintużaw biex igħawġu l-verità u biex ikasbru d-dinjità tal-bniedem, jew il-libertà tiegħu; jew jekk jintużaw — u din hi l-agħar ħaġa —kontra min hu dgħajjef u ma għandu lil ħadd jaqbeż għalih.

Il-ġurnal, il-ktieb, id-diska, il-film, ir-radju, it-TV b'mod speċjali u l-'computer' dejjem aktar sofistikat: dawn kollha huma mezzi importanti ħafna, forsi huma l-mezz waħdieni, li permezz tiegħu ż-żagħżugħ qed jiġi f'kuntatt mad-dinja li fiha qiegħed igħix kuljum. Iż-żgħażagħ qegħdin ifittxu dejjem aktar il-'mass media', jew għax il-lum għandhom ħin aktar għalihom, jew għaliex il-ħajja mgħaġġla żżejjed tal-lum iġġagħalhom ifittxu aktar okkażjonijiet ħa jaħarbu minnha f'attivitajiet ta' rikreazzjoni. Imbagħad meta l-ġenituri t-tnejn mhumiex id-dar għax kemm l-omm u kemm il-missier jaħdmu barra mid-dar, jiġri li jonqos il-kontroll tradizzjonali fl-użu tal-'mass media'.

Iż-żgħażagħ huma l-ewwel nies li jużaw il-'mass media', imma huma wkoll dawk li l-aktar jiġu milquta mill-ħafna u ħafna tagħrif u mill-għadd bla qjies ta' stampi dejjem deħlin fid-dar permezz tal-'mass media'. Barra dan, wieħed ma jistax ma jagħtix każ tal-perikklu ta' ċertu tagħrif mogħti fil-ħin li ż-żgħażagħ ikunu l-aktar qegħdin jisimgħu u/jew jaraw, tagħrif mogħti fir-reklami li qegħdin isiru dejjem aktar aggressivi u bla ražan, jew mogħti fi programmi li jagħtu x'tifhem li l-ħajja tal-bnedmin titmexxa biss mil-liġijiet tassess u tal-vjolenza.

U l-kelma 'videodipendenza' daħlet sewwa llum biex tfisser l-influwenza dejjem tikber tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, bil-qawwa li għandhom fuq iż-żgħażagħ, għax iħajruhom u għax huma ħaġa ġdida. Jeħtieġ nistudjaw sewwa dan il-fenomenu, biex naraw sewwa x'inhuma l-effetti tiegħu fuq dawk li għadhom mhux kapaċi jagħmlu għażliet sewwa. Din mhijiex problema biss li bil-'mass media' qiegħed jonqos il-ħin li jmissu jingħata kuljum għall-attivitajiet kulturali u intellettwali oħra; il-problema hu wkoll dwar l-effetti li l-'mass media' għandhom fuq il-psikoloġija, il-kultura u l-imġiba taż-żgħażagħ.

L-edukazzjoni mogħtija minn dawk li tradizzjonalment huma l-għalliema, l-aktar il-ġenituri, kienet tinkiseb permezz ta' relazzjonijiet personali bejn min igħallem u min jitgħallem, relazzjonijiet li kienu joħolqu djalogu tassew; il-lum it-tendenza hi li l-edukazzjoni tiġi min-naħa waħda. Flok kultura mibnija fuq valuri, fuq tagħrif mill-aħjar, dieħla *kultura ta' mument*, kultura li tħajjar biex wieħed jeħles minn kull irbit għal żmien twil, kultura hekk qawwija li twassal biex wieħed jaħrab li jagħmel għażliet personali u ħielsa. Flok edukazzjoni li twassal biex tkabbar is-sens tar-responsabbiltà, kemm fl-individwu u kemm fil-komunità, qed tidħol kultura li twassal biex wieħed jaċċetta passivament drawwiet u ħtiġijiet ta' materjaliżmu li, waqt li jħajjar għall-konsumiżmu, jiżvojta l-kuxjenza tal-bniedem. L-immaġinazzjoni, li hi l-kwalità proprja ta' żmien it-tfulija, il-kreatività taż-żgħażagħ, u l-ġenerożità kollha tagħhom, jiġu fix-xejn għax jinxtorbu mill-istampi dejjem ġejjin u li wieħed jara bla ebda sforz min-naħa tiegħu, u

jdarruh l-għażż li jġib fix-xejn kull ħajra u kull xewqa tiegħu u joħonqu fih kull ħsieb li jidħol għal xi ħidma ġdida jew għal xi proġett ġdid.

5. Din hi qagħda, li jekk ma rriduhiex tinxterid aktar, dawk li jaħdmu fil-'mass media' għandhom jaħsbu fuqha sewwa u bis-serjetà kollha. Dmirhom hu li jgħollu l-qagħda tal-bniedem u dan id-dmir jitlob ħafna minnhom: mill-użu li jagħmlu tat-talenti u tal-esperjenzi tagħhom jiddependi ħafna l-istħarriġ u l-edukazzjoni ta' dawk li għada jridu jtejbu s-soċjetà tagħna, imfaqqra fil-valuri umani u spiritwali tagħha u mhedda bil-qerda tagħha nfisha.

Il-ġenituri u l-għalliema għandhom dmir aktar iebes. Ix-xhieda li jagħtu, imwettqa minn imġiba kulturali u morali konsistenti, tista' tkun l-aqwa edukazzjoni, l-aqwa u l-aħjar tagħlim li jista' jingħata liż-żgħar. Id-djalogu, l-għażla f'waqtha, il-viġilanza, huma l-kondizzjonijiet meħtieġa biex iż-żgħażagħ jitgħallmu jużaw b'mod responsabbli l-"mass media", u biex tiġi fixxejn kull influwenza ħażina li jistgħu jiksbu minnhom.

Is-Sena Internazzjonali taż-Żgħażagħ, f'din il-ħaġa wkoll għandha x'tistenna *mid-dinja tal-kbar*. Hu dmir kulħadd li jgħin liż-żgħażagħ jidħlu fis-soċjetà bħala ċittadini responsabbli, bħala nies ta' l-affari tagħhom, bħala nies li jafu x'inhi d-dinjità tagħhom.

6. Hu hawn li d-19-il Jum Dinji tal-Komunikazzjoni Soċjali, jikseb it-tifsir sħiħ tiegħu. Is-suġġett jidħol fil-qalba tal-missjoni tal-Knisja, għax il-Knisja trid twassal issalvazzjoni lill-bnedmin kollha, billi xxandar l-Evanġelju "minn fuq il-bjut" (Mt 10,27; Lq 12,3). Il-mezzi ta 'komunikazzjonijiet soċjali llum joffrulha ħafna possibilitajiet kbar, u f'dan il-Knisja tara l-ħidma ta' Alla li joħloq u jifdi, ħidma li l-bniedem irid ikompli. Dawn il-mezzi għalhekk jistgħu jkunu mezzi mill-aqwa biex ixandru l-Evanġelju, għall-promozzjoni taż-żgħażagħ bħala bnedmin u bħala nsara, kemm jekk għad iridu jiġu evanġelizzati, kemm jekk iridu jgħixu aktar fil-fond it-twemmin tagħhom.

Dan jitlob:

— ħidma edukattiva kbira fil-familja, fl-iskola, fil-parroċċa, permezz tal-katekiżmu, biex iż-żgħar jiġu mgħallmin jagħmlu użu xieraq u dixxiplinat mill-'mass media' u jitgħallmu jagħarblu sewwa, fid-dawl tal-fidi, dak li jaraw, jisimgħu u jaqraw (*Inter mirifica* 10,16; *Communio et Progressio* 67-70, 107);

— stħarriġ prattiku u teoretiku, tajjeb u speċifiku, fis-seminarji, fl-għaqdiet tal-appostolat tal-lajċi, fil-movimenti ekklesjali — speċjalment fil-movimenti taż-żgħażagħ, mhux biss biex wieħed ikun jaf sewwa x'inhuma dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, imma wkoll biex jagħraf x'qawwa għandhom ħa jsaħħu d-djalogu ta' mħabba u jqawwu r-rabta ta' l-għaqda (*Communio et Progressio*, 108, 110, 115-117);

— il-preżenza attiva tal-insara fl-oqsma kollha tal-komunikazzjoni soċjali, preżenza li turi qbil mat-tagħlim tal-Knisja, preżenza li mhux biss biex biha jgħinu bl-esperjenzi kulturali u professjonali tagħhom, imma wkoll biex jagħtu xhieda tal-fidi tagħhom (ibid 103);

— l-impenn tal-komunità nisranija kollha biex, meta jkun hemm bżonn, tikkundanna programmi u varjetà li jheddu l-ġid morali taż-żgħar, tinsisti għad-dritt li jkollha aktar tagħrif veru dwar il-Knisja, u titlob li jkun hemm programmi verament ispirati mill-veri valuri tal-ħajja (*Inter mirifica* 14);

— it-tħabbira tal-Bxara ta' l-Evanġelju fis-sħuħija kollha tiegħu: biex it-tagħlim tal-Evanġelju ma jiġix mgħawweġ, jew imnaqqas, jew mogħti apposta dehra soċjo-politika biss; fuq l-eżempju ta' Kristu, *dak li għaraf jikkomunika b'mod l-aktar perfett*, l-Evanġelju għandu jiġi adattat għall-mentalità taż-żgħar, imwassal lilhom bil-mod kif jitkellmu huma, u skond il-qagħda tagħhom (*Catechesi tradendae* 35, 39, 40).

Nixtieq issa, fit-tmiem dan il-messaġġ tiegħi, inkellem b'mod speċjali liż-żgħażagħ: liż-żgħażagħ li ġà ltaqgħu ma' Kristu, lil dawk li ġew Ruma fil-bidu tal-Ġimgħa l-Kbira, f'għaqda spiritwali ma' eluf u għaxriet ta' eluf ta' mparhom biex ixandru mal-Papa li "Kristu hu l-paċi tagħna"; imma wkoll liż-żgħażagħ li b'mod imħawwad, b' ħafna qtigħ il-qalb, b'ħafna żbalji u inċertezzi, jixtiequ jiltaqgħu ma' Ġesù "li jsejħulu l-Messija" (Mt 1,16) biex jagħtu tifsir u skop lil ħajjithom.

Egħżież żgħażagħ! Sa issa kellimt id-dinja tal-kbar. Imma fil-fatt, dan il-messaġġ hu l-aktar għalikom. L-importanza u t-tifsira ewlenija tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jiddependu fl-aħħar mill-aħħar mill-mod kif jużahom bniedem ħieles. Jiddependi minnkom għalhekk, jiddependi minn kif tużawhom, mill-użu kritiku li tagħmlu tagħhom, jekk dawn il-mezzi se jservu għall-formazzjoni tagħkom bħala bnedmin u bħala nsara, jew, għall-kuntrarju, se jintużaw kontrikom biex joħonqulkom il-libertà tagħkom, u jmewtu fikom il-ħerqa li tgħixu skond il-verità.

Jiddependi minnkom, għax intom tridu tibnu s-soċjetà ta' għada, soċjetà li fiha se joktor it-tagħrif u jiżdiedu l-komunikazzjonijiet u hekk se jkattru s-suriet tal-għaqda tal-bnedmin bejniethom, u l-iżvilupp teknoloġiku se jipprova jfarrak il-ħitan li jifirdu minn xulxin bnedmin u nazzjonijiet; minnkom jiddependi jekk din is-soċjetà ġdida tkun familja waħda ta' bnedmin, familja li fiha bnedmin u ġnus jgħixu flimkien u jgħinu lil xulxin, integrati għal kollox bejniethom, jew is-soċjetà ta' għada tkun soċjetà fejn il-ġlied u l-firdiet tad-dinja tallum aktar jiħraxu.

Fi kliem l-Appostlu San Pietru, intennilkom ix-xewqa li wrejtkom fl-ittra liż-żgħażagħ kollha tad-dinja: jalla tkunu tistgħu tagħtu dejjem "tweġiba lil kull min jitlobkom il-għaliex tat-tama li għandkom" (I Piet 3,15).

Iva, intom, intom stess, għax minnkom jiddependi l-ġejjieni, minnkom jiddependu s-snin li fadal minn dawn l-elf sena li waslu biex jintemmu, u s-sura tal-elf sena li ġejjin. Għalhekk, tibqgħux lura; idħlu għar-responsabbiltajiet tagħkom fl-oqsma kollha li għandkom quddiemkom fid-dinja.

Egħżież żgħażagħ, l-istedina li qed nagħmlilkom għall-impenn, għar-responsabbiltà hi l-ewwelnett stedina biex tfittxu l-verità, għax "il-verità teħliskom" (Ġw 8,32) u l-verità hi Kristu (ara Ġw 14,6). U għalhekk l-istedina tiegħi

hi stedina biex tqiegħdu l-verità ta' Kristu fil-qofol ta' ħajjitkom, biex tagħtu xhieda għal din il-verità fil-ħajja tagħkom ta' kuljum fl-għażliet deċisivi li tagħmlu, biex tgħinu l-bnedmin kollha jimxu fit-triq tal-paċi u l-ġustizzja.

B'dawn il-ħsibijiet nagħti lil kulħadd il-barka appostolika tiegħi jien u nitlob li tkunu mdawlin missema.

Mill-Vatikan, il-15 ta' April, 1985, is-seba' sena tal-Pontifikat.

Joannes Paulus PP. II

**Bi thejjija għas-Sinodu tal-1987**

**Kwestjonarju mibgħut mis-Segreterija tas-Sinodu**

## IL-VOKAZZJONI U L-MISSJONI TAL-LAJĊI FIL-KNISJA U FID-DINJA GHOXRIN SENA WARA L-KONĊILJU VATIKAN II

1. Kif fehmet u kif ħaddmet il-Knisja Maltija t-tagħlim tal-Konċilju dwar il-post u d-dmir tal-lajċi fil-Knisja? Kif fehmuh u ħaddmuh l-istess lajċi? Xi inizjattivi saru fil-fatt biex dan iseħħ?

2. Fil-Knisja Maltija xi frott ħareġ minn dan it-tagħlim u x'inhuma l-problemi ġodda li l-lajċi sabu quddiemhom biex jaqdu l-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom?

3. Fil-pjan ta' Alla l-Knisja kollha hi "sagrament ta' salvazzjoni": il-Knisja Maltija dan fehmietu b' mod li għarfet il-ħtieġa tal-missjoni pastorali tal-lajċi, missjoni li ma jistgħux jagħmluha ħlief il-lajċi, biss, jew fehmietu mod ieħor, għal xi raġuni jew oħra skond il-mument u ċ-ċirkostanzi li jkun hemm?

4. Il-Knisja Maltija lill-Poplu ta' Alla f'Malta wrietu x'inhu l-lajk fil-ħsieb tal-Konċilju, jew il-ħsieb tal-Konċilju ġie mibdul b'mod sostanzjali fis-snin ta' wara l-Konċilju?

5. Il-fehma li l-lajċi huma wkoll il-Knisja u għandhom sehem fil-missjoni tagħha għas-salvazzjoni tad-dinja, żviluppat ruħha fil-gruppi, il-movimenti u l-għaqdiet tal-lajċi, jew xterdet fost il-lajċi kollha, b'mod li din il-fehma m'hijiex il-fehma ta' xi "elite" imma hija l-fehma tal-poplu kollu?

6. Il-fehma li fil-Knisja ħafna huma l-ministeri imma waħda hi l-missjoni għenet lis-saċerdoti u lil-lajċi biex ikun hemm relazzjonijiet familjari bejniethom, dawk ir-relazzjonijiet li fuqhom jitkellem il-Konċilju?

II

1. L-insara Maltin iħossu tassew li l-Magħmudija u l-Griżma huma l-pedament u jagħtu l-ħila u l-qawwa kollha għat-tisħib ta' kulħadd u ta' kull wieħed fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja.

2. L-insara Maltin jifhmu u jgħixu bil-ħsieb u fil-ħajja tagħhom

is-saċerdozju tal-fidili u s-saċerdozju ministerjali, bejn il-missjoni tal-fidili u l-missjoni tas-saċerdoti?

3. L-insara Maltin b'liema mod jifhmu u jgħixu l-karattru "proprju u partikulari" tal-lajċi fid-dinja huma u jaqdu l-missjoni tal-Knisja għas-salvazzjoni tad-dinja? Liema huma l-problemi pastorali li jinħolqu mis-suriet ta' ħajja li jgħikuljum fid-dinja d-differenza bejn xu l-lajċi nsara b'riferenza għar-relazzjoni tal-Knisja mad-dinja?

4. Xi problemi qed joħolqu l-ministeri (v.g. dak ta' lettur) fdati lil-lajċi? għaliex qed jinqalgħu dawn il-problemi?

III

1. Liema huma l-oqsma tal-ħajja tal-bniedem tal-lum f'pajjiżna, li jitolbu minnufih l-impenn ta' l-apostolat tal-lajċi?

2. B'liema mod il-Knisja Maltija qiegħda tagħmel użu mill-ħafna suriet ta' Appostolat, u x'qiegħda tagħmel biex tqajjem sens ta' appostolat f'kull nisrani Malti?

3. Xi problemi qegħdin joħolqu għall-Knisja Maltija l-ħafna suriet ta' appostolat li hawn fostna, u x' jista' jsir u x'qiegħed isir biex ikun hemm ko-ordinament fl-appostolat tal-lajċi fuq livell parrokkjali, djoċesan u nazzjonali?

4. Xi frott ħallew fid-djoċesi tagħna l-kunsilli parrokkjali?

5. Kif tista' l-Knisja Maltija tagħti formazzjoni xierqa lil-lajċi biex jaqdu l-missjoni tagħhom u jgħixu l-vokazzjoni tagħhom fil-Knisja u fid-dinja?

6. Liema huma l-elementi l-aktar meħtieġa u l-aktar importanti għall-iżvilupp ta' l-ispiritwalità tal-lajċi?

Kif jistgħu jgħinu f'dan l-istituti sekulari li għandna?

I

NOTI

Fit-tweġib għall din is-sezzjoni, wieħed irid iqis żewġ problemi li jolqtu l-lajċi mill-qrib:

is-**sekolarizzazzjoni** — il-lajk nisrani kemm-il darba jwarrab fil-ġenb l-identità nisranija tiegħu meta jiġi msejjaħ jagħti sehmu fl-oqsma tal-kultura, ta' l-ekonomija, tal-politika ecc.,

il-**klerikalizzazzjoni** tal-lajċi — il-lajċi li jaħarbu mid-dinja u l-problemi tad-dinja waqt li jibqgħu jgħixu fid-dinja.

L-oqsma li fihom il-lajċi jridu jaqdu l-missjoni u l-vokazzjoni tagħhom huma d-dinja tax-xogħol, tal-iskola, tal-familja, tal-ekonomija, tal-politika, tal-kultura u tal-mass media.

Kull min jixtieq jibgħat tweġib għal dawn il-mistoqsijiet (jew ukoll għal xi ftit minnhom) jista' jibgħathom lis-Segreterija tal-Kurja mhux aktar tard mill-aħħar ta' Settembru.

## IL-KONĊILJU VATIKAN II GHOXRIN SENA WARA

### Kwestjonarju mibgħut mis-Segreterija tas-Sinodu

**Mistoqsijiet ġenerali**

1. X'sar sa issa biex il-Konċilju jkun magħruf, jiġi milqugħ u jseħħ?

2. X'ġid kisbet il-Knisja f'Malta mill-Konċilju?

3. Daħlu xi **żbalji** jew xi **abbużi** fit-tifsir tal-Konċilju, u għaliex? X'sar jew x'jista' jsir biex jiġu korretti?

4. X'diffikultajiet inqalgħu għall-applikazzjoni tal-Konċilju, minħabba l-esiġenzi ġodda li nħolqu biżżmien? X'għandu jsir wara s-Sinodu ta' Novembru li ġej biex ikompli ġej 'il quddiem l-ispirtu tal-Konċilju?

**Mistoqsijiet partikulari**

1. X'sar biex tkun magħrufa sewwa l-kostituzzjoni **Dei Verbum** u x'qed isir biex dak li titlob iseħħ fost il-poplu nisrani (maġisteru tal-Knisja — qari tal-Iskrittura — appostolat bibliku — użu pastorali ecc.)?

2. L-insara fehmu sewwa l-misteru tal-Knisja fiż-żewġ aspetti tiegħu ta' xirka u ta' ġerarkija? hu aċċettat fil-ħajja tan-nisrani? Iddmir tal-Knisja li tqaddes u taqdi qiegħed jidher sewwa fil-ħajja tal-Knisja Maltija (ara **Lumen gentium**)?

3. It-tagħlim tal-Konċilju dwar il-Knisja Universali u partikulari fehemnih sewwa? fehemna tajjeb x'inhuma sewwa l-kolleġġjalità u x-xirka fil-Knisja, jiġifieri x'inhuma l-Papa — is-Santa Sede — l-Isqfijiet — il-Konferenzi Episkopali u r-relazzjonijiet tal-isqfijiet bejniethom — is-saċerdoti — ir-reliġjużi — il-lajċi (Ara **Lumen Gentium, Orientalium Ecclesiarum, Christus Dominus, Apostolicam Actuositatem**, eċċ.)?

4. Nafu sewwa x'inhi l-Liturġija? qegħdin niċċelebrawha sewwa skond l-ispirtu tal-Konċilju? (Ara **Sacrosanctum Concilium**)?

5. X'sar biex iseħħ dak li ntalab u hu mixtieq mill-Konċilju dwar is-saċerdoti u r-reliġjużi, speċjalment dwar il-formazzjoni tagħhom, u dwar l-edukazzjoni kattolika taż-żgħażagħ (ara **Optatam Totius, Perfectae Caritatis, Presbyterorum Ordinis, Gravissimum Educationis**)?

6. X'kateketi qiegħda ssir u x' tagħlim morali qiegħed jingħata, u kif qegħdin isiru, u dan l-aktar dwar il-formazzjoni (Maġisteru tal-Knisja, u Teoloġija morali, problemi ta' etika morali soċjali moderna, problemi ta' sesswalità, eċċ.) (ara d-dokumenti li hemm dwar formazzjoni u edukazzjoni, **Gaudium et Spes, Dignitatis Humanae**, eċċ.)?

7. Xi frott ħalla fostna l-Konċilju dwar dak li għandu x'jaqsam mat-tħabbir tal-Evanġelju u malpromozzjoni tal-ispirtu missjunarju (ara **Ad Gentes** eċċ.)?

8. Xi progress sar fl-ekumeniżmu u fid-djalogu ma' dawk li jħaddnu reliġjonijiet mhux insara u ma' dawk bla reliġjon (ara **Unitatis Redintegratio, Nostra Aetate**)?

9. Tiftiehem u qiegħda sseħħ

fostna l-missjoni tal-Knisja f'dak li għandu x'jaqsam mad-dinja u l-ħajja temporali skond it-tagħlim tal-Konċilju (ara **Gaudium et Spes, Inter Mirifica**)?

Kull min jixtieq iwieġeb għal dawn il-mistoqsijiet, hu mitlub jibgħat it-tweġib tiegħu lis-Segreterija tal-Kurja mhux aktar tard mill-aħħar ta' Lulju.

## DIRETTIVI TA' L-ISQFIJIET TA' MALTA U GHAWDEX DWAR IL-LITURĠIJA

L-Isqof, bħala l-Qassis il-Kbir fid-djoċesi tiegħu, hu responsabbli taċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija u huwa fid-dmir li jara li din tkun ċelebrata kif jixraq u bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-poplu kollu. L-isqfijiet ta' Malta u Għawdex għalhekk ħassew id-dmir li jiġbdu l-attenzjoni tas-saċerdoti kollha, djoċesani u reliġjużi, għall-ħtieġa li

i. kulħadd ikun jaf sewwa u jħares ir-rubriki li hemm fl-*Ordines* ta' kull Sagrament, għaliex dawn ir-rubriki qegħdin hemm biex iċ-ċelebrazzjoni ssir b'mod tassew xieraq u bil-parteċipazzjoni xierqa ta' kulħadd;

ii. ħadd ma għandu dritt jagħmel tibdil fit-testi liturġiċi, approvati mis-Santa Sede, jew ibiddel l-ordni taċ-ċelebrazzjoni, jew idaħħal riti li ma hemmx approvazzjoni għalihom fid-djoċesijiet Maltin.

Għalhekk l-isqfijiet ifakkru li

a) il-Konferenza Episkopali Maltija qatt ma talbet lill-Kongregazzjoni tal-Kult Divin il-permess biex f'pajjiżna jsir it-tqarbin fl-idejn; għalhekk it-tqarbin fostna għandu jsir dejjem skond il-forma tradizzjonali u mhux fl-idejn, ukoll fil-Quddies li jsir għal xi gruppi jew movimenti partikolari;

b) l-ostji għall-Quddiesa għandhom ikunu dejjem ta' forma tradizzjonali, u mhux ta' xi sura oħra;

c) il-GLORIA għandha dejjem tingħad fil-Ħdud (barra l-Avvent u r-Randan), u fis-solennitajiet kollha, kif ukoll il-KREDU, u mhux biss f'xi okkażjonijiet speċjali biss, għaliex hekk kien isir fl-ewwel żminijiet tal-Knisja: dan hu arkeoloġiżmu li ġie kundannat mill-Papa Piju XII fl-enċiklika *Mediator Dei, arkeoloġiżmu* li niltaqgħu miegħu wkoll f'xi użi oħra li qegħdin jidħlu fil-Quddies ta' xi movimenti tal-lum;

d) iċ-ċelebrant għandu jagħmel użu mill-faċilitajiet li jagħtuh ir-rubriki (ara "Istituzzjoni Ġenerali tal-Missal Ruman" nr. 11 — paġ. XV tas-Sagramentarju Malti) biex iġib 'il quddiem il-parteċipazzjoni sħiħa tal-fidili;

e) fir-rit Latin is-sinjal tal-paċi (li jista' jingħata wkoll billi n-nies jieħdu b'idejn xulxin) jingħata wara l-PATER NOSTER u mhux wara l-Liturġija tal-Kelma, kif isir f' riti oħra;

f) is-Sagrament imqaddes għandu dejjem jitqiegħed fuq il-korporal, (u, jekk ikun hemm bżonn jintuża aktar minn korporal wieħed), u, fil-każ li mill-kappella tas-Sagrament se jinġabu xi pissidijiet bl-

ostji konsagrati, għandu jintuża l-omeral;

g) kull ma jkun hemm fuq l-artal għandu jkun xieraq u nadif; għalhekk il-kotba liturġiċi li ma jkunux baqgħu f'kondizzjoni tajba għandhom jiġu rilegati mill-ġdid jew mibdulin, u *ma għandhomx jintużaw* aktar la l-ewwel edizzjoni li kienet ħarġet ta' l-ORDO MISSAE u lanqas l-edizzjoni proviżorja tal-formularji tal-Quddies tal-Ħdud, għaliex ħafna mit-testi f' dawn iż-żewġ kotba ma jaqblux mat-test approvat tas-Sagramentarju Malti;

h) bla raġuni ġusta, approvata mill-Ordinarju, wieħed ma jistax jibbina; it-trinazzjoni tingħata biss għall-Ħdud u l-festi kmandati meta hemm tassew ħtieġa pastorali;

i) il-Magħmudija f'pajjiżna għandha ssir "per infusionem"; iċ-ċelebrazzjoni privata tal-Magħmudija tista' ssir biss meta hemm raġunijiet serji u wara li jintalab il-permess tal-Ordinarju;

j) fil-Vġili ta' l-Għid biss iċ-ċelebrazzjoni tal-Magħmudija tista' ssir kull fejn issir iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili, għaliex il-Magħmudija hi parti mill-Quddiesa tal-Vġili ta' l-Għid; din iċ-ċelebrazzjoni trid dejjem issir fi knisja jew oratorju pubbliku jew semi-pubbliku. Fil-Quddiesa tal-Vġili ta' l-Għid, ir-rit tal-Magħmudija jibda mill-wegħdiet tal-Magħmudija (ara *Bidu tal-Ħajja nisranija*, paġ. 19 nr. 28). Ir-riti ta' qabel (l-għoti ta' l-isem, l-eżorċiżmu u dlik biż-żejt tal-katekumeni) għandhom isiru f'ħin ieħor f'post xieraq; dawn ir-riti ta' qabel, għat-trabi li mhux se jitgħammdu fil-knisja parrokkjali imma f'xi knisja oħra jew oratorju, għandu jsiru fil-parroċċa fejn dawn it-trabi se jitgħammdu; ir-rettur tal-knisja jew ta' l-oratorju fejn se ssir il-Magħmudija ta' dawn it-trabi għandu jiftiehem mal-kappillan dwar il-ħin u l-post fejn se jsiru dawn ir-riti ta' qabel ħa jkun jista' javża lill-ġenituri u l-parrini.

k) il-ministru ordinarju tat-tqarbin huwa s-saċerdot u d-djaknu, waqt l-akkoltu hu ministru straordinarju; il-lajċi u dawk kollha li jitqarbnu *more laicorum* ma jistgħux jieħdu huma l-ostja mill-pissidi jew minn fuq l-artal biex jitqarbnu, imma jrid dejjem jagħtihielhom il-ministru tat-tqarbin.

L-isqfijiet jittamaw li dawn id-direttivi jiġu milqugħa bi spirtu ta' ubbidjenza u ta' mħabba għall-akbar glorja ta' Alla.

Illum, 25 ta' Marzu, 1985, solennità tat-Tħabbira tal-Mulej.

† ĠUŻEPPI,
Arċisqof ta' Malta.

† NIKOL,
Isqof ta' Għawdex.

# OMELIJA TA' L-ARĊISQOF FIL-QUDDIESA TA' RADD IL-HAJR GHALL-KANONIZZAZZJONI TA' SAN MIGUEL FEBRES CORDERO

Inċbarna l-lejla f'dan it-tempju ta' Alla biex nifirħu flimkien fil-preżenza tal-Mulej. Qiegħed jerġa' jaħkimna għall-Brother Miguel Febres Cordero l-istess entużjażmu li ħasset u wriet il-folla kbira ta' nies miġburin fil-bażilika ta' San Pietru fil-21 ta' Ottubru li għadda meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwann Pawlu II iddikjara qaddis lill-Brother Miguel Febres Cordero.

Feraħ kulħadd: feraħ l-Ekwador u ferħet l-Ewropa, u ngħaqdu mal-Knisja biex jagħtu ġieh lill-Brother Miguel u juru pubblikament l-istima u r-rikonoxximent li għandhom lejh. Ferħu t-tfal u ż-żgħażagħ u, fuq kollox, ferħet il-kongregazzjoni tal-Frères, u ferħu l-għalliema kattoliċi u l-iskejjel kattoliċi kollha.

Dan il-ferħ hu tagħna l-Maltin ukoll, tal-Knisja Maltija u ta' pajjiżna. Qegħdin nifirħu flimkien u nroddu ħajr lil Alla għall-ġid u għall-għajnuna kbira li qiegħed inewlilna permezz ta' dan il-qaddis ġdid.

Min hu dan il-qaddis?

Dan il-qaddis jismu Franġisku Febres Cordero u twieled fl-Ekwador fl-1850, u ta' età ċkejkna mar l-iskola tal-Frères li kienet għadha kemm fetħet fl-Ekwador; miġbud mill-ħajja tal-għalliema tiegħu, Franġisku beda jħoss fih il-vokazzjoni li jsir reliġjuż, Frère lasalljan. Din ix-xewqa tiegħu seħħet, u ħa l-isem ta' Miguel, isem li kiseb fama kbira f'pajjiżu kif ukoll f'xi nħawi ta' l-Ewropa, minħabba l-kultura kbira tiegħu.

X'kien il-kobor ta' dan il-qaddis?

Il-kobor tiegħu kienet qdusitu, kif ġie dikjarat solennement f'jum il-kanonizzazzjoni tiegħu.

L-intelliġenza, il-ħidma letterarja u l-kultura tiegħu kisbulu fama kbira. Madankollu l-kobor tiegħu hi s-sempliċità tal-ħajja tiegħu bħala Frère lasalljan: it-tqaddis ta' ħajtu bħala għalliem kattoliku: hu mudell għall-iskejjel kattoliċi kollha.

Kienet konvinzjoni qawwija ta' Brother Miguel li l-iskola hija l-post privileġġjat ta' l-appostolat tiegħu: il-ħidma tiegħu fl-iskola kienet għalih vokazzjoni. Dan kien l-ideal ta' Brother Miguel, ideal li ħaddan u mexxa bit-talenti u l-enerġija kollha tiegħu.

Brother Miguel kien jikkonsidra l-iskola u t-tagħlim bħala mezz mill-aktar importanti fi ħdan il-Knisja, biex din taqdi l-missjoni tagħha li twassal il-messaġġ ta' Kristu kullimkien. Brother Miguel ra tajjeb li l-Knisja tista' twettaq din il-missjoni tagħha daqskemm tkun tista' trawwem tfal u żgħażagħ hija u tagħtihom edukazzjoni nisranija. Daqskemm iż-żgħażagħ ikunu leali lejn il-Knisja, daqshekk ieħor ikunu ċittadini tajba, li jaħdmu għall-ġid ta' kulħadd u jwarrbu kull għamla ta' egoiżmu u diżordni.

Din il-konvinzjoni li kellu Brother Miguel li t-tagħlim hu l-appostolat ta' l-iskola, ġagħlitu jagħti lit-tfal u liż-żgħażagħ edukazzjoni tassew integrali u sħiħa: ma kienx kuntent li jgħallimhom biss il-lingwi u l-matematika, l-istorja u l-ġjografija, imma kien ifittex fuq kollox li jagħraf u jiżviluppa l-

karattru, it-temperament, l-inklinazzjonijiet, it-talenti, fl-ambjent soċjali u familjari ta' kull wieħed, biex ikun jista' jgħinu jilħaq il-vokazzjoni personali tiegħu. Fi kliem ieħor, għal Brother Miguel il-bniedem jikber daqskemm isir aktar ħieles, daqskemm joqrob lejn Alla u jħalli lil Alla jgħammar fih u jikber fih.

Din il-konvinzjoni li kellu Br. Miguel waslitu biex jifhem li l-veru għalliem tat-tfal u taż-żgħażagħ huwa dak li jgħinhom iħossu l-ħtieġa ta' Alla fil-ħajja tagħhom u jħobbuh billi jagħmlu r-rieda tiegħu. Hu għalhekk għalliem kattoliku tajjeb min hu nnifsu bniedem ta' Alla, għalhekk ikun kapaċi juri u jwassal 'l Alla lil ħaddieħor.

Din il-konvinzjoni għenet ħafna lill-Brother Miguel biex ikun bniedem ta' talb: kien jintefa' ta' spiss għarkobbtejh quddiem Ġesù fl-Ewkaristija, kien ta' spiss jafda ruħu f'idejn il-Verġni Marija. U għaliex kien bniedem ta' Alla, Brother Miguel qatt ma waqa' fl-iżball ta' xi wħud, fi żmienna wkoll, li jħarsu lejn it-tagħlim tal-katekiżmu bħala xi ħaġa sekondarja: anzi għall-kuntrarju, it-tagħlim tal-katekiżmu kien għalih l-ewwel ħaġa u għalhekk kien jipprepara kull lezzjoni b'ħeġġa u sengħ a kbira. Kellu ħafna attivitajiet oħra li f' għajnejn in-nies kienu jidhru aktar kbar: iżda dan qatt ma wasslu biex iħalli fil-ġenb u jissagrifika t-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal u liż-żgħażagħ. Għal sitta u għoxrin sena sħaħ ried iżomm f'idejh it-thejjija tat-tfal għall-ewwel tqarbina, eżempju ta' għalliem kattoliku li jgħallem dak li jemmen u jgħix dak li jgħallem.

Brother Miguel għex ħajja ta' ħbiberija ma' Alla, u kienet din il-ħbiberija li għamlet lil Brother Miguel ħabib ta' bosta u bosta żgħażagħ li llum qegħdin jagħtu kontribut kbir lill-Knisja u lil pajjiżhom. Brother Miguel illum qiegħed igħidilna li l-Knisja tixtieq ħafna li jkollha l-iskejjel tagħha, li għandhom il-missjoni speċifika li juru liż-żgħażagħ kif jimxu lejn Alla fost il-materjaliżmu u l-ateiżmu ta' żmienna. Qiegħed ukoll iħeġġeġ il-kattoliċi kollha biex, kif huwa dmirhom igħinu b'kull mezz dawn l-iskejjel li jeżistu għall-ġid tal-kattoliċi kollha tal-pajjiż.

Brother Miguel qiegħed ibierek illum il-ħidma ta' ħutu l-Frères kollha f'pajjiżna u qiegħed iwegħdhom l-għajnuna tiegħu fl-appostolat tagħhom fl-iskola; qiegħed ukoll iħeġġiġna biex ngħidu minn qalbna grazzi lill-Frères tagħna, li għandhom ħafna għal qalbhom il-ġid tat-tfal u taż-żgħażagħ tagħna.

Qegħdin nifirħu bi Brother Miguel; dan ifisser li qegħdin nifirħu bil-Freres li jinsabu fostna: nirringrazzjawhom ta' kull ma għamlu u qegħdin jagħmlu magħna u nwegħduhom l-appoġġ u l-għajnuna tagħna fil-ħidma tagħhom, waqt li nuruhom pubblikament ir-rikonoxxenza tagħna.

San Miguel jitlob għalina u jqanqal fostna ħafna żgħażagħ biex jilqgħu bil-qalb is-sejħa li jagħmillhom Alla ħa jkunu reliġjużi u għalliema kattoliċi mal-Frères.

# OMELIJA TA' L-ARĊISQOF NHAR ĦAMIS IX-XIRKA FILGHODU

Illum, hu Ħamis ix-Xirka u għal din l-okkażjoni l-Papa Ġwann Pawlu II bagħat ittra lis-saċerdoti kollha tad-dinja.

F'din l-ittra, il-Papa jgħinna *niftakru* u *ngħixu* l-Aħħar Ikla li Ġesù għamel mad-dixxipli tiegħu. Ġesù għażel din l-Aħħar Ikla biex *iwaqqaf* is-sagrifiċċju tal-Patt il-Ġdid u għal dejjem ta' l-Ewkaristija. Ġesù ried jagħmel dan għaliex hu waħdu l-Qassis il-Kbir, Ġesù waħdu hu l-Vittma liema bħalha tas-saċerdozju tiegħu fis-sagrifiċċju tal-Kalvarju.

Ġesù għażel din l-Aħħar Ikla biex dan is-sagrifiċċju li hu joffri tiegħu nnifsu bħala l-Qassis il-Kbir għas-salvazzjoni tal-bniedem, jiġġedded tul iż-żminijiet. U għalhekk f'din l-Aħħar Ikla Ġesù *għażel* ukoll *lilna* biex inkunu l-ewwel il-qaddejja ta' l-Ewkaristija. U lilna wkoll għażilna mill-oħrajn kollha u sejħilna "ħbieb tiegħu". "Ma nsejħilkomx aktar qaddejja", u ordnalna li, f'xirka ma' l-isqfijiet, immexxu bħala ragħajja l-komunitajiet individwali. U dan il-qadi, kemm ministerjali u wkoll ġerarkiku, Ġesù ordnalna nagħmluh minn floku — *in persona Christi.*

Dan kollu juri, kif kitbilna l-Papa, il-għaqda tagħna lkoll saċerdoti fis-saċerdozju ministerjali ta' Kristu, u għalhekk iħeġġiġna biex ilkoll — hi liema hi l-età tagħna — inħossu l-qawwa, is-sbuħija u ż-żogħżija ta' Kristu.

Il-Papa semmielna din iż-żogħżija biex igħinna nħossu u nemmnu li aħna s-saċerdoti għandu dejjem ikollna ġewwa qalbna ż-żogħżija ta' Alla, din il-ħajja dejjem ġdida u sabiħa li ma tidbiel qatt, ħajja li Ġesù jrid li tgħaddi għand kulħadd u l-aktar għand iż-żgħażagħ, permezz tagħna s-saċerdoti.

Il-Papa f'din l-ittra waqaf biex jagħtina xi ħsibijiet tiegħu dwar l-impenn saċerdotali u pastorali tagħna maż-żgħażagħ li, lilhom hu wkoll indirizza ittra f'din is-sena internazzjonali taż-żgħażagħ.

Il-Papa ħa l-ispunt mid-diskors ta' Ġesù, li nsibuh fit-tliet Evanġelji sinottiċi, li kellu maż-żagħżugħ.

Il-Papa qalilna li aħna s-saċerdoti rridu ngħinu liż-żgħażagħ u ngħinuhom jafdaw fis-saċerdoti fil-problemi l-aktar fondamentali tagħhom, problemi li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja spiritwali tagħhom u problemi tal-kuxjenza.

Aħna s-saċerdoti għandna ngħinu liż-żgħażagħ jersqu lejna biex aħna, b'sens ta' responsabbiltà għall-verità u lejhom, inpoġġu lil Ġesù bħala l-mudell l-aktar perfett li fuqu għandhom jimxu.

Is-saċerdot, b'sens ta' responsabbiltà lejn min jersaq lejh, irid igħidlu li l-ġid li s-saċerdot, minflok Kristu, *in persona Christi*, għandu jipproponi hu li *jimxi wara Kristu.* Is-saċerdot ma għandux ġid ieħor x'jipproponi. Is-saċerdot irid igħid ukoll li *ħadd* ma għandu ġid aqwa x'jipproponi, jiġifieri li *nkunu bnedmin b'mod nisrani:* li l-bniedem jagħraf lilu nnifsu bħala persuna kif jurina Kristu u jgħix id-dinjità li hi biss tiegħu, biex hekk jibni dinja ta' aħwa. Din waħedha hi t-triq tal-ħajja u tal-verità.

Il-Papa jitkellem fit-tul kif is-saċerdot, bl-imġiba u l-preparazzjoni tiegħu intellettwali, jista' jgħin liż-żgħażagħ fil-problemi u l-qtigħ il-

qalb li għandhom fiż-żminijiet tagħna. Iżda jkompli jgħid li fuq kollox hu meħtieġ li ż-żgħażagħ bħal kulħadd jaraw fis-saċerdot il-*qdusija*, li tidher *fl-imħabba għal kulħadd*. Din l-imħabba tgħinna ninpenjaw ruħna fedelment bħala ħbieb, bħala gwidi; iżda trid tkun ukoll fuq kollox imħabba ħielsa minn kull egoiżmu, u ma nqegħdux qatt lilna nfusna quddiem Alla biex ngħattu lil Alla, għaliex Alla biss hu dak li jsalva u jqaddes.

Hi okkażjoni tajba għalina llum li nitolbu biex, għall-qadi tas-saċerdozju tagħna fost il-bnedmin, inħarsu lejn xulxin, aħna s-saċerdoti, u lejn kulħadd bl-imħabba ta' Kristu u hekk inkunu bil-fatti saċerdoti li ngħinu lil kulħadd jiltaqa' ma' Ġesù permezz tagħna.

## OMELIJA FL-EWWEL TA' MEJJU 1985

Aħna nħarsu lejn il-ġurnata tal-lum — l-Ewwel ta' Mejju — bħala Jum il-Ħaddiem: b'mod speċjali llum, tisma' lil kulħadd igħid li jħobb lill-ħaddiem u jsiru ċelebrazzjonijiet ta' festa ad unur tal-ħaddiem. Aħna wkoll qegħdin ningħaqdu ma' dawk li jħobbu 'l-ħaddiem u nistqarru għall-ħaddiema ta' Malta u tad-dinja kollha, l-imħabba tagħna.

Il-ħaddiema aħna nħobbuhom: dan ifisser li aħna, li qed nistqarru quddiem Ġesù din l-imħabba tagħna, nemmnu li ma hemmx "huma" minn naħa, u "aħna" fuq oħra, għaliex aħna lkoll aħwa.

Il-ħaddiema aħna nobbuhom: dan ifisser li għalina l-ħajja tagħhom hija l-ħajja tagħna u rridu li għalihom dejjem jikber it-tajjeb u jinqered il-ħażin, kif nixtieqed fil-ħajja tagħna.

Il-preżenza ta' Ġesù tgħidilna li mhux biżżejjed nistqarru bil-kliem li nħobbu lill-ħaddiem, iżda jeħtieġ ukoll li nimpenjaw ruħna u nħobbuh bil-fatti, billi ngħożżu d-dinjità tiegħu.

Kull fejn il-ħaddiem huwa ttrattat bil-ġustizzja u bir-rispett, hemmhekk hija mħarsa d-dinjità tiegħu; fejn il-ħaddiem ibati mill-inġustizzja u mir-rispett lejh u lejn il-familja tiegħu, hemmhekk hija mkasbra d-dinjità tiegħu.

Inħobbu l-ħaddiem daqskemm ngħożżu d-dinjità tiegħu u nħabirku, b'kull kontribut li nistgħu nagħtu, biex din id-dinjità tiġi dejjem u minn kulħadd imħarsa.

Din id-dinjità titlob li l-ħaddiem iħossu bniedem sħiħ kif iridu Alla nnifsu. Il-bniedem huwa maħluq xbiha ta' Alla u għalhekk isib il-milja tiegħu fl-għaqda ma' Alla. Iżda Alla ried ukoll li l-bniedem ikollu rapporti mal-ħolqien kollu, minn fejn iġib l-għixien tiegħu permezz tax-xogħol. Il-bniedem għalhekk għandu sejħa għax-xogħol. U x-xogħol, quddiem Alla nnifsu, huwa tant meħtieġ għall-bniedem, li mingħajr xogħol il-bniedem iħossu bniedem li huwa nieqes minn element essenzjali għall-ħajja sħiħa tiegħu.

Dan kollu juri li l-bniedem għandu dritt li jkollu x-xogħol

minn min hu responsabbli li jsiblu x-xogħol. Ix-xogħol, fil-qasam ta' l-ekonomija, irid jiġi qabel kull problema jew preokkupazzjoni oħra. Kultant, it-talba għax-xogħol, hija mnaqqsa sew minħabba diffikultajiet. Madankollu l-esperjenza turina li iktar ma ngħożżu qabel kollox id-dinjità tal-ħaddiem bħala bniedem, iktar hemm ċans li nsibu triq biex jinfetħu jew jikbru opportunitajiet għax-xogħol.

Din l-attenzjoni għad-dinjità tal-bniedem qabel kull ħaġa oħra, tgħin ħafna biex kemm l-istrutturi jkunu għas-servizz tal-bniedem, u mhux il-kuntrarju, u kemm ukoll biex jintrebaħ l-egoiżmu u l-inġustizzja li huma ta' ħsara kbira f'dan il-qasam.

Il-ħaddiem inħobbuh meta ngħożżu qabel kollox id-dinjità tiegħu, u għalhekk hu mistenni li biex ngħinu l-ħaddiem u jinstab ix-xogħol kemm jista' jkun għal kulħadd, l-interess għall-ħaddiem għandu jġib flimkien l-elementi politiċi kollha tal-pajjiż, għaliex id-dinjità tal-bniedem trid tiġi qabel kull partit u nteress ta' politika partiġjana. Fejn jidħol il-ħaddiem u d-dinjità tal-bniedem għandu jkun hemm dejjem interess wieħed, li hu l-interess għall-bniedem.

Fejn dan ma jiġrix tiġi mkasbra d-dinjità tal-ħaddiem, inkunu ninqdew bil-ħaddiem għall-egoiżmu jew interessi oħra, u nkunu nqisu l-ħaddiem mhux bħala bniedem iżda bħala oġġett biex jaqdi xi ħaġa oħra. Il-kobor tal-ħaddiem huwa l-bniedem innifsu u mhux il-produzzjoni li jirnexxilu jagħmel. Minn hawn wieħed jara li kulħadd għandu jiġi ttrattat indaqs u ħadd ma jsib ruħu, minħabba xi kulur politiku jew twemmin tiegħu, żvantaġġjat.

Fost ħwejjeġ oħra, din id-dinjità titlob li aħna nkunu nħobbu l-ħaddiem daqskemm inħabirku biex tinħass u tikber fid-dinja tax-xogħol kuxjenza soċjali. Din trid li kulħadd jifhem u jagħraf li l-bnedmin kollha huma familja waħda u jridu jgħixu tabilħaqq bħala familja waħda. Dan igħin biex il-ħaddiema jingħaqdu ħa jirbħu l-inġustizzji ta' sistemi industrijali ħżiena u fl-istess ħin jiftakru li biex inħollu l-problemi ekonomiċi mhux biżżejjed l-għaqda bejn il-ħaddiema waħedhom; jeħtieġ li l-ħaddiema jkunu wkoll magħqudin ma' kull min għandu sehem fid-dinja tax-xogħol. L-inġustizzji jsolvu ruħhom u lill-ħaddiema nħobbuhom meta minflok ma tinħoloq il-ġlieda bejn klassi u oħra, ngħinu biex tikber l-għaqda bejn min iħaddem u min jaħdem.

Dan l-anqas mhu biżżejjed fil-ħsieb tal-Knisja skond l-ispirtu tal-Vanġelu. Il-bniedem huwa maħluq biex jgħix ma' ħaddieħor u għalhekk il-qasam tax-xogħol huwa marbut ma' oqsma oħra tal-ħajja tal-bniedem, bħal ma huma l-qasam tal-politika, il-qasam ta' l-edukazzjoni, il-qasam tal-morali u oħrajn. Biex ix-xogħol għalhekk ikun ta' għajnuna għall-bniedem biex jirrealizza lilu nnifsu jeħtieġ li jkun hawn ma' kullimkien kuxjenza soċjali li tħaddan id-dinja kollha.

Dawn, tgħiduli, huma ħwejjeġ tajba u sbieħ. Tonqos ħafna l-inġustizzja u d-diskriminazzjoni, l-ekonomija ma tkomplix toħnoq il-valuri spiritwali u saħansitra

dawk umani fil-ħajja tal-bniedem u l-ħaddiem iħossu u jkun bniedem tassew ħieles għaliex tkun imħarsa d-dinjità tiegħu.

Sabiħa soċjetà bħal din fejn bejn kulħadd hemm l-għaqda mibnija fuq il-ġustizzja u l-imħabba; iżda jeħtieġ nagħmluha ċara li l-bniedem waħdu ma jasalx biex ikun ħieles u hekk igħin lil ħaddieħor jikseb il-ħelsien sħiħ. Huwa Alla li jrid jibni din is-soċjetà li tixraq lill-bniedem billi jgħinna nbiddlu qalbna, u nduru lejH.

Jeħtieġ li jkollna fostna u f'qalbna lil Ġesù. Ma nistgħux ngħaddu mingħajru jekk irridu ngħixu ta' bnedmin fl-oqsma kollha tal-ħajja tagħna.

## MESSAĠĠ TA' L-ARĊISQOF LILL-FEDERAZZJONI TA' L-GHAQDIET TAL-HANDIKAPPATI

Hadt pjaċir bl-aħbar li qiegħda titwaqqaf Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tal-Handikappati li se tieħu l-post tal-Kunsill Ġenerali ta' l-Inkapaċitati, u wisq aktar ħadt pjaċir li l-Federazzjoni tixtieq li titkompla l-kooperazzjoni li kien hemm bejn il-Knisja li hi f'Malta u l-Kunsill Ġenerali.

Il-Knisja llum qiegħda taqdi l-missjoni pastorali tagħha permezz ta' Segretarjati u Kummissjonijiet, u s-Segretarjat tal-Knisja li jieħu ħsieb ta' l-appostolat u l-pastorali tal-handikappati huwa s-Segretarjat għall-Hidma Soċjali u Karitativa (Caritas). Huwa wieħed mis-Segretarjati l-aktar importanti tal-Knisja għaliex irid jagħti xhieda tal-"caritas" tal-Knisja fi ħdan is-soċjetà tal-bnedmin: hu għalhekk li s-Segretarjat hu Segretarjat għall-ħidma soċjali u karitativa.

CARITAS tfisser imħabba, rispett għad-dinjità tal-bniedem bħala bniedem; hi l-qofol tal-ħajja nisranija kollha kemm hi, għax jekk fil-ħidma tan-nisrani tkun nieqsa l-"caritas", it-twemmin tiegħu ma jkun jiswielu xejn, kif igħallimna Missierna San Pawl f' waħda mill-ittri tiegħu lill-Korintin.

Il-Knisja għandha "caritas" = imħabba speċjali għal dawk ulied-ha li huma fiżikament jew mentalment handikappati u magħhom turi dik l-imħabba li kien juri l-Mulej Ġesù għal dawk kollha li jbatu: kien iħaddanhom miegħu b' imħabba kollha ħniena u wera fihom il-qawwa fejjieda tal-Fidwa li tħaddan il-bniedem fih innifsu u kollu kemm hu. Fil-handikappati "tiddi b'mod misterjuż is-sura xbieha ta' Alla... Kristu stess, b' mod mistiku, jidher f'kull handikappat." Hu dan il-ħsieb li għandu jmexxikom fil-ħidma kollha tagħkom: meta tkunu qegħdin taqdu lill-handikappati, tkunu qegħdin taqdu lil Kristu stess f'dawk ħutu li l-aktar jixbhuh għaliex mgħobbijin aktar minn oħrajn mit-tiġrib kollu tad-dinja li bih hu tgħabba għas-salvazzjoni tagħna.

Dan hu l-messaġġ li, f'isem il-Knisja ta' Kristu li hi f'Malta, xtaqt inwasslilkom f'din l-okkażjoni speċjali tat-twaqqif uffiċjali tal-Federazzjoni ta' l-Għaqdiet tal-Handikappati. Jalla taqdu l-ħidma tagħkom b'ħerqa u ħeġġa liema bħalhom, u b'rahan ta' kull barka u għajnuna mis-sema minn qalbi nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

## MESSAĠĠ TA' MONSINJUR ARĊISQOF LIL "LEHEN IS-SEWWA" GHAN-NUMRU SPEĊJALI FL-OKKAŻJONI TAL-1925 ANNIVERSARJU TAL-MIĠJA TA' SAN PAWL F'MALTA

Għaddew ħamsa u għoxrin sena minn meta fakkarna d-dsatax-il mitt sena tal-miġja ta' San Pawl fostna. F'dawk il-ġranet aħna konna wegħedna quddiem id-dinja li nibqgħu ngħożżu tul ħajjitna kollha l-wirt tal-fidi li ħallielna l-Appostlu tal-Mediterran, biex ngħadduh bla mittiefes lil uliedna u lil ulied uliedna. U llum, ħamsa u għoxrin sena wara, il-Knisja trid tfakkarna f'din il-wegħda tagħna, hija u tistedinna f'dawn il-ġranet biex inroddu ħajr lil Alla għall-imħabba kbira li wriena meta, fil-provvidenza tiegħu ta' l-għageb bagħtilna l-Appostlu tal-Ġnus iħabbrilna l-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni.

Sal-lum it-tifkira tal-miġja ta' San Pawl fostna kienet tifkira għażiża għall-Maltin kollha, u l-għaxra ta' Frar kien jum ta' festa kbira għalina għaliex ifakkarna li aħna, bħala poplu, bit-tħabrik ta' San Pawl, tul it-tliet xhur li dam fostna, għażilna li nkunu poplu li Alla kiseb għalih, biex inxandru l-egħġubijiet ta' Dak li sejħilna mid-dlamijiet tad-dnub u tal-paganeżmu ħa nkunu nazzjon qaddis u ġens maħtur għalih.

Jalla għall-ġejjieni kollu li għandna quddiemna nibqgħu nxandru l-egħġubijiet ta' Dak li, permezz ta' l-Appostlu tiegħu, wassalna għaddawl ta' l-għaġeb ta' l-Evanġelju tiegħu, biex, mhux biss aħna, imma wliedna u wlied uliedna, bħal missirijietna tul iż-żmien kollu li għadda, nibqgħu niftaħru li aħna lkoll ulied San Pawl.

## KELMTEJN QABEL MILL-ARĊISQOF GHALL-KTIEB TAL-MEDITAZZJONIJIET TA' SAN ĠWANN BATTISTA DE LA SALLE

Il-ħidma ta' l-għalliem kattoliku għandha tkun, u hi, ħidma ta' appostolat nisrani, għaliex l-għalliem kattoliku lit-tfal li ġew fdati lilu biex igħallimhom, ma għandux biss igħallimhom il-lingwi u l-matematika, l-istorja u l-ġijografija, u suġġetti oħra, imma għandu wkoll, u dan qabel kollox, jedukahom. Dan ifisser li, waqt li qiegħed igħallimhom, hu jrid isawrilhom il-karattru tagħhom, u jdawwar għat-tajjeb l-inklinazzjonijiet u t-talenti tagħhom biex igħinhom jilħqu l-vokazzjoni personali tagħhom; irid ukoll iwassalhom biex iħossu l-ħtieġa ta' Alla fil-ħajja tagħhom ta' kuljum billi jurihom il-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għalihom u għall-bnedmin kollha ta' kull ġens u ta' kull ilsien, imħabba li tidher fil-ġmiel tal-ħolqien, fil-ġrajja tad-dinja, fil-kultura ta' kull poplu, u f'dak kollu li jagħżel ġens minn ieħor u jagħmlu dak li hu skond is-sejħa li għandu fid-dinja.

L-għalliem kattoliku biex ikun veru edukatur tat-tfal u taż-

żgħażagħ ħa joħroġ it-tajjeb kollu tagħhom, moħbi fihom, irid ikun bniedem ta' Alla, jiġifieri jrid ikun bniedem fi ħbiberija ma' Alla u għalhekk kapaċi jwassal 'l Alla lill-oħrajn. Dan kollu kellu quddiemu S. Ġwann Battista de la Salle meta kiteb il-meditazzjonijiet tiegħu biex il-Freres, almenu tmint ijiem kull sena, fil-ġranet tal-btala, fis-skiet u l-ġabra, jiġġeddu u jitħeġġu għall-ħidma tagħhom ta' għalliema kattoliċi. Għalkemm miktubin għall-Freres, dawn il-meditazzjonijiet jiswew ħafna wkoll għall-għalliema kattoliċi kollha, għal-lajċi wkoll, li, bħala kattoliċi, iqisu l-ħidma tagħhom aktar bħala appostolat milli bħala professjoni. Dan fehmuh ħafna għalliema lajċi sa minn żmien San Ġwann Battista de la Salle, u llum, frott il-ħidma ta' Br. Michael Buttigieg, l-għalliema kattoliċi Maltin għandhom f'idejhom, bil-Malti, il-meditazzjonijiet li San Ġwann Battista de la Salle kiteb għall-għalliema kattoliċi.

F'dawn il-meditazzjonijiet l-għalliema kattoliċi jsibu dak li għandhom jagħmlu biex imexxu t-tfal fdati lilhom fit-triq tal-qdusija u jnisslu fihom l-ispirtu ta' l-appostolat nisrani. Bħala anġlu kustodju, l-għalliema t-tfal fdati lilhom iridu jmexxuhom u jħarsuhom, u, jekk ikun hemm bżonn, iwiddbuhom u jikkoreġuhom ukoll, bis-sabar kollu u bil-ħlewwa, imma wkoll b'mod sod. Huma u jagħmlu dan, ikunu qed jagħtu sehemhom għall-kobor tas-saltna ta' Alla fid-dinja u jgħinu l-Knisja fil-missjoni tagħha; minn din id-dinja stess, imbagħad, minkejja t-tfixkil u t-tiġrib kollu li jiltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħhom ta' għalliema, huma jkollhom mingħand is-Sid ta' kollox it-tifħir tiegħu għall-qaddej tajjeb u fidil li hu fidil fil-ftit u għalhekk jistħoqqlu jidħol fil-hena ta' Sidu.

Illum, 8 ta' Frar, 1985, il-jum li fih il-Freres qed jiċċelebraw il-kanonizzazzjoni ta' wieħed minn ħuthom, San Miguel Febres Cordero, eżempju mill-isbaħ ta' għalliem kattoliku.

ĊIRKULARI NRU. 145

## IL-ĠBIR GHAD-DJAR TAT-TFAL — L-ANNIVERSARJU TA' MONS. GONZI

Din is-sena l-għoti tax-xama' tal-Kandlora mill-Kappillani lir-Ragħaj Spiritwali tad-Djoċesi sejjer isir matul Quddiesa li l-istess Kappillani sejrin jikkonċelebraw ma' Monsinjur Arċisqof fil-Knisja Konkattidrali ta' San Ġwann nhar it-Tnejn, 4 ta' Frar fis-6.30 p.m.

L-għoti ta' xama' lil Monsinjur Arċisqof hu simbolu ta' l-imħabba u tal-lejaltà filjali li għandhom lejn il-Kap Spiritwali tad-Djoċesi mhux biss il-Kappillani iżda wkoll in-nies tal-Parroċċi li dawn għandhom fdati f'idejhom.

Hi għaldaqstant f'waqtha d-drawwa li daħlet dawn l-aħħar snin li meta l-Kappillani jersqu biex jagħmlu l-offerta tagħhom lil Monsinjur Arċisqof jitilgħu magħhom ukoll xi lajċi biex jippreżentaw f'isem in-nies tal-Parroċċa, offerta ta' flus u ta' oġġetti ta' l-ikel, miġbura biex jingħataw lid-Djar tat-Tfal li jinsabu mmexxija mill-Knisja Maltija.

Din is-sena l-offerti li n-nies ta' kull Parroċċa jixtiequ jagħmlu għal dan l-iskop qaddis għandhom jingħataw lill-Kappillani jew lir-Retturi tal-Knejjes frekwentati minnhom matul il-Quddies tas-Sibt filgħaxija 26 ta' Jannar u matul dawk tal-Ħadd, 27 ta' Jannar.

* * *

Nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar, jaħbat l-ewwel anniversarju mill-mewt ta' l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi.

Dakinhar fis-6.00 p.m. sejra ssir Quddiesa Pontifikali għal ruħu minn Monsinjur Arċisqof. Ma' l-Eċċellenza Tiegħu sejrin jikkonċelebraw il-Membri tal-Kapitlu tal-Kattidral.

Għal din il-konċelebrazzjoni huma wkoll mistiedna s-Saċerdoti kollha djoċesani u regolari tad-Djoċesi, speċjalment dawk li ġew ordnati minnu.

Tkun ħaġa xierqa li dawk kollha li jistgħu jattendu għal din il-Quddiesa ma jonqsux li jagħmlu dan.

Monsinjur Arċisqof jordna li fil-Knejjes kollha Parrokkjali u tar-Reliġjużi tiġi ċelebrata Quddiesa għal ruħu matul il-ġimgħa bejn il-21 u s-26 ta' Jannar iżda mhux fit-22 tax-xahar meta se ssir il-Quddiesa fil-Kattidral. Din il-Quddiesa għandha tiġi ċelebrata f'ħin li l-aktar ikun adattat għan-nies.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 14 ta' Jannar 1985.

ANNETTO DEPASQUALE
Kanċellier

CAN. C. XUEREB
Vigarju Ġenerali

GANDLORA '85 — L-ammonti li nġabru f'kull parroċċa

| | Lm | | Lm |
|---|---|---|---|
| Attard | 201.00 | Paola — Kristu Re | 706.00 |
| Balluta | 364.51 | Paola — Lourdes | 80.00 |
| Balzan | 135.00 | Qormi — S. Ġorġ | 287.58 |
| B'kara — S. Elena | 695.00 | Qormi — S. Bastjan | 265.69 |
| B'kara — S. Ġu. Ħaddiem | 589.71 | Qrendi | 208.00 |
| B'buġa | 160.00 | Rabat | 470.57 |
| Burmarrad | 72.00 | Safi | 60.00 |
| Cospicua | 249.63 | S. Ġiljan | 998.35 |
| Dingli | 200.00 | S. Ġwann | 320.77 |
| Fgura | 171.00 | S. Luċija | 350.00 |
| Fleur-de-Lys | 100.00 | S. Pawl il-Baħar | 250.00 |
| Floriana | 240.00 | S. Venera | 336.32 |
| Għargħur | 134.00 | Senglea | 141.00 |
| Għaxaq | 133.00 | Siġġiewi | 150.00 |
| Gudja | 85.00 | Sliema — S. Maris | 573.00 |
| G'manġa | 180.00 | Sliema — S. Cuor | 252.50 |
| Gżira | 405.52 | Sliema — S. Girgor | 500.00 |
| Ħamrun — Kunċizzjoni | 410.00 | Sliema — Nazzarenu | 176.00 |
| Ħamrun — S. Gejtanu | 312.00 | Tarxien | 376.00 |
| Kalkara | 221.00 | Ta' Xbiex | 163.00 |
| Kirkop | 65.00 | Valletta — S. Pawl | 431.75 |
| Lija | 230.00 | Valletta — S. Duminku | 434.74 |
| Luqa | 182.00 | Valletta — S. Wistin | 140.00 |
| Manikata | 45.00 | Valletta — S. Ġwann | 137.82 |
| Marsa — Trinità | 321.00 | Vittoriosa | 179.00 |
| Marsa — M. Regina | 95.00 | Wied il-Għajn | 40.00 |
| M'xlokk | 100.00 | Żabbar | 496.84 |
| Mdina | 76.10 | Żebbuġ | 365.00 |
| Mellieħa | 347.00 | Żejtun | 258.09 |
| Mġarr | 300.00 | Żurrieq | 421.00 |
| Mosta | 622.00 | | |
| Mqabba | 70.00 | | |
| Msida | 295.00 | Total | Lm17533.90,7 |
| Naxxar | 158.40 | | |

ĊIRKULARI NRU. 146

## ĠBIR GHALL-FOND TA' L-ISKEJJEL

Aħna l-Maltin kellna u għandna għal qalbna l-ħidmiet kollha tal-Knisja li għandhom bħala skop il-formazzjoni u l-edukazzjoni tal-moħħ u tal-qalb taż-żgħażagħ tagħna.

B'mod partikolari l-Maltin dejjem fehmu l-importanza tal-Iskejjel tal-Knisja u, mhux biss fittxewhom, iżda wkoll ħabirku biex jarawhom ikomplu l-missjoni nobbli tagħhom.

Għaldaqstant il-Knisja Maltija hi ċerta li aħna l-Maltin irridu li l-iskejjel tagħna jkomplu jeżistu u li nqisu bħala telfa kbira għal pajjiż li kieku dawn qatt kellhom ikunu mġiegħla jagħlqu l-bibien tagħhom.

Sfortunatament bħalissa l-iskejjel tal-Knisja jinsabu f'qagħda diffiċli ħafna. Huma jinsabu mxekklin minn problemi finanzjarji kbar.

Il-Knisja, m'għandhiex il-mezzi finanzjarji biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kbar meħtieġa għat-tmexxija ta' dawn l-iskejjel.

Hu għalhekk mistenni li dawk kollha li, iridu l-iskejjel tal-Knisja jkomplu jeżistu, ma jonqsux milli jagħtu sehemhom b'ġenerożità.

Matul dawn l-aħħar xahrejn kienu bl-eluf dawk li taw l-offerta tagħhom iżda x-xogħol li sar s'issa biex jinstabu l-mezzi straordinarji meħtieġa għadu ma tax ir-riżultat mixtieq.

Għaldaqstant Monsinjur Arċisqof riedni ngħarraf li matul il-Quddiesa tas-Sibt filgħaxija 9 ta' Frar u dak tal-Ħadd 10 ta' Frar sejra ssir ġabra speċjali fil-knejjes kollha ta' Malta għal Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 31 ta' Jannar 1985, Festa ta' San Ġwann Bosco.

ANNETTO DEPASQUALE,
Kanċellier

CAN. C. XUEREB,
Vigarju Ġenerali.

### Komunikat stampa dwar il-fond għall-iskejjel

Fis-27 ta' Frar fil-FOND GHALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA JANNAR-SETTEMBRU 1985 kien hemm Lm477,430.

Din is-somma nġabret b'dan il-mod:

1. Ġbir bejn 19/12/84 (meta nfetaħ il-FOND) sal-lum 27/2/85: Lm419,815;
2. Ġbir fil-knejjes ta' Malta: Lm57,615.

Biex il-Knisja tmexxi l-iskejjel tagħha bejn Jannar u Settembru ta' din is-sena għandha bżonn ta' Lm1,160,000. Meta wieħed iqis kemm inġabru flus s'issa (jiġifieri Lm477,430) wieħed isib li l-Knisja jeħtiġilha li b'mezzi straordinarji tiġbor Lm682,570 oħra biex tkun tista' tmexxi l-iskejjel tagħha sa Settembru li ġej.

Din ir-realtà turi li:

1. L-iskejjel tal-Knisja qegħdin

f'qagħda finanzjarja gravi ħafna.

2. Hemm ħafna li ma wettqux id-dmir tagħhom li jagħtu sehemhom għall-edukazzjoni ta' uliedhom fl-iskejjel tal-Knisja.

3. L-iskejjel ma jistgħux jinżammu permezz ta' ġbir volontarju fil-knejjes jew fi mkejjen oħra.

Il-Knisja diġà qed tagħti s-sehem sħiħ tagħha biex dawn l-iskejjel jibqgħu miftuħa għall-kategoriji kollha ta' wlied il-poplu. Il-Knisja diversi drabi tat prova li ma tistax terfa' piż akbar milli qed terfa'.

Issa huwa l-waqt li l-Maltin juru bis-serjetà li jridu li l-iskejjel tal-Knisja jkomplu jeżistu bħala skejjel tal-Knisja.

ĊIRKULARI NRU. 147

## IL-ĦARSIEN TA' L-OPRI TA' L-ARTI

Monsinjur Arċisqof iridni nerġa' niġbed l-attenzjoni tal-Kappillani, tar-Retturi tal-Knejjes u tas-Superjuri Reliġjużi kollha għas-serq li qiegħed isir mill-Knejjes.

Minħabba l-mewġa tas-serq mill-Knejjes, Monsinjur Arċisqof talabni nirrikmandalkom biex tieħdu dawk il-mezzi ta' sigurtà kollha li jidhrilkom li huma meħtieġa għas-salvagwardja ta' dawk il-ħwejjeġ kollha li huma ta' valur.

Il-Kappillani li fil-Parroċċa għandhom Kappelli fil-kampanja li ma humiex imħarsa tajjeb għandhom jaqilgħu minn posthom il-pitturi kollha ta' ċertu preġju u, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni Arti Sagra, il-Kurja, jikkollokawhom f'ambjenti mħarsin tajjeb.

Dawk kollha li għandhom niċeċ b'oġġetti tad-deheb u bi ħwejjeġ oħra prezzjużi ġewwa fihom għandhom mill-aktar fis iwarrbu dak kollu li, fil-prudenza tagħhom, jista' jitneħħa mingħajr oppożizzjoni min-naħa ta' l-offerenti, u, wara inventarju ta' l-oġġetti mwarrba, iqegħduhom f'kaxxaforti apposta. Kopja tal-Inventarju għandha tintbagħat lill-Kummissjoni Arti Sagra, il-Kurja.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 28 ta' Frar 1985.

| | |
|---|---|
| ANNETTO DEPASQUALE<br>Kanċellier | CAN. C. XUEREB<br>Vigarju Ġenerali |

ĊIRKULARI NRU. 148

## IL-JUM NAZZJONALI — IL-ĠIMGHA TAS-SAGRIFIĊĊJU

Nhar il-Hadd, 31 ta' Marzu, Malta tiċċelebra l-Jum Nazzjonali.

Din il-ġurnata għandha ttina l-opportunità biex bħala Poplu wieħed, nagħtu xhieda pubblika ta' l-imħabba li torbotna ma' din l-Art Helwa, l-Omm li tatna isimha.

L-imħabba lejn Artna hi dover ta' rikonoxxenza għall-benefiċċi li kull wieħed minna rċieva minn Pajjiżu.

Barra minn hekk din l-imħabba għandha wkoll tqanqalna biex naħdmu f'għaqda waħda ħalli nġibu lil Gżiritna 'l quddiem fil-paċi u fil-prosperità.

Hu għalhekk li, f'konnessjoni mal-Jum Nazzjonali, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Arċisqof iridni ngħarraf li nhar is-Sibt, 30 ta' Marzu, sejjer iqaddes Quddiesa Pontifikali fil-Konkattidral ta' San Ġwann fid-9.30 a.m.

Monsinjur Arċisqof jordna wkoll lill-Kappillani, lis-Superjuri Reliġjużi u lir-Retturi tal-Knejjes biex:

a) qabel xejn, iħeġġu lin-nies li jattendu l-Knejjes tagħhom biex jitolbu lill-Mulej ħalli, fit-tieba tiegħu, iwarrab minn pajjiżna kull għamla ta' ġlied u vjolenza; jagħtina risq tajjeb u paċi sħiħa; u jagħmel li fostna ssaltan dejjem l-egwaljanza u l-ġustizzja;

b) jitkanta l-Innu Malti wara l-Quddiesa tas-Sibt u tal-Hadd, 30 u 31 ta' Marzu;

c) jinxtegħlu l-faċċati tal-Knejjes
   1) is-Sibt, 30 ta' Marzu, bejn is-7.00 u l-11.00 p.m.
   2) il-Hadd, 31 ta' Marzu, bejn is-7.00 u l-11.00 p.m.

d) fl-istess jiem fit-talba tal-Fidili jżidu l-invokazzjoni:
"Hares Mulej minn kull ħsara lil Art Twelidna,
u sawwab fuqha l-barka Tiegħek, li hi rahan ta'
kull ġid materjali u spiritwali".

* * *

Monsinjur Arċisqof iridna wkoll ninqeda b'din iċ-ċirkulari biex infakkar li nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, taħbat il-Festa ta' Marija Santissima Addolorata.

Hi drawwa qaddisa tal-Maltin li dik il-ġurnata jħarsuha b'opri tajba, speċjalment billi jersqu lejn is-Sagrament tal-Maħfra u tar-Rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-bnedmin sħabhom.

Barra minn dan, minn dik il-ġurnata sa jum il-Ġimgħa l-Kbira, il-Knisja tagħmlilna sejħa biex ninġabru aktar ħalli nimmeditaw aħjar dwar il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù li minnhom ġietna l-Fidwa.

Hi ħaġa wisq f'postha li fil-waqt li niftakru fis-sagrifiċċju li Ġesù ġarrab għalina biex jiksbilna l-paċi mal-Missier, aħna nagħmlu wkoll sagrifiċċju biex mill-ġid li għandna ngħinu lil dawk li huma aktar fil-bżonn minna.

Għaldaqstant bejn Jum id-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira s-Segretarjat ta' l-Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika qiegħed jorganizza Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.

Matul dawn il-jiem hu mistenni li kull min jista' jagħti b'ġenerożità l-offerta tiegħu.

Monsinjur Arċisqof jordna li nhar is-Sibt, 30 ta' Marzu, matul il-quddies ta' filgħaxija u nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu matul il-quddies kollu, issir ġabra li tingħata lill-Fond ta' l-Assistenza Soċjali.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, illum 19 ta' Marzu 1985, Festa ta' San Ġużepp.

ANNETTO DEPASQUALE
Kanċellier

CAN. C. XUEREB
Vigarju Ġenerali

ĊIRKULARI NRU. 149

## JUM IL-VOKAZZJONIJIET — SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM ...

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani, Retturi tal-Knejjes
u Superjuri Reliġjużi

Nhar il-Ħadd li ġej, 28 ta' April, l-insara kollha tad-dinja, fuq sejħa tal-Papa, huma mitluba biex jingħaqdu flimkien spiritwalment ħalli jitolbu għall-Vokazzjonijiet.

Id-dinja għandha bżonn ta' għadd kbir ta' Saċerdoti u ta' Reliġjużi li, b'dedikazzjoni qaddisa, jaħdmu ħalli jkomplu jwasslu lill-bnedmin il-frott tal-fidwa li Kristu kisbilna bil-Passjoni u l-Mewt tiegħu fuq is-Salib.

Is-Saċerdoti u r-Reliġjużi għandhom bżonnhom iż-żgħażagħ biex jgħinuhom fil-formazzjoni ta' karattru verament nisrani; għandhom bżonnhom il-morda ħalli, bil-kelma tal-faraġ ikunu għalihom ta' konfront fil-mumenti tas-sofferenza; għandhom bżonnhom il-ħaddiema ħalli jgħallmuhom jagħmlu mix-xogħol tagħhom mezz ta' qdusija u ta' merti għas-sema; għandhom bżonnhom l-artijiet tal-Missjoni biex iwassluhom id-dawl tal-verità tal-Vanġelu.

Kristu ried li s-saċerdoti u r-reliġjużi jkunu sinjal tal-imħabba tiegħu lejn l-umanità; rahan taż-żogħżija kontinwa tal-Knisja u assigurazzjoni li l-Knisja, matul il-medda taż-żmien, ma tiġi qatt nieqsa.

Sfortunatament id-dinja sekolarizzata, li fiha qegħdin ngħixu, qegħda toħloq ta' kuljum sitwazzjonijiet li huma ta' tfixkil kbir għall-vokazzjonijiet.

Il-vokazzjonijiet jinbtu fiċ-ċaħda u fit-talb. Il-vokazzjonijiet isibu art tajba fil-familji li jgħixu f'ħajja ta' rabta ma' Alla u li jagħtu l-importanza meħtieġa lill-ġabra nisranija.

Hu għalhekk li Monsinjur Arċisqof irid li nhar il-Ħadd, 28 ta' April, f'kull Knisja Parrokkjali u tar-Reliġjużi jsir talb speċjali biex jiżdiedu f' pajjiżna l-familji verament tajba u jitjieb l-ambjent li fih qegħdin ngħixu

ħalli b'hekk tinħoloq klima li fiha jistgħu joktru l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju u għall-ħajja konsagrata.

Hi wkoll xewqa ta' Monsinjur Arċisqof li kemm il-ġenituri kif ukoll dawk kollha li għandhom f'idejhom l-Organizzazzjonijiet taż-Żgħażagħ iħabirku ħalli jġibu 'l quddiem il-ħidma tal-Vokazzjonijiet saċerdotali, reliġjużi u missjunarji.

* * *

Monsinjur Arċisqof iridni nfakkar li nhar l-Erbgħa, l-ewwel ta' Mejju, il-Knisja tqaddes Jum il-Ħaddiem biċ-ċelebrazzjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem.

Din il-festa għandha tiġbed l-attenzjoni ta' min iħaddem lejn id-dinjità tal-ħaddiem u għalhekk għandha ġġagħalhom iħossu d-dmir li ma jonqsu qatt li juru rispett u li jagħtu paga xierqa lill-ħaddiema li, bl-onestà u bilbżulija tagħhom ikunu qegħdin jagħtu kontribut mill-aktar siewi għall-prosperità tal-pajjiż.

Din il-festa għandha wkoll tfakkar lil dawk li huma fil-poter biex iħabirku ħalli jipprovdu xogħol lil dawk li jinsabu qegħda.

Ir-reċessjoni li qegħda taħkem lid-dinja ma tistax ma toħloqx diffikultajiet kbar għat-twettiq ta' dil-ħidma.

Dan iġiegħlna nħarsu lejn il-Mulej, li minnHu jiġi kull ġid, u nitolbuH biex igħinna ħalli nsolvu l-problema li qegħda tagħmel diffiċli l-ħajja ta' ħafna familji.

Hu b'dal-ħsieb li Monsinjur Arċisqof sejjer iqaddes għall-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-ħaddiema fil-Konkattidral ta' San Ġwann, il-Belt, l-Erbgħa, 1 ta' Mejju, fl-10.00 a.m.

F'din il-Quddiesa se jikkonċelebraw is-Saċerdoti li jagħmlu ħidma pastorali fil-fabbriki u fil-postijiet tax-xogħol. Tkun ħaġa sabiħa li, dawk kollha li jistgħu, jieħdu sehem f'din il-Quddiesa.

Monsinjur Arċisqof irid ukoll li l-Kappillani u r-Retturi tal-Knejjes, iħeġġu lin-nies tal-Parroċċa ħalli jqaddsu l-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem bit-talb u bl-opri tajba.

Maħruġa mill-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, illum, 17 ta' April, 1985.

ANNETTO DEPASQUALE — Kanċellier

CAN. C. XUEREB — Vigarju Ġenerali

## IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-FESTI

Matul il-ġranet li ġejjin f'Malta jibda l-istaġun li fih jiġu ċelebrati l-kotra l-kbira tal-Festi tal-Knejjes Parrokkjali tagħna.

Għall-Parroċċi ta' gżiritna dawn il-festi huma ġrajjiet li n-nies tal-post jistennewhom bil-ħerqa, u jiċċelebrawhom kemm b'funzjonijiet liturġiċi tassew solenni kif ukoll b'manifestazzjonijiet esterni.

Din hi drawwa ta' min ifaħħarha li għandha l-egħruq tagħha fl-imħabba li missirijietna kellhom lejn il-Knisja u l-Qaddisin protetturi tal-Parroċċa tagħhom.

Fil-kotra tal-Parroċċi dawn iċ-ċelebrazzjonijiet għadhom isiru bl-akbar dinjità u bi profitt pastorali kbir għall-komunità nisranija tal-lokal. Nafu b'ħafna Parroċċi li fihom il-festa hi mhux biss okkażjoni li fiha ħafna jersqu lejn is-Sagramenti iżda anki ta' ftehim u ta' paċi bejn familji sħaħ li jkunu ilhom xhur twal ma jħarsu lejn xulxin.

B'sogħba kbira pero' jkollna ngħidu li mhux kullimkien isir dan: F' uħud mill-ibliet u mill-irħula tagħna, malli jersqu l-ġranet tal-festi, jinħolqu piki u ġlied li jmorru kontra l-ispirtu tajjeb li għalih għandhom isiru l-festi.

Bil-ħsieb li jispiċċaw il-firdiet u l-piki bla sens Mons. Arċisqof:-

a) jirrikmanda lill-Kappillani, lis-Saċerdoti, lill-Membri tal-Għaqdiet Reliġjużi u Ċivili u lil dawk kollha li għandhom f'idejhom l-edukazzjoni taż-żgħażagħ biex jedukaw liċ-ċkejnin fl-imħabba lejn il-qaddisin kollha li jinsabu meqjuma fil-Parroċċa tagħhom u jgħallmuhom biex jimitaw il-virtujiet tagħhom u jħarsu lejhom bħala l-protetturi li l-Providenza tkun għażlitilhom biex iħarsuhom minn kull ħsara fir-ruħ u fil-ġisem.

b) Iħajjar lin-nies tal-parroċċa kollha biex bl-offerti ġenerużi tagħhom ifittxu l-ewwelnett li jgħinu kull ħidma pastorali u karitativa tal-parroċċa tagħhom, kif ukoll kull ħidma għall-manutenzjoni aktar dekoruża tad-dar ta' Alla, u mbagħad wara jgħinu biex isiru xi opri li jintramaw biss għal ftit ġranet.

c) Dawk il-parroċċi li fihom flimkien mal-festa titulari tiġi ċelebrata festa oħra, billi dawn diġà qed isiru bis-solennità li tixirqilhom, għandhom iressqu biss rikorsi għall-manutenzjoni ta' opri li ġà jeżistu u dwar affarijiet ta' ħtieġa pastorali u ma għandhomx iressqu rikorsi għal opri ġodda f'dak li jirrigwarda l-parti reliġjuża tal-festa jew biex jinbidlu prattiki u wżanzi eżistenti.

d) Jgħarraf li l-Kurja ta' l-Arċisqof taċċetta li jsiru opri ġodda fil-knejjes, jekk dawn ma jkunux żejda u ma jkunux se jsiru bi spirtu ta' pika jew ta' partit.

e) Ifakkar fiċ-ċirkolari nru. 93 dwar ir-rikorsi għall-opri ġodda maħruġa mil-Kurja fit-18 ta' Ġunju 1981.

f)I għarraf fl-aħħarnett li xbihat u opri ta' natura reliġjuża illi jitpoġġew

f'post pubbliku m'għandhomx jiġu mbierka qabel ma l-Kappillan jew is-Saċerdot jingħata l-fakultà biex jagħmel dan mill-Ordinarju.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum 8 ta' Mejju 1985, festa tal-Madonna ta' Pompej.

ANNETTO DEPASQUALE, CARMELO XUEREB,
Kanċellier. Vigarju Ġenerali.

ĊIRKULARI NRU. 93

**KOPJA**

Lir-Rev.di Arċiprieti, Kappillani u Retturi tal-Knejjes

Il-barranin li jżuru l-Knejjes ta' gżiritna jibqgħu dejjem edifikanti bl-indafa u bis-sbuħija tal-Knejjes tagħna.

L-interess tagħna l-Maltin fil-Knejjes tal-parroċċi tagħna hu xhieda tal-fidi li nħaddnu u tal-ġieħ li nħossu li għandna nagħtu lil Alla u lill-qaddisin tiegħu.

Iżda f'kollox għandu jkun hemm limiti u lkoll għandu jkollna sens ta' priorità b'mod li ngħarfu nagħtu dejjem l-ewwel post lil dawk il-ħwejjeġ li jixirqilhom li jiġu qabel l-oħrajn.

Sfortunatament l-imġieba ta' wħud ma timxix fuq dir-regola, li hi wirja ta' għaqal u maturità.

Mo jonqsux dawk li jagħmlu proġetti u xogħlijiet fil-Knejjes tagħhom li jqumu ħafna flus li jistgħu jintużaw ferm aħjar f'ħidmiet ta' karità u apostolat.

Dan ġiegħel lil Monsinjur Arċisqof jitlobni nfakkar lill-Kappillani li:

a) ma jistgħux jagħmlu opri fil-Knejjes tagħhom jekk qabel ma jagħmlux rikors lill-Kurja, li jrid ikun diskuss u approvat mill-Presbiterju Parrokkjali, akkompanjat mid-disinn u mill-preventiv tal-ispiża. Naturalment il-prudenza titlob li ma ssir ebda pubbliċità qabel ma jkun hemm l-approvazzjoni meħtieġa tal-Kurja.

b) M'għandhomx jaċċettaw opri li tidħol għalihom jew persuna waħda minn flusha jew xi għaqda li tkun ġabret jew lesta biex tiġbor il-flus meħtieġa jekk, qabel ma jibda x-xogħol, il-Kappillan ma jiġix mgħarraf b'dan biex ikun jista' jagħmel ir-rikors meħtieġ u jirċievi d-digriet tal-approvazzjoni tal-Kurja.

c) Jekk jeżistu każi li fihom qed isir xi ġbir għal xi opri mingħajr ma ntalbet l-awtorizzazzjoni tal-Kurja, din it-talba għandha ssir mhux aktar tard mill-20 ta' Lulju. Ebda talba għal opri diġà mibdija ma tiġi milqugħa mill-Kurja jekk din issir wara l-20 ta' Lulju 1981.

Monsinjur Arċisqof iridna fl-aħħarnett nagħmilha ċara li meta opri jiġu mogħtija lill-Knisja għandhom jinżammu f'lokal magħżul mill-Kappillan u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Maħruġa mill-Kurja tal-Arċisqof, Floriana, illum, 18 ta' Ġunju 1981.

ANNETTO DEPASQUALE, CARMELO XUEREB,
Kanċellier. Vigarju Ġenerali.

## L-ISKEJJEL TAL-KNISJA

### Konferenza ta' l-Aħbarijiet — 3 ta' Frar 1985

*Introduzzjoni mill-Vigarju Ġenerali Mons. Carmelo Xuereb*

Fil-15 ta' Novembru li għadda, l-Isqfijiet Maltin kienu ħabbru li b'riżultat tat-taħditiet li saru bejn l-E.T. Monsinjur Arċisqof u l-E.T. Dr. Paul Farrugia, Ambaxxatur ta' Malta għas-Santa Sede, u b'konsegwenza ta' l-ittra mibgħuta lill-Prim Ministru permezz ta' l-Ambaxxatur Dr. Paul Farrugia kien intlaħaq ftehim biex l-iskejjel kollha tal-Knisja jinfetħu fid-19 ta' Novembru 1984.

Fl-ittra msemmija l-Arċisqof Mercieca kien, fost ħwejjeġ oħra, kiteb illi:

* Sa l-aħħar tas-Sena Skolastika preżenti, biex ikunu jistgħu jibdew u, nispera, jispiċċaw id-diskussjonijiet, it-tagħlim f'dawn l-iskejjel ikun b'xejn. Dan isir b' mezzi straordinarji li l-Knisja tipprova takkwista għal dan il-perijodu.

* Il-Knisja hija disposta biex tittratta fuq il-kwistjoni tal-proprjetà tagħha biex jiġi kkunsidrat il-kontribut li l-Gvern u l-Knisja ta' Malta jistgħu jagħtu.

* Il-Knisja hija disposta li tiddiskuti dwar id-dħul tat-tfal fl-iskejjel tagħha, b'mod li jidher iktar ċar li m'hemmx distinzjoni bejn klassi soċjali u oħra.

* Jiġu diskussi l-punti kollha li jistgħu jwasslu għal soluzzjoni ġusta tal-problema kollu ta' l-iskejjel tal-Knisja.

Il-Knisja semmiet mezzi straordinarji għaliex kemm-il darba uriet bl-aktar mod ċar li weħedha m'għandhiex il-mezzi meħtieġa biex iżżomm l-iskejjel tagħha b'xejn.

Fit-12 ta' Diċembru li għadda s-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika waqqaf **Fond għall-Iskejjel tal-Knisja Jannar - Settembru 1985.** Dan sar biex sa Settembru ta' din is-sena permezz ta' mezzi straordinarji jkunu jistgħu jinġabru l-flus meħtieġa ħalli l-iskejjel jibqgħu miftuħin. Meta twaqqaf il-Fond l-Isqfijiet kienu ħeġġu lill-membri kollha tal-Knisja u lil kull min igħożż dawn l-iskejjel biex ikunu ġenerużi ħalli l-iskejjel tal-Knisja jkomplu jaqdu l-missjoni tagħhom.

Fil-jiem ta' qabel il-Milied u fil-ġimgħat ta' wara kienu eluf dawk li taw l-offerta tagħhom. Waqt l-għoti ta' l-offerti smajna għadd ġmielu ta' nies igħidu li qegħdin jagħmlu l-kontribuzzjoni bl-akbar pjaċir u, anzi, b'dover, għaliex bħala ġenituri hi responsabbiltà tagħhom li jagħtu kontribuzzjoni xierqa għall-edukazzjoni ta' uliedhom. Kien hemm ukoll ħafna oħrajn li għalkemm m'għandhomx ulied fl-iskejjel tal-Knisja, xorta waħda ħassew id-dmir li jagħtu l-offerta tagħhom. Iżda minkejja dawn l-isforzi, sfortunatament, is-somma meħtieġa biex l-iskejjel jibqgħu miftuħa sa Settembru li ġej għadha 'l bogħod milli tinġabar. Minħabba f'din ir-raġuni l-iskejjel tal-Knisja jinsabu f'qagħda diffiċli ħafna. Huma jinsabu mxekklin minn problemi finanzjarji

kbar.

Għaldaqstant Monsinjur Arċisqof riedni ngħarraf li matul il-quddies ta' filgħaxija tas-Sibt, 9 ta' Frar, u dak tal-Ħadd, 10 ta' Frar sejra ssir ġabra speċjali fil-knejjes kollha ta' Malta għall-FOND GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA JANNAR-SETTEMBRU 1985.

Din il-ġabra fil-knejjes kollha qed issir minħabba li biex l-iskejjel tal-Knisja jkunu jistgħu jinżammu bla ħlas sa Settembru 1985 huwa meħtieġ li l-membri kollha tal-Knisja jgħinu finanzjarjament ħalli s-somma meħtieġa tinġabar anke bi sforz straordinarju bħal ma hu dan u bħalma sar s'issa. Il-Liġi tal-Knisja tgħid li "il-Fidili għandhom jgħożżu l-iskejjel Kattoliċi u jgħinu kemm jistgħu ħalli jwaqqfuhom u jżommuhom."

Kif kienu ħeġġewna l-isqfijiet trid tkun il-ġenerożità tagħna lkoll li minn issa sa Settembru żżomm u ssalva l-iskejjel tal-Knisja. Il-Knisja Maltija hija ċerta li l-kotra tal-Maltin iridu li l-iskejjel tal-Knisja jibqgħu jeżistu bħala skejjel tal-Knisja. Il-kotra tal-Maltin jagħrfu wkoll li biex dawn l-iskejjel jibqgħu jeżistu jeħtieġu mezzi finanzjarji kbar ħafna. Il-Maltin żgur li jqisu li tkun telfa kbira għal pajjiżna kieku dawn l-iskejjel ma jkunux jistgħu jkomplu l-ħidma tagħhom minħabba nuqqas ta' mezzi finanzjarji. Minħabba dan il-Knisja Maltija tappella lill-insara Maltin u lil dawk kollha li jgħożżu dawn l-iskejjel biex din ix-xewqa tagħhom juruha bl-offerti ġenerużi li jagħtu.

*Diskors ta' Fr. Charles Caruana S.J., Delegat ta' l-Arċisqof għall-Iskejjel tal-Knisja*

F'Novembru 1984 l-iskejjel tal-Knisja ppubblikaw **ir-Rendikont Finanzjarju** għas-sena li għalqet fit-30 ta' Settembru 1984.

Minn dan ir-Rendikont li jkopri l-74 skola tal-Knisja jidher ċar li l-iskejjel qed jitmexxew bit-telf. Infatti d-dħul mill-miżati (Lm1,094,000), lanqas kien biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ħlas tas-salarji (Lm1,517,000). Id-dħul kollu kien ilaħħaq għal Lm1, 308,000 u dan kien nofs miljun lira anqas mis-somma meħtieġa biex jitħallsu l-ispejjeż kollha ta' l-1984. Dawn kienu jammontaw għal Lm1,824,000. Is-self ta' Lm472 elf li sar mill-ġenituri għen biex jitħallsu l-ispejjeż. B'danakollu kien hemm nuqqas ta' Lm44,000, somma li kellha tidħol għaliha l-Knisja.

Terġa', mir-Rendikonti Finanzjarji ta' l-Arċidjoċesi u tar-Reliġjużi li ġew pubblikati f'Jannar 1985 ħareġ li d-dħul regolari tagħhom mhux biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ħruġ li jkollhom. Meta wieħed iqis dan kollu, anke flimkien mar-rendikont tad-djoċesi ta' Għawdex, wieħed mill-ewwel jikkonkludi li l-Knisja bl-ebda mod ma għandha l-mezzi finanzjarji biex tagħmel l-iskejjel tagħha b'xejn.

Mill-budget li sar mill-iskejjel kollha tal-Knisja għas-Sena Skolastika Ottubru 1984/Settembru 1985 jirriżulta li n-nefqa totali meħtieġa tammonta għal Lm1,760,000. L-akbar spiża hi ta' Lm1,530,000 għas-salarji ta' fuq l-elf u mitt impjegat li jaħdmu f'dawn l-iskejjel.

Fl-ewwel term inġabru mingħand il-ġenituri nofs miljun lira. Hu mistenni li l-iskejjel ikollhom dħul ta' Lm100,000 lira minn fondi tagħhom. Dan ifisser li għaddisa' xhur Jannar-Settembru jridu jinstabu Lm1,160,000 biex jitħallsu l-ispejjeż kollha tas-sena.

Mindu nfetaħ il-**Fond għall-Iskejjel tal-Knisja Jannar-Settembru 1985,** sa l-aħħar ta' Jannar li għadda nġabru Lm400,000. Dan ifisser li biex l-iskejjel jitmexxew sa Settembru, jeħtieġu tliet kwarti ta' miljun lira oħra. Lm200,000 minn dawn huma meħtieġa għat-term li qegħdin fih. Għall-aħħar term u għaxxhur tas-sajf ikun jeħtieġ li tinġabar is-somma ta' Lm560,000.

Biex il-Knisja tkun tista' tmexxi l-iskejjel tagħha, huwa mportanti li l-Lm200,000 li jonqos għal dan it-term jinġabru sa l-aħħar ta' Frar.

F'April imbagħad, jibdew jinġabru l-kontribuzzjonijiet ta' l-aħħar term. Huwa essenzjali li l-ġabra fil-knejjes li ser issir fid-9 u l-10 ta' dan ix-xahar, tikkontribwixxi sostanzjalment biex tintlaħaq is-somma ta' Lm200,000 meħtieġa issa.

Ta' min ifakkar li l-Knisja fissnin li għaddew mhux biss kellha tagħmel tajjeb għat-telf li kien hemm imma ssussidjat b'mod qawwi ħafna lill-iskejjel. Dan billi l-impjegati reliġjużi jieħdu ħafna inqas mill-impjegati lajċi. Infatti din is-sena kieku r-reliġjużi kellhom jitħallsu daqs il-lajċi, kienu jeħtieġu Lm455,000 oħra u t-total tas-salarji kien ikun ta' Lm1,985,000.

**APPENDIX I**

| | |
|---|---|
| Numru ta' Skejjel ............ | 71* |
| Numru ta' Studenti: | |
| Livell ta' kindergarten ... | 3335 |
| Livell Primarju ............ | 8683 |
| Livell Sekondarju ......... | 6113 |
| TOTAL | 18,131 |

* Din iċ-ċifra hija bbażata fuq il-budget li sar għal din is-sena għall-iskejjel tal-Knisja.

Minn stħarriġ li għamel is-Segretarjat ta' l-Edukazzjoni Kattolika flimkien mal-**Pastoral Research Board** (P.A.B.) ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta ħareġ li t-tfal li jmorru fl-iskejjel tal-Knisja huma wlied kull kategorija ta' ħaddiema u mpjegati, u ġejjin minn kull klassi soċjali tal-poplu Malti mingħajr ebda distinzjoni. L-iskejjel kienu anke miftuħa għal dawk li ma setgħux iħallsu. Tant illi f'Settembru li għadda l-Knisja aċċettat li kważi wieħed minn kull għaxart itfal li xtaqu jistudjaw fl-iskejjel tagħha jew ma jħallsu xejn jew iħallsu miżata mnaqqsa.

Mill-istħarriġ tas-Segretarjat u l-P.R.B. irriżulta illi kważi tliet kwarti tat-tfal kollha (72.4%) ġejjin minn familji fejn il-missier huwa ħaddiem ta' l-id, tas-sengħa jew le, ħaddiem klerikali, teacher, bil-ħanut jew ukoll bla xogħol.

Fl-istudju, l-impjiegi ġew imqassmin f'sitt kategoriji soċjo-ekonomiċi. Il-kategorija msejħa "A", "B", "C1", "C2", "D", "E", huma skond klassifika internazzjonali.

Skond dan l-istudju n-numru ta' tfal ġejjin minn familji fil-kategorija "A" (professjonisti, kapijiet ta' dipartimenti eċċ.) ilaħħqu għal tnax u nofs fil-mija tat-tfal kollha li jattendu l-iskejjel tal-Knisja.

Dan il-grupp huwa daqs dak ta' kategoriji "D" u "E" — jiġifieri ta' dawk it-tfal li ġejjin minn familji fejn il-missier huwa "semi-skilled"; bla sengħa, ma jaħdimx jew hu mejjet.

Minn studju ieħor tas-Segretarjat irriżulta li meta qabel l-aħħar ta' Settembru ngabru l-miżati ta' l-ewwel tliet xhur tas-sena skolastika kien hemm aktar minn 1100 tifel u tifla li ġew eżentati milli jħallsu l-miżata għax ma setgħux. Kien hemm ukoll mas-600 li ħallsu miżata mnaqqsa. B' kollox fl-iskejjel tal-Knisja llum hemm 1727 tifel u tifla — kważi 10% tat-tfal kollha — li l-Knisja aċċettat li żżomm fl-iskejjel tagħha bla ma jħallsu l-ebda miżata jew iħallsu miżata mnaqqsa.

Dan kollu juri li l-iskejjel tal-Knisja huma miftuħa għal kulħadd mingħajr ebda diskriminazzjoni ta' xejn. Juru wkoll li dawk li ma għandhomx mezzi, bl-ebda mod ma huma mċaħħda milli jattendu l-iskejjel tal-Knisja.

L-iskejjel tal-Knisja qed jagħtu servizz lill-poplu kollu mingħajr ebda distinzjoni magħmula fuq bażi ta' klassi soċjali jew mezzi finanzjarji. Għalhekk il-Knisja qed tappella lill-poplu kollu biex fil-ġbir li se jsir fil-knejjes nhar is-Sibt u l-Ħadd, kulħadd jaqdi dmiru b'ġenerożità ħalli b'dan il-mezz u b'mezzi oħra straordinarji l-iskejjel jibqgħu miftuħa sa Settembru li ġej.

**XOGĦOL/IMPJIEG**

**Kategorija A**

Managers f'azjendi kbar, kapijiet ta' dipartimenti, professjonisti, wieħed li jħaddem aktar minn 25 ruħ, Kap ta' Skola II, eċċ. **12.6%**

**Kategorija B**
"Technicians" u "teachers" bi grad universitarju, skrivani għoljin, wieħed li jimpjega bejn il-5 u 25 ħaddiem, eċċ. 15.0%

**Kategorija C1**
Ħaddiema klerikali bħal skrivani u tajpisti; "teachers" u "technicians" mingħajr grad universitarju, wieħed li jimpjega anqas minn 5 ħaddiema. 32.4%

**Kategorija C2**
Ħaddiema manwali tas-sengħa bħal mastrudaxxi, "plumbers", bajjada, "fitters", "shipwrights", "electricians", koki, "welders", eċċ. 27.6%

**Kategorija D**
Ħaddiema manwali "semi-skilled" jew bla sengħa bħal "watchmen", messaġġiera, "waiters"; bejjiegħa fit-toroq, sajjieda, eċċ. 8.4%

**Kategorija E**
Missier mejjet jew bla xogħol 4.0%

100.0%

## IL-FTEHIM DWAR L-ISKEJJEL

### Id-dokumenti uffiċjali

I

Nei giorni 1 e 2 aprile, 1985, continuando le conversazioni già avuti dal 20 al 22 marzo,u.s., hanno avuto luogo incontri tra la Delegazione della Santa Sede presieduta da S.E. Monsignor Achille Silvestrini, Segretario del Consiglio per gli Affari Pubblici della Chiesa, e la Delegazione del Governo della Repubblica di Malta, presieduta dal Signor Primo Ministro Dr. Karmenu Mifsud Bonnici.

La conversazioni hanno avuto come oggetto il problema delle scuole cattoliche, in particolare i criteri di ammissione alle scuole secondarie e il finanziamento delle medesime. Le due Parti hanno esaminato le proposte e i suggerimenti presentati durante i colloqui, cercando di individuare i punti che favorissero l'avvicinamento delle rispettive posizioni.

Non essendo stato ancora possibile raggiungere un'intesa su tutti i punti in esame, le due Parti si sono riservate di esaminare ulteriormente i punti non risolti.

2 aprile 1985

II

Oggi, 27 aprile 1985, si sono conclusi in Vaticano i negoziati tra le Delegazioni della Santa Sede e della Repubblica di Malta in merito al problema delle Scuole della Chiesa.

Essi avevano avuto inizio ed erano proseguiti a Malta, sotto la presidenza del Primo Ministro, S.E. il Dr. Carmelo Mifsud Bonnici, durante le visite della Delegazione della Santa Sede presieduta da S.E. Mons. Achille Silvestrini, Segretario del Consiglio per gli Affari Pubblici della Chiesa, nei giorni 20-22 marzo e 1 e 2 aprile; un terzo incontro aveva avuto luogo a Roma tra il Primo Ministro e Mons. Silvestrini il 16 aprile.

La Delegazione della Santa Sede era presieduta da S. E. Mons. Achille Silvestrini e ne facevano parte: S.E. Mons. Giuseppe Mercieca, Arcivescovo di Malta; S.E. Mons. Nicholas Cauchi, Vescovo di Gozo; Mons. Francesco Canalini, Incaricato d'Affari a.i. della Nunziatura Apostolica a Malta; Mons. Giuseppe Lazzarotto, Consigliere di Nunziatura presso il Consiglio per gli Affari Pubblici della Chiesa; Padre Charles Caruana, S.J., Direttore del Segretariato per l'Educazione Cattolica; il Rev. Joseph Magro, Segretario particolare dell'Arcivescovo di Malta; e il Sig. Louis E. Galea, dell'Ufficio Amministrativo della Curia Arcivescovile.

La Delegazione della Repubblica di Malta era presieduta da S.E. l'On. Joseph Cassar, Vice-Primo Ministro e Ministro della Giustizia, e ne facevano parte S.E. l'On. Dr. Alex Sceberras Trigona, Ministro degli Affari Esteri e della Cultura; S.E. il Dr. Paul Farrugia, Ambasciatore di Malta presso la Santa Sede; e il Sig. Godwin Pulis, del Ministero degli Affari Esteri.

Le due Parti hanno raggiunto un accordo sull'applicazione graduale della gratuità ai vari anni delle Scuola Secondaria e sui criteri di ammissione degli alunni.

E' stato anche concordato che una Commissione Mista inizi lo studio delle altre materie che interessano le relazioni tra Chiesa e Stato e l'opportunità che sia nominato al più presto un Nunzio Apostolico.

III

A conclusione delle trattative svoltesi a Malta e in Vaticano, le Delegazioni della Santa Sede e del Governo della Repubblica di Malta hanno raggiunto il 27 aprile 1985 i seguenti punti d'accordo sulla questione delle Scuole della Chiesa:

1. E' previsto, secondo le modalità sotto-indicate, che l'ammissione alle Scuole Secondarie della Chiesa abbia luogo tramite un Esame Nazionale, condotto congiuntamente dallo Stato e dalle Istituzioni Educative Cattoliche. Prima dell'Esame i genitori dei candidati indicheranno a quali Scuole desiderano inviare i loro figli in ordine di preferenza.
2. L'Esame Nazionale non sarà richiesto agli alunni che attualmente frequentano le Scuole PPrimarie della Chiesa e che avranno facoltà di accedere alle Secondarie del medesimo Istituto in cui si trovano iscritti, nell'intesa che il numero globale degli studenti delle scuole primarie,

e secondarie della Chiesa non superi quello registrato al 1 gennaio 1985.

3. Se successivamente sarà raggiunto un accordo circa i criteri di ammissione alle Scuole Primarie della Chiesa, l'obbligo dell'Esame Nazionale per le Secondarie non sarà pi& richiesto. Al più presto riprenderanno i lavori della Commissione Tecnica bilaterale per l'esame del Piano di Razionalizzazione delle Scuole della Chiesa.
4. Dal settembre 1985 saranno gratuiti il 6° (primo e secondo livello), 5° e 4° anno delle Scuole Secondarie. Nel settembre 1986 diverrà gratuito il 3° anno, e cosi' di seguito fino al settembre 1988 quando anche il primo anno sarà gratuito. Dal settembre 1988, pertanto, si applicherà l'Esame Nazionale, salvo quanto previsto al n. 2.
5. Per le classi e negli anni in cui non è prevista la gratuità — cosi' come per le Scuole Primarie e Materne della Chiesa — le direzioni degli Istituti potranno riscuotere le rette stabilite secondo in propri regolamenti.
6. La Chiesa è autorizzata a raccogliere le offerte dei fedeli per lo svolgimento delle sue attività educative.
7. E' costituita una Commissione Paritetica con il mandato — da portare a conclusione entro il 31 gennaio 1986 — di:
   - trattare della proprietà ecclesiastica prendendo atto della sua consistenza;
   - suggerire tempi e modi per una migliore utilizzazione delle proprietà della Chiesa gradualmente disponibili, nel rispetto della norme del Diritto Canonico;
   - dare indicazioni sul contributo che la Chiesa è in grado di dare per le sue Scuole;
   - esaminare i bilanci finanziari annuali delle Scuole medesime formulando osservazioni e proposte;
   - sulla base dell'impegno dichiarato dal Governo di contribuire al finanziamento delle Scuole, indicare l'entità della quota di partecipazione dello Stato, includendo anche l'anno scolastico 1985/1986.
8. Saranno salvaguardate l'identità delle Scuole Cattoliche e del loro insegnamento nonche' l'autonomia della loro organizzazione e funzionamento nel rispetto delle norme generali previste dall'ordinamento dello Stato per l'Educazione.

Vaticano, 27 aprile 1985.
Per la Santa Sede
† Achille Silvestrini
† Giuseppe Mercieca
† Nicola G. Cauchi

Per il Governo della Repubblica di Malta
Giuseppe Cassar,
Vici-Primo Ministro.
Alex Sceberras Trigona,
Foreign Minister.
P. Farrugia,
Ambasciatore Presso la Santa Sede.

IV

Le Delegazioni della Santa Sede e del Governo della Repubblica di Malta, prendendo atto dell'Accordo concluso il 27 Aprile 1985, concordano che una Commissione Mista inizi lo studio delle altre materie che interessano le relazioni tra Stato e Chiesa.

Le due Delegazioni si sono trovate d'accordo anche sull'opportunità che la Nunziatura a Malta abbia al più presto possibile il Capo Missione titolare, con la nomina del Nunzio Apostolico.

Città del Vaticano, 27 Aprile 1985.

Per la Santa Sede
† Achille Silvestrini

Per il Governo della Repubblica di Malta
Giuseppe Cassar,
Vice-Primo Ministro.
Alex Sceberras Trigona,
Foreign Minister.
P. Farrugia,
Ambasciatore Presso la Santa Sede.

## ID-DJAR TAX-XJUH

* F'Malta u Għawdex il-Knisja qed tmexxi 17-il dar tax-xjuħ.

* F'dawn id-djar igħixu 504 raġel u mara.

* Biex jieħdu ħsiebhom hemm 138 soru u 81 impjegat — jiġifieri li bejn wieħed u ieħor għal kull żewġ residenti hemm persuna tieħu ħsiebhom!

* Hemm ukoll 90 awżiljarja tal-CARITAS li jagħtu daqqa t'id.

* Fid-djar tal-Knisja jeżisti ambjent ta' familja.

* S'issa twaqqfu gruppi parrokkjali fi 12-il parroċċa biex jieħdu ħsieb igħinu lin-nies li jgħixu waħedhom, l-aktar ix-xjuħ.

* S'issa twaqqfu Ċentri għall-anzjani f'dawn il-parroċċi: Balluta, Hal Balzan, B'Kara (San Ġużepp Haddiem), Bormla, Hamrun (Kunċizzjoni), Hamrun (Little Sisters of the Poor), Naxxar, Hal Qormi (San Bastjan), San Ġiljan, Sliema (San Girgor), Sliema (Stella Maris), Hal Tarxien (Sorijiet tal-Karità), Żejtun u Żurrieq.

* Ix-xjuħ kollha anki dawk li ma jistgħux iħallsu jingħataw l-istess servizz u trattament.

* Kull anzjan minn ras għal ras iqum lid-dar Lm3 kuljum. Dawk li d-dħul tagħhom huwa inqas minn Lm3, li jgħixu mill-pensjoni jew li m'għandhom l-ebda dħul jiġu aċċettati xorta waħda.

Ċerti djar jistgħu jew iżommu jew ipattu għat-telf biss bil-għajnuna tad-dħul minn proprjetà mħollija. Jekk jitilfu dan id-dħul id-djar jisfgħu perikolati.

"Ma jonqosni xejn... qiegħda tajba għal saħħti u għal ruħi... moħħi mistrieħ anke bil-lejl għax għandi min jieħu ħsiebi... niddejjaq meta noħroġ... l-ebda sikkatura ta' xejn... l-ikel tajjeb..." Dawn kienu xi ftit mill-kummenti li taw uħud mill-għoxrin raġel u tnejn u tletin mara li hemm joqogħdu fid-Dar ta' Sawra li hemm fir-Rabat.

Mibnija fil-bidu tat-triq prinċipali li mis-Saqqajja tieħu għall-Buskett din id-Dar kbira u sabiħa li nbniet aktar minn 300 sena ilu, fl-1657 mit-Tabib Nicola Saura mis-Siġġiewi, hija l-eqdem kenn għax-xjuħ f'pajjiżna. Ta' forma rettangolari bi ġnien kbir fin-nofs mimli siġar tal-larinġ u l-lumi, din id-dar hija verament refuġju ta' sliem u mistrieħ. Għalkemm ilha li nbniet dawn is-snin kollha, illum ma hemm xejn qadim la fejn igħixu x-xjuħ u lanqas fil-mod kif igħixu.

Fuq inizjattiva ta' Mons. Philip Calleja, Segretarju Amministrattiv, beda x-xogħol ta' modernizzar tad-Dar. Tlieta mis-swali kbar ġew maqsuma fi "cubicles" puliti, komdi, waħda għal kull persuna. F'kull "cubicle" hemm sodda, gwardarobba, komodina, "wash hand basin" bl-ilma kiesaħ u sħun naturalment "buzzer" biex jitolbu l-għajnuna. Ma' kull sala mbagħad hemm numru ta' kmamar tal-banju kuluriti, komdi u tassew attraenti, hekk li fihom jistgħu jidħlu anke bil-"wheel chair". L-uniċi żewġ dormitorji li hemm b'sitt sodod kull wieħed qegħdin għall-anzjani li ma joħorġux mis-sodod u għalhekk għandhom bżonn ta' aktar kura u attenzjoni.

Tabilħaqq l-attenzjoni li jingħataw ir-residenti tad-Dar ta' Saura ma tistax tkun aħjar. Biżżejjed wieħed igħid li l-istaff hu magħmul minn sitt sorijiet tal-karità — kollha għandhom esperjenza kbira ta' "nursing" (3 minnhom S.R.N.'s) u tmintax-il impjegat ieħor — tlieta minnhom dejjem ikunu għassa bil-lejl. B'kollox fid-Dar hemm 21 persuna biex jieħdu ħsieb 52 resident!

Għalkemm il-ġurnata hi mqassma f'ħinijiet ta' ikel, kolazzjon, te, talb, żjajjar, ħin liberu u rqad, l-anzjani għandhom libertà kbira biex jagħmlu dak li jixtiequ mill-ħin tal-ġurnata. Hemm min joħroġ u hemm min joqgħod bil-qiegħda fil-kurituri kbar arjużi jew, meta t-temp jippermetti, fit-terrazzini jitgħaxxqu bil-veduta stupenda ta' Malta li tista' tara minn hemm. Uħud iqattgħu ħin fil-kappella jew jaraw it-television fil-kamra sabiħa li qiegħda apposta.

Barra minn hekk ħafna jmorru jżuruhom il-qraba u l-ħbieb fil-ħinijiet apposta — filgħodu u wara nofs in-nhar, il-ġranet kollha tal-ġimgħa. L-istess jagħmlu għadd ta' membri tal-CARITAS.

Minn hawn u ftit taż-żmien ieħor huwa ttamat li jibda x-xogħol biex parti mid-dar tiġi żviluppata f'ċentru rikreattiv anke għar-residenti anzjani li joqogħdu fl-inħawi tad-Dar.

Il-Knisja tabilħaqq ħasbet għal kollox.

Issa jonqos biss li jitwaqqaf

grupp ta' voluntieri ħbieb tad-Dar biex ikunu jistgħu jagħtu lix-xjuħ dik ix-xi ħaġa "extra" f'servizzi u qadi personali mhux tas-soltu li amministrazzjoni tajba kemm hi tajba mhux possibbli li tagħti.

*Diskors minn Monsinjur Victor Grech, Direttur tad-Djar tal-Knisja għall-Anzjani, fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tat-tiġdid strutturali fid-Dar ta' Saura, Rabat, nhar it-Tlieta, 19 ta' Marzu, 1985.*

Eċċellenza,

Inġbarna hawn dalgħodu biex nagħtuk merħba f'Jum it-Tifkira tal-Patrun tiegħek San Ġużepp u biex miegħek nifirħu bit-tiġdid strutturali li sar f'din id-Dar ta' Saura għall-ġid tar-residenti.

L-anzjani għandhom post kbir fil-missjoni tal-Knisja f'pajjiżna. Dan jixhduh is-sbatax-il dar ta' l-anzjani li nbnew mill-Knisja f'Malta u Għawdex bil-għajnuna tal-benefatturi, bil-ħidma tal-kongregazzjonijiet reliġjużi u bis-servizzi li taw fihom is-saċerdoti, l-istaff lajk u voluntieri f'dawn l-aħħar tliet mitt sena.

Kemm ilek Arċisqof ta' Malta int tfajt l-attenzjoni tiegħek fuq dawn id-djar u xtaqt li tagħtihom dehra ġdida skond il-ħtiġijiet ġodda li jitolbu żminijietna. Bil-għajnuna tas-Segretarjat Ħidma Soċjali u ta' Karità tal-Knisja (Caritas Malta) li inti waqqaft fl-1977 biex fost ħidmiet oħra jikkordina u jiżviluppa s-servizzi għall-anzjani fl-Arċidjoċesi, kif ukoll, bil-ħidma ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kurja, bdejt tara l-frott ta' l-inizjattivi li ttieħdu f'dawn l-aħħar snin.

Insemmi b'mod partikulari t-tiġdid strutturali li sar fid-Djar ta' l-Anzjani f'Ħaż-Żebbuġ, l-Isla, Fleur-de-Lys u Saura — Rabat f' dawn l-aħħar sentejn.

Il-biċċa l-kbira tad-Djar tal-Knisja għall-anzjani llum qed iżidu l-faċilità ta' kmamar privati għall-anzjani bil-kumditajiet kollha meħtieġa, kif ukoll servizzi li jtejbu s-saħħa, l-iġjene, l-ikel, ir-rikreazzjoni u l-ambjent kommunitarju. Nittamaw li fi żmien qasir dawn is-servizzi jidħlu fid-djar kollha.

Eċċellenza, filwaqt li nuru l-ikbar stima lejn min qabilna ħadem f'din id-Dar u fi djar oħra tal-Knisja, nitolbok tikxef din il-lapida li qed tfakkar it-tiġdid strutturali tad-Dar ta' Saura li hija waħda mill-eqdem Istituzzjonijiet f'Malta — tabilħaqq Saura nbniet fl-1654 — u tbierek lil kull min igħammar f'din id-Dar, kif ukoll lil kull min qed jaħdem bi spirtu ta' karità nisranija biex itejjeb il-kundizzjonijiet ta' l-anzjani.

# RAPPORT DWAR IX-XOGHOL TAT-TRIBUNAL EKKLESJASTIKU

## GHAS-SENA 1984

Is-sena 1984 tista' forsi tissejjaħ indikattiva dwar kemm il-problemi fil-ħajja tal-familja qed jiżdiedu f' Malta u dan frott mhux biss tat-tensjoni u l-ħajja mgħaġġla fil-pajjiż iżda wkoll minħabba n-nuqqas ta' preparazzjoni serja u xi kultant nuqqas ta' serjetà li biha xi wħud miż-żgħażagħ tagħna qed jersqu lejn is-Sagrament taż-żwieġ.

Ma' tul is-sena 1984 ġew ippreżentati fil-Kanċellerija tat-Tribunal 53 każ ġdid, bdew jiġu proċessati 66 każ u ġew konklużi 42 każ.

It-tnejn u erbgħin każ konklużi huma mqassmin b'dan il-mod:

25 każ ta' nullità taż-żwieġ;

3 każijiet ta' Dispensa minn żwieġ mhux ikunsmat;

1 każ ta' mewt presunta;

1 każ fejn ma ġietx aċċettata d-domanda għaliex ma kienx hemm bażi fuq hiex jiġi eżaminat il-każ.

12-il każ ta' Rogatorji minn Tribunali Esteri.

Il-ħamsa u għoxrin każ ta' nullità ta' żwieġ huma mqassmin b'dan il-mod:

(i) Ingħataw 18-il Sentenza li minnhom 14 kellhom esitu affirmattiv u 4 esitu negattiv.

(ii) Is-7 każijiet l-oħra ntemmu għaliex f'każ wieħed il-partijiet irrinunzjaw għall-kawża, u fis-sitta l-oħra l-partijiet tilfu kull interess fil-kawża.

(iii) Skond il-"capita" esaminati fis-Sentenzi ngħataw dawn id-deċiżjonijiet (f'Sentenza waħda jista' jkunu eżaminati aktar minn "caput" wieħed):

| "Caput" | Affirmattivi | Negattivi |
|---|---|---|
| (a) Simulatio Totalis | 1 | 2 |
| (b) Exclusio Boni Fidei (Fedeltà) | 1 | 3 |
| (c) Exclusio Boni Sacramenti (Indissolubilità) | 2 | – |
| (d) Exclusio Boni Prolis (Tfal) | 2 | 1 |
| (e) Conditio (Kunsens Kundizzjonat) | 1 | – |
| (f) Defectus Formae (Difett tal-Forma) | 1 | – |
| (g) Defectus Discretionis (Difett ta' Diskrezzjoni ta' Ġudizzju) | 2 | 4 |
| (h) Inabilitas assumendi onera (Inabilità biex jitwettqu d-dmirijiet taż-żwieġ minħabba raġunijiet ta' natura psikika) | 9 | 2 |

Dwar il-każijiet ta' non-konsummazzjoni każ wieħed ġie mibgħut lis-Santa Sede u ġie deċiż b'mod affirmattiv billi ngħatat id-Dispensa, iż-żewġ każijiet l-oħra ġew dikjarati deserti għaliex il-partijiet reġgħu marru joqogħdu flimkien.

Kien hemm ukoll każ ta' "Praesumpta morte" li kellu esitu affirmattiv.

Ma' tul din is-sena l-Imħallfin fit-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza kienu qed jipproċessaw sitta u sittin (66) każ li minnhom erbatax (14) kienu Rogatorji. Minħabba li skond il-Kodiċi meta jiġi ppre-

żentat każ fil-Kanċellerija hemm biss żmien ta' xahar biex tingħata risposta dwar l-aċċettazzjoni jew le tad-domanda, il-każijiet li ġew ippreżentati ma' tul din is-sena kollha ġew mibdija. Dan ħoloq daqsxejn ta' inġustizzja ma' dawk li kienu ppreżentaw id-domanda tagħhom fis-snin ta' qabel. Infatti għad baqa' numru ta' każijiet li ġew ippreżentati mill-1980 sal-1983 li qed jistennew li jibda l-proċess tagħhom. Dawn huma mqassmin b'dan il-mod: 11 ippreżentati fl-1980, 3 fl-1981, 3 fl-1982 u 5 fl-1983. Ġeneralment meta f'dawn il-każijiet waħda mill-partijiet tavviċina lit-Tribunal nieħdu ħsieb li l-proċess jibda skond il-Liġi l-ġdida.

Huma interessanti li nagħtu idea tal-"capita" li qed jiġu eżaminati fil-każijiet li qed jiġu proċessati bħal issa. Evidentement kull każ jista' jkollu aktar minn "caput" wieħed. Il-"capita" huma mqassmin hekk:

| | | |
|---|---|---|
| (a) | Simulatio Totalis | 17 |
| (b) | Exclusio boni fidei (Fedeltà) | 8 |
| (c) | Excluso boni sacramenti (Indissolubilità) | 4 |
| (d) | Exclusio boni prolis (Intenzjoni kontra t-tfal) | 11 |
| (e) | Vis et metus (Forza u Biża') | 3 |
| (f) | Error (żball fil-kwalità tal-persuna) | 1 |
| (g) | Conditio (Kunsens kundizzjonat) | 1 |
| (h) | Ignorantia (Injoranza dwar l-elementi essenzjali taż-żwieġ) | 1 |
| (i) | Defectus Discretionis (Difett ta' Diskrezzjoni ta' Ġudizzju) | 18 |
| (j) | Inabilitas assumendi onera (Inabilità li jieħu fuqu u jwettaq l-obbligi taż-żwieġ) | 48 |

Daqqa ta' għajn lejn din l-istatistika turi li kważi fil-każijiet kollha jeżisti l-eżami ta' l-aħħar "caput". Biex żwieġ jiġi dikjarat null fuq l-inabilità li wieħed jieħu fuqu u jwettaq ir-responsabbilitajiet taż-żwieġ jeħtieġ li jiġi ppruvat permezz ta' l-għajnuna ta' psikjatra jew psikologu li dik il-persuna jkollha jew mard mentali jew inkella diżordni gravi fil-personalità li minħabba fiha ma tkunx kapaċi tibni relazzjoni interpersonali. F' ħafna mill-każijiet dan jiġi ppruvat u dan jirrifletti l-"background" imfarrak tal-familji li minnhom jiġu dawn in-nies li jħalli impronta fuq il-karattru u l-personalità tagħhom.

Ta' min isemmi li sa l-aħħar ta' Frar ta' l-1985 kienu ġew ippreżentati ħmistax (15) il-każ ieħor fil-Kanċellerija tat-Tribunal.

Minbarra dawn il-każijiet hemm numru ieħor li ma' tul is-sena avviċinaw b'mod preliminari lit-Tribunal biex jaraw jekk għandhomx każ li jressqu domanda fil-Kanċellerija. Mill-14 ta' Settembru li għadda t-Tribunal kellu s-servizz ta' Dun Lawrenz Cachia li għandu l-uffiċċju li jintervista lil dawn innies u jekk ikun il-każ igħinhom biex jagħmlu d-domanda tagħhom. Sa l-aħħar tas-sena Dun Lawrenz kien diġà kellu 27 każ li fuqhom kien qed jagħmel investigazzjoni. Meta ma jkunx jeżisti bażi biex tinbeda l-kawża l-persuna interessata tiġi mgħarrfa u d-do-

manda ma titressaqx.

Ma' tul is-sena li għaddiet it-Tribunal tal-Appell ikkonkluda 15-il każ: fi 13 minnhom ikkonferma b' Digriet is-Sentenza ta' l-Ewwel Istanza, ta sentenza waħda kontra dik ta' l-Ewwel Istanza u għalhekk il-kawża ser ikollha tintbagħat lis-Sagra Romana Rota u kien hemm każ ta' wieħed li rrinunzja għall-appell.

Il-problema dwar il-proċessar tal-kawżi jinsab prinċipalment fin-numru limitat ta' l-Imħallfin. F'Diċembru li għadda miet Monsinjur G. Sapiano u Patri Aloysius Pisani, O.C.D. ġie nominat President tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza. Dan kien ifisser li t-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza tnaqqas b'Imħallef ieħor u l-kawżi li kellu Patri Pisani kellhom jiġu distribwiti ma' l-Imħallfin l-oħra li issa fil-prattika ġew ridotti għal tlieta. Jeżisti bżonn urġenti li jiġu nominati almenu żewġ imħallfin oħra fit-Tribunal ta' l-Ewwel Istanza. Huwa veru li hemm id-diffikultà li l-Imħallfin għandhom ikollhom, skond il-Kodiċi, il-kwalifiki meħtieġa, biss sakemm id-djoċesi jkollha l-persuni kwalifikati huwa neċessarju li tinstab soluzzjoni provviżorja u dan biex ma nonqsux mill-ġustizzja ma' dawk li jitolbu s-servizz tat-Tribunal tagħna.

Waqt li bħas-soltu nirringrazzja lir-Reliġjużi tax-xogħol siewi u indispensabbli li qed jagħtuna, u dan anki b'nuqqas ta' rimunerazzjoni xierqa, nixtieq nitlob lill-Provinċjali jaraw jekk jistgħux jissuġġerixxu lil xi ħadd mis-saċerdoti tagħhom biex jiġi maħtur Mħallef.

Fl-aħħarnett tajjeb li wieħed ikun mgħarraf dwar il-ħlasijiet li saru matul is-sena li għaddiet minn dawk li ġie konkluż il-każ tagħhom, u dan biex inkunu nistgħu nirrispondu għall-akkużi li soltu jsiru f'dan ir-rigward. Mid-29 każ konklużi, għaliex it-Tribunal ma jippretendix ħlasijiet ta' Rogatorji u ta' domandi li ma jiġux aċċettati, 18 ma ħallsu xejn, 3 ħallsu biss parti mill-ispejjeż u 8 ħallsu l-ispejjeż kollha. L-ispejjeż ta' kawża jvarja minn LM150 sa LM250 u dan jiddependi min-numru tas-seduti li jkunu saru, mill-ispejjeż tat-tobba, spejjeż tal-kanċellerija speċjalment fotokopji eċċ. Ta' min isemmi li ma' tul din is-sena t-Tribunal kellu wkoll is-servizz ta' żewġ psikologi saċerdoti u dan għen ħafna biex innaqqsu l-ispejjeż tat-tobba.

Ma nistax nagħlaq dan ir-rapport mingħajr ma nirringrazzja lil dawk kollha li qed jagħtu s-servizz tagħhom fit-Tribunal u li qed jaħdmu mhux biss b'mod disinteressat iżda wkoll f'ċirkostanzi xi kultant diffiċli u anormali minħabba n-numru elevat tal-każijiet li dejjem qed jiżdied. Qed nippruvaw nagħmlu kemm nistgħu biex permezz ta' metodi u mezzi moderni nħaffu x-xogħol u qed naħsbu wkoll biex 'il quddiem nixtru 'computer' żgħir, iżda dan jirrikjedi spejjeż ulterjuri li għadna mhux f'sitwazzjoni li naffrontaw.

Sliema, 5 ta' Marzu 1985.

Mons. Arthur Said Pullicino,
Vigarju Ġudizzjali.

## MOVIMENT TA' KANA
## RAPPORT TA' HIDMA GHAS-SENA 1984

Il-Moviment ta' Kana għandu bħala ħidma tiegħu l-pastorali tal-familja. L-għan ta' din il-ħidma hu li jsaħħaħ u jagħmel il-familja Maltija tkun "għajn ħajja ta' dawl u ħmira" (F.C. 73) fil-Knisja u fis-soċjetà Maltija.

Dan il-għan il-Moviment ifittex li jwettqu permezz ta' dawn is-servizzi:

a) b'edukazzjoni għal ħajja kemm jista' jkun kmieni għal dawk li ser jaqbdu t-triq taż-żwieġ u tal-familja;

b) bi tħejjija u formazzjoni tal-għarajjes għas-sagrament taż-żwieġ u l-pastorali mal-miżżewġin ġodda;

c) b'formazzjoni spiritwali, apostolika u soċjali tal-miżżewġin u tal-ġenituri biex jagħrfu jaqdu d-dmirijiet tagħhom lejn xulxin u fl-edukazzjoni tal-ulied;

d) b'counselling professjonali li jgħin u jqawwi lil min ifittex il-Moviment fi żmien ta' diffikultà;

e) b'edukazzjoni lill-miżżewġin fil-valuri tal-ħajja, tal-ulied u fl-ippjanar tal-familja b'metodi naturali;

f) bi studju, riċerka u dokumentazzjoni dwar il-problemi soċjali u morali tal-familja;

g) bil-ħarsien u l-promozzjoni tal-ħtiġijiet u d-drittijiet tal-familja fil-kamp reliġjuż u soċjali.

Iż-żminijiet tal-lum qed jitolbu ħidma dejjem aktar mill-Moviment ta' Kana, li madankollu huwa mxekkel minn tliet nuqqasijiet, jiġifieri, nuqqas ta' personnel speċjalment saċerdoti, nuqqas ta' spazju adegwat għall-ħidma tiegħu, u nuqqas ta' fondi.

Il-ħidma tal-Moviment ta' Kana nistgħu niġbruha taħt żewġ kategoriji:

a) Edukattiva u Formattiva, u

b) rimedjali jew 'counselling'.

a) F'din il-kategorija saru dawn il-ħidmiet:

**i) Korsijiet għall-għarajjes bi tħejjija għaż-żwieġ:**

matul l-1984 il-Moviment ta' Kana organizza 32 kors għall-għarajjes li għalihom attendew aktar minn 2000 kopja. Dawn saru kemm fuq skala nazzjonali (fl-Istitut Kattoliku), distrettwali u parrokkjali; il-biċċa l-kbira ta' dawn il-korsijiet saru f'parroċċi differenti.

Dawn il-korsijiet kienu ta' seba' laqgħat li fihom ġew ittrattati l-aspetti spiritwali, morali, psikoloġiċi, legali u mediċi taż-żwieġ kif ukoll l-ippjanar naturali tal-Familja. Kull kors intemm b'quddiesa.

L-għarajjes kollha li għamlu dawn il-korsijiet ġew mogħtija ċertifikat ta' attendenza.

Matul din is-sena ġie mfassal programm ġdid ta' tħejjija għaż-żwieġ b'mod li jkun iżjed impenjattiv u intensiv, programm ta' tmien laqgħat li jinkludi fih diversi eżerċizzi u visual aids. l-materjal għal dan il-programm kważi tlesta u diġà bdew isiru xi laqgħat sperimentali b'dan il-materjal.

**ii) Korsijiet dwar l-ippjanar naturali tal-familja**

Dawn huma korsijiet speċjali ta' sitt laqgħat li fihom jiġu mgħallma sew il-metodi naturali tal-ippjanar tal-familja.

Matul l-1984 saru tliet korsijiet minn dawn fl-Istitut Kattoliku,

Floriana, kif ukoll żewġ korsijiet oħra kull wieħed fiċ-Ċentri ta' Kana ta' Raħal Ġdid u kors ieħor fiċ-Ċentru ta' Kana ta' Tas-Sliema. Għal dawn il-korsijiet attendew 275 koppja li kienu mqassmin fi gruppi żgħar. Saru wkoll korsijiet fil-parroċċi ta' San Ġużepp Haddiem (B'Kara), u l-Gżira, fuq talba tal-kappillan. F'dawn iż-żewġ korsijiet attendew 67 koppja.

Barra minn dawn 67 koppja oħra ġew individwalment għand il-counsellors u t-tobba tal-Moviment biex jitgħallmu dawn il-metodi.

iii) **Korsijiet ta' Eżerċizzi spiritwali matul ir-Randan:**

Matul l-1984 il-Moviment ta' Kana organizza żewġ korsijiet ta' eżerċizzi għall-għarajjes kif ukoll tmien korsijiet għall-miżżewġin. Minkejja l-fatt li wieħed jinnota b' sodisfazzjon li l-biċċa l-kbira tal-parroċċi qed jagħmlu l-eżerċizzi għall-għarajjes u l-miżżewġin, il-korsijiet li jorganizza l-Moviment ta' Kana għadhom imfittxija ħafna.

iv) **Korsijiet għal waqt it-tqala:** Dawn huma korsijiet ta' għaxar laqgħat bi thejjija għall-ħlas u l-kura tat-trabi. Fl-1984 saru sitta minn dawn il-korsijiet li għalihom attendew 125 mara.

v) **Korsijiet għan-nisa tad-dar:** Korsijiet ta' tagħlim prattiku għall-ħajja tal-familja, sar kors fl-Istitut Kattoliku u oħrajn simili fiċ-Ċentri ta' Kana ta' Raħal Ġdid, Rabat u Qormi. Għal dawn il-korsijiet attendew b'kollox 335 mara.

vi) **Laqgħat għall-miżżewġin żgħażagħ:** Saru kors ta' erba' laqgħat dwar il-Psikoloġija tat-tfal minn Fr. Dr. V. Shields. Saru tliet laqgħat oħra għall-miżżewġin żgħażagħ dwar "Il-Valuri tal-Hajja" minn Dun Benny Tonna, "L-Iżvilupp tat-tfal fl-ewwel sena u nofs" minn Paul Bartolo, u "Il-Mass Media u l-Familja" minn Lawrence Mizzi. Barra minn dawn saret ġimgħa ta' laqgħat għall-miżżewġin fil-parroċċa ta' S. Venera.

vii) **Gruppi Familji Nsara:** Matul l-1984 il-Moviment ta' Kana fetaħ 12-il grupp ġdid fi ħdan il-GRUFAN. S'issa hawn 44 grupp imferrxin fi 23 parroċċa. Il-Gruppi Familji Nsara huma gruppi ta' koppji miżżewġin li jiltaqgħu darba fix-xahar biex flimkien ma' saċerdot jirriflettu u jitolbu fuq il-Kelma t'Alla u jiddiskutu suġġetti konnessi mal-ħajja tal-familja u jaraw x'azzjoni jistgħu jwettqu.

b) **Counselling:** Il-Counselling hu x-xogħol moħbi tal-Moviment ta' Kana. Madankollu hija ħidma mill-aktar importanti; li tieħu ħafna ħin u tirrikjedi sengħa kbira.

Il-counselling tal-Moviment ta' Kana jsir minn "equipe" li jinkludi 12 counsellors nisa, kollha mħarrġin sewwa, 3 saċerdoti, 6 tobba, 7 avukati u 2 psikoloġisti.

Il-Moviment ta' Kana joffri s-servizz ta' counselling l-aktar fi problemi tal-egħrusija u żwieġ. Il-counselling isir prinċipalment fiċ-Ċentru tal-Floriana kif ukoll fiċ-Ċentri l-oħra ta' Raħal Ġdid, Żejtun, Qormi, Rabat u Tas-Sliema. Il-Moviment ta' Kana għandu wkoll fergħa f'Għawdex.

Matul l-1984, fiċ-Ċentri ta' Kana f'Malta ġew 1104 individwi u koppji għall-counselling. Hafna minn dawn jiġu għal sessjoni ta' counselling aktar minn darba.

ft. Rev. Louis Camilleri,
a/Direttur
7.3.85

## IL-HIDMA TAS-SEGRETARJAT HIDMA SOĊJALI U TA' KARITA' — 1984 — (Caritas Malta)

Matul dis-sena l-Caritas tefgħet ħafna mill-attenzjoni tagħha fuq il-problema tad-droga, li qed tifni ħafna żgħażagħ u ħafna familji.

Fil-mira tagħha li taħseb fil-bogħod u taħseb fuq bażi professjonali, il-Caritas iddeċidiet li tieħu l-esperjenza ta' min f'pajjiżi oħra qed jissielet diġa' mal-problema. Saru kuntatti mill-qrib mal-Kommunità Terapewtika ta' Coolemine fl-Irlanda u ġibna Malta tlett esperti f'dan il-qasam: Jim Comberton, Executive Chairman tal-Kommunità, martu Peggy, Psychiatric Social Worker Anzjana u Tom Mc Garry, Direttur tal-Kommunità.

Bil-pariri u t-taħriġ tagħhom, il-Caritas waqqfet l-Assoċjazzjoni tal-ġenituri għall-prevenzjoni u l-azzjoni kontra d-drogi, maqsumin f'żewġ frieghi — waħda għal dawk il-ġenituri li diġà għandhom problema t'abbuż mid-drogi fil-familja, u l-oħra għal dawk li jridu jilqgħu minn qabel. Twaqqaf Grupp t'Azzjoni minn fosthom biex jitħarreġ iżjed f'dan il-qasam u jkunu jistgħu jifformaw l-opinjoni pubblika dwar id-drogi, l-iżjed fl-iskejjel u fil-parroċċi.

Saru laqgħat mal-ġenituri, mal-għalliema u mas-surmastrijiet tal-iskejjel privati.

Il-Caritas għażlet tnejn min-nies biex jintbagħtu fl-Irlanda jitħarrġu għal 6 xhur fil-qasam tad-drogi u issa li reġgħu lura jinsabu jaħdmu 'full-time' fil-kura tad-drogati u diġà bdew iħaddmu ċ-Ċentru ta' Merħba fejn żgħażagħ dipendenti psikoloġikament jew fiżikament mid-drogi qed ikunu kkurati u mogħtija orjentament ġdid f'ħajjithom. Nieħdu gost ingħidu li ż-żgħażagħ bdew jersqu għall-kura sa mill-ewwel jiem li bdew il-ħidma tagħhom mal-Caritas u diġà bdew jidhru riżultati inkoraġġjanti.

### KONFERENZA TAS-SOCIAL WORKERS

Bejn is-16 u t-23 ta' Marzu saret Konferenza għas-Social Workers li għaliha attendew 30 mill-Ingilterra u 40 minn Malta. Ġew ippreżentati għadd ta' 'Papers' miż-żewġ pajjiżi. Din il-Konferenza, li kienet dwar "Ix-Xogħol Soċjali fis-Snin Tmenin" kienet il-frott ta' ħidma id f'id bejn il-Caritas u r-rivista Ingliża SOCIAL WORK TODAY.

### SEMINAR DWAR IL-VOLONTARJAT

F'Mejju l-Caritas organizzat Seminar dwar il-Volontarjat miftuħ għall-voluntiera kollha li jaħdmu fi ħdan il-Caritas u fi ħdan l-assoċjazzjonijiet kollha attivi fil-qasam soċjali. Il-kelliem ewlieni kien is-Sur Louis Donnelly, Ko-ordinatur tal-Hidma Soċjali u Pastorali fid-djoċesi ta' Westminster, fl-Ingilterra.

### IŻJED ĊENTRI GHALL-ANZJANI

Mat-tnax-il Ċentru li nfetħu qabel għall-anzjani fil-parroċċi, żdiedu tnejn oħra: wieħed f'Bormla u l-ieħor f'Tas-Sliema, fil-parroċċa ta' Stella Maris.

Dis-sena wkoll 10 Ċentri minn-

hom organizzaw ħarġa flimkien għall-Imġarr fejn intwerelhom films edukattivi u rikreattivi.

Għall-voluntiera li qed jaħdmu fost ix-xjuħ intwerew żewġ films edukattivi: "An Alternative Way to Care" u "Four Women Over 80". F'xi Ċentri wkoll instemgħu żewġ taħditiet rekordjati dwar il-"Psikoloġija tal-Anzjani" u ta' l-Ispiritwalità tal-Anzjani".

GRUPPI PARROKKJALI

Monsinjur Anton Pace dis-sena ssieħeb fil-grupp responsabbli għall-anizmazzjoni tal-gruppi parrokkjali.

PUBBLIKAZZJONIJIET

Il-Caritas dis-sena ppubblikat ktieb ta' talb f'edizzjoni TIPI KBAR għal idejn l-anzjani: NINTELQU FIL-MULEJ.

Ktejjeb ieħor ippubblikat kien dak VOLUNTIERA RESPONSABBLI TAL-ANZJANI FIL-PARROĊĊA. Hareġ ukoll fuljett "Il-Caritas Malta u l-Kommunitajiet Parrokkjali".

Il-bullettin tal-Caritas INFORM ħareġ regolari s-sitt ħarġiet tiegħu matul is-sena. U fil-gazzetti IL-HAJJA u THE TIMES dehru diversi artikli dwar problemi soċjali miktuba mill-Istaff tal-Caritas.

Barra dawn l-inizjattivi, il-Caritas issuktat il-ħidma regolari tagħha: il-laqgħat ta' formazzjoni għall-voluntiera tagħha, il-laqgħat għall-gruppi parrokkjali, il-Festa għall-Anzjani, il-laqgħat ta' kordinament bejn id-Djar ta' l-Anzjani, is-servizz ta' pariri mill-Istaff permanenti, ir-rekrutaġġ u taħriġ ta' membri ġodda wara l-Eżerċizzi tar-Randan ta' Dun Victor.

IL-FONDI GHALL-ETJOPJA

Permezz tal-Caritas, il-Knisja f' Malta kienet rappreżentata fil-Kumitat Nazzjonali mwaqqaf mill-President ta' Malta għall-ġbir ta' fondi bħala għajnuna lill-Etjopja. Kienet il-Caritas li organizzat u ġabret il-għotjiet tal-Insara Maltin mill-knejjes, skejjel, assoċjazzjonijiet u bnadi oħra. Dil-ġabra laħqet is-somma ġeneruża ta' Lm148,668. 166.

KONTRIBUZZJONIJIET GHALL-FOND TA' L-ETJOPJA SAL-BIDU TA' MEJJU

| *Parroċċi* ... | Lm |
|---|---|
| Attard | 1425.000 |
| Balzan | 1280.000 |
| Birgu | 907.000 |
| Birkirkara (S. Ġużepp Haddiem) | 1050.000 |
| Birkirkara (S. Liena) | 4244.500 |
| Birżebbuġa | 665.000 |
| Bormla | 935.100 |
| Balluta (Tal-Karmnu) | 1836.500 |
| Burmarrad | 1007.000 |
| Dingli | 745.000 |
| Fgura | 927.000 |
| Fleur-de-Lys (Tal-Karmnu) | 650.000 |
| Furjana | 371.000 |
| Għargħur | 607.000 |
| Għaxaq | 673.250 |
| Gudja | 421.000 |
| Gwardamanġa | 490.000 |
| Gżira | 1915.905 |
| Hamrun (Il-Kunċizzjoni) | 1133.000 |
| Hamrun (S. Gejtanu) | 1830.870 |
| Kalkara | 401.600 |
| Kirkop | 310.000 |
| Lija | 995.000 |
| L-Isla ...... | 581.375 |
| Luqa | 1496.900 |
| Manikata | 325.000 |

| | |
|---|---|
| Marsa (Marija Reġina) | 647.045 |
| Marsa (Trinità) | 808.000 |
| Marsaxlokk | 380.000 |
| Mdina | 137.000 |
| Mellieħa | 1375.000 |
| Mġarr | 925.000 |
| Mosta | 3153.100 |
| Mqabba | 431.000 |
| Msida | 1490.150 |
| Naxxar | 1896.200 |
| Qormi (San Bastjan) | 1677.000 |
| Qormi (San Ġorġ) | 1315.000 |
| Qrendi | 676.000 |
| Rabat | 1110.300 |
| Raħal Ġdid (Madonna ta' Lourdes) | 281.140 |
| Raħal Ġdid (Kristu Re) | 1951.000 |
| Safi | 150.000 |
| San Ġiljan | 1469.320 |
| San Ġwann | 2200.000 |
| Santa Luċija | 1019.000 |
| S. Pawl il-Baħar | 1000.000 |
| Santa Venera | 1074.000 |
| Siġġiewi | 1887.000 |
| Sliema (Ġesù Nazzarenu) | 1016.000 |
| Sliema (Sacro Cuor) | 2600.000 |
| Sliema (San Girgor) | 1320.000 |
| Sliema (Stella Maris) | 1811.000 |
| Tarxien | 1050.000 |
| Ta' Xbiex | 230.000 |
| Valletta (San Duminku) | 553.000 |
| Valletta (San Pawl) | 828.000 |
| Valletta (Santu Wistin) | 457.000 |
| Wied il-Għajn | 420.000 |
| Żabbar | 1725.000 |
| Żebbuġ | 2135.000 |
| Żejtun | 2715.000 |
| Żurrieq | 1334.000 |
| Djoċesi t'Għawdex | 12077.000 |

*Knejjes/Kappelli/Istituzzjonijiet tal-Knisja*

| | |
|---|---|
| Knisja ta' Mater Boni Consilii, Paceville | 516,000 |
| Knisja tal-Agostinjani, Tarxien | 500.000 |
| Knisja tal-Kappuċċini, Xemxija | 180.000 |
| Knisja ta' S. Maria tal-Ħlas, Qormi | 30.000 |
| Knisja ta' Liesse, Valletta | 118.500 |
| Knisja tal-Madonna tad-Duluri, G'Manġa | 100.000 |
| Knisja tal-Kappuċċini, Furjana | 335.000 |
| Knisja tal-Karmnu, Valletta | 434.000 |
| Knisja ta' S. Ignazju, S. Ġiljan | 42.000 |
| Knisja ta' S. Barbara, Valletta | 164.000 |
| Knisja ta' S. Agatha / Depiro Centre | 102.000 |
| Knisja ta' l-Erwieħ, Valletta | 164.000 |
| Knisja ta' San Pawl, San Pawl il-Baħar | 18.000 |
| Knisja tal-Kappuċċini, Għajn Dwieli | 450.000 |
| Knisja ta' San Franġisk, Rabat (Konventwali) | 189.000 |
| Knisja ta' San Duminku, Birgu | 213.600 |
| Knisja ta' San Franġisk, Valletta | 940.000 |
| Knisja tal-Kappuċċini, Sta. Liberata, Kalkara | 325.000 |
| Knisja ta' S. Rokku, Valletta | 22.000 |
| Knisja tal-Ġiżwiti, Valletta | 294.530 |
| Knisja ta' S. Duminku, Rabat | 631.500 |
| Knisja ta' Sarria, Furjana | 70.033 |
| Knisja ta' S. Rita (Community Centre) San Ġiljan | 110.000 |
| Santwarju S. Tereża, B'Kara | 2400.000 |
| Kon-Kattidral ta' S. Ġwann, Valletta | 334.263 |

| | |
|---|---|
| San Ġiljan (English-speaking Mass) | 60.000 |
| Italian Parish, Valletta | 323.000 |
| St. Paul's Anglican Pro-Cathedral, Valletta | 75.000 |
| Kappella tan-Nigret, Rabat | 123.000 |
| St. Patrick's, Tas-Sliema | 1042.287 |
| Kappella — Monasteru S. Klara, S. Ġiljan | 100.000 |
| Oratorju tas-Sależjani, Sliema | 70.000 |
| Loyola House, Naxxar | 120.140 |
| Kappella ta' S. Margerita, Għajn Riħana | 481.000 |
| Niċċa tal-Madonna fi Triq Diċembru 13, Marsa | 50.000 |
| Knisja tal-Pilar, Valletta | 8.000 |
| Kappella tad-Dar ta' S. Ġużepp, S. Venera | 54.000 |
| Knisja ta' San Mark, Rabat | 322.000 |
| Kappella tal-Buskett, Agostinjani, Rabat | 5.000 |
| Patrijiet Franġiskani, Valletta | 313.000 |
| Patrijiet Franġiskani, Triq S. Pawl, Rabat | 650.000 |
| Patrijiet Franġiskani, Villambrosa, Hamrun | 1000.000 |
| Knisja ta' S. Katerina, Rabat | 75.000 |
| Kappella tas-Sorijiet, Franġiskani, Msida | 140.000 |
| Sorijiet Franġiskani, Msida | 15.000 |
| Sorijiet Franġiskani, Sup. Ġenerali, Msida | 600.000 |
| Franġiskani Minuri Konventwali, Valletta | 100.000 |
| Sorijiet Dumnikani, Dar S. Ġużepp, Żabbar | 15.000 |
| Sorijiet Dumnikani, Sup. Ġenerali, Rabat | 300.000 |
| Daughters of the Sacred Heart, B'Kara | 60.000 |
| Sorijiet tal-Monasteru S. Pietru, Mdina | 11.000 |
| Sorijiet tal-Monasteru S. Ursula, Valletta | 26.000 |
| Sr. Josephine Gauci, Agostinjani, Qormi | 10.000 |
| Is-Superjura, Agostinjani, Qormi | 36.000 |
| Sorijiet Agostinjani, Mosta | 120.000 |
| Sisters of St. Joseph, Blata l-Bajda | 10.000 |
| Sisters of St. Joseph, Sliema | 173.000 |
| Sisters of St. Joseph, Rabat | 6.533 |
| Sorijiet tal-Karità, Gudja | 10.000 |
| Sorijiet tal-Karità, Has-Serħ | 10.000 |
| Sorijiet tal-Karità, Siġġiewi | 5.000 |
| Sorijiet tal-Karità, Sptar S. Luqa, G'Manġa | 8.000 |
| Sorijiet tal-Karità, Provinċjali, Tarxien | 100.000 |
| Sorijiet Ursolini, G'Manġa | 78.250 |
| Sorijiet Ursolini, Sliema | 35.000 |
| Society of the Sacred Heart, S. Ġiljan | 50.000 |
| Little Sisters of the Poor, Hamrun | 130.000 |
| Convent of the Sacred Heart, S. Ġiljan | 30.000 |
| Ġiżwiti, Naxxar | 122.000 |
| Ġiżwiti, Sarria House, Furjana | 20.000 |
| Ġiżwiti, Birkirkara | 702.000 |
| Ġiżwiti, Valletta, Fr. J. Galdes | 100.000 |
| Carmelite Priory, Mdina | 67.000 |

*Gruppi*

| | |
|---|---|
| Immaculate Conception School Tarxien | 180.000 |

| | |
|---|---|
| St. Joseph School, Blata l-Bajda | 50.000 |
| St. Joseph School, Sliema | 80.250 |
| St. Jeanne Antide School, Gudja | 50.000 |
| Savio College, Dingli | 25.000 |
| St. Dorothy's School, Mdina | 20.630 |
| St. Dorothy's School, Sliema | 14.000 |
| Stella Maris School, Balzan | 115.000 |
| St. Michael's School, Cannon Road, Hamrun | 40.000 |
| St. Paul's Missionary, College, Rabat | 23.000 |
| The Seminary, Tal-Virtù | 26.000 |
| Society of St. Vincent De Paul — Sliema and Gżira Conference | 25.000 |
| Ż.H.N. — Girls, Żejtun | 14.50 |
| Ż.H.N. — Żejtun | 34.000 |
| Paola Youth Centre | 30.000 |
| Christian Life Community, Sarria House | 10.000 |
| Missions Office | 510.000 |
| M.U.S.E.U.M. Female Members, Gudja | 3.000 |
| Ċirkolu S. Joachim, Rġiel, A.K., B'Kara | 30.000 |
| Fergħa Ewkaristika, Marsa | 110.000 |
| Kommunità Neo-Katekumenat, Hamrun S. Gejtanu | 45.000 |
| Aspiranti M.U.S.E.U.M., (Subien), B'Bugia | 6.000 |
| Grupp Kultura Marjana | 60.000 |
| Spigolatrici della Chiesa, Furjana | 5.000 |
| Caritas Helpers | 124.700 |
| Residents, Saura Home, Rabat | 51.500 |
| Patrizi Group, Blata l-Bajda | 25.000 |
| Total | 102890.651 |
| Gruppi oħra u individwi | 45257.505 |
| Total | 148068.156 |

## RAPPORT SENA 1984

## KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI

Meta tiġi biex tiġbor f'rapport il-ħidma kollha li tkun twettqet ftit ftit tul sena sħiħa, issib li kien hemm iktar milli kellek l-impressjoni li kien hemm. Dan ngħiduh b' ebda sens ta' ftaħir fieragħ, għax fil-fatt "aħna qaddejja li ma niswew għal xejn: Għamilna biss dak li kellna nagħmlu". Ngħiduh biex nagħmlu kuraġġ lil xulxin: biex nuru li fid-Djoċesi tagħna, bl-għajnuna ta' Alla u ta' diversi persuni l-valur "katekeżi", bil-mod il-mod qed jitla' fil-post li jixraqlu fil-ħajja tal-Knisja. Ngħiduh ukoll biex nagħtu spinta lil xi operaturi pastorali importanti, ħalli jifhmu dejjem iktar il-ħtieġa tad-dimensjoni kateketika fil-ħajja ta' l-apostolat.

### (1) IL-KUMMISSJONI KATEKETIKA NAZZJONALI

Il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali għandha żewġ taqsimiet:

(a) hemm il-parti Esekuttiva, magħmula minn Uffiċjali full-timers, maħtura mill-Arċisqof għal żmien indefinit;

(b) hemm il-parti Deliberattiva, magħmula minn numru ta' Rappreżentanti minn Għaqdiet jew Gruppi Ekkleżjali direttament interessati fil-Katekeżi, u minn numru żgħir ta' esperti. Dawn jiġu magħżula mill-Arċisqof, fuq parir ta' l-Esekuttiv, għal perijodu determinat.

Fil-fatt, f'Marzu 1984, għalaq il-perijodu ta' sena li għalih kienu magħżula mill-Arċisqof il-membri rappreżentanti/esperti. Fl-aħħar laqgħa tal-Kummissjoni, saret evalwazzjoni tal-laqgħat tal-Kummissjoni. Kien hemm kummenti favorevoli ħafna. Il-membri kollha wrew l-opinjoni li m'għandux ikun hemm dewmien bejn it-tmiem ta' mandat u l-bidu ta' ieħor, membri tal-Kummissjoni qabîu wkoll li għandu jkun hemm Statut uffiċjali.

L-idea kienet li l-Kummissjoni sħiħa terġa' tibda tiffunzjona mal-ħruġ tal-Pjan Pastorali, li kellu jsir tul l-1984, skond Statut imfassal fid-dawl ta' l-istess Pjan. Imma ġà bdejna l-1985 u l-Pjan għadu mhux finalizzat. U l-Kummissjoni għadha bla Statut u bla membri rappreżentanti/esperti. Nittamaw li l-Pjan Pastorali, li se jkun jikkontempla bidliet fi strutturi u tqassim ġdid ta' kompetenzi fi ħdan il-Knisja Maltija, jiġi finalizzat fl-ewwel nofs ta' l-1985. Imbagħad il-Kummissjoni tkun tista' tirregola ruħha skond il-Pjan.

(2) KORSIJIET

Parti importanti fil-ħidma annwali tal-Kummissjoni hi t-tħejjija u l-aġġornament tad-diversi kategoriji ta' katekisti tagħna. Għal dan il-għan, kull sena norganizzaw serje ta' Korsijiet. Matul l-1984:

(a) għalaqna xi Korsijiet li konna bdejna f'Ottubru 1983;

(b) bdejna Korsijiet ġodda f'Ottubru 1984.

Dwar il-Korsijiet li bdew fl-1983 u spiċċaw fl-1984 tkellimna biddettal fir-Rapport ta' ħidma tas-sena l-oħra. Kienu prinċipalment tnejn: wieħed għall-Katekisti parrokkjali, dwar il-Ktieb JIENA MAGĦKOM, għall-ewwel sena ta' tħejjija għall-Griżma, u l-ieħor kien Kors li wassal għal ċertifikat ta' profiċjenza Katekeṫika.

Fil-fatt, fl-20 ta' Diċembru 1984 ingħataw iċ-ċertifikati ta' Profiċjenza lil dawk li kkwalifikaw għalih, billi barra mill-attendenza għal-lectures, ippreżentaw lezzjoni u kritika ta' ktieb b'tema kateketiku, u ressqu essay ta' mhux inqas minn 1500 kelma. Għall-Kors kienu nkitbu 30: 19 kellhom attendenza ta' aktar minn 75 fil-mija pero' kienu 14 li kkwalifikaw għaċ-ċertifikat. Kumment ta' parteċipanta jiġbor fih dak ta' kulħadd: "kont nirritorna d-dar ferħana, ngħid lil sħabi kemm kellna lectures sbieħ, interessanti u ta' għajnuna".

Fit-18 ta' Ottubru 1984 beda Kors ieħor li jwassal għal Ċertifikat ta' Profiċjenza Kateketika, magħruf mid-djoċesi bħala kwalifika li wieħed jista' jgħallem fl-iskejjel u l-għaqdiet. Il-Kors se jibqa' sejjer sa l-ewwel ġimgħa ta' Lulju 1985, b'kollox 106 lezzjoni dwar psikoloġija, soċjoloġija reliġjuża, metodoloġija kateketika, didattika u teoloġija b'rabta mal-katekeżi, u teknika fil-katekeżi. Il-kors bdewh 32; il-parti l-kbira tagħhom huma marbutin mal-kate-

keżi parrokkjali, imma mhux ma' Għaqdiet parrokkjali, dan ifisser li fil-parroċċi qed tinħoloq kwalità oħra ta' katekisti: irġiel u nisa, miżżewġin ,xebbiet u ġuvintur, u reliġjużi nisa. Nixtiequ ninnutaw l-età żagħżugħa ta' bosta, u s-sehem attiv tagħhom. Ħasra li oħrajn fil-parroċċi, li jeħtieġu jgħollu l-livell professjonali tagħhom ta' katekisti għad mhumiex konxji mir-responsabbiltà li jkunu kwalifikati għat-tagħlim tal-katekeżi, skond il-programm tad-djoċesi ta' Malta. Minnaħa l-oħra nittamaw li l-parroċċi jagħmlu użu tajjeb minn dawn il-katekisti kwalifikati.

Kors ieħor li għamilna fl-1984 kien dwar is-sesswalità. Il-Kummissjoni kienet ilha tistudja kif tgħin lill-għalliema u l-katekisti dwar is-sesswalità tal-bniedem biex ikunu jistgħu jedukaw tajjeb f'dan il-qasam lil dawk fdati f'idejhom. F'dan l-ewwel Kors ridna nqiegħdu s-sesswalità fid-dawl veru tagħha, jiġifieri bħala parti integrali tal-persuna mhux sempliċiment sesswalità bioloġika. Dan il-Kors beda fit-3 ta' Novembru 1984. Kien għall-għalliema; ħadu sehem 40. Il-Kors, immexxi minn Dun Peter Serracino Inglott, sar f'erba' Sibtijiet konsekuttivi, kull darba b' sessjoni ta' sagħtejn u nofs. Il-kummenti tal-parteċipanti kienu favorevoli. Anzi xtaqu li jsiru korsijiet oħra fuq l-istess suġġett. Kien hemm suġġerimenti li l-Kummissjoni taħseb biex theJji kits, fuq is-sesswalità, għall-għalliema u l-katekisti, tifforma resource centre fil-librerija tagħha, u torganizza kors dwar il-bioloġija tas-sess.

F'Ottubru 1984 bdejna wkoll Kors ieħor għall-Katekisti parrokkjali. Il-Kummissjoni temmen li l-katekisti jiġu qabel it-testi tal-katekiżmu. Għalhekk ull meta noħorġu test ġdid, norganizzaw kors għall-katekisti li jkunu se jużawh. Billi ħriġna t-test għat-tfal u l-gwida għall-katekisti fit-tieni sena ta' thejjija għall-Griżma. ILKOLL QALB WAĦDA, hejjejna kors għall-katekisti interessati, bil-ħsieb li jagħarfu jħaddmu tajjeb din l-għodda.

Dan il-kors kien jikkonsisti fi tnax-il lecture ta' darba fil-ġimgħa (is-Sibt fil-għaxija). Għall-kors inkitbu 68, medja ta' katekist kull parroċċa. Batuta ħafna, f'dan il-kors, u f'korsijiet oħra għall-katekisti parrokkjali dwar it-testi, qed tkun il-preżenza tal-katekisti rġiel. Mill-bqija, l-attendenza u l-interess tal-parteċipanti kienu sodisfaċenti.

Tfassal programm ta' tliet sessjonijiet bħala għajnuna għall-għalliema li bdew igħallmu fuq il-ktieb 'LEJN IL-MISSIER 2.' fis-serje ta' katekiżmi għall-iskejjel primarji. Il-ħsieb ta' dal-laqgħat hu li jingħata orjentament dwar kif isir l-aħjar użu mill-ktieb. L-ewwel laqgħa dwar "x'inhu l-kontenut tal-ktieb" saret fid-19 ta' Novembru 1984. Is-sehem tal-għalliema, kemm lajċi kif reliġjużi, tat-tieni sena ta' l-iskola primarja, kien tajjeb ħafna. Harġu sodisfatti għax sabu li l-laqgħa kienet ta' siwi sabiex jużaw tajjeb dan il-ktieb li ġie pubblikat fil-bidu ta' din is-sena skolastika.

## (3) JUM IT-TAGHLIM NISRANI

Biex inqajmu iktar kuxjenza katekika fid-djoċesi, mis-sena l-oħra (1983) erġajna bdejna norganizzaw JUM IT-TAGHLIM NISRANI, fl-aħħar Ħadd ta' Settembru. Din

is-sena (1984) ħabat fit-30 ta' Settembru. Bħala slogan għażilna IL-PARROĊĊA SKOLA TA' FIDI. L-iskop kien li l-parroċċa tagħraf il-missjoni tagħha li tagħti katekeżi sistematika, bi programmi maħsuba u ko-ordnati b'testi adattati, f'lokali tajbin, minn nies imħejjija, b'attendenza regolari. Din is-sena l-enfasi kien fuq il-katekeżi tat-tfal sal-Griżma, minħabba li f'din is-sena, il-Kummissjoni lestiet it-testi kollha tat-tfal u l-gwidi kollha għall-katekisti sal-Griżma; ġrajja ta' importanza fil-ħajja kateketika tad-Djoċesi.

Ħafna mill-parroċċi qed juru interess kbir f'dan il-Jum. Apparti l-ħafna materjal li tajnihom mill-Kummissjoni nkoraġġejna l-kreattività u l-adattament tal-materjal. Saru ħafna inizjattivi utli fuq bażi parrokkjali. Id-Delegati tagħna wrew ħafna rieda tajba.

Fuq bażi Djoċesana:

(a) saru laqgħat dwar il-Jum għad-Delegati;

(b) ħriġna poster apposta u qassamnih fil-knejjes kollha;

(c) stampajna "Mandat" biex il-kappillani jagħtuh uffiċjalment lill-katekisti;

(d) ħriġna leaflet sabiħ dwar l-iskop u l-emfasijiet tal-Katekeżi Parrokkjali, u dettalji dwar il-programm ta' kull waħda mill-erba' snin tal-Griżma, u kif jintrabtu bejniethom;

(e) Mons. Arċisqof ħareġ Eżortazzjoni Pastorali dettaljata, dwar is-suġġett, li nqrat fil-Quddies kollu;

(f) Mons. Arċisqof, fid-29 ta' Settembru, anniversarju tal-Konsagrazzjoni Episkopali tiegħu, għamel stedina speċjali lill-Katekisti għall-Pontifikal li ċċelebra f'San Ġwann. Tahom messaġġ speċjali għalihom.

## (4) LAQGHAT DELEGATI PARROKKJALI

Fis-sena 1984 saru b'kollox ħames laqgħat għad-Delegati Parrokkjali tagħna. Dawn il-laqgħat isiru dejjem nhar t'Erbgħa. Din is-sena, barra minn informazzjoni u avviż utli għall-Katekeżi parrokkjali, ġew diskussi suġġetti bħal: katekeżi għall-preadolexxenti; esperjenzi kateketiko-pastorali għal żmien ir-Randan; inizjattivi marbutin mal-Ewwel Tqarbina, Pentecoste, Corpus u l-Qalb ta' Ġesù; l-organizzazzjoni ta' Jum it-Tagħlim Nisrani; u l-karatteristiċi tal-Katekeżi parrokkjali.

L-interess li wrew id-Delegati waqt dawn il-laqgħat kien inkoraġġanti ħafna. L-attendenza għal kull laqgħa setgħet kienet aħjar. Il-Kummissjoni tapprezza li jkollha suġġerimenti mingħand il-parroċċi dwar suġġetti li jistgħu jkunu diskussi f'dawn il-laqgħat.

Il-Kummissjoni Kateketika tħoss li qed taqdi sewwa l-missjoni tagħha meta żżomm kuntatt mal-bażi b'mod speċjali mad-delegati parrokkjali, li fil-fehma tal-Kummissjoni għandhom jikkoordinaw l-attivitajiet kateketiċi fil-parroċċi tagħhom. Nistgħu ngħidu li din is-sena, kienu ħamsin il-parroċċi li xi darba jew oħra żammew kuntatt mal-Kummissjoni permezz tal-laqgħat li saru għad-delegati. Jidhrilna li dan huwa numru sabiħ l-aktar meta wieħed jara li fost dawn insibu parroċċi tal-bogħod bħalma huma l-Mellieħa u l-Manikata. Inħeġġu lil dawk il-parroċċi li ma għandhomx Delegat, biex ifittxu jinno-

minaw wieħed biex ikollna aktar ko-ordinament u għajnuna reċiproka fil-qasam tal-katekeżi.

(5) LAQGHAT MAL-KAPPILLANI

L-esperjenza ta' l-1983 wrietna kemm huma meħtieġa u utli kuntatti regolari mal-Kappillani, fi gruppi żgħar. Hafna mill-pastorali katekeika parrokkjali tiddependi minnhom. Għalhekk hejjejna numru ta' laqgħat magħhom fl-aħħar ġimgħa ta' Settembru, propju fil-ġimgħa ta' qabel Jum it-Tagħlim Nisrani, li kellu jkun konċentrat fuq il-parroċċa. Imma ġara li dik il-ġimgħa spiċċat biex kienet waħda mill-iktar imqallba għad-Djoċesi. U allura, xi laqgħat simpliċiment ma sarux, għax kienu fiżikament impossibbli li jsiru. Waqt li għall-oħrajn li saru, ġew numru tassew żgħir ta' kappillani. Hasra. Nittamaw li matul l-1985, insibu okkażjoni biex nippjanaw laqgħat oħra. Jiswew lit-tnejn: lill-Kummissjoni u lill-Kappillani. Finalment jiswew lill-Knisja.

(6) KATEKEŻI WARA L-GRIŻMA

Issa li spiċċajna t-testi tal-Katekeżi tat-tfal sal-Griżma, nixtiequ nikkonċentraw fuq il-katekeżi talpre-adolexxenti, tat-tfal wara l-Griżma. Sar fenomenu pre-okkupanti fid-djoċesi li l-parti l-aktar kbira tat-tfal Maltin, appenu jirċievu l-Griżma, jitilfu kull kuntatt mal-parroċċa. Strutturi jeżistu ftit, u mezzi apposta kważi xejn.

Biex nibdew nistudjaw ftit filfond dal-problema, fit-13 ta' Diċembru 1984, il-Kummissjoni Katekeika, flimkien ma' Christus Rex, organizzajna Seminar dwar il-pastorali katekeika tat-tfal wara l-Griżma. Wara talk interessanti ħafna minn Dun Ġorġ Deguara (li tkellem dwar id-diffikultajiet u l-isfidi li joffru ż-żminijiet, u dwar l-esiġenzi u r-reżistenzi tat-tfal f'dik l-età), kellna diskussjoni li fiha ssemmew diversi punti utli.

Nittamaw li matul l-1985, l-istudju ta' dal-problema jkompli, kemm billi naraw kemm hi kbira l-problema (numerikament) u x'inhuma r-raġunijiet li qed jikkawżawha, u kemm billi ma' esperti u operaturi pastorali naraw x'tista' toffri l-Kummissjoni f'dan il-qasam tant meħtieġ u delikat.

(7) PUBBLIKAZZJONIJIET

Ta' kull sena wkoll, ħafna millħin limitat tagħna jiġi assorbit minn pubblikazzjonijiet ta' natura katekeika. Ikollna pubblikazzjonijiet ġodda għal kollox, waqt li xogħlijiet oħra nirreveduhom u/jew nippubblikawhom mill-ġdid.

(a) Kotba stampati mill-ġdid kellna:

i. Missal Katekeiku Sena B

ii. L-ISPIRTU TAL-MULEJ FUQI (Katekeżi Parrokkjali Sena 4) tekeżi Parrokkjali Sena 4)

iii. NGHIX M'ALLA 2 (Katekeżi Skolastika Sek. Sena 2)

iv. NIKBRU F'ALLA (Katekeżi Skolastika Sek. Sena 3)

v. LEJN IL-HAJJA (Katekeżi Skolastika Sek Sena 5)

(b) Kotba ġodda għal kollox kellna:

i. JIENA MAGHKOM (Katekeżi Parrokkjali Sena 2)

ii. ILKOLL QALB WAHDA (Katekeżi Parrokkjali Sena 3)

iii. LEJN IL-MISSIER 2 (Katekeżi Skolastika Prim. Sena 2 )
iv. MA' WLIEDNA LEJN ALLA (Ktieb għal idejn il-ġenituri)

(c) Rimarki

i. It-testi għall-Katekeżi parrokkjali jimxu ħafna: sibna koperazzjoni kbira mill-kappillani, mid-delegati, mill-Katekisti, mill-Għaqdet;

ii. L-istess ngħidu għal Ċertifikati, Mandati, Formoli tal-Kitba tat-tfal, u tifkira tal-Kappillan lill-ġenituri;

iii. It-testi għall-Katekeżi skolastika primarja (Serje: Lejn il-Missier), qed jiġu wżati biss fl-Iskejjel kważi kollha tal-Knisja;

iv. Mat-testi tat-tfal fil-parroċċa u fl-iskejjel (primarji), ħriġna wkoll il-gwidi relattivi għall-Katekisti u l-għalliema;

v. Bil-ktieb ILKOLL QALB WAHDA (testògwida), spiċċajna l-proġett ta' katekeżi għat-tfal tal-Griżma: bil-mod inħejju servizzi oħra relati mal-proġett (ċelebrazzjonijiet, posters, għanjiet eċċ.).

vi. Bil-ktieb MA' WLIEDNA LEJN ALLA, dħalna f'zona oħra tal-pastorali katekettika: il-ġenituri, li huma l-Katekisti ewlenin ta' l-ulied. Nixtieqi li ma jkollux l-istess fortuna tal-ktejjeb dwar il-Magħmudijiet u l-ieħor dwar iż-Żwieġ: i.e. idum iqattar is-snin. Hu ktieb li bi ftit ħidma ta' kulħadd għandu jkun f'idejn il-ġenituri kollha. Jekk ikollna risposta sodisfaċenti, lesti nagħmlu t-tieni volum.

(8) LAQGHAT FIL-PARROĊĊI

Sinjal sabiħ għad-djoċesi tagħna hu l-fatt li qed jiżdiedu n-numru ta' laqgħat li qed isiru fil-parroċċi, b' suġġetti direttament jew indirettament ta' natura Katekettika.

L-ikbar numru ta' laqgħat qed isir għall-ġenituri. Fejn isiru b'sens, bi ħsieb u bi programm, dawn jirnexxu. Min joħodhom bis-serjetà fejn raw li l-missirijiet ma kinux qed jattendu, sabu soluzzjoni billi jorganizzaw laqgħat separati: għall-ommijiet fil-għodu, u għall-missirijiet fil-għaxija, fl-istess jum. Veru li żdied ix-xogħol għan-numru żgħir ta' kelliema li jaħartu Malta kollha kull sena — nirringrazzjawhom mill-qalb! Imma veru wkoll li żdiedu, u ħafna, il-preżenzi tal-missirijiet.

Laqgħat oħra fil-parroċċi jkunu:

(a) formazzjoni għall-Katekisti, normalment permezz ta' korsijiet;

(b) Seminars għall-membri tal-Kunsilli Parrokkjali.

Ma' dawn wieħed jista' jżid numru konsiderevoli ta' kitbiet dwar il-katekeżi li jitolbuna nikkontribwixxu għal diversi fuljetti parrokkjali, kif ukoll rivisti bħal IL-HUĠĠIEĠA, li jiġu utilizzati mill-Katekisti parrokkjali.

(9) FATHER THOMAS RYAN

Matul l-1984, żammejna korrispondenza kbira ma' Ċentri Katekeċiċi u Publishing Houses fl-Istati Uniti. Din il-korrispondenza swietna biex aġġornajna ruħna dwar materjal audio-viżiv li jeżisti fl-Amerika, kif ukoll dwar kotba rivisti u inizjattivi ġodda f'dan il-qasam. Minn din il-korrispondenza nħoloq il-kuntatt ma' Rev. G. Thomas Ryan, Direttur taċ-Ċentru għal-Liturġija Pastorali fil-Catholic University of America. Fil-fatt, bl-għajnuna ta' Christus Rex u tas-

Seminarju (nirringrazzjawhom), lil Fr. Ryan irnexxielna ngibuh Malta mill-5 sat-13 ta' Ġunju, u qsamna miegħu l-esperjenza vasta tiegħu.

Matul iż-żjara tiegħu, iltaqa' ma' diversi kategoriji:

(a) katekisti tal-M.U.S.E.U.M: (6 ta' Ġunju)
(b) katekisti fil-parroċċa ta' Bormla (7 ta' Ġunju)
(c) Principals, Għalliema, diretturi spiritwali (9 ta' Ġunju)
(d) żgħażagħ waqt Quddiesa ta' Pentecoste (Sarria, 9 ta' Ġunju)
(e) saċerdoti u membri ta' Christus Rex (11 ta' Ġunju)
(f) kappillani (13 ta' Ġunju).

L-insistenza tal-laqgħat kienet fuq il-kreatività fl-azzjoni katekeitika — liturġika, fil-pastorali tagħna. Il-bdil ta' esperjenzi kien utli ħafna. Anke hu ħa gost ħafna flesperjenza li għamel f'Malta. Nirringrazzjaw lil kull min għen biex għamel iż-żjara ta' Fr. Ryan f'Malta pjaċevoli u għammiela.

## (10) HIDMA OHRA

Hidmiet oħra mwettqa minn xi Uffiċjali tal-Kummissjoni Kateketika bħala tali kienu.

(a) Sehem fil-Kummissjoni Edukazzjoni (Istitut Kattoliku);
(b) Sehem fil-Media Centre;
(c) Sehem fil-Kunsill Pastorali
(d) Sehem fil-Kummissjoni Familja
(e) Sehem fil-Kors ta' l-Aġġornament tal-Kleru: tfassil ta' programm, u lectures waqt il-Kors
(f) Hidma fost grupp ta' ġenituri b'ulied inkapaċitati
(g) Is-sehem ta' Dun George Deguara fil-fakoltà tat-teoloġija.

Il-Kummissjoni, permezz ta' Dun Ġ. Borg Micallef baqgħet tagħti s-servizz katekitiku lill-grupp ta' Ġenituri li għandhom uliedhom handikappati. F'din is-sena saru laqgħat għall-ġenituri li wliedhom kienu se jiċċelebraw is-Sagrament tal-Griżma u ta' l-Ewwel Tqarbina. Minbarra dan, ingħataw lill-ġenituri 'handouts' ta' kitba u stampi biex huma stess ihejju lil uliedhom fl-iżvilupp reliġjuż tagħhom. Kienet imħejjija feature u quddiesa audio-viżwali, apposta, fuq it-tema: "Uliedkom Dawl tal-Familja", li ntuża fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Tqarbina.

Din il-ħidma kollha ma kienx ikun possibbli titwettaq kieku ma kellniex, barra l-grazzja tal-Mulej, il-għajnuna ta' diversi persuni, li dejjem nevitaw li nsemmu b'isimhom .Anke nies li taw ħafna ħin biex jirranġaw materjalment il-lokal u l-kotba tal-librerija tagħna.

Grazzi speċjali lil dawk li s-sena kollha jagħmlu laqgħat ta' natura kateketika ma' Malta kollha.

Nittamaw li bi ftit iktar interess minn kulħadd, b'daqsxejn iktar koordinazzjoni, bi programmazzjoni ftit aħjar, u biż-żieda ta' xi persuni oħra iktar marbuta mill-qrib mal-ħidma tal-Kummissjoni, inkunu nistgħu nagħtu lid-Djoċesi servizz dejjem iktar xieraq.

Il-Mulej magħna.

Dun Ġużepp Borg Micallef,
President.

Dun Pawl Camilleri,
Segretarju Ġenerali

## RAPPORTI TA' ĦIDMA:

## KUMMISSJONI KOMMUNIKAZZJONI SOĊJALI, UFFIĊĊJU STAMPA, MEDIA CENTRE

### 1. Kummissjoni Kommunikazzjoni Soċjali (KKS)

#### 1.1. Struttura Ġdida

Il-membri tal-KKS iddiskutew fit-tul l-abbozzi preliminari tal-**Pjan Pastorali** u għamlu s-suġġerimenti u l-proposti tagħhom. Meta l-Abbozz ġie ppubblikat l-KKS ressqet l-emendi tagħha għal diversi partijiet tiegħu. Saru wkoll diskussjonijiet dwar struttura ġdida li għandu jkollha l-Kummissjoni (u 'l quddiem is-Segretarjat) fid-dawl ta' dak li hemm fl-ABBOZZ PJAN PASTORALI. Il-membri tal-Kummissjoni ltaqgħu diversi drabi flimkien maċ-Chairman u l-Managing Director tal-Media Centre u fasslu 'organigram' u proposti għall-ħidma li jirrispettaw dak li jgħid l-ABBOZZ. Dawn il-proposti ġew ippreżentati lill-Arċisqof.

#### 1.2 Taqsima Film

It-Taqsima kompliet bil-ħruġ regolari tal-GWIDA TAL-FILMS. Tul l-1984 bdiet toħroġ kull ġimgħa l-GWIDA FILMS T.V. Din il-gwida tagħti informazzjoni dwar għadd mill-films li jkunu ser jidhru fuq it-t.v. Dan it-tagħrif jinkludi l-isem tal-film, data tal-ħruġ, stazzjon u ħin li fuqu ser jidher, 'rating' morali u xi kultant kummenti morali. F'sena waħda ngħatat informazzjoni dwar xi 1,200 film. Kważi l-parroċċi u l-iskejjel sekondarji kollha tal-Knisja jirċievu ż-żewġ gwidi. Hemm għadd ta' ndividwi u anke xi għaqdiet li jirċievu xi waħda mill-gwidi — l-aktar l-GWIDA FILMS TV.

It-Taqsima baqgħet ukoll tipprovdi l-GWIDA TAL-FILMS u tagħrif morali dwar il-films fuq it-t.v. lill-gazzetti kollha li xtaqu jużaw dan is-servizz. It-Taqsima kompliet tagħmel il-pressjoni li tista' biex il-livell taċ-ċensura tal-films ma jkomplix jitbaxxa. Wara l-wiri ta' film pornografiku għal aħħar f'ċinema fil-Belt it-Taqsima għamlet anke protesti pubbliċi. Iċ-chairman tal-Bord taċ-Ċinema nforma lit-Taqsima li l-film in kwistjoni ma kienx ingħata ċertifikat minnhom. Huwa ta din l-informazzjoni anke dwar films oħra u qal li kien ser jitkellem mal-pulizija dwar xi passi li setgħu jittieħdu. Il-gazzetti kollha (barra tal-Union Press) kienu aċċettaw proposta tat-Taqsima u ma baqgħux jirreklamaw aktar lil din iċ-ċinema fil-Belt li barra li wriet dan il-film, ma turix ħlief films oġġezzjonabbli.

It-Taqsima temmen ħafna li l-edukazzjoni hija ħidma importanti ħafna. Membri tat-Taqsima, diversi drabi għamlu laqgħat f'ċentri dwar il-films. Għall-aħħar tas-sena bdiet ħidma biex mill-ewwel tal-1985 darba fix-xahar tibda tiġi ppubblikata MEDIA EDUCATION SHEET li tintbagħat lil dawk li jirċievu l-GWIDA FILMS TV.

#### 1.3 Edukazzjoni fil-Kommunikazzjoni

Il-Kummissjoni għamlet għadd ta' korsijiet l-aktar fl-ewwel nofs tas-sena. Fil-bidu tas-sena spiċċa kors li sar għal dawk li jieħdu

ħsieb fuljetti parrokkjali. Sar ukoll kors qasir għall-ġenituri fl-użu tal-media u kors pjuttost twil għat-teachers, l-aktar minn skejjel tal-Knisja. Tul il-kors it-teachers tħarrġu dwar kif wieħed jista' jgħallem il-media fil-klassi. B'riżultat ta' dan il-kors żdied in-numru ta' l-iskejjel kattoliċi li jgħallmu l-media education. Dan is-suġġett illum huwa mgħallem b'mod organizzat fis-Seminarju, fit-tliet skejjel tas-St. Joseph; f'St. Aloysius College; f' Savio College; u Stella Maris, Gżira. Tul is-sena li għaddiet grupp fi ħdan il-KKS ħadem fuq sillabu li jista' jintuża fi klassijiet differenti. Sar ħafna xogħol fuq "teachers handbook" u "workbook" għall-klassijiet "prep".

Saru wkoll għadd ta' korsijiet dwar qari fil-pubbliku. Dawn saru l-aktar għal-letturi. Saru żewġ korsijiet għas-sorijiet dwar kif taqra u titkellem fil-pubbliku.

### 1.4 Klabb Qari Nisrani

Il-Klabb ippubblika dawn il-kotba:

TWEMMIN U HAJJA: ġabra ta' essays miktuba mill-Profs. Aquilina; BONĠU MULEJ: talb stil ta' poeżiji dwar aspetti differenti mill-ħajja, aneddoti u siltiet mill-Iskrittura. Il-kittieb huwa Dun Pawl Camilleri. KONT PLAYBOY: traduzzjoni mill-Ingliż dwar il-ħajja ta' wieħed li ddeċieda li jsir qassis.

TAW XHIEDA B'GHEMILHOM: ġabra ta' bijografiji ta' għadd ta' nsara Maltin.

Il-klabb ippubblika wkoll bl-Ingliż u bil-Malti ċ-"charter" dwar id-drittijiet tal-familja.

Il-produzzjoni u marketing tal-kotba tal-Klabb saret mill-Media Centre fuq ftehim li kien sar is-sena ta' qabel. B'riżultat ta' dan il-ftehim il-preżentazzjoni tal-kotba tjiebet sew.

### 1.5 Attivitajiet Oħra

Din is-sena barra l-pubblikazzjoni tal-Pastorali tar-Randan b'mod attrajenti filmkien mal-Media Centre nħareġ casette li kien fih recording li għamel l-Arċisqof innifsu tal-Pastorali, recording tal-Messaġġ tal-Papa għar-Randan, żewġ 'playlets' li jistgħu jservu bħala bażi għad-diskussjoni fuq il-Pastorali u feature bis-sound fuq il-messaġġ tal-Papa. Għadd ta' parroċċi semmgħu r-recording mjinflok qraw il-Pastorali. L-evalwazzjoni li għamilna wriet li dan l-esperiment kellu riżultat pożittiv.

Membri tal-Kummissjoni tkellmu dwar suġġetti fuq il-media f' għadd ta' ċentri parroċċi u għaqdiet. Oħrajn taw sehem f'għadd ta' kumitati bħala rappreżentanti tal-KKS.

Wara talba mill-Kummissjoni Leġislazzjoni Partikulari Kodiċi 1983 il-KKS għamlet l-osservazzjonijiet tagħha dwar Kan. 772.2 u 831.2.

## 2 Uffiċċju Stampa

### 2.1 Press Releases u Conferences

Din is-sena reġgħet kienet sena ta' ħidma kbira għall-Uffiċċju Stampa. Tul is-sena ntbagħtu 160 press release lill-gazzetti lokali. Dan jipparaguna tajjeb mas-snin ta' qabel: 124 (fl-1983); 71 (fl-1982); 74 (fl-1981); 56 (fl-1980); u 30 (fl-1979). L-għadd kbir ta' releases wieħed jispjegah b'żewġ modi. In parti għax kien hemm iżjed affarijiet ta' news value li ġraw u in parti għax ħloqna għadd dejjem akbar ta' 'pseudo-events'. Peress illi kien hemm għadd kbir ta'

ġrajjiet kontroversjali ppruvajna kemm mkien possibbli li nenfasizzaw kemm jista' jkun anke ġrajjiet li ma kienux kontroversjali u allura kellhom appell aktar universali. p.e. sar ħafna xogħol pubbliċitarju dwar il-Pjan Pastorali. Sfortunatament dan ix-xogħol ġie mfixkel qatiegħ minħabba li t-timetables proposti għal dan il-Pjan ma ġewx rispettati.

Saru wkoll għadd ta' konferenzi ta' l-aħbarijiet. Dawn ikollhom il-vantaġġ li ċerti topics li jkunu xi ftit komplikati jiġu spjegati aktar fit-tul.

Diversi ġurnalisti lokali regolarment jikkuntattjaw l-Uffiċċju u informazzjoni.

**2.2 Kuntatti ma' ġurnalisti barranin**

Minn żmien għall-ieħor intbagħtu newsletters apposta lill-Ambaxxati barranin f'Malta. Minħabba l-ġrajjiet xejn sbieħ li għaddejna minnhom ġara li għadd kbir ta' korrispondenti minn ġurnali, aġenziji, stazzjonijiet tar-radju u tat-t.v. barranin żaru Malta. Il-kuntatti ma' dawn il-ġurnalisti dejjem ingħataw prijorità kbira. Permezz ta' dawn il-kuntatti l-każ tagħna ngħata pubbliċità kbira barra minn pajjiżna. Inżamm kuntatt ma' dawn il-ġurnalisti billi minn żmien għal żmien tibagħtilhom newsletter apposta. Ma' għadd minnhom irrnexxielna nibnu rapporti pożittivi ħafna u għadhom sallum jinteressaw ruħhom attivament f'dak li għaddej minnu pajjiżna.

**2.3 Xandir Malta**

L-Uffiċċju diversi drabi kiteb ittri ta' protesta qawwija ħafna lil Xandir Malta u lill-Awtorità tax-Xandir. Dan minħabba li konsistentement kien ikun hemm rappurtar ħażin, ċensurat u manipulat ta' dak li jkollha xi tgħid il-Knisja dwar kwistjonijiet bejn il-Knisja u l-Istat. Diversi drabi stqarrijiet tagħna ġew injorati, jew rappurtati b'qosor esaġerat, jew sandwiched bejn stqarrijiet tal-gvern. Kien hemm każ meta stqarrija importanti ħafna ġiet rappurtata b' mod li "qalet" il-maqlub ta' dak li fil-fatt kienet "tgħid".

Hija sfortuna kbira li l-mezzi tax-xandir f'Malta minflok mezzi tal-kommunikazzjoni saru mezzi ta' propaganda politika favur il-gvern. Minħabba dan irrappurtar ħażin il-każ tal-Knisja mhux dejjem wasal għand il-poplu. Din hija problema gravi ħafna u ta' min jikkunsidra jekk wasalx iż-żmien li nuru l-protesti tagħna b'mezzi aktar konkreti u iebsin milli b'sempliċi ittri ta' protesta.

**3. Media Centre**

(Dan ir-rapport tħejja mis-Sur M. Spiteri, direttur tal-Media Centre).

**3.1 Recordings fl-Istudio/Awdjoviżivi/Laboratorju**

Din is-sena, tista' tgħid ġie ġġenerat xogħol biex l-istudio setà' jaħdem għal 45 ġimgħa minn 52. Saru 'l fuq minn 60 produzzjoni fosthom recordings ta' plays twal, għadd kbir ta' features, taħditiet, għanjiet, żewġ quddisiet u produzzjoni ta' 38 kanzunetti u innijiet oriġinali.

Id-duplikazzjoni ta' cassettes tlaħħaq ftit inqas minn 4,000 bejn kopji ta' xogħlijiet eżistenti u oħrajn oriġinali.

Fil-qasam awdjoviżiv inħadmu żewġ suġġetti biss oriġinali. Inħas-

set il-ħtieġa li dan il-qasam jiġi msaħħaħ b'personal' li jkun jista jistħarreġ u joriġina u jkollu ħin sewwa x'jagħti għal din il-ħidma.

Saret promozzjoni għal 'kits' taċ-Ċentru li kisbet riżultati sostanzjali. Inbiegħu madwar 100 kit diversi filwaqt li s-servizz tas-self inqdew bih ftit inqas minn 200 ruħ. B'kollox inħadmu ħdax-il slide-tape feature għal klijenti fuq kitba tagħhom stess.

Barra mix-xogħol tas-slides għal kits awdjoviżivi l-laboratorju għamel xogħol ta' żvilupp ta' 40 film u pproduċa, għal klijenti diversi, madwar 1,700 slides fosthom numru sabiħ ta' slides għat-'titles'.

### 3.2 Xogħol ta' Stampar

L-attività f'dan il-qasam kienet dominata mill-Bibbja. Inqalgħu għadd ta' diffikultajiet kbar fil-produzzjoni li mhux kollha ġew solvuti kompletament. Barra minn hekk ikkaġunaw dewmien fil-ħruġ tal-kopji għall-pubbliku u ħolqu żieda sostanzjali fl-ispiża.

Il-kampanja estensiva ta' promozzjoni kienet suċċess u l-poplu kkonkorra tajjeb bl-ordnijiet għal kopji bil-prezz ta' qabel il-pubblikazzjoni. Qed jiġu stampati 30,000 kopja li 'l fuq minn 15,000 minnhom huma ġà mibjugħa. It-tqassim beda fl-aħħar ta' Novembru u sa l-aħħar tas-sena kienu ħarġu ftit inqas minn 5,000 kopja. Mhux mistenni li jkun hemm kopji għall-bejgħ fil-ħwienet qabel Marzu 1985.

Ix-xogħol fuq il-Bibbja mistenni li jibqa' sejjer sa Ġunju 1985.

Sar xogħol ieħor ta' stampar fuq għadd ta' klijenti fosthom il-produzzjoni ta' 5 kotba, barra l-5 tal-Klabb Qari Nisrani. Inħadmu għadd ta' leaflets, posters, stickers, bookmarks għal individwi, għaqdiet u parroċċi kif ukoll ġew oriġinati Djarju/Direttorju u Kalendarju taċ-Ċentru.

### 3.3 Il-Qarrej Nisrani

Il-Ħanut issa ilu miftuħ sena u nofs u jidher li rawwem klijentela soda. Ġie attrezzat b'varjetà kbira ta' kotba u oġġetti reliġjużi u qed jinżamm aġġornat kemm jista' jkun.

Iż-żieda sostanzjali fl-attività fil-ħanut qed tinħass ġmielha u waqt it-tqassim tal-Bibbja kellhom jinkisbu s-servizzi ta' part-timer. Fuq kollox it-tmexxija qed titlob aktar ħin.

Il-progress li qed jagħmel il-ħanut jitlob li matul is-sena li ġejja, jiġu studjati xi żviluppi biex toktor u tissaħħaħ il-klijentela.

### 3.4 Personnel u Kontijiet

L-għadd ta' mpjegati 'full time' taċ-Ċentru baqa' 4. Iżda kif ġà ġie ndikat, matul is-sena kellu jinkiseb is-servizz ta' għadd ta' part-timers f'diversi oqsma.

Fr. Joseph Borg,
Chairman K.K.S.

## KUMMISSJONI DJOĊESANA DJAR TAT-TFAL

### Rapport għas-sena 1984

Fir-rapport li ppubblikat il-Kummissjoni Djoċesana għad-Djar tat-Tfal is-sena l-oħra, konna qegħdna quddiem għajnejna żewġ idejali li għalihom il-Kummissjoni, speċjalment permezz tad-driegħ attiv tagħha, l-Uffiċċju Ċentrali għad-Djar tat-Tfal, kienet ser taħdem u timbotta, għal benefiċċju tat-tfal li ġew fdati f'idejha.

L-ewwel idejal kien ħidma iktar intensiva mal-familji tat-tfal biex dawn mhux biss ma jfarfrux ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn uliedhom li jgħixu fid-Djar tat-Tfal, iżda għall-kuntrarju jibdew jew jibqgħu jħossu s-sens tal-firda minn uliedhom, jibqgħu jħobbuhom u jixtiequhom magħhom u għalhekk jippreparaw ruħhom biex jerġgħu jilqgħuhom f'darhom billi jikkonċentraw fuq il-problemi tagħhom li kienu kaġun tal-firda tal-ulied mill-ġenituri.

L-idejal l-ieħor kien li nikkonċentraw iktar fil-fond fuq it-trobbija tat-tfal tagħna li għalkemm mhumiex inkapaċitati, żgur tista' tgħid li huma 'disturbed' u f'xi każijiet għalkemm mhux 'retarded' iżda jkunu baqgħu lura ħafna. Tgħallimna li l-kura fiżika jew materjali mhix biżżejjed u li hemm bżonn ta' ħafna attenzjoni għal żvilupp psikoloġiku ta' dawn it-tfal: dan ma jirrikjedix professuri jew esperti l-ħin kollu iżda għall-inqas li wieħed ikun jaf li t-tfal tagħna jġibu ruħhom kif iġibu ruħhom għal diversi raġuni u mhux biss għal 'dawk tfal' jew 'bħal ommhom harġu...'

Biex jintlaħqu dawn l-idejali mingħajr dubbju trid nies esperti, jew jekk m'għandekx dawn, għall-inqas nies li jagħmlu minn kollox biex isiru jafu dak li jafu l-esperti. Għalhekk min-naħa ta' l-istaff ta' l-Uffiċċju Ċentrali jrid isir studju kontinwu fuq metodi ta' child care, diskussjonijiet interni, laqgħat ta' informazzjoni u concern ħaj, għat-tfal u għall-familji tagħhom li janima kull sekonda tal-ħin tagħna. Min-naħa ta' l-istaff tad-Djar, dejjem animati mill-imħabba u dedikazzjoni li huma magħrufa għaliha l-istaff tad-Djar, iktar xjenza u iktar teknika, li jiġu biss bit-training u bit-tagħlim. Fr. Robert Agius tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali, ta kontribut mill-ikbar permezz ta' seminar li kien jittratta mhux tant il-kura tat-tfal, iżda l-iżvilupp personali ta' dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, il-konflitti personali tagħhom li jistgħu jaffettwaw ix-xogħol delikat ta' l-edukazzjoni ta' mħuħ teneri u mħawda, il-ħajja tagħhom mat-tfal vis a vis il-ħajja mal-kommunità eċċ. Fr. Agius ipprepara wkoll bażi ta' kors fit-tul li kellu jinżamm fl-1985. Kors ieħor kien dak li ngħata minn Dr. Mercedes Schembri Wismayer. Dan ittratta l-mezzi ta' kura fiżika skond metodi iktar moderni u effiċjenti; dan ġie milqugħ b'entużjażmu.

F'Marzu tal-1984 saret ċerimonja li kienet parti minn okkażjoni ta' sinifikat kbir għad-Djar tat-Tfal. Din kienet l-għotja tal-Handbook fuq il-kura tat-tfal lil kull min hu involut fil-kura tat-tfal; it-tifsira iktar profonda ta' din l-okkażjoni

Kienet l-għaqda tad-Djar flimkien u mal-kap tagħhom, l-Arċisqof, mal-Uffiċċju Ċentrali, u ma' kull min igħin f'din il-ħidma, fejn tant jispikka l-ispirtu evanġeliku.

Din is-sena wkoll, ġie mwaqqaf Kunsill speċjali biex igħin lill-Uffiċċju Ċentrali fl-ippjanar ta' użu aħjar ta' l-ispazju li hemm fid-Djar, u biex jagħti pariri, wara investigazzjoni, u jgħin biex dejjem titjieb il-qagħda tad-Djar u ta' min igħix fihom.

Dan il-Kunsill diġà żar ħafna mid-Djar u għamel suġġerimenti siewja. Fost il-ħidma importanti kien hemm dik li twettqet fuq il-bini f'Ħaż Żabbar li kien dejjem imsejjaħ 'l-Istitut' u li issa sa fl-aħħar ser jilħaq l-iskop tiegħu meta, wara li jitlesta x-xogħol meħtieġ, jilqa' fi ħdanu grupp ta' tfal li kienu jgħixu għal żmien twil wisq f'ambjent li ma kienx jixraq għax il-bini nnifsu ma kienx sura ta' nies. Ġie eżaminat l-ispazju mhux użat fid-Dar ta' Ġesù Nazzarenu, Żejtun, u deher li seta' jintuża bħal Hostel għal xebbiet li jaħdmu; kien ilu jinħass il-bżonn ta' hostel ieħor minbarra Fatima House, li hu mimli. Il-Kunsill żar ukoll xi premises bil-ħsieb li jintużaw bħala Hostel għal boys, jew aħjar ġuvintur li jkunu għalqu ż-żmien li jmorru S. Ġużepp jew St. Patrick's u jkunu jeħtieġu fejn jgħixu.

Fil-ħajja interna ta' l-Uffiċċju Ċentrali saret ri-organizzazzjoni sħiħa. Bl-għajnuna ta' Sr. Winifred Mullaney li sa issa isimha sar ħaġa waħda mal-ħidma tad-Djar tat-Tfal f'Malta minħabba l-ħafna miġjiet tagħha fostna biex tgħinna bil-pariri u ħidma prattika tagħha, l-Uffiċċju taħt id-Direttur ġdid Fr. Arthur Barbara, fl-aħħar ħa forma definitiva, permezz ta' taqsim tax-xogħol u kjarifikazzjoni tar-roles ta' kull wieħed u waħda minnha. Ma' Fr. Arthur bħala Direttur issa hemm Fr. Noel Vassallo u Fr. Philip Demarco. Hemm ukoll Miss E. Formosa Gauci u xi voluntiera li jgħinu bħala social workers fid-Djar. Għandna din is-sena djaknu Joe Caruana, li fit-tradizzjoni tad-djakni li jagħmlu xi żmien magħna daħal għax-xogħol b'ruħu u b'ġismu. Għalkemm dawn in-nies kollha li semmejna jitqiesu bħala l-istaff tal-Uffiċċju Ċentrali, huma magħrufa wkoll sewwa mill-istaff u t-tfal fid-Djar minħabba ż-żjajjar spissi li jagħmlu, l-ewwelnett għax iħobbu jkunu mat-tfal, u wkoll biex jagħtu support u għajnuna lill-istaff billi jisimgħuhom u jiddiskutu magħhom. It-tfal dejjem iwieġbu b' turija ħelwa ta' affezzjoni.

Din is-sena l-Kongregazzjoni tas-sorijiet Ursolini fetħu Dar għat-tfal f'Ħal Tarxien taħt l-isem ta' Dar Sta. Rita.

Nixtiequ dan ir-rapport iservi biex iħabbar is-servizzi li l-Kummissjoni tad-Djar tat-Tfal toffri permezz tal-Uffiċċju Ċentrali u tad-Djar Tagħha. Dan qed nagħmluh għaliex minkejja l-ħafna pubbliċità li nagħtu, mhux l-inqas il-fuljett li jinħareġ fi żmien il-Kandlora, ħafna huma dawk anki fost il-kleru li ma jafux sa fejn nistgħu naslu fl-għajnuna tagħna, u ma jkunux jistgħu jagħtu direzzjoni lil dawk li jirrikorru għandhom.

Kull servizz li toffri l-Kummissjoni għandu jintalab mill-Uffiċċju Ċentrali ta' 65, Old Mint Street, il-Belt li jiftaħ kull jum ħlief il-Ħamis mid-9.00 a.m. sa nofs-inhar. Numri tat-telephone: 21615/20551. Kull talba li ssir lil xi Dar tat-Tfal diret-

tament dejjem tiġi riferuta għall-Uffiċċju Ċentrali. Għal każijiet URĠENTI biss, li ma jistgħux jistennew sa l-għada jintużaw in-numri tat-telephone 823938, 31598 u 574636 li huma numri tas-senior officers tal-Uffiċċju. Is-servizzi huma dawn:

Kura ta' tfal fuq bażi temporanja (mard, dħul fi sptar tal-ġenituri, p.e.) u fuq bażi tat-tul. L-etajiet inklużi huma mit-twelid sa tmintax-il sena. Hostel għal xebbiet fuq it-tmintax li jaħdmu. Għajnuna lil ommijiet mhux miżżewġin li ma jsibux kenn fil-familja tagħhom stess fiż-żmien tat-tqala, pariri u għajnuna wara t-twelid tat-tarbija. Aġenzija tal-Adozzjoni, fejn koppji li jixtiequ jadottaw jistgħu jinkitbu; iżda l-problema ilha għal dawn l-aħħar erba' snin li ftit wisq huma t-trabi mogħtija għall-adozzjoni.

Rigward FOSTERING, għalkemm l-ideja għadha ma qabditx Malta, qegħdin nippruvaw nipperswadu koppji li diġà għandhom tfal, jew anki koppji li jkunu bla tfal biex jieħdu ħsieb b'mod parzjali, ta' tfal fid-Djar tagħna li ma jistgħux jiġu adottati għaliex il-ġenituri tagħhom għadhom ħajjin iżda jew ma jistgħux jew ma jridux jagħtu kashom. U għal dawk l-ommijiet mhux miżżewġa li jkunu jixtiequ ftit taż-żmien mat-tarbija tagħhom qabel ma jirritornaw għand il-familja bit-tarbija, forsi sakemm il-familja tkun preparata biex tilqagħhom jew minħabba xi diffikultajiet oħra għandna wkoll il-faċilità ta' Dar għall-Omm u t-Tarbija fejn dawn jistgħu jgħixu għal xi ġimgħat.

Qegħdin nippreparaw biex nikkonvertu Dar tat-Tfal f'Birkirkara f'Day Centre fejn tfal ta' ġenituri li għandhom bżonn jaħdmu u ma għandhomx min jieħu ħsieb it-tfal jistgħu jafdaw lil uliedhom.

Nagħlqu b'appell speċjali għall-membri kollha tal-familja t'Alla ibda mill-kbieru sa l-iċken tifel jew tifla fil-familji tagħna biex fis-sena li ġejja, 1985, it-tfal tad-Djar tagħna jibdew iħarsu lejhom mhux bħala oġġett ta' ħniena u karità, ida bħala ħuthom, membri tal-familja umana u iktar u iktar tal-Ġisem Mistiku, u għalhekk denji ta' l-imħabba u l-ġustizzja.

## RAPPORT HIDMA ISTITUT KATTOLIKU 1984

Is-sena 1984 għall-Istitut Kattoliku kienet sena oħra ta' ħidma li wieħed seta' aktar jaraha milli jitkellem fuqha. Matul din il-ħidma l-Bord tad-diretturi li jiltaqa' darba fix-xahar u li huma responsabbli li jfassal il-policies tal-Istitut Kattoliku ħaseb li jfassal programm li permezz tiegħu dan iċ-ċentru djoċesan ta' Edukazzjoni, kultura u Animazzjoni jkun miftuħ għall-poplu t'Alla.

### Edukazzjoni

**Korsijiet** *:* Fil-qasam edukattiv wieħed bilfors irid isemmi l-ħafna korsijiet li ġew organizzati mill-Istitut. Kienu korsijiet fil-qasam tat-tagħlim nisrani u xjenzi umani. Għal Grazzja t'Alla r-risposta għal dawn il-korsijiet kienet inkuraġġanti dejjem. L-esperjenza għall-mitna li l-pubbliku li jixtieq jiġi edukat ma jippreferixix talks spar-

paljati jew korsijiet twal imma korsijiet żgħar (ta' 4 jew 6 lectures) li fihom mingħajr rabta kbira jkun daħal xi ftit f'suġġett partikulari.

**Forum '84:** Dejjem xtaqna li l-Istitut Kattoliku jservi ta' post fejn jistgħu jsiru diskussjonijiet liberi u ta' ċertu livell f'suġġetti li jkunu qegħdin jolqtu lill-pajjiż. Naħseb li l-Forum '84 li ġie organizzat kull xahar laqat ħafna dan l-iskop. L-attendenza tiegħu kienet waħda inkoraġġanti ħafna. Bi ftehim mal-Pastor, il-papers tal-Forum '84 kienu jiġu pubblikati fir-rivista biex jintlaħqu aktar.

**Privat b'xejn:** Għat-tielet sena konsekuttiva l-Istitut Kattoliku reġa' daħal għall-ħidma tal-Privat b' xejn. Din is-sena l-iskema tal-privat b'xejn kienet providenzjali speċjalment minħabba l-problema tal-Edukazzjoni li kien għaddej minnha l-pajjiż. 40 teachers volantarjament jagħtu privat b'xejn darba fil-ġimgħa lil 700 student f' żewġ suġġetti jew tlieta jekk dan tal-aħħar ikun reliġjon. Għar-reliġjon biss kien hemm 150 student għall-'O' level u 80 student għal 'A' level. Għalina dan huwa Katekiżmu għall-Adulti. Wieħed jista' jimmaġina x'amministrazzjoni trid biex tikkordina dan ix-xogħol. F'din l-iskema nfetħet klassi waħda għal dawk iż-żgħażagħ li ma jafux jaqraw u jiktbu. Nirringrazzjaw lil Alla li wara sena dawn iż-żgħażagħ diġà jaqraw gazzetti bil-Malti.

**Eżerċizzi tar-Randan:** Din is-sena wkoll ħadna l-inizjattiva li jiġu organizzati eżerċizzi fir-Randan għall-pubbliku matur (intellettwali). Il-Mulej bierek din l-attività wkoll għax l-attendenza għalih kienet waħda tajba ħafna. Skond survey li għamilna wara l-eżerċizzi fost dawk li attendew, l-udjenza kienet tikkonsisti f'ħafna professjonisti (tobba, avukati, periti, Bank Managers, Teachers, eċċ.). Kollha xtaqu li din tkun esperjenza ta' kull sena.

**Biblijoteka:** Id-deċiżjoni li l-Biblijoteka tkun miftuħa bħala 'lending library' kienet timplika ħafna spejjeż u xogħol ta' organizzazzjoni. Taħt id-direzzjoni ta' espert, l-organizzazzjoni tal-Biblijoteka miexja sewwa. Żdiet ħafna n-numru ta' nies li jidħlu fil-Bibljoteka biex jaqraw il-ġurnali ta' kuljum u r-rivisti. Għall-aħħar ta' din is-sena n-numru ta' kotba mislufa żdied ħafna u laħaq iċ-ċifra ta' 200 ktieb fix-xahar. Jagħmlu użu mill-bibljoteka wkoll il-istudenti tal-'Institute of Religious Studies'.

Bil-ftehim mal-Kummissjoni Kommunikazzjoni Soċjali l-Bibljoteka tal-Istitut Kattoliku daħlet għar-responsabbiltà ta' kiri ta' Films u għajnuna fil-Gwida.

It-tqassim tal-fuljett "Nisrani llum" qiegħed ukoll responsabbiltà tal-bibljoteka tagħna. Dan il-fuljett li jintbagħat bil-posta laħaq iċ-ċirkulazzjoni ta' 3,000 kopja. Huma ħafna l-parroċċi, Youth Centres u għaqdiet li qed jibbenefikaw minnu għal laqgħat u diskussjonijiet.

**Kultura: Tejatru:** Fil-qasam kulturali din is-sena orjentajna ruħna l-aktar lejn il-kultura tejatrali. Min segwa l-ġurnali kemm kritiċi uffiċjali u kemm ittri jista' jinduna x' mixja 'l quddiem għamel it-tejatru tagħna f'dan il-qasam. Waħda mill-kritiċi qalet "Mit-tejatrini tas-sala parrokkjali l-palk tal-Istitut Kattoliku sar tejatru."

Saru produzzjonijiet li jolqtu l-gosti ta' kulħadd. 80,000 ruħ għa-

mlu użu mit-tejatru tal-Istitut Kattoliku matul din is-sena biex jassistu għal drammi reliġjużi, soċjali u divertenti (kummiedji), varjetà, films kulturali, kunċerti vokali u orkestrali, laqgħat reliġjużi, prize days, festivals, konferenzi, laqgħat, eċċ.

Barra mix-xhur tas-sajf, fit-tejatru tagħna ġiet imtella' produzzjoni differenti kull ġimgħa meta mhux xi oħra fost il-ġimgħa wkoll.

**M.A.S.K.:** Il-Mask (Membri Atturi Istitut Kattoliku) l-għaqda tejatrali residenti tal-Istitut Kattoliku kompliet bil-programm tejatrali tagħha wkoll. Żgur li l-MASK għenet ħafna biex it-tejatru tagħna jimxi l-mixja li nixtiequh jimxi. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni tejatrali l-MASK qed thejji kors taddrama intensiv. Dan il-kors għandu jibda fil-bidu tas-sena '85.

**Proġett tad-dawl fit-Tejatru:** Forsi ħafna minnkom diġà jafu blispiża kbira li kellu jagħmel l-Istitut Kattoliku fit-tejatru biex ikun jista' jibqa' jaqdi l-missjoni tiegħu. Kellha tinbidel is-sistema kollha tad-dawl. Din l-ispiża laħqet issomma ta' £M22,000-00,0.

L-Uffiċċju Djoċesan tal-Amministrazzjoni li mill-ewwel fehem ilbżonn li t-tejatru jibqa' jaqdi l-missjoni tiegħu, ta mutwu ta' parti kbira minn din is-somma bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

Din is-sistema ta' dwal ġodda nħadmet b'tali mod li tiftaħ viżżjoni aktar lit-tejatru tal-Istitut Kattoliku u issa jistgħu jibdew isiru produzzjonijiet tejatrali li qatt ma setgħu jsiru qabel u ma' dawn tinġib lejn l-Istitut Kattoliku udjenza ġdida.

Għad hemm ħafna xogħol xi jsir fit-tejatru speċjalment fil-qasam tas-sound.

**Animazzjoni:** Il-Bord tad-Direttturi afda din il-missjoni fir-responsabbiltà tal-K.I.K. (Komunità Istitut Kattoliku).

Fil-fatt il-K.I.K. għandha responsabbiltà li torganizza prayer groups, irtiri, seminars u laqgħat ta' formazzjoni reliġjuża u personali lil volontieri li jagħtu l-ħidma tagħhom fl-Istitut Kattoliku ħalli din il-ħidma tkun bi spirtu ta' servizz nisrani. Barra minn dan il-K.I.K. għandha wkoll ir-responsabbiltà li tgħin lil gruppi ta' talb oħra li jagħmlu użu mill-ispazju ta' l-Istitut Kattoliku.

**Il-K.I.K.:** Bħalissa l-K.I.K. hija komposta minn 4 membri interni u 30 membru estern. Il-membri interni telqu x-xogħol tagħhom u qegħdin jaħdmu fl-Istitut Kattoliku bħala missjoni u vokazzjoni.

Il-ħidma ta' dawn il-membri fl-Istitut Kattoliku hija mqassma hekk:

**Is-Segreterija:** Is-Segreterija ta' l-Istitut Kattoliku hija mmexxija minn membru tal-Komunità intern flimkien ma' team ta' ħames membri esterni li jiġu jagħtu l-għajnuna tagħhom wara x-xogħol.

**Bibljoteka**: Il-Bibljoteka hija mmexxija minn membru tal-Komunità interna wkoll u magħha għandha team ta' sitt membri esterni biex jagħtu l-għajnuna tagħhom.

**Tejatru:** Membru ieħor tal-Komunità interna jmexxi l-Auditorium attendants tat-Tejatru.

**Privat b'xejn:** Il-membru tal-komunità interna li jieħdu ħsieb issegreterija jieħdu ħsieb ukoll l-amministrazzjoni tal-Privat b'xejn. Aktar minn nofs it-teachers volon-

tieri huma membri tal-komunità esterna.

**MASK:** Membri esterni oħra tal-Komunità jagħtu sehemhom fil-MASK biex igħinu lill-membri l-oħra tal-MASK irawmu spirtu nisrani fis-servizz li jagħtu lill-Istitut Kattoliku.

**Counselling:** Il-membri tas-segreterija jieħdu ħsieb ukoll l-amministrazzjoni tas-servizz ta' Counselling "Nisimgħek" li jsir kuljum fl-Istitut Kattoliku.

Meta wieħed jara l-ħidma li twettqet matul din is-sena, speċjalment fil-ħidmiet immexxija mill-membri tal-komunità jindunaw mill-ewwel kemm hi barka t'Alla li dawn il-ħidmiet huma mmexxija b' vokazzjoni warajhom. Dan kien żgur wieħed mill-fatturi prinċipali li matul din is-sena saret ħafna ħidma fl-Istitut Kattoliku f'atmosfera sabiħa ta' aħwa.

**Inizjattivi ġodda:** Hija l-policy tad-Diretturi li fl-Istitut Kattoliku ma jsirux inizjattivi li diġa' tkun qed taħdem fuqhom xi għaqda oħra. Fil-fatt kull inizjattiva li qed tittieħed hija f'oqsma li aħna nħossu li fid-djoċesi m'humiex jintlaħqu.

**Għaqdiet Residenti:** Minbarra l-programm tagħha d-direzzjoni tal-Istitut Kattoliku tieħu ħsieb li tikkordina l-ħidma tal-għaqdiet residenti biex l-ispazju tal-Istitut Kattoliku jkun jista' jservi l-bżonnijiet tal-ħidma ta' kull għaqda. L-Għaqdiet residenti fl-Istitut huma l-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali (K.K.N.), Għaqda Biblika, Institute of Religious Studies, Media Centre, Cana Movement, Azzjoni Kattolika, Leħen is-Sewwa, Kummissjoni Komunikazzjoni Soċjali (K.K.S.), Kunsill Djoċesan Apostolat tal-Lajċi (KDAL).

**Għaqdiet mhux Residenti:** Huwa impossibbli li nsemmi l-għaqdiet reliġjużi, gruppi ta' talb, Kulturali u Edukattivi.

Dun Ġorġ Dalli

## UFFIĊĊJU KLERU

### Rapport għas-Sena 1984

Il-ħidma ta' l-Uffiċċju Kleru tittfassal kull sena fuq il-linji li hemm fid-Direttorju tal-Kleru Nru. 21 u fl-Appendiċi IV Nru. 6, ta' l-istess Direttorju.

**L-Irtiri**

Matul is-sena l-Kummissjoni ta' l-Irtiri żammet erba' rtiri għall-kleru Djoċesan fid-Dar tal-Kleru; tnejn minnhom mexxihom saċerdot barrani.

Mil-lista ta' l-attendenza li tinżamm fl-uffiċċju jidher li l-maġġoranza tal-kleru tattendi għall-irtir darba kull sentejn u numru konsiderevoli jattendi għall-irtir kull sena.

Sitt saċerdoti minn Għawdex attendew xi wieħed minn dawn l-irtiri.

Ħames saċerdoti avżaw l-uffiċċju li għamlu 'Directed Retreat' u tliet gruppi ta' saċerdoti organizzaw irtir partikulari għalihom.

Fl-Irtiri li jsiru fid-Dar tal-Kleru qiegħed isir sforz biex l-irtir ikun organizzat sewwa.

Jinħass il-bżonn li f'kull irtir ikun hemm aminatur li flimkien mal-Predikatur u Direttur tad-Dar jikkordina aħjar l-irtir.

It-tentattiv li d-dar tkun fornita b'sistema ta' loudspeakers fil-kurituri u b'tagħmir ta' tapes ta' kant u diskorsi adatti għall-irtiri biex aktar tinħoloq atmosfera tajba għall-irtir għadu ma ntlaħaqx.

In-nuqqas ta' konvinzjoni minn xi wħud mill-bżonn tas-silenzju waqt l-irtir qegħda ddejjaq numru kbir ta' ritirandi.

**Aġġornament tal-kleru**

L-uffiċċju jgħin lis-Segretarju Djoċesan fl-organizzazzjoni tal-laqgħat u żamm il-lista ta' l-attendenza. L-attendenza, din is-sena, bħal snin li għaddew, kienet pożittiva ħafna. Dan l-appoġġ sħiħ min-naħa tal-Kleru Malti jitlob li dawn il-korsijiet ikunu dejjem organizzati sewwa u b'mod intelliġenti.

L-uffiċċju jissuġġerixxi li dan il-Kors ta' l-Aġġornament ikollu 'follow-up' ta' laqgħat imhejjija fuq l-istess suġġett għal laqgħat oħra distrettwali jew parrokkjali tal-Kleru għal matul is-sena. B'hekk kull sena l-Kleru kollu jkollu 'tema komuni' fuqhiex jipprofondixxi fil-laqgħat tiegħu.

**Case Work/Kuntatti**

L-uffiċċju jipprova jżomm kuntatt għaddej ma' dawk is-saċerdoti li jeħtieġu jew jitolbu l-għajnuna tiegħu. Il-każijiet matul is-sena 1984 laħħqu madwar tmenin.

X'uħud minnhom kienu żgħar u rranġaw malajr; oħrajn serji u delikati li bil-prudenza u għaqal mill-konċernati sabu soluzzjoni ġusta wkoll.

Kasijiet li ma jsibux soluzzjoni tajba malajr huma t-talbiet għall-ħidma ta' saċerdoti oħra f'xi settur pastorali p.e. Assistenti fl-Għaqdiet u Viċijiet fil-Parroċċi.

Dan huwa kkaġunat minn żewġ fatturi: (i) li mhux kull saċerdot għandu 'time-table' ta' ħidma u jew li huwa ddixxiplinat li jaħdem f'pastorali organika aktar milli f' pastorali individwali.

(2) L-età anzjana tal-Kleru Malti. In-numru ta' saċerdoti żgħażagħ huwa limitat ħafna (ara aktar 'il quddiem).

**Ġenerali**

- Qassisin anzjani jew invalidi f' darhom jilmentaw li xi wħud missaċerdoti ta' l-istess parroċċa ma jmorrux iżuruhom.
- Il-maġġoranza tal-kleru djoċesan qiegħed iqaddes b'suffraġju tas-saċerdoti sħabhom meta jmutu. Huma waħdiet dawk li ma jirritornawx in-nota li tintbagħtilhom.
- Huma ħafna dawk is-saċerdoti li ma javżawx lis-segreterija meta jkunu ser isiefru u li lanqas jaraw lill-Arċisqof qabel ma jitilqu.
- Il-Birthday Card li tintbagħat lis-saċerdoti fl-okkażjoni ta' egħluq sninhom tidher li qed tkun apprezzata għalex mhux ftit huma dawk li jiktbu biex jiżżiħajr ta' l-awguri.

**L-età tal-Kleru**

Problema gravi u li l-effetti tagħha qegħdin jolqtu sewwa t-tfassil tal-Hidma Pastorali fid-Djoċesi, hu l-età anzjana tal-Kleru Malti.

Kleru djoċesan fuq il-65 sena — 96.

Kleru djoċesan bejn 65-64 sena — 57.

Kleru djoċesan bejn 59-55 sena — 51.

Kleru djoċesan bejn 54-50 sena — 49.

Kleru djoċesan bejn 49-45 sena — 34.

Kleru djoċesan bejn 44-40 sena — 22.

Kleru djoċesan bejn 39-35 sena — 31.

Kleru djoċesan taħt 34 sena — 12.

Dan juri li l-kleru fuq is-60 sena huma 153. Bejn il-50 u 60 sena hu 100. Taħt il-40 sena huwa 43.

Hemm bżonn li nkunu sensibilizzati sewwa fuq dan il-problema u jsir studju u ħidma serja għall-vokazzjonijiet qabel ma jkun tard wisq.

## KUNSILL DJOĊESAN TA' L-APOSTOLAT TAL-LAJĊI

Meta wieħed iħares lura lejn din is-sena ta' attività wieħed jilmaħ tliet fatturi predominanti: ir-rikonċiljazzjoni; il-Pjan Pastorali; il-Policy tal-KDAL.

### A. Ir-Rikonċiljazzjoni

Il-Providenza riedet li eżatt malli ntemmu f'nofs Settembru 1983 il-festi f'egħluq il-mitt sena minn meta l-Madonna kellmet lit-twajba Karmni Grima, il-KDAL FLIMKIEN MAL-GHAQDIET U MOVIMENTI bdew iħarsu lejn is-Sena Mqaddsa tal-Fidwa, li l-Papa kien nieda ħames xhur qabel bit-tema prinċipali tar-rikonċiljazzjoni ma' Alla u mal-proxxmu, u li kellu jissiġillaha bil-konsagrazzjoni tad-Dinja lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija fil-25 ta' Marzu 1984. Sa Settembru 1983 il-KDAL bil-kooperazzjoni sħiħa tal-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi kellu sehem kbir biex ħeġġeġ id-devozzjoni tal-poplu Malti lejn Marija. Wara l-Kunsill ħadem biex, permezz li din id-devozzjoni tissaħħaħ, il-Maltin joqorbu lejn Alla u lejn xulxin.

1. Fil-15 ta' Awissu 1983 il-KDAL kien ippubblika l-Kodiċi ta' Etika għall-Komunikazzjoni Soċjali u għamel ħafna sforzi għal bosta xhur wara biex iħajjar lill-edituri tal-ġurnali u x-xandir biex jaċċettawh, jew jgħaddu l-kummenti tagħhom fuqu, jew biex iservi ta' bażi biex jiltaqgħu flimkien u jibdew jifformulaw etika komuni bejniethom.

2. F'Settembru/Ottubru 1983 il-KDAL organizza pellegrinaġġ nazzjonali għal Ruma mmexxi mill-Vigarju Ġenerali fis-Sena tal-Ġublew.

3. Fl-istess żmien, Mons. Alwiġ Deguara, Konsultur Ekkleżjastiku tal-KDAL, ippubblika stedina lill-Għaqdiet u lill-Movimenti Kattoliċi għat-tiġdid spiritwali f'dik s-Sena Mqaddsa tal-Fidwa, u wera t-tagħlim li saħaq fuqu l-Papa fil-Bolla tiegħu "Iftħu l-bibien tagħkom lill-Feddej", li biha nieda dik is-Sena. Din l-istedina tqassmet lill-membri kollha bit-tama li matul din is-sena SHIHA ddedikata mill-Papa għal din it-tifkira speċjali tal-Fidwa, din il-ġrajja tidħol fil-fond u timla l-ħsieb u l-ħidma tal-membri.

4. Fil-10 ta' Diċembru 1983 il-KDAL organizza laqgħa ta' formazzjoni fil-Kappella ta' San Kalċidonju, meta Fr. William Axiaq

tkellem dwar ir-Rikonċiljazzjoni u l-Appostolat.

5. Fit-3 ta' Marzu 1984 Mons. Arċisqof mexxa proċessjoni penitenzjali nazzjonali minn ħdejn Dar l-Emigrant sal-Knisja ta' Ġieżu, fejn ikkonċelebra mal-assistenti ekkleżjastiċi, u ħeġġeġ biex dak li hu ħażin ngħidu li hu ħażin u biex l-imġieba tagħna tkun taqbel mat-twemmin tagħna. Din l-attività kienet organizzata mill-KDAL u kienet tgħodd għar-rebħ ta' l-indulġenzi tal-Ġublew.

6. Fil-15 ta' April, 1984, Hadd il-Palm, il-KDAL organizza l-proċessjoni penitenzjali mill-Knisja ta' S. Duminku, il-Belt Valletta sal-Pjazza ta' San Ġwann, fejn imbagħad l-Arċisqof mexxa l-Via Crucis.

7. Fis-27 ta' April 1984, il-KDAL organizza Forum Pubbliku fl-Istitut Kattoliku bit-tema "Nikxfu l-Maskra tal-Faqar", fejn il-kelliema kienu Dr. Lino Briguglio, is-Sur Maurice Agius u Fr. George Grima u ppresjeda s-Sur Peter Cassar Torreggiani. Wara kien hemm diskussjoni.

8. Fl-1 ta' Mejju 1984 il-KDAL organizza l-Festa ta' San Ġużepp Haddiem f'San Ġwann, bl-istess tema ta' Faqar Ġdid f'Pajjiżna, u ħareġ foljett bl-istess suġġett.

9. Il-KDAL issieħeb fl-European Forum of National Committees for the Lay Apostolate u f'Lulju 1984 ħa sehem fih, permezz ta' delegazzjoni ta' tliet membri li marru Dublin. Dawn kienu Mons. Alwiġ Deguara, is-Sur Peter Cassar Torreggiani u s-Sinjorina Annette Gauci Borda. Din ta' l-aħħar kienet rappreżentanta tal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. It-tema tal-Forum kien "L-Edukazzjoni għall-Paċi b'perspettiv Nisrani" u d-diskors prinċipali għamlu l-Kardinal Basil Hume, il-President tal-Konferenza Ewropea ta' l-Isqfijiet. Attendew 140 lajk minn għoxrin pajjiż u kienu minn kull strat tal-ħajja. Il-KDAL xtaq ukoll li kieku kien possibbli jippreżenta fih tezi dwar il-paċi, iżda kien hemm problemi li dawk preżenti ħassewhom jolqtuhom iktar mill-qrib lilhom.

10. Bdiet tidher fil-ġurnal "IL-HAJJA" paġna dwar l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi kull ċertu żmien, b'tagħlim u tagħrif miġbur minnhom.

11. Il-KDAL kellu t-tama li din ir-rikonċiljazzjoni m'Alla u mal-proxxmu tinħass fostna għax fl-istess żmien hu waqqaf Kummissjoni li hejjiet Gwida ta' Tagħlim u Talb biex id-devozzjoni Marjana tkompli tikber fost it-tfal, iż-żgħażagħ u l-familji sakemm tilħaq l-ideal tal-konsagrazzjoni tal-ħajja lilHa mill-Maltin kollha. Il-Kunsill qassam din il-Gwida lill-Għaqdiet u lill-Kunsilli Parrokkjali u ħeġġeġ biex il-membri tal-Għaqdiet igħinu lill-kappillani jorganizzaw ġimgħa Marjana fil-parroċċa tagħhom.

12. Il-KDAL għen biex il-Festa ta' Kristu Re ssir festa nazzjonali reliġjuża.

**B. Pjan Pastorali**

L-Abbozz tal-Pjan Pastorali amalgama l-Kunsill Djoċesan tal-Appostolat tal-Lajċi mal-Uffiċċju Lajċi biex isir flokhom Segretarjat għall-Appostolat tal-Lajċi. F'dan l-Abbozz, is-Segretarjat ikun rappreżentattiv, billi jkollu fih ir-rappreżentanti tal-Għaqdiet Kattoliċi kollha djoċesani, minbarra Kummissjonijiet dependenti minnu biex ilaħħqu mas-setturi kollha tal-ħaj-

ja, jiġifieri tax-xogħol, tal-familja, tan-nisa, taż-żgħażagħ u tal-kultura. Il-Kunsill iddiskuta l-Abbozz matul żewġ laqgħat plenarji. L-Eżekuttiv tiegħu kien studjah qabel fit-tul u kien ħa l-idejat tal-Presidenti tal-Għaqdiet u Movimenti dwaru. Il-Kunsill ressaq xi emendi strutturali biex is-Segretarjat għal-Lajċi jkun iktar rappreżentattiv tal-Lajċi fl-isferi kollha tal-ħajja, u biex fis-Segretarjat ikun hemm numru ta' saċerdoti biex jagħtu pariri fis-setturi kollha u jkun hemm koordinament anki bejn is-saċerdoti attivi fl-appostolat tal-lajċi.

Wara l-egħluq id-diskussjoni fuq l-Abbozz fil-Kunsilli Presbiterjali u Pastorali, il-KDAL ressaq emenda jew alternattiva oħra, fejn il-KDAL jibqa' kważi kif hu bħal is-sa iżda li jkun jista' jikkoordina l-ħajja lajka kollha, u fl-istess ħin id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-Kunsill ma jvarjawx minn dawk li jittieħdu fis-Segretarjat tal-Lajċi.

## C. Policy

Matul is-sena 1984 u anki fis-snin ta' qabel il-Kunsill sab diffikultajiet dwar kif għandu 'jxandar il-Kelma t'Alla b'dak kollu li tfisser u tiswa għal kull individwu u għas-soċjetà nnifisha' — il-Q.T. il-Papa lill-Isqfijiet fil-11.12.1982. L-Eżekuttiv iltaqa' mal-Presidenti tal-Għaqdiet u Movimenti dwar dan diversi drabi u wkoll flimkien il-taqgħu mall-Arċisqof f'Ġunju 1984. L-ideal jintlaħaq jekk il-membri ta' l-Għaqdiet ikunu ffurmati tajjeb spiritwalment u professjonalment u jkunu jafu kif isibu l-mod kif ifittxu, jifhmu u jwasslu lill-poplu kollu t'Alla t-tagħlim nisrani b'mod konvinċenti.

Biex jifhmu l-ispiritwalità u l-formazzjoni partikulari ta' kull għaqda "biex jintlaħqu l-iskopijiet tal-fundaturi ta' dawn l-għaqdiet iżda skond iż-żminijiet li qegħdin fihom, issa, il-membri tal-Kunsill u l-Presidenti tal-għaqdiet u movimenti ltaqgħu f'Seminar f'Mount St. Joseph f'Diċembru 1984. Huma talbu flimkien, semgħu lil xulxin u saru jafu aħjar lil xulxin.

Biex jifhmu s-sinjali taż-żminijiet il-Konsultur Ekklesjastku u l-President tal-Kunsill ħeġġu b'ċirkulari f'Mejju 1984 lill-membri kollha għat-talb, għall-penitenza u għall-egħmejjel ta' karità.

Fl-istess ħsieb, fit-13 ta' Settembru 1984 saret laqgħa ta' talb għall-membri kollha tal-għaqdiet fil-Knisja tal-Karmnu l-Belt, fil-preżenza ta' Ġesù Sagramentat u ta' Marija".

Leo Abela — Segretarju

Frank Busuttil — President

# ID-19-IL JUM MONDJALI TAL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI

## IL-HADD, 19 TA' MBJJU 1985

## MESSAĠĠ TA' MONS ARĊISQOF

### 1. Il-Fidi fil-lingwaġġ awdjoviżiv

Fil-Għid il-Kbir li għadda ltqajt maż-żgħażagħ Maltin u magħhom iċċelebrajt quddiesa 'rock'. Kienet f'din l-esperjenza li ftakart meta ġejt biex inħejji dan il-messaġġ fl-okkażjoni tad-Dsatax-il Jum Mondjali tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali li din is-sena ser niċċelebrawh nhar il-Hadd 19 ta' Mejju. Il-Knisja xtaqet li din is-sena neżaminaw, u fejn possibbli nieħdu azzjoni dwar it-tema "Il-Mezzi ta' Komunkazzjoni Soċjali għall-Formazzjoni Nisranija taż-Żgħażagħ."

Ir-'rock mass" tfakkarni f'dan is-suġġett għax hija ċelebrazzjoni tal-fidi tagħna magħmula miż-żgħażagħ. Fiha wżaw it-talenti li tahom il-Hallieq biex jirriflettu fuq ir-realtà ta' ħajjithom u l-problema taddrogi li tant qed tagħmel ħsara f' bosta minnhom. Iżda minflok ma ntilfu quddiem il-kobor tal-problema u waqgħu fid-disperazzjoni għollew 'il fuq lejn il-Mulej u għamlu att ta' fidi u tama fil-preżenza Tiegħu fostna bħala Salvatur. U kif jiġri dejjem meta wieħed iħares lejn ir-realtà, anke meta hija iebsa u diffiċli, fid-dawl tal-fidi nisranija jinfexx f'ċelebrazzjoni ta' tama u stennija ta' dak li Huwa biss huwa s-Salvatur. Iż-żgħażagħ tul il-quddiesa ħolqu ambjent ta' parteċipazzjoni permezz ta' dwali u mużika miktuba minnhom stess. Ambjent li fih stajna nilqgħu fostna lil Kristu li sar bniedem biex jifdi lill-bniedem.

### 2. Iż-żgħożija: teżor speċjali

Dan il-kuntatt u kuntatti oħra tiegħi maż-żgħażagħ jgħinuni biex flimkien mal-Papa preżenti niddeskrivi ż-żgħożija bħala teżor speċjali. Fil kliem l-ittra li l-Papa bagħat liż-żgħażagħ nhar Hadd il-Palm iż-żgħożija hija teżor. It-teżor li wieħed jagħżel, jorganizza, jara minn qabel u jagħmel l-ewwel deċiżjonijiet personali li jkollhom ukoll effetti soċjali. Minħabba diversi raġunijiet ħafna żgħażagħ ġieli ma jkunux jistgħu japprezzaw dan biżżejjed u jista' jkun li għalihom iż-żgħożija tkun żmien diffiċli u ta' qtiegħ il-qalb. L-għażliet li jkunu jixtiequ jagħmlu f'ħajjithom ikunu mfixkla minn xi xkiel.

Iż-żgħażagħ tallum waqt dan il-proċess ta' għażla u deċiżjoni jkunu influwenzati minn għadd ta' fatturi fosthom il-mezzi tal-komunikazzjoni kemm dawk tal-massa kif ukoll oħrajn użati fi gruppi żgħar. L-iżvilupp tekniċi qegħdin jagħtu wiċċ ġdid lil dawn il-mezzi u lill-influwenza li jkollhom fuq is-soċjetà u fuq iż-żgħażagħ.

Iż-żgħażagħ, per eżempju, minn dejjem kienu jħobbu d-diski u l-mużika. Illum permezz tal-'video music' jistgħu jisimgħu l-kanzunetti u fl-istess ħin jiddevertu billi jaraw films qosra li jkollhom effetti speċjali, kuluri, ritmu viżwali, movimenti mgħaġġla, cartoons komiċi — kważi jkun hemm minn kollox. Iż-żgħażagħ jieħdu pjaċir b'dawn għax imissulhom qalbhom, is-sensi

u l-immaġinazzjoni.

### 3. Relazzjoni dinamika

Biex wieħed jagħraf sew l-effett ta' dan wieħed irid iqis li bejn il-mezzi tal-komunikazzjoni u ż-żgħażagħ hemm relazzjoni dinamika fejn kull naħa tista' tinfluwenza lill-oħra. Din ir-relazzjoni għandha tiġi żviluppata sew biex għal akbar ġid taż-żgħażagħ u tas-soċjetà ż-żgħożija tiġi żviluppata bħala teżor speċjali.

Il-mezzi tal-komunikazzjoni għandhom id-dmir li jħarsu lejn iż-żgħożija bħala teżor speċjali u jirrispettawha bħala tali. Sfortunatament jiġri li ħafna minn dawk li jipproduċu l-media jħarsu lejn iż-żgħażagħ sempliċement bħala suq li minn fuqu jistgħu jistagħnew. U kif jagħmlu ma' swieq oħra jippruvaw jisfruttawh għall-akbar vantaġġ ekonomiku. Huwa komuni ħafna wkoll li l-'image' li l-media jagħtu taż-żgħażagħ x'aktarx hija image negattiva: iż-żgħażagħ bħala dawk li jgħixu ħajja mtajra jew delinkwenti. Il-ġenerożità u l-idealiżmu ta' ħafna u ħafna żgħażagħ ma tantx għandu post prominenti f'ħafna mill-programmi jew artikli li naraw, nisimgħu jew naqraw. Imbagħad, fejn il-mezzi tal-komunikazzjoni huma kontrollati politikament, jiġri li dawn jintużaw biex b'mod propagandistiku jippruvaw jikkontrollaw il-moħħ u r-rieda taż-żgħażagħ. L-ebda waħda minn dawn it-toroq ma tirrispetta liż-żgħażagħ.

Din is-sitwazzjoni m'għandhiex tmewtilna qalbna. Issib għadd ta' produtturi jew edituri li jagħmlu l-ħila tagħhom kollha biex jagħtu stampa aktar pożittiva, u għalhekk aktar reali, taż-żgħażagħ.

### 4. X'jistgħu jagħmlu ż-żgħażagħ

Iżda t-tama prinċipali tagħna qegħda fiż-żgħażagħ. Dawk minnhom li ġew għar-rock mass urew li huma żgħażagħ attivi li lesti li joħolqu l-forom ta' espressjoni tagħhom huma stess billi jużaw il-media moderni b'mod kreattiv u intelliġenti li jinvolvi l-personalità sħiħa ta' dak li jkun u jimbuttah biex ifassal ħajja aħjar flimkien ma' l-oħrajn.

Dak li dawn iż-żgħażagħ għamlu dak in-nhar jistgħu u għandhom jippruvaw jagħmluh fil-ġranet l-oħra tas-sena. Għandhom jimpenjew ruħhom biex il-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali jsiru dejjem aktar jixirqu lill-bniedem.

* Lil min iħares lejhom bħala suq, iż-żgħażagħ iweġbuh billi flushom jużawhom biex jixtru prodotti u jħallsu għall-wirjiet li jgħinuhom jikbru.

* Lil dawk li jridu jikkontrollawhom qalbhom u moħħhom bi propaganda politika ż-żgħażagħ għandhom juruhom l qalbhom u moħħhom huma għalihom.

* Iż-żgħażagħ għandhom jinsistu li dawk responsabbli mill-mezzi tax-xandir u l-ġurnali mhux biss jikkonsultawhom iżda għandhom idaħħluhom, skond kemm ikun possibbli i fil-produzzjoni jew kitbiet li jolqtu lilhom. Għandhom jagħtuhom ukoll kull possibilità li f' ambjent miftuħ u ħieles isemmu l-opinjonijiet tagħhom.

Liż-żgħażagħ inħeġġiġhom biex ma jibqgħux passivi. Huma m' għandhomx iħallu li jiġu dominati mill-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Iżda għandhom ikunu huma li b'mod matur jużaw u jinfluwenzaw l-iżvilupp ta' dawn il-mezzi tal-post tagħhom fis-soċjetà.

Fuq iż-żgħażagħ jiddependi l-futur. Kif qalilhom il-Papa, fil-messaġġ li ħareġ fl-okkażjoni ta' dan il-Jum Mondjali, huma ż-żgħażagħ li jridu jiktbu l-paġna ġdida ta' l-istorja għas-sena 2000. B'mod speċjali f'din is-sena ddedikata għalihom, iż-żgħażagħ għandhom jaraw li l-mezzi tal-komunikazzjoni jgħinuhom biex din il-paġna tinkiteb b' mod li tkun tixraq lid-dinjità talbniedem bħala xbieha t'Alla.

19 ta' Mejju 1985.

† ĠUŻEPPI MERCIECA,
Arċisqof ta' Malta.

## ONORIFIĊENZI

Il-Qdusija Tiegħu l-Papa għoġbu jinnomina

lill-W. Rev.du Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali
Protonotarju Appostoliku sopranumerarju

u lir-Rev.di saċerdoti

Dun Karm Bianco, Dun Stephen Borg, Dun Ġwann Briffa Brincati, Dun Lawrenz Cachia, Kan. Antonio Muscat, Dun Karm Zammit
Kappillani tiegħu.

* * *

## OKKAŻJONIJIET TA' HIDMA PASTORALI BARRA MINN MALTA

L-Arċisqof irċieva xi talbiet minn isqfijiet barranin għal xi saċerdot biex imur jagħmel ħidma pastorali fid-djoċesi tagħhom ukoll għal xi ftit taż-żmien. L-Arċisqof lest biex jagħti l-permess meħtieġ lil dawk li jitħajru. Id-djoċesijiet huma dawn:

Djoċesi ta' Bamenda, N.W. Province, Cameroon (hemm żewġ saċerdoti Maltin, inkardinati fid-djoċesi ta' Plymouth, li ġa qegħdin hemm);

djoċesi ta' Nola (Italja);

djoċesi ta' Valle della Lucania (Italja);

djoċesi ta' Amelia (Italja).

Għal tagħrif aktar wieħed hu mitlub jikteb lis-Segreterija tal-Kurja.

## It-tnax-il Ħadd tas-sena
## "L-IMĦABBA TA' KRISTU SSUQNA"

*L-imħabba ta' Alla għalina*

"L-imħabba ta' Kristu ssuqna, aħna li nafu li wieħed miet għal kulħadd, sabiex dawk li jgħixu mhux għalihom infushom imma għal dak li miet u rxoxta minħabba fihom". Dan il-kliem qalulna San Pawl illum fit-tieni qari tal-Quddiesa, biex ifakkarna li kull ma nagħmlu, naħsbu u ngħidu għandna nagħmluh għall-imħabba ta' Kristu, li bil-mewt u l-qawmien tiegħu ħelisna mill-jasar tad-dnub u tana li nibdew ngħixu ħajja ġdida fih.

Kienet l-imħabba bla qjies ta' Alla għalina l-bnedmin li wasslitu biex jibgħat lil Ibnu stess fid-dinja biex lilna li konna tbegħidna minnu minħabba d-dnub, jerġa' jħabbibna miegħu; ried li Ibnu jsir dnub għalina, biex aħna neħilsu minn dnubietna.

Kienet l-imħabba bla qjies ta' l-Iben ta' Alla għalina li wasslitu biex hu, li kellu n-natura ta' Alla, isir bniedem bħalna u jkun jixbahna f'kollox barra mid-dnub, ħalli jidher għalina u jpatti għal dnubietna bil-mewt tiegħu fuq is-salib.

Quddiem xhieda hekk kbira ta' mħabba, jekk aħna tassew nafu x'inhi l-vera mħabba, ma jistax ikun li aħna ma nwieġbux bl-imħabba tagħna, anzi b'ħeġġa ta' mħabba, kif wieġeb San Pawl, malli għaraf lil Kristu.

Mill-mument li fih, fit-triq ta' Damasku, il-Mulej Ġesù lil San Pawl sejjaħlu biex ikun f'idejh għodda magħżula ħa jwassal ismu lill-ġnus pagani, San Pawl ma strahx mument wieħed u waqaf li jxandar l-isem ta' Ġesù: minkejja t-tiġrib kollu li miegħu ltaqa', minkejja t-tfixkil kollu li sab mill-egħdewwa tiegħu, San Pawl ma waqaf qatt iħabbar il-Mulej Ġesù sa ma temm il-mixja tiegħu f'din id-dinja u wettaq il-missjoni tiegħu bit-tixrid ta' demmu. U dan għaliex kienet l-imħabba ta' Kristu li kienet qiegħda timbuttah, li kienet qiegħda ssuqu, li kienet tgħinu jegħleb it-tfixkil kollu li miegħu kien jiltaqa'.

*Ġesù ma' l-Appostli fit-tiġrib tagħhom*

Bħal San Pawl aħna wkoll għarafna l-imħabba ta' Alla, l-imħabba ta' Kristu. Imma aħna, nistgħu aħna ngħidu, bħal San Pawl, li l-imħabba ta' Alla ssuqna? Jew malajr naqtgħu qalbna minn xi tfixkil li nsibu quddiemna? jew nibżgħu mis-sagrifiċċji li rridu nagħmlu biex nagħtu xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja? Jew ibeżżgħuna t-tempesti li bla heda s-setgħat tal-ħażen iqanqlu kontra s-saltna ta' Kristu? Jekk dan, nisimgħu x'qalilna Ġesù fl-Evanġelju tal-lum: "Dal-biża' kollu għaliex? Mela ma għandkomx fidi?"

Hekk qal Ġesù lill-Appostli li kienu kollha mwerwrin minħabba r-riefnu kbir li qam waqt li huma kienu fid-dgħajsa flimkien ma' Ġesù qegħdin jaqsmu l-baħar tal-Galilija. "Dal-biża' kollu għaliex?" L-Appostli beżgħu li se jgħerqu, li se jintilfu, u dak il-ħin insew li kellhom lil Ġesù magħhom,

dak Ġesù li kienu rawh ifejjaq il-morda, ikeċċi x-xjaten, u jagħti l-ħajja lill-mejtin. U Ġesù qam minn fejn kien u għall-kelma tiegħu siket ir-riħ, u waqfet il-qilla tal-baħar, u hekk uriehom li kellu mhux biss is-setgħa fuq il-mard u t-tiġrib kollu tal-ġisem, mhux biss fuq ix-xjaten u l-ispirti ħżiena, imma wkoll fuq il-qawwiet kollha tan-natura; u dan għax kien Alla, dak Alla, li fl-ewwel qari tal-lum qrajna li qiegħed it-truf lill-baħar u qallu: "S'hawn tista' tasal u mhux iktar, ma taqbiżx minn hawn il-ġewwa bil-mewġ tiegħek."

*Ġesù magħna fit-tiġrib tagħna*

Il-ġrajja tal-Evanġelju tal-lum hi ta' tagħlim kbir għalina, għax turina li Ġesù hu dejjem magħna fit-tiġrib kollha li miegħu niltaqgħu tul ħajjitna kollha, għalkemm, kemm-il darba ma nintebħux li huwa magħna, huwa qrib tagħna, u naħsbu li ħalliena waħedna, kif ħasbu l-Appostli waqt it-tempesta fuq il-baħar.

Ġesù xi kull tant iħallina nħossu ruħna waħedna, abbandunati minn kulħadd, abbandunati minnu wkoll: ħafna qaddisin għaddew minn tiġrib bħal dan; Ġesù stess għadda minn dan it-tiġrib — fuq is-Salib, meta għajjat: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" Imma kien proprju f'dak il-waqt li Kristu temm il-missjoni tiegħu u kiseb is-salvazzjoni tad-dinja. U l-mument li fih Kristu huwa l-aktar qrib tagħna, huwa proprju l-waqt li fih inħossu ruħna abbandunati minn kulħadd, il-ħin li fih qiesu taqa' dalma kbira fuq ruħna, u nibdew nibżgħu li mhux se nifilħu aktar għat-tiġrib li ġie fuqna, li ma nifilħux aktar għalih. Ġesù dan jippermettih biex isaħħaħ fina l-fidi tagħna fih, għaliex hu dejjem magħna u ma jħalliniex niġġarrbu aktar milli nifilħu, u flimkien mat-tiġrib jagħtina l-qawwa kollha li neħtieġu biex negħilbuh.

Jekk tassew inħobbu lil Alla, jekk tassew l-imħabba ta' Kristu ssuqna, ebda ħaġa ta' din id-dinja ma tista' tfixkilna: jistgħu jqumu kontra tagħna l-irwiefen kollha tal-ħażen, jistgħu jiġu fuqna kull xorta ta' disgrazzji, nistgħu ma naraw ebda xaqq ta' dawl li jurina li qiegħed joqrob it-tmiem tat-tiġrib kollu tagħna, jista' jkun li ma narawx ħlief dlamijiet quddiemna: jekk aħna għandna fidi sħiħa, jekk aħna kollna ħeġġa ta' mħabba għal Kristu, mhux se naqtgħu qalbna, għax nafu li ż-żmien tat-tiġrib għad igħaddi, u meta jasal il-waqt, Kristu jurina li kien qrib tagħna: iqum u lill-irwiefen tal-ħażen u jgħidilhom: "Isktu! Biżżejjed!", u jkun hemm kalma kbira.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbu 'l Alla jqawwi l-fidi tagħna, biex ma naqtgħux qalbna mit-tiġrib li miegħu niltaqgħu biex nibqgħu fl-imħabba tiegħu.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek u sikket il-qilla tat-tempesti li jqanqlu kontriha s-setgħa tal-ħażen, kif sikkit ir-riħ u l-baħar int u taqsam ma' l-Appostli tiegħek il-baħar tal-Galilija.

Mulej Ġesù, qawwi qalb dawk ħutna li għaddejjin minn tiġrib kbir minħabba twemminhom, wettaqhom bil-grazzji tiegħek, biex jifhmu li int qrib lejhom, lest biex teħlishom mit-tiġrib kollu tagħhom meta jasal il-waqt.

Mulej Ġesù, tħalli qatt jaħkmuna l-biża' u n-nuqqas ta' fidi fik, imma qawwi dejjem aktar fina l-ħsieb li int dejjem qrib tagħna fit-tiġrib kollu li jista' jiġi fuqna.

Mulej Ġesù, wettaqna fl-imħabba tiegħek, biex imbuttati mill-imħabba tagħna għalik inħabirku għall-glorja tiegħek u għall-kobor tas-saltna tiegħek fid-dinja kollha.

Mulej Ġesù Kristu, ilqa' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum: tħalli ebda tiġrib jew inkwiet jifridna mill-imħabba tiegħek u żommna dejjem fl-imħabba tiegħek ħa nkunu ħolqien ġdid. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## It-tlettax-il Ħadd tas-Sena

## IL-MISTERU TAL-MEWT U L-ĦAJJA

*Il-misteru tal-mewt*

Il-ġrajja ta' bint Ġajru li tħabbritilna fl-Evanġelju tal-lum tistedinna nimmeditaw, naħsbu ftit fuq il-misteru tal-mewt u l-ħajja. Il-ħsieb tal-mewt ibeżżagħna; ma tantx inħobbu naħsbu fuq il-mewt; meta nisimgħu bil-mewt ta' xi ħadd li nafu, ninħasdu, u, irridu jew ma rridux, niftakru li aħna wkoll għad immutu.

Imma għaliex din il-biża' tal-mewt? "Il-mewt mhix opra ta' Alla" qaltilna l-Knisja llum fl-ewwel qari tal-Quddiesa, bi kliem il-Ktieb ta' l-Għerf. "Alla ma jieħux gost meta l-ħajjin imutu, għaliex hu ħalaq kollox biex jibqa'; fil-kreaturi tiegħu ma hemmx il-velenu tal-qirda u fuq l-art il-mewt ma kellhiex taħkem". Mela għaliex immutu? Tweġibna l-Knisja bi kliem il-Ktieb ta' l-Għerf: "Minħabba l-għira tax-xitan li l-mewt daħlet fid-dinja".

Dan il-kliem iwettqu San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani, fejn igħidilna li l-mewt daħlet fid-dinja minħabba d-dnub. Ix-xitan, imkeċċi mill-ġenna, beda jgħir għall-bniedem, maħluq sura u xbieha ta' Alla u magħmul ftit inqas mill-anġli; beda jgħir għall-bniedem maħluq biex igawdi lil Alla fl-ħena ta' dejjem wara li jkun ħabbu u qdieh f'din id-dinja. U għalhekk ix-xitan ipprova jeqred ix-xbieha ta' Alla fil-bniedem, ried itelliflu s-saltna tas-sema — u rnexxilu, għax waqqa' l-bniedem fid-dnub u għamlu lsir tiegħu. Daħal id-dnub fid-dinja, u mad-dnub daħlet il-mewt li xterdet fil-bnedmin kollha.

Iżda Alla ma riedx li l-bniedem li ħalaq għalih xbieha tiegħu jibqa' mjassar mix-xitan, jibqa' taħt il-madmad tal-mewt. Ix-xitan, meta waqqa' l-bniedem fid-dnub, ma rnexxilux jeqred għal kollox fil-bniedem ix-xbieha ta' Alla; irnexxielu biss idallamha, idgħajjifha, imma mhux jeqridha. Kristu bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja ħeles il-bniedem mill-jasar tal-mewt u d-dnub, ħelsu mill-madmad tax-xitan, u x-xbieha ta' Alla fil-bniedem mill-ġdid dehret fis-sebħ kollu tagħha, bil-qawwa kollha tagħha.

*Raqda ħelwa għal min jemmen*

Il-qawmien ta' bint Ġajru tfissrilna dan kollu. "It-tfajla mhijiex mejta, imma rieqda," qal Ġesù lill-folla tan-nies li f'dar Ġajru kienu qed jagħmlu storbju sħiħ jibku u jixru. "It-tfajla mhijiex mejta," qalilhom, u bdew jiddieħku bih. U biex jurihom li t-tfajla ma kinitx mejta, daħal ħdejha, qajjimha u taha lill-ġenituri tagħha.

Hekk hi l-mewt għal dawk kollha li jemmnu: raqda ħelwa fi Kristu, li minnha Kristu stess iqajjimna biex niftħu għajnejna għall-ħajja ta' dejjem. Hu veru li l-firda li ġġib magħha l-mewt tnikkitna, imma hu niket li hu mtaffi mill-faraġ tal-fidi, għaliex aħna nemmnu li ma għandniex għal dejjem għamara f'din id-dinja, imma għandna għamara oħra tistenniena fis-sema pajjiżna, għamara li tibqa' għal dejjem. Il-mewt għalhekk ma taħkimx aktar fuqna, għax ukoll jekk immutu għal din id-dinja aħna ngħixu għal dejjem, għaliex Alla ħalaq il-bniedem biex igħix għal dejjem.

Dawk biss li jimxu wara x-xitan, iduqu l-mewt ta' dejjem, igħidilna l-Ktieb ta' l-Għerf. U jduqu l-mewt għal dejjem għaliex, meta jaslilhom il-waqt li jħallu din id-dinja, huma jibqgħu fid-dnub tagħhom, jibqgħu egħdewwa ta' Alla, jibqgħu fil-qagħda li fiha qiegħdu ruħhom meta lil Alla warrbuh fil-ġenb, u flok Alla għażlu lihom infushom u l-ħlejjaq tad-dinja, u rabtu qalbhom magħhom.

*L-għana li kisbilna Kristu*

X'irridu nagħmlu biex ma nduqux il-mewt ta' dejjem? Kif għandha tkun ħajjitna f'din id-dinja, biex it-tmiem tagħha f'din id-dinja jkun raqda ħelwa li tiftħilna l-bibien tas-sema? It-tweġiba jagħtihielna t-tieni qari tal-lum, li jfakkarna fl-għana kollu li kisbilna Kristu.

Minħabba fina Kristu ftaqar, biex bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna, qal San Pawl lill-Korintin. Kristu ftaqar meta sar bniedem bħalna, meta hu, li kien Alla, sar bniedem bħalna, meta hu li ma kienx jaf x'inhu dnub, sar dnub għalina. Imma għax Kristu sar bniedem bħalna, għax ftaqar, aħna stajna niksbu l-għana kollu tas-salvazzjoni li kisbilna Kristu bil-mewt tiegħu fuq is-Salib u l-qawmien tiegħu mill-imwiet. Jekk aħna nużaw tajjeb l-għana kollu li kisbilna Kristu, aħna mhux se nduqu l-mewt ta' dejjem.

X'inhu l-għana tas-salvazzjoni li kisbilna Kristu? San Pawl igħidilna li permezz tal-faqar ta' Kristu aħna stagħnejna fil-fidi, fil-kelma, fl-għerf, fil-ħeġġa, fl-imħabba: u dan l-għana kollu nkattruh dejjem aktar bit-tisħib tagħna fil-misteri qaddisa. Il-kelma ta' Alla li titħabbrilna kull darba li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, isaħħaħ fina l-fidi, tqan-

qalha fina, tagħmilha fidi ħajja, kollha ħeġġa għall-egħmil it-tajjeb; il-Kelma ta' Alla twasslilna l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema u turina kemm dan l-għerf jisboq l-għerf kollu tan-nies tad-dinja, u tgħidilna li Alla hu mħabba, u tħeġġiġna biex nibqgħu fl-imħabba ta' Alla.

Nibqgħu fl-imħabba ta' Alla meta ngħixu fl-imħabba, jiġifieri meta nuru mħabba ma' ħutna l-bnedmin l-oħra. Meta, kif smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum, biżżejjed tagħna nagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' dawk li ma għandhom xejn meta, fi kliem ieħor, nagħmlu dak li jridna nagħmlu Ġesù biex idaħħalna fis-saltna tiegħu ta' dejjem: nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, nisqu lil min hu bil-għatx, inlibbsu lil min huwa għarwien, inżuru lil min hu marid, infarrġu lil min hu mnikket, nistabru b'min idejjaqna, naħfru lil min hu ħati għalina — jekk nagħmlu dan ma' ħutna l-bnedmin, Kristu jqisu magħmul miegħu stess, u jdaħħalna fis-saltna ta' dejjem fejn mewt ma jkunx hemm iżjed, u lanqas biki, u hemm, u niket, imma hena u sliem bla qjies għal dejjem ta' dejjem.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u niftakru llum li Kristu, li kien għani, ftaqar għalina, biex bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna, nitolbuh jgħinna nagħmlu użu tajjeb mill-għana kollu li kisbilna bil-mewt u l-qawmien tiegħu għall-ħajja, ħalli nkunu nistgħu niksbu l-ħajja ta' dejjem.

Mulej Ġesù, ieqaf mal-Knisja tiegħek hija u tiċċelebra l-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħek għall-ħajja, u tħabbrilna li hawn fid-dinja ma għandniex għamara għal dejjem imma mexjin lejn is-sema pajjiżna.

Mulej Ġesù, kif sejjaħt mill-ġdid għall-ħajja lil bint Ġajru, qajjem għall-ħajja ġdida fik lil dawk ħutna li jinsabu mjassrin mix-xitan bil-mewt tad-dnub.

Mulej Ġesù, sieħeb fis-saltna tiegħek ta' dejjem lil dawk kollha li temmew il-mixja tagħhom f'din id-dinja, u agħtihom li jgawduk għal dejjem.

Mulej Ġesù, bil-kelma tiegħek, għallimna l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, saħħaħ fina l-fidi, u kebbes fina ħeġġa ta' mħabba biex nagħmlu kull ma jogħġob lilek u niksbu l-hena ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, fil-ħniena tiegħek, isma' t-talb li qegħdin nagħmlulek illum, u kun ta' għajnuna għalina biex inżommu 'l bogħod minnha kull ħaġa li tista' tifridna minnek u ttellfilna l-ħajja ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-erbatax-il Hadd tas-sena

## IN-NISRANI FID-DINJA TAL-LUM

*It-tiġrib ta' Kristu u tal-profeti*

L-Evanġelju tal-lum igħidilna x'ġara f'Nazaret l-ewwel darba li Ġesù reġa' lura hemm wara li kien ta bidu għall-missjoni tiegħu li jxandar il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni. In-nies ta' Nazaret kienu semgħu bl-egħġubijiet li kien għamel Kafarnahum; kienu semgħu bit-tagħlim li hu kien qiegħed ixandar, u kważi ma ridux jemmnu li xi ħadd li kien għex fosthom għal tletin sena sħaħ kien kapaċi jagħmel dawk l-egħġubijiet li kienu semgħu bihom. U meta f'jum is-Sibt mar fis-sinagoga tagħhom u beda jgħallem aktar tfixklu minħabba fih u bdew igħidu: "Minn fejn kisbu dan il-għerf kollu?"

Dak li ġara lil Ġesù f'Nazaret, ġara wkoll lill-profeti tal-qedem, kif ħabbar Alla lill-profeta Ezekjel meta bagħtu bħala profeta tiegħu fost ulied Israel, u qallu li kien se jibagħtu fost nies ta' ras iebsa, li mhumiex lesti jisimgħu minn dak li jgħidilhom, li se jagħlqu widnejhom biex ma jisimgħux it-twissijiet tiegħu.

*...... tal-ministri ta' Alla*

Dan jiġri wkoll lill-ministri ta' Alla tul iż-żminijiet, u qiegħed jiġri llum ukoll. Kemm-il darba llum ukoll il-kelma tal-Papa u tal-Isqfijiet, magħqudin miegħu, qiegħda tiġi mgħawġa, imfissra ħażin, jew imwarrba fil-ġenb, għax ma ddoqqx għan-nies tal-lum, għax hi ċanfira għall-ħażen tagħhom, għax hi kundanna tal-imġiba tagħhom? Kemm-il darba n-nies illum, nies ukoll li jiftaħru li huma nsara, nies li jmorru l-Quddies nhar ta' Hadd, igħalqu widnejhom għall-Kelma ta' Alla li tgħidilhom x'jitolbu minnhom il-kmandamenti ta' Alla, li tgħidilhom kif għandha tkun il-ħajja tagħhom bħala nsara? In-nies tad-dinja llum ma jridux jisimgħu min ikellimhom, fuq il-mewt, fuq il-ġudizzju, fuq l-infern, għax ma jridux min ibeżżagħhom; in-nies illum ma jridux li l-Knisja tikkundanna l-abort, l-isterilizzazzjoni, id-divorzju, l-infiq iż-żejjed, il-ħajja bla rażan: in-nies illum ma jieħdux pjaċir min ifakkarhom fid-dmirijiet tagħhom, liema huma l-valuri fondamentali tal-ħajja tal-bniedem, fid-dmir li jħarsu d-dinjità ta' ħuthom il-bnedmin l-oħra, għax dan kollu hu xkiel għalihom biex iġibu dejjem aktar 'il quddiem l-interessi tagħhom. U għalhekk jaslu biex igħidu li l-Knisja, li l-Papa u l-isqfijiet qed jindaħlu f'affarijiet li mhumiex tagħhom, u jgħidu lin-nies biex ma jagħtux widen għal dak li tgħid il-Knisja — huma nies li mhux qed jintebħu li meta l-Knisja titkellem, meta l-Papa u l-isqfijiet jitkellmu, mhumiex iwasslu l-kelma ta' bniedem, imma qegħdin iwasslu lill-bniedem il-kelma ta' Alla stess.

*..... tan-nisrani*

Dan jiġri wkoll lin-nisrani, li jrid igħix tassew is-sejħa tiegħu ta' nisrani li hu. In-nisrani bil-ħajja stess li jgħix irid iħabbar it-tagħlim ta' Kristu

kif twassalulna l-Knisja, għaliex in-nisrani hu wkoll "profeta" fid-dinja. Bil-Magħmudija n-nisrani jissieħeb fil-missjoni ta' Kristu, il-Qassis, il-Profeta u s-Sultan. Fil-Magħmudija n-nisrani jiġi kkonsagrat b'sinjal tas-salib fuq ġbinu biż-żejt tal-griżma għall-qadi ta' Alla, biex jagħti l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla mhux biss bit-tisħib fil-misteri qaddisa, imma wkoll huwa u jgħin lil ħutu fil-bżonn — din il-konsagrazzjoni tagħtih sehem għalhekk mill-istess saċerdozju ta' Kristu, mis-saċerdozju tal-fidili.

Min jaqdi 'l Alla, isaltan, igħidilna San Girgor, u għalhekk in-nisrani huwa u jagħti l-qima li tistħoqq lil Alla, huwa u jagħmel egħmejjel ta' ħniena ma' ħutu fil-bżonn, ikun isaltan u għandu sehem mill-missjoni ta' Kristu bħala Sultan: u s-saltna ta' Kristu hi saltna ta' ġustizzja, imħabba u sliem, hi saltna fil-qlub tal-bnedmin, u n-nisrani bl-egħmejjel ta' ħniena li jagħmel ikun iġib is-sliem fi qlub dawk li jgħin u jkun jurihom sinjal ta' mħabba fi Kristu.

Imma n-nisrani hu fuq kollox "profeta" għaliex bil-ħajja tiegħu ta' nisrani hu, ikun iħabbar lid-dinja x'inhi s-sejħa ta' kull bniedem, ikun juri lil kull bniedem kif għandu jgħix biex igħix ta' bniedem li hu. Minħabba f'hekk in-nisrani jgħaddi minn ħafna tiġrib tal-ħżiena, li, għax l-istess imġiba tiegħu hi ċanfira għalihom, ma jaħmluhx, jistmerruh, ifixkluh, igħidu kontra tiegħu, imaqdruh.

Imma dan ma għandux jaqtagħlna qalbna; it-tfixkil u t-tiġrib huwa sehem mill-wirt u r-rizq tan-nisrani; il-ħajja tan-nisrani ma tistax tkun differenti minn dik ta' Kristu; jekk lil Kristu ġarrbuh, hekk ukoll jiġi mġarrab in-nisrani. U Alla dan jippermettih biex, kif igħidilna San Pawl, fittieni qari tal-lum, ma nintefħux bina nfusna, minħabba l-kobor tal-grazzji li Alla jagħtina.

*Il-qawwa tal-grazzja ta' Alla*

San Pawl hu ta' eżempju mill-aqwa għalina fit-tiġrib kollu li miegħu nistgħu niltaqgħu biex ngħixu ħajja verament nisranija, ħajja skond ittagħlim tal-Evanġelju, ħajja ta' fedeltà sħiħa għat-tagħlim tal-Knisja kif iwassluhulna l-Papa u l-isqfijiet. San Pawl igħidilna li kellu ħafna rivelazzjonijiet, ġie merfugħ sat-tielet sema, ra ħwejjeġ li l-moħħ ma jistax ifisser; imma biex ma jitkabbarx bih innifsu Alla bagħatlu xitan iniggżu u ma jħallihx kwiet. Tliet darbiet talab biex jiġi meħlus minn dan it-tiġrib, iżda Alla ma neħħihulux, imma qallu li biex jirbaħ dak it-tiġrib kienet biżżejjed għalih il-grazzja li kien qiegħed jirċievi mingħand Alla.

San Pawl għalhekk igħallimna, igħallem lil kull nisrani veru, li għalimħabba ta' Kristu, għandna nifirħu bit-tfixkil kollu li miegħu niltaqgħu jekk irridu ngħixu ħajja ta' veri nsara, bit-tgħajjir, bit-tbatijiet, bid-dwejjaq li nġarrbu minħabba l-fidi tagħna. Ma għandniex għalhekk naqtgħu qalbna jekk flok iroddulna ħajr għal xi parir tajjeb li nagħtu lil xi ħadd, nirċievu tgħajjir u tmaqdir; ma għandhomx jifnuna d-dwejjaq li nħossu meta naraw tant ħażen fid-dinja, meta qisu kull ma nagħmlu ma jiswa għal xejn biex inġibu għall-aħjar il-qagħda li fiha ninsabu; ma għandniex inħallu t-tbatija li jista' jkollna żżommna lura li nħabirku għal dinja aħjar,

fejn tassew ikun hemm ġustizzja u sliem. Hu proprju waqt it-tbatijiet, id-dwejjaq, it-tgħajjir li nġarrbu, li tidher fina l-qawwa kollha tal-grazzja ta' Alla li jaħdem fina u bina, bħala strument f'idejh għas-salvazzjoni tad-dinja.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbu 'l Alla llum il-qawwa kollha li neħtieġu biex nilqgħu bis-sabar it-tfixkil kollu li miegħu nistgħu niltaqgħu aħna u nagħtu xhieda ta' ħajja nisranija quddiem id-dinja.

Ieqaf, Mulej, mal-Papa u mal-isqfijiet u mal-ministri kollha tiegħek huma u jħabirku biex iwasslu l-bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha u qawwihom kontra kull tiġrib.

Dawwal il-fehma ta' dawk kollha li ma jridux jagħtu widen għall-Kelma tal-Knisja tiegħek li taslilhom permezz tal-ministri tiegħek, biex jagħarfu li l-kelma li qegħdin iħabbrulhom mhijiex kelma ta' bniedem imma hija l-kelma tiegħek stess.

Qawwilna qalbna u wettaqna bil-grazzji tiegħek biex nilqgħu bis-sabar it-tfixkil u t-tbatijiet u d-dwejjaq kollha li jista' jkollna minħabba t-twemmin tagħna.

Henn għal dawk ħutna li qegħdin iwebbsu rashom fid-dnub u ma jridux jagħtu widen għas-sejħa li qiegħda ssirilhom għall-indiema, biex ma jintilfux għal dejjem.

Mulej Alla li tista' kollox, lejk nerfgħu llum il-ħarsa tagħna, imġarrbin kif aħna u mdejqin minħabba l-ħażen kollu li qegħdin naraw ma' dwarna: ħenn għalina u qawwina bil-grazzja tiegħek, biex nifirħu b'dak li hu dgħajjef fina, għall-imħabba ta' Kristu li jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IL-MISSJONI TA' L-APPOSTLI U L-MISSJONI TAN-NISRANI.

*Is-sejħa tagħna*

Fit-tieni qari tal-lum il-Knisja stednitna biex inbierku lil Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu għaliex imliena b'kull xorta ta' barka spiritwali fi Kristu: fih konna magħżula, iddestinati minn qabel ... sabiex inkunu għattifħir tal-glorja tiegħu, aħna li, wara li smajna l-kelma tas-sewwa... konna issiġillati bl-Ispirtu s-Santu. Fi kliem ieħor il-Knisja stednitna llum biex inroddu ħajr lil Alla għax aħna nsara, għax ġejna msejħa biex inkunu xhieda ta' Kristu fid-dinja.

Alla, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, kien jaf bina; sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja kien fassal pjan għalina, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja iddestinana għalih sabiex inkunu għat-tifħir tiegħu. U meta wasal il-waqt li niġu fid-dinja, ħejjiena għas-sejħa tagħna billi mliena b'kull xorta ta' grazzji spiritwali, b'dawk il-grazzji kollha li kiseb għalina l-Mulej Ġesù bil-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu għall-ħajja. Malli ġejna fid-dinja, Alla tana twelid ġdid fi Kristu permezz tal-Magħmudija, u bis-saħħa tal-fidwa li kisbilna l-Mulej Ġesù bid-demm li xerred fuq is-Salib, ħelisna minn dnubietna, mill-qagħda ta' dnub li wiritna minn Adam, għamilna wlied adottivi tiegħu, u sawwab fina l-Ispirtu qaddis tiegħu biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba; u meta mbagħad kbirna u bdejna nkunu kapaċi nagħżlu bejn it-tajjeb u l-ħażin tana fil-Griżma s-siġill tad-don tal-Ispirtu qaddis tiegħu, u fawwarna bil-għerf u l-għaqal kollu ħalli, bħala membri kbar tal-Poplu li hu kiseb għalih, inkunu nistgħu nkomplu fid-dinja l-missjoni ta' Kristu, il-Qassis, is-Sultan u l-Profeta.

Ilkoll kemm aħna l-imgħammdin fi Kristu, il-Mulej Ġesù jsejħilna, kif Alla sejjaħ lill-profeta Għamos; lilna lkoll igħidilna kif Alla qal lill-profeta Għamos: "Mur ħabbar lill-poplu tiegħi Israel"; lilna lkoll isejħilna għal din il-missjoni, għalkemm mhux kulħadd hu msejjaħ biex jaqdiha bl-istess mod, għaliex, kif igħallimna San Pawl, f'waħda mill-ittra tiegħu, Alla li xi wħud isejħilhom biex ikunu appostli, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud profeti, lil xi wħud ragħajja u mgħallmin — huma ħafna l-ministeri li għalihom isejħilna Alla, imma l-għan huwa wieħed: il-bini tal-ġisem ta' Kristu għat-tifħir tal-glorja ta' Alla.

Mela jekk irridu tassew ngħixu skond is-sejħa tagħna ta' nsara, lil dawk li jġibu ruħhom magħna kif Amasja ġab ruħu ma' Għamos, u ma ridux jitkellem aktar f'isem il-Mulej, aħna wkoll, jeħtiġilna nwieġbu bħal Għamos: "Aħna m'aħna xejn, imma Alla għażilna għalih, u ma jistax ikun li ma nwieġbux għas-sejħa ta' Alla, ma jistax ikun ma nagħtux xhieda għalih."

*Il-missjoni tas-saċerdot*

Kif se nagħtu xhieda għal Alla skond is-sejħa tagħna? Lill-Appostli, Ġesù, meta bagħathom tnejn tnejn, għall-missjoni li fdalhom, qalilhom biex ma jieħdu xejn magħhom, la ħobż, la ħorġa, u lanqas flus fi ħżiemhom, u

kull fejn marru jxandru, stiednu n-nies għall-indiema, keċċew ix-xjaten u fejqu l-morda.

F'din il-ħidma tal-missjoni ta' l-Appostli naraw l-ewwelnett il-ħidma tas-saċerdot tul iż-żminijiet kollha. Magħżulin minn Alla u msejħin minn ħdan il-Poplu tiegħu b'sejħa speċjali, is-saċerdoti jwasslu lil Alla t-talb, ix-xewqat, it-tamiet kollha tal-Poplu tiegħu, jitolbuh maħfra u ħniena għal kulħadd, u jħabbru mbagħad u jwasslu l-Kelma ta' Alla lill-poplu tiegħu u jwasslulu wkoll il-barkiet u l-grazzji tiegħu, u jiċċelebraw il-misteri qaddisa għat-tifħir ta' Alla u għat-tqaddis tal-bnedmin.

Is-saċerdoti, f'isem Kristu, anzi fil-persuna ta' Kristu, jagħtu twelid ġdid lill-bnedmin u jseħbuhom mal-Poplu ta' Alla u jagħtuhom id-dinjità ta' wlied Alla fil-Magħmudija; iħabbuhom mill-ġdid ma' Alla u jdaħħluhom mill-ġdid fix-xirka tal-imħabba li hi l-Knisja li minnha jkunu nfirdu bi dnubiethom, permezz tas-sagrament tal-Penitenza; iqawwuhom kontra l-mard tar-ruħ u tal-ġisem bid-dlik taż-żejt fis-sagrament tal-morda; iberku l-imħabba tar-raġel u tal-mara fiż-żwieġ huma u juruh bħala xbieha tal-għaqda ta' Kristu mal-għarusa tiegħu l-Knisja; u meta jaslu biex iħallu din id-dinja wara li jwettquhom bl-ikel ħaj li niżel mis-sema u li hu rahan tal-ħajja ta' dejjem, igħinuhom iħallu din id-dinja fl-isem tal-Missier li ħalaqhom, tal-Iben li fdiehom u ta' l-Ispirtu s-Santu li qaddishom.

Din hi l-missjoni tas-saċerdoti kif tidher mill-missjoni li Kristu ried jafda lill-Appostli; imma f'din il-missjoni ta' l-Appostli nistgħu naraw ukoll il-missjoni, is-sejħa ta' kull nisrani.

*Il-missjoni ta' kull nisrani*

Kristu bagħat l-Appostli jxandru biex in-nies jindmu: kull nisrani hu msejjaħ biex iħabbar l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet, l-ewwelnett billi jgħix ħajja ta' veru nisrani, u l-ħajja tan-nisrani hi ħajja ta' ndiema u ta' penitenza — in-nisrani jaf li jrid jeħodha kontra l-misteru tad-dnub fid-dinja b'ħajja ta' rażan, ta' sabar, ta' mogħdrija, ta' ħniena u ta' maħfra.

Kristu bagħat l-Appostli u tahom is-setgħa jkeċċu x-xjaten: in-nisrani jrid iħabrek biex ikeċċi x-xjaten ta' żminijietna, ix-xjaten tal-għira ,tal-mibegħda, tal-ġlied, tal-piki, tar-regħba, billi bi kliemu u b'egħmilu jqaddes l-ambjenti fejn igħix u jaħdem u flok l-għira u l-mibegħda jxandar l-imħabba, flok il-ġlied u l-piki jħajjar għall-maħfra, flok ir-regħba u l-pjaċiri bla rażan ikun iržin u ġeneruż ma' kulħadd.

Kristu bagħat l-Appostli jfejqu l-morda: in-nisrani għandu jqis bħala dmir ewlieni l-egħmejjel kollha tal-ħniena ma' ħutu fil-bżonn fir-ruħ u l-ġisem. U dan kollu n-nisrani jrid jagħmlu, mhux għall-qligħ baxx, imma mqanqla mill-imħabba, mhux biex ikollu t-tifħir tal-bnedmin, imma għal Kristu, għat-tifħir tal-glorja ta' Alla.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lil Alla llum għaliex għoġbu jagħżilna għalih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba, nitolbuh jurina t-tjieba tiegħu u jagħtina s-salvazzjoni.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek, hija u tistedinna nberkuk għax għoġbok tagħżilna għalik sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja u ddestinajtna għat-tifħir tal-glorja tiegħek.

Kun mal-ministri tiegħek huma u jaqdu s-sejħa tagħhom fid-dinja biex iressqu lejk il-bnedmin kollha, niedma u sogħbiena għal dnubiethom, u biex iwasslu lill-bnedmin l-barka u l-maħfra tiegħek.

Agħmel li kull nisrani jagħraf sewwa x'inhi s-sejħa tiegħu u, imwettaq b'kull xorta ta' barka spiritwali, fis-smewwiet, fi Kristu, jagħti xhieda tiegħek quddiem id-dinja bl-imġiba kollha ta' ħajtu.

Għinna nemmnu fil-kelma tas-sewwa li tħabbrilna f'kull laqgħa tagħna miegħek, biex nitqaddsu u dejjem aktar nikbru fl-imħabba sa ma niksbu l-fidwa sħiħa fis-saltna ta' dejjem.

Mulej Alla li tista' kollox, inberkuk u nroddulek ħajr, għaliex bi Kristu Ġesù Ibnek int tajtna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet, u fawwartna fil-għerf u l-għaqal kollu għat-tifħir tal-glorja tiegħek. Bi Kristu Sidna.

### Is-Sittax-il Ħadd tas-Sena

## IR-RAGĦAJ U L-GĦASSIES TA' RUĦNA

*Ir-ragħaj it-tajjeb*

L-Evanġelju li għadna kemm smajna ħabbrilna li Ġesù meta ra kotra kbira ta' nies sejrin warajh, imsaħħrin mill-kelma tiegħu u miġbudin lejh mill-ħlewwa tal-imġiba tiegħu u mill-egħġubijiet li kien jagħmel, ġietu ħniena minnhom, tħassarhom għaliex — igħidilna l-Evanġelista — kienu qishom ngħaġ bla ragħaj. Ġesù għalhekk ried ikun hu stess ir-ragħaj tagħhom, u beda jgħallimhom ħafna ħwejjeġ. Ġesù kien iħobb ħafna jxebbah lilu nnifsu ma' ragħaj, u, kif rajna fi żmien il-Għid, lill-Appostli tiegħu qalilhom li hu kien ir-ragħaj it-tajjeb, li jaf in-ngħaġ tiegħu kollha, waħda waħda, u li kien lest jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu, u li kellu ngħaġ oħra

li kien jeħtieġlu jiġborhom fil-merħla tiegħu, ħa jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed. U meta lil San Pietru ried jagħtih is-setgħa fil-Knisja tiegħu, qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi, irgħa n-ngħaġ tiegħi!"

Ġesù għalhekk illum irid iħabbrilna li huwa r-ragħaj il-kbir tagħna, ir-ragħaj it-tajjeb tagħna, li qiegħed jitħassarna minħabba l-qagħda li fiha ninsabu llum, qisu ma għandna lil ħadd li jieħu ħsiebna.

Jekk Ġesù tħassar il-kotra kbira ta' nies li marru warajh ħdejn Kafarnahum elfejn sena ilu, wisq aktar qiegħed jitħassar in-nies tal-lum li għandhom għatx kbir tal-verità, li għandhom għatx kbir tal-ħajja, għatx kbir ta' paċi u sliem u mhux qegħdin isibuhom imkien.

*Il-qagħda fid-dinja llum*

In-nies tad-dinja tal-lum, huma u qed joqorbu dejjem aktar lejn il-bidu tat-tielet elf sena wara Kristu, min-naħa qegħdin jaraw il-progress kbir li l-bniedem laħaq bid-dehen tiegħu u l-ħila tiegħu li wassluh biex jista' jmur jiġġerra fl-ispazju, 'il fuq ħafna mid-dinja li fiha ngħixu, li wassluh biex jinżel fuq il-qamar, li jwassluh jgħarbel x'hemm fost il-kwiekeb 'l hemm ħafna aktar milli tista' twassal l-għajn tal-bniedem; min-naħa l-oħra l-bnedmin qed jaraw x'qawwiet tal-biża' l-bniedem irnexxielu jaħżen, qawwiet li f'mument wieħed, f'ħin ta' ġenn jistgħu jġibu l-qerda ta' kull ħajja fid-dinja. Min-naħa l-bnedmin ma jisimgħux ħlief tpaċpiċ ta' paċi u ta' għaqda bejn il-bnedmin kollha, u min-naħa l-oħra jaraw biss gwerer u ġlied u vjolenza dejjem aktar ħorox u aktar qerrieda. Il-bnedmin quddiem qagħda bħal din iħossu ruħhom mitlufin, ma jarawx raġġ ta' dawl. Min se jeħles id-dinja minn din il-ħerba li tinsab imdendla fuqha? Għalhekk Kristu, kollu ħasra, għall-bnedmin tal-lum, igħidilna: "Jiena l-paċi tagħkom, jiena li meta ġejt fid-dinja għamilt il-bnedmin kollha poplu wieħed, għaliex bil-mewt tiegħu fuq is-salib ħabbibt ma' xulxin il-bnedmin kollha, sew Lhud u sew pagani, il-bnedmin kollha li minħabba d-dnub kienu mifrudin minn xulxin; ħabbithom bejniethom u ħabbibthom ma' Alla; ġibt is-sliem lill-bnedmin kollha. Jien biss nista' nagħtikom is-sliem li tant tixtiequ; jien biss il-paċi tagħkom".

Imma kif jistgħu l-bnedmin tal-lum jisimgħu dan il-kliem ta' Ġesù? Min se jwassalulhom?

*Ġesù fid-dinja tal-lum*

Ġesù ġie fid-dinja biex jiġbor mill-ġdid il-poplu tiegħu, biex kull bniedem ikollu fi Spirtu wieħed id-dħul għand il-Missier, biex kull bniedem imwieled mill-ġdid bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu jkun jista' jidħol fis-saltna tal-Missier fl-hena ta' dejjem. Din il-missjoni ta' Ġesù għas-salvazzjoni tagħna, il-profeta Ġeremija jfissirilna taħt tixbiha, it-tixbiha ta' ragħaj li jmur jiġbor in-ngħaġ tiegħu li kienu xterdulu ma' kullimkien u kienu ntilfulu; hu jreġġagħhom lura għall-merħla fejn kienu, iwassalhom lejn mergħat kollhom ħdura, imiddhom ħdejn l-ilma u jrejjaqhom, u jkun ħatar u għasluġ u wens għalihom. U jqiegħed fuqhom ragħajja li jieħdu ħsiebhom biex ma jitbeżżgħux aktar, ma jitwerwrux...

Permezz ta' din it-tixbiha, il-Knisja qiegħda turina kif il-bnedmin tal-lum, se jisimgħu lil Kristu jgħidilhom li hu biss il-paċi tagħhom.

Permezz ta' dawk li Kristu jsejjaħ minn ħdan il-poplu tiegħu biex iseħibhom miegħu bħala ragħajja u għassiesa tal-poplu tiegħu, permezz tal-Papa u tal-isqfijiet u tas-saċerdoti, permezz tal-Knisja tiegħu, Kristu jrid iwassal lill-bnedmin tad-dinja tal-lum il-bxara t-tajba tas-sliem u l-paċi, il-bxara t-tajba tas-salvdzzjoni.

*Il-ħidma tal-Knisja*

Il-Knisja ma tieqaf qatt tħabbar lill-bnedmin u turihom liema hi t-triq li twassal għall-paċi vera fost il-bnedmin, it-triq li tbiegħed kull biża' ta' theddid minn fuq id-dinja. Il-Knisja ttenni bla heda li d-dinja tista' tgawdi s-sliem u l-paċi meta l-bnedmin jibda jkollhom fiduċja f'xulxin, meta ma jibqgħux aktar jaħsbu ħażin f'xulxin, meta jitgħallmu jafdaw lil xulxin; u dan iseħħ biss meta l-bnedmin ikunu sinċieri fi kliemhom u f'egħmilhom, u mhux igħidu ħaġa u jaħsbu ħaġ'oħra, u mhux juru ħaġa u jagħmlu ħaġ'oħra. Id-dinja jkollha żgur is-sliem u l-paċi meta ma jsirux aktar inġustizzji, meta tiġi mħarsa d-dinjità ta' kull bniedem, meta ma jkunx hemm aktar ġnus għonja qegħdin dejjem aktar jistagħnu u ġnus foqra dejjem aktar jiftaqru, meta l-ġnus kollha ta' l-art jaslu biex jifhmu li huma lkoll aħwa u lesti biex jgħinu lil kull min hu fil-bżonn, mhux skond ma jaqbel imma skond ma jkun meħtieġ.

Dak li l-Knisja qiegħda tgħid lill-ġnus kollha tad-dinja, tgħidu wkoll lil kull wieħed minna, għaliex kull wieħed minna wkoll jixtieq igħix fis-sliem u l-paċi; anzi s-sliem u l-paċi fid-dinja jinbnew billi l-ewwel il-bniedem ikun paċi miegħu nnifsu, imbagħad paċi mal-familja tiegħu stess, paċi mal-ġirien tiegħu u ma' qrabatu; paċi ma' sħabu fuq ix-xogħol; hekk tiġi l-paċi fil-pajjiż li twassal għall-paċi bejn il-ġnus u n-nazzjonijiet, u fis-soċjetà kollha tal-bnedmin. U dan iseħħ bir-rebħa fuq dak kollu li jġib il-firda fost il-bnedmin, bir-rebħa fuq id-dnub li jbejjed f'qalb il-bniedem u jġiblu l-firda fih innifsu u firda mill-bnedmin l-oħra. Kien Kristu li rebaħ id-dnub u qerdu, u għalhekk bi Kristu biss id-dinja jista' jkollha l-paċi li tant tixtieq. Kristu biss hu l-paċi tagħna.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa nitolbu lill-Mulej Ġesù biex iġarraf il-ħitan kollha li qegħdin jifirdu l-bnedmin minn xulxin ħa jgħixu flimkien bħal aħwa u jgawdu s-sliem u l-paċi l-jiem kollha ta' ħajjithom.

Mulej Ġesù, int ridt li l-Knisja tiegħek tkun sinjal ta' salvazzjoni għad-dinja; agħmel li s-setgħanin kollha ta' l-art jagħtu widen għas-sejħat tagħna biex iħabirku għas-sliem u għall-ġustizzja fid-dinja.

Mulej Ġesù, int il-paċi tagħna, int ħabbibtna mill-ġdid ma' Alla l-Missier; ħu ħsieb dawk ħutna li għadhom 'il bogħod u sejħilhom lura lejk biex huma wkoll jerġgħu jinħabbu mal-Missier tas-sema.

Mulej Ġesù, int ġietek ħasra mill-kotra tan-nies li ġew warajk u kienu qishom ngħaġ bla ragħaj; wettaq il-ħidma ta' dawk ir-ragħajja tiegħek li bgħatt f'artijiet 'il bogħod biex idaħħlu fil-merħla dawk in-ngħaġ tiegħek li għad ma humiex fiha.

Mulej Ġesù, int ir-ragħaj u l-għassies ta' ruħna: kun dejjem magħna biex twennisna aħna u mexjin fil-widien mudlama tad-dinja tad-dnub, u wassalna għall-mergħat ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, int ir-ragħaj it-tajjeb tagħna: ħu ħsiebna u eħlisna minn kull tiġrib li jista' jiġi fuqna; tħalliniex nitbegħdu minnek biex ebda ħsara ma tiġi fuqna, imma ngħixu fis-sliem u l-paċi tul ħajjitna kollha sa ma niġu ngawduk għal dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

### Is-Sbatax-il Ħadd tas-sena

### ĠISEM WIEĦED

*L-għaqda bejn l-insara*

Il-Ħadd li għadda l-Knisja ħabbritilna li Ġesù hu l-paċi tagħna, li hu biss jista' jagħti lid-dinja l-paċi li tant tixtieq, hu biss jista' jbiegħed minn fuq id-dinja t-theddida ta' qerda tal-biża' li tinsab fuqna. Illum il-Knisja bil-ħerqa kollha tistedinna biex nagħtu sehem tagħna ħalli sseħħ il-paċi bejnietna: "Fittxu li żżommu l-għaqda ta' l-Ispirtu fir-rabta tas-sliem" qaltilna l-Knisja fit-tieni qari tal-lum bi kliem Missierna San Pawl.

Jekk aħna l-insara m'aħniex ngħixu fis-sliem bejnietna, kif jistgħu l-bnedmin tad-dinja jifhmu li l-paċi li tant jixtiequ Kristu biss jista' jagħtihielhom? Jekk dawk li jiftaħru li huma ta' Kristu mhux qed igħixu fil-paċi bejniethom, u għalhekk mhumiex jagħtu widen għal dak li qiegħda tgħid il-Knisja, kif nistgħu naħsbu li dawk li huma 'l bogħod mill-Knisja se jagħtu widen għal kliemha? Jekk irridu nħabirku għall-paċi fid-dinja aħna l-insara, irridu nkunu l-ewwel paċi bejnietna. Hu dmir tagħna li nkunu paċi bejnietna. Dan qalulna Ġesù stess; qabel stess ma nersqu quddiemu nagħmlulu l-offerti tagħna, hu jrid li l-ewwel inkunu paċi bejnietna; għalhekk il-Knisja tridna nuru sinjal ta' paċi lil xulxin — nieħdu b'idejn xulxin — waqt li qegħdin nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, u tridna wkoll li nwasslu l-paċi tagħna lill-bnedmin l-oħra kollha:

"Morru fil-paċi ta' Kristu," tgħidilna l-Knisja fi tmiem il-Quddiesa, jiġifieri "Morru fid-dinja u fittxu li tkunu paċi ma' kulħadd, biex tibnu dinja ta' sliem u paċi, dinja ġdida li tixraq aktar lill-bniedem mid-dinja tal-lum kollha ġlied u piki u għira u mibgħeda".

*Għaliex l-għaqda bejn l-insara*

Għaliex aħna l-insara għandna nkunu għaqda bejnietna, biex imbagħad inkunu nistgħu nibnu l-paċi fid-dinja? Tgħidulna l-Knisja bi kliem Missierna San Pawl. Għandna nkunu paċi bejnietna għaliex aħna ġisem wieħed, għaliex imsejħin għal tama waħda, għaliex inqimu Mulej wieħed, inħaddnu fidi waħda, irċevejna lkoll l-istess magħmudija. Aħna ġisem wieħed għaliex fil-Magħmudija sirna membri tal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja, u meta tgħammidna, permezz tal-ġenituri tagħna, ilkoll stqarrejna l-istess fidi waħda: il-fidi f'Alla l-Missier li jista' kollox li ħalaq issema u l-art; il-fidi f'Ibnu Ġesù Kristu Sidna li sar bniedem bħalna u miet u rxoxta għas-salvazzjoni tagħna; il-fidi fl-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja; il-fidi fil-Knisja mqaddsa, fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet u fil-ħajja ta' dejjem.

Għaliex aħna ġisem wieħed, għax nistqarru fidi waħda, għax inqimu Alla wieħed u Missier ta' kulħadd jeħtieġ inkunu f'għaqda bejnietna, jeħtieġ li bejnietna jkun hemm rabta ta' sliem.

*Il-firda bejn l-insara*

Hemm bejnietna din l-għaqda fl-Ispirtu, din ir-rabta tas-sliem? Jekk inħarsu ħarsa madwarna naraw li għal mijiet ta' snin fost dawk kollha li jistqarru li Kristu l-Mulej kien hemm u għad hemm firdiet kbar, li seħħu minħabba s-suppervja tal-bnedmin. Kristu kien jaf li se jseħħu dawn il-firdiet fost dawk li kienu se jemmnu fih, u għalhekk wara l-Aħħar Ikla mad-dixxipli tiegħu hu talab il-Missier biex ilkoll — dawk kollha li jemmnu fih — ikunu ħaġa waħda bejniethom biex id-dinja temmen fih. Illum l-insara kollha ntebħu li ma għandhomx jibqgħu dawn il-firdiet bejn dawk kollha li jemmnu fi Kristu u qegħdin iħabirku bis-sinċerità kollha u qegħdin jitolbu biex meta Alla jrid, u kif Alla jrid, dawk kollha li jistqarru li Kristu hu l-Mulej ikunu ħaġa waħda bejniethom, ikunu merħla waħda, ragħaj wieħed.

*Il-firdiet fostna*

Imma hemm firdiet ukoll fostna, fost l-istess kattoliċi, fost il-kattoliċi ta' l-istess ġens, ta' l-istess nazzjon, firdiet ġejjin mill-ġlied, mill-għira, mill-egoiżmu, mir-regħba, mir-rabta żejda mal-ġid ta' l-art: huma firdiet li joħolqu skandlu mhux biss fi ħdan il-poplu stess ta' Alla, imma wkoll fost il-barranin, firdiet li fuqhom Missierna San Pawl jitkellem b'mod iebes ħafna.

B'liema mod nistgħu nirbħu l-firdiet ta' bejnietna, il-firdiet bejn raġel u ieħor, bejn familja u oħra, bejn ġirien u qraba, bejn raħal u ieħor? Nirbħuhom biss b'tisħib veru u sinċier fl-Ewkaristija mqaddsa li hi s-sagra-

ment ta' l-għaqda, is-sagrament li jfisser u jġib l-għaqda bejn dawk kollha li jistqarru fidi waħda u jqimu Alla wieħed u Missier ta' kulħadd.

*Is-Sagrament ta' l-għaqda*

Tul il-Hdud li ġejjin il-Knisja se tkellimna ħafna fuq l-Ewkaristija u se turina kif l-Ewkaristija tfisser, iġġib u ssaħħaħ l-għaqda bejnietna fl-Ispirtu bir-rabta tas-sliem. U llum thejjina għal dak li se tgħidilna fuq l-Ewkaristija fil-Hdud li ġejjin, billi tfakkarna fil-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet li Ġesù kien għamel qrib il-festa ta' l-Għid, kif ħabbrilna l-Evanġelju tal-lum.

Il-miraklu tat-tkattir tal-ħames ħobżiet u t-tliet ħutiet, imħabbar mit-tkattir ta' għoxrin ħobża tax-xgħir magħmul mill-profeta Eliżew biex jitma mitt ruħ, kif rajna fl-ewwel qari tal-lum, hu tħabbira tal-misteru tal-Ewkaristija. Jekk inqisu sewwa dak li għamel Ġesù meta kattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, għandna nintebħu li dak li għamel, għamlu wkoll waqt l-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli qabel bata għalina. X'għamel Ġesù? Ġesù ħa l-ħobżiet, radd il-ħajr u qassamhom lin-nies, permezz tad-dixxipli tiegħu. U l-istess għamel bil-ħutiet. Fl-Aħħar Ikla tiegħu mad-dixxipli Ġesù ħa l-ħobż, radd il-ħajr u tah lid-dixxipli tiegħu biex jieklu. L-istess għamel bl-inbid. U dan li għamel Ġesù ħdejn il-baħar tal-Galilija, dak li għamel Ġesù fl-Aħħar Ikla, itennih kull saċerdot fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Is-saċerdot jieħu l-ħobż u l-inbid li jitwasslulu fuq il-mejda ta' l-artal, fuqhom igħid it-talba ta' radd il-ħajr waqt li jfakkar dak li Ġesù għamel fl-Aħħar Ikla tiegħu, u mbagħad iqassam il-ħobż imbierek — il-Ġisem u d-Demm ta' Kristu stess — li kull min jissieħeb fil-mejda tal-Mulej, lil kull min laqa' l-istedina tal-Mulej.

U l-insara huma u jissieħbu fl-ikla tal-Mulej, jistqarru li huma ħaġa waħda bejniethom għaliex qabel jersqu lejn il-mejda tal-Mulej jieħdu b' idejn xulxin b'sinjal ta' paċi. Jalla dan is-sinjal ta' paċi jkun sinjal sinċier, mill-qalb, sinjal li juri l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu fir-rabta tas-sliem bejn dawk kollha li resqin għall-mejda tal-Mulej. Jekk le, min qiegħed jersaq qed iġib fuqu l-kundanna ta' Alla — u dan jurina kemm hu importanti li l-Ewkaristija tkun verament sinjal ta' għaqda, sinjal ta' l-għaqda li hemm bejnietna, għaqda li tissaħħaħ dejjem aktar, kull darba li nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, kif se naraw fil-Hdud li ġejjin.

## TALBA TAL-FIDILI

Nitolbu lil Alla llum li nimxu sewwa skond is-sejħa tagħna ta' nsara billi nħabirku ħa nżommu qawwija fostna l-għaqda ta' l-Ispirtu fir-rabta tas-sliem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tiċċelebra l-Ewkaristija mqaddsa, u tistedinna biex inkunu ġisem wieħed u ruħ waħda fi Kristu.

Sejjaħ għall-għaqda sħiħa fil-Knisja waħda tiegħek lil dawk kollha li ħadu Magħmudija waħda, jistqarru fidi waħda, u jqimu lilek Alla wieħed u Missier ta' kulħadd.

Wettaqna bil-grazzji tiegħek ħa negħilbu kull ma jifridna u, bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u s-sabar, naħmlu lil xulxin fl-imħabba.

Hu ħsieb l-eluf tal-bnedmin li qed ibatu l-ġuħ fid-dinja tal-lum u qanqal u stieden lil kull min għandu f'idejh il-ġid tad-dinja biex jipprovdilhom l-ikel li jeħtieġu, kif stedint lill-Appostli tiegħek ħa jipprovdu l-ikel għall-eluf li marru warajk ħdejn il-baħar tal-Galilija.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ferraħna bil-ġid li tagħtina u temm ix-xewqat kollha tagħna, biex insaħħu dejjem aktar l-għaqda bejnietna u bejn il-bnedmin kollha tad-dinja u ma jkun hemm ħadd li jbati minħabba n-nuqqas tal-meħtieġ għall-ħajja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

### It-tmintax-il Ħadd tas-sena

### IT-ĦEJJIJA GĦALL-EWKARISTIJA

Wara li Ġesù kien tama' mal-ħamest elef raġel b'żewġ ħutiet u ħames ħobżiet tax-xgħir, kif rajna l-Ħadd li għadda, hu kien warrab lejn l-għoljiet waħdu, imma dik il-folla ta' nies baqgħet tfittxu, u meta ma sabuhx fil-post fejn kien sar il-miraklu u ma rawhx mad-dixxipli tiegħu, qabdu d-dgħajjes u reġgħu lura Kafarnahum biex ifittxuh hemm. Iżda meta sabuh, Ġesù ċanfarhom minħabba n-nuqqas ta' sinċerità tagħhom: fittxewh mhux biex jitgħallmu mingħandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem, imma għaliex sabu lil min jitmagħhom, mingħajr ma kellhom għalfejn joqogħdu jitħabtu, "Qegħdin tfittxuni," qalilhom Ġesù, "mhux għax rajtu s-sinjali, imma għax kiltu mill-ħobż u xbajtu," u għalhekk ħeġġiġhom biex ifittxu

mhux l-ikel li jgħaddi imma l-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, l-ikel li hu biss seta' jagħtihom. U meta staqsewh x'kien dak l-ikel, beda jkellimhom fuq il-ħobż li niżel mis-sema. X'inhu dan il-ħobż li niżel mis-sema? dan il-ħobż tassew li jagħti l-ħajja lid-dinja?

*Il-fidi fi Kristu*

Tul dawn il-Ħdud li ġejjin, Ġesù se jkellem lilna wkoll fuq dan il-ħobż tas-sema u se jgħidilna li jekk nieklu minn dan il-ħobż m'aħniex se nbatu l-ġuħ qatt. Imma se jurina wkoll li, biex ma nbatu qatt il-ġuħ jekk nieħdu dan il-ħobż tas-sema, jeħtiġilna nemmnu fih, għaliex huwa stess, hu Ġesù stess, il-ħobż ħaj li niżel mis-sema: mingħajr fidi f'Ġesù jiġrilna dak li ġralhom id-dixxipli f'Kafarnahum: għax kienu neqsin mill-fidi fih, ma fehmux kliemu, rawh iebes wisq u telquh: ħsibijiethom kienu ħsibijiet ta' l-art u mhux tas-sema.

L-istess jista' jiġri lilna wkoll u kliem Ġesù nistgħu nifhmuh ħażin jekk tonqos fina l-fidi. Hu għalhekk li l-Knisja tridna nersqu nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tagħha b'fidi ħajja, u biex tqanqal il-fidi tagħna, issemmagħlna l-Kelma ta' Alla, għaliex, kif igħidilna San Pawl fl-ittra tiegħu lir-Rumani, "il-fidi mis-smigħ u s-smigħ mix-xandir tal-Kelma ta' Kristu".

Ġesù għalhekk illum, huwa u se jibda jkellimna fuq il-misteru ta' l-Ewkaristija, irid igħidilna li kliemu, il-kliem li se jgħidilna f'dawn il-Ħdud li ġejjin, irridu nilqgħuh b'fidi ħajja, u rridu nemmnu li hu l-Iben ta' Alla, mibgħut biex bil-kelma tiegħu jurina min hu l-Missier u x'imħabba kbira għandu għalina, mibgħut biex iħejjilna l-ewwel il-mejda tal-Kelma tiegħu u mbagħad il-mejda li minnha jqassmilna lilu nnifsu stess bħala ikel u xorb ta' ruħna. Mill-mejda tal-Kelma tiegħu, jiġifieri waqt il-Liturġija tal-Kelma, bil-qari mill-Kotba Mqaddsa u l-omelija, iqanqal fina l-fidi fih, biex imbagħad, b'fidi ħajja, nersqu nirċievu l-Ewkaristija mqaddsa, żguri, għax imwettqin fil-fidi bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, li taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid aħna qed nirċievu lil Kristu stess, kollu kemm hu, lil dak Ġesù li niżel mis-sema ħa jkun bniedem bħalna għas-salvazzjoni tagħna.

*Il-manna*

Il-Lhud, kif fakkarna l-ewwel qari tal-lum, fil-mixi tagħhom fid-deżert kienu kielu ħobż li niżel mis-sema, il-manna. "Ara jiena se nibagħtilkom xita ta' ħobż mis-sema", qal Alla lil Mose', meta l-Lhud ħaduha kontra Alla u kontra Mose' u bdew igemgmu għax ħariġhom fid-deżert fejn kienu se jmutu bil-ġuħ, u ma ħallihomx fl-Eġittu fejn, għalkemm kienu fil-jasar, kellhom ikel bix-xaba'. Imma Ġesù, lil Lhud ta' żmienu u lill-bnedmin taż-żminijiet kollha, ried jurihom li l-veru ħobż li niżel mis-sema, ma kinitx il-manna li l-Lhud kielu fid-deżert: il-manna kienet biss xbieha tal-ħobż veru li niżel mis-sema, il-manna kienet biss xbieha ta' Kristu, il-ħobż tassew li niżel mis-sema, biex ikun ikel u xorb ta' ruħna għas-salvazzjoni tagħna.

Il-manna li l-Lhud kielu tul l-erbgħin sena li damu fid-deżert, kien l-ikel li wettaqhom sa ma waslu fl-art li Alla kien wiegħed il missirijiethom; f'dan ukoll il-manna hi xbieha tal-Ewkaristija: kif il-manna wettqet il-Lhud fil-mixi tagħhom fid-deżert, hekk l-Ewkaristija twettaqna fil-mixi tagħna fid-deżert ta' din id-dinja, aħna u mexjin lejn l-art li Alla wiegħed lil kull min jemmen fih, l-art li għaliha aħna lkoll ġejna maħluqin, li għaliha lkoll aħna msejħin, is-sema pajjiżna.

Imma jekk irridu li l-Ewkaristija tkun l-ikel mis-sema li jwettaqna għall-ħajja ta' dejjem, jeħtieġ niftakru f'dak li jwissina San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Korintin meta kellimhom dwar l-Ewkaristija, u stieden lil kull wieħed minnhom igħarbel sewwa lilu nnifsu qabel jersaq jieħu sehem mill-mejda tal-Mulej biex ma jġibx fuqu l-kundanna ta' Alla. Dan iwissina Ġesù wkoll fit-tieni qari tal-lum, huwa u jistedinna, bi kliem l-Appostlu Missierna, biex ma nġibux ruħna skond ma jġibu ruħhom il-pagani, bil-bluha ta' moħħom.

X'inhi din l-imġiba tal-pagani li Alla jistmerr? Hija dik l-imġiba, hija dik il-ħajja li aħna ċħadna fil-magħmudija tagħna, il-ħajja tal-pjaċiri qarrieqa, il-ħajja tad-dnub u tal-qerq.

Fil-Magħmudija tagħna aħna ċħadna d-dnub u l-qerq tal-ħażen, u għażilna li ngħixu skond ir-rieda ta' Alla fil-ġustizzja u l-qdusija tassew. Fil-magħmudija tagħna, aħna, igħidilna San Pawl, inżajna l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u lbisna l-bniedem il-ġdid maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew. Imma għaliex aħna bnedmin dgħajfa, kemm-il darba nerġgħu lura għall-ħajja tad-dnub, għall-ħajja tal-pjaċiri qarrieqa, li jdallmu l-fehma tagħna u joħonqu fina l-fidi. Hu għalhekk li l-Knisja tħeġġiġna biex qabel nersqu għall-Ewkaristija nagħarblu sewwa lilna nfusna ħa naraw x'inhi l-imġiba tagħna, aħniex inġibu ruħna bħall-pagani, bil-bluha ta' moħħna. Għalhekk il-Mulej Ġesù qalilna li jekk irridu jkollna l-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem, irridu naħdmu għall-egħmejjel ta' Alla, irridu nemmnu fih. U nemmnu fih, jekk il-fidi tagħna tkun fidi ħajja, u tkun fidi ħajja, jekk ruħna tkun ħielsa minn kull ġibda ta' pjaċiri qarrieqa, jekk tassew ikun jisgħobbina ta' ħtijietna kollha.

It-tħabbira tal-Kelma ta' Alla tqanqal fina s-sogħba għal ħtijietna, tqawwi fina l-fidi u hekk tħejjina ħa nieħdu sehem sħiħ fl-Ewkaristija mqaddsa u nirċievu lil Ġesù stess bħala ikel ta' ruħna li jwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-saltna tas-sema.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien ma' Ġesù biex noffru sagrifiċċju ta' radd il-ħajr lil Missierna li hu fis-smewwiet, nitolbu l-grazzja li nitwettqu fil-fidi ħalli meta jasal il-waqt nidħlu fil-post qaddis, li l-Missier għandu mħejji għalina fis-sema pajjiżna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja hija u tgħid lin-nies kollha tad-dinja x'għandhom jagħmlu biex jaħdmu għall-egħmejjel ta' Alla, billi tħabbrilhom li bil-fidi fi Kristu biss jista' jkollhom is-salvazzjoni.

Sejjaħ il-bnedmin kollha ta' rieda tajba u għinhom iwarrbu minn qlubhom ix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u jfittxu li jgħixu fil-ġustizzja u l-qdusija tassew.

Dawwal il-fehma tal-kotra l-kbira tan-nies tad-dinja li moħħhom biss fl-ikel u l-ġid ta' din id-dinja li tgħaddi, biex jitħajru jfittxu l-ikel u l-ġid li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem.

Agħtina dejjem il-ħobż veru li niżel mis-sema, biex ma tonqosna qatt il-fidi fi Kristu Ibnek u biex kull tisħib tagħna fl-Ewkaristija jwettaqna dejjem aktar għall-ħajja ta' dejjem.

Mulej Alla li tista' kollox, kif bgħatt il-manna mis-sema lill-poplu tiegħek tal-Patt il-Qadim, fil-mixi tiegħu fid-deżert sa ma wassaltu fil-post qaddis tiegħu, fl-art li int ksibt għalih, hekk wettaq lilna bl-ikel mis-sema, bl-Ewkaristija mqaddsa, biex tkun għalina ikel li jwettaqna fil-mixi tagħna f'din id-dinja u rahan ukoll tal-ħajja ta' dejjem. Bi Kristu Sidna.

## Id-dsatax-il Hadd tas-sena

## L-IKEL LI JWETTAQ IR-RUH

*L-istorja ta' Elija*

Fl-ewwel qari tal-lum il-Knisja fakkritna f'dak li għadda minnu l-profeta Elija, wara li fuq l-għolja tal-Karmelu, b'miraklu ta' l-għaġeb, kien ġab fix-xejn is-setgħa tal-qassisin ta' Bagħal u qeridhom kollha.

Il-poplu kien tbiegħed mill-qima tal-veru Alla u kien iqim l-alla Bagħal. Elija, kollu mnikket minħabba dan id-dnub tal-poplu, stiednu għall-prova fuq l-għolja tal-Karmelu biex jurihom min kien il-veru Alla; stieden il-qassisin ta' Bagħal ihejju kollox għal sagrifiċċju lil alla tagħhom, imma n-nar ma jhejjuhx huma, iżda jitolbu lil Bagħal biex jibgħatulhom mis-sema; damu l-jum kollu jsejħu lil alla tagħhom, imma kien kollu għal xejn. Ma nżul ix-xemx imbagħad Elija tella' artal biex joffri sagrifiċċju lil Alla veru, sawwab fuq l-artal kemm kellu ilma, u mbagħad talab lil Alla jibgħat nar mis-sema ħa jintemm is-sagrifiċċju; mat-talb ta' Elija niżel nar missema u sar is-sagrifiċċju. Il-poplu ra l-miraklu u emmen, u Elija seta' jeqred il-qassisin kollha ta' Bagħal. Imma għal Elija din kienet rebħa ta' mument; il-poplu malajr nesa l-miraklu li ra u reġa' lura għall-qima ta' Bagħal, waqt li s-sultana ta' Israel bdiet tfittex lil Elija biex toqtlu bħalma hu kien qatel il-qassisin ta' l-alla tagħha. Elija kollu mnikket u qalbu maqtugħa li t-taħbit tiegħu kien kollu għalxejn, erħielha lejn id-deżert u wara jum mixi mar inxteħet taħt siġra tal-ġummar u xtaq imut. Iżda deherlu anġlu tal-Mulej iqajmu u jistiednu jiekol: Elija għall-ewwel ma kellu ebda ħajra għall-ikel, imma mbagħad, wara li għat-tieni darba, l-anġlu qajmu, qam u kiel, u bis-saħħa ta' l-ikel li ħa, baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Horeb, il-muntanja tal-Mulej: hemm deherlu l-Mulej u wrieh kif kellu jreġġa' lura għat-triq it-tajba lill-poplu midneb, urieh li mhux bil-wiri ta' qawwa u ta' saħħa imma bil-ħlewwa u l-kelma t-tajba u bl-egħmejjel ta' ħniena kien se jreġġa' lura għas-sewwa l-poplu tiegħu.

*Hlewwa u mogħdrija*

Il-ġrajja ta' Elija li l-Knisja ħabbritilna fl-ewwel qari tal-lum, turina liema hi l-Bxara t-tajba li llum irid jagħtina l-Mulej Ġesù.

Fil-ġrajja ta' Elija nistgħu naraw il-ġrajja ta' kull wieħed u waħda minna: quddiem il-ħażen kollu li naraw fid-dinja, quddiem il-ħażen u l-qerq kollu li naraw madwarna, kemm-il darba jiġina l-ħsieb li nitolbu lil Alla jeqred l-egħdewwa kollha tiegħu, kif Elija qered il-qassisin ta' Bagħal. Imma dan Alla ma jridux, għaliex Alla ma jridx il-mewt tad-midneb, imma li jindem u jgħix. Alla jobgħod id-dnub, imma jħenn għal min jagħmel id-dnub, u jridna ngħinuh iġib lura għat-triq it-tajba lil kull min tbiegħed minnha. Għalhekk illum jistedinna, bi kliem l-Appostlu tiegħu, biex nimxu bl-imħabba ma' kulħadd. Hekk biss inkunu nixbhu tassew lil Kristu li għall-imħabba tagħna, meta konna għadna egħdewwa ta' Alla minħabba dnubietna, sar dnub għalina biex jerġa' jagħmilna ħbieb ma' Alla. Għal-

hekk illum igħidilna biex inkunu twajba ma' xulxin, u naħfru lil xulxin, bħalma Alla l-Missier ħafer lilna, fi Kristu. Hu biss meta nuru sabar, mogħdrija, ħniena u ħlewwa ma' min hu midneb, inkunu tassew nixbhu 'l Kristu: billi ninkurlaw għal min qiegħed jagħmel tant deni, billi nċanfru lil kull min jiżbalja u ngħajtu miegħu, billi ngħajruh, m'hu se naslu mkien, u, forsi, flok niġbduh għat-triq it-tajba se nġiegħeluh iwebbes rasu aktar fid-dnub. Hija l-ħlewwa, it-tjieba, l-imħabba li tasal biex tfarrak il-qalb ta' ġebel tal-midneb, u toħloq fih qalb tal-laħam, qalb ġdida.

Din kienet it-tagħlima li Alla ta lil Elija fil-Horeb: iżda biex Elija seta' jilqa' din it-tagħlima, kellu jimxi għall-erbgħin jum u għall-erbgħin lejl imwettaq bl-ikel li ġablu anġlu mis-sema.

*L-ikel li jwettaqna*

L-ikel li wettaq lil Elija — il-ftira moħmija u l-ġarra ilma — huma xbieha tal-Ewkaristija mqaddsa, li twettaqna fil-mixi tagħna lejn il-ħajja ta' dejjem, anzi hi rahan għalina li, imwettqin minnha u mexjin fl-imħabba, aħna żgur se naslu fil-ħajja ta' dejjem, għax dan qiegħed iwegħdna Ġesù fl-Evanġelju tal-lum.

Ġesù jgħidilna llum li hu l-ħobż ħaj li niżel mis-sema, u min jiekol dan il-ħobż igħix għal dejjem, ma jmut qatt: iżda biex dan iseħħ hemm bżonn li nemmnu, u nemmnu mhux bil-kliem biss, imma bil-fatti u tassew; u jekk tassew nemmnu l-Mulej Ġesù jqajjimna fl-aħħar jum għall-ħajja ta' dejjem; u nemmnu tassew jekk nisimgħu mill-Missier, nitgħallmu minnu, inwieġbu għas-sejħat ta' Kristu.

Fi kliem ieħor, kif rajna l-Hadd li għadda, irridu l-ewwel nemmnu: mingħajr il-fidi ma nistgħux nogħġbu lil Alla; irridu nemmnu dak kollu li Alla għallimna permezz ta' Ibnu Ġesù, li ġie fid-dinja biex jurina min hu l-Missier u jħabbrilna l-imħabba bla qjies tiegħu għalina. Iżda l-fidi hija don ta' Alla, don li Alla jagħtiha lil min hu umli, lil min hu sinċier, lil min ma għandux qalbu marbuta mal-ġid u l-frugħat tad-dinja tad-dnub. Kliem Ġesù kienu jisimgħuh folol kbar ta' nies: ħafna kienu jemmnu, imma ħafna oħrajn kienu jwebbsu rashom kontra tiegħu. Imkabbrin bihom infushom, Alla ma ġibidhomx lejh, ma tahomx id-don tal-fidi, baqgħu fl-għama tagħhom, baqgħu mexjin fit-triq tat-telfien.

Hekk jista' jiġri lilna wkoll jekk ma nimxux fl-imħabba, jekk aħna mkabbrin bina nfusna, jekk naħsbu li l-Kelma ta' Alla li titħabbrilna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, ma nqisuhiex bħala l-Kelma ta' Alla, ma nqisuhiex kelma li tgħodd għalina, iżda nqisuha kelma li ma neħtiġuhiex, għax jidhrilna li mexjin fit-triq it-tajba. Jekk dan, Alla ma jkunx qiegħed jiġbidna lejh, is-sehem tagħna fil-mejda tal-Mulej ma tiswa xejn għax ma għandniex fidi ħajja; jiġrilna bħalma ġara lil-Lhud fid-deżert, li kielu l-manna — il-ħobż li Alla bagħtilhom mis-sema — u mietu fin-nuqqas ta' fidi tagħhom.

Biex l-Ewkaristija tkun għalina rahan għall-ħajja ta' dejjem irid ikollna fidi ħajja, li tidher fl-egħmil. Jalla għalhekk, għall-kliem ta' San Pawl fit-tieni qari tal-lum, u ma nniktux l-Ispirtu ta' Alla li fil-Griżma mmar-

kana bis-siġill tad-don tiegħu biex bl-imġiba kollha ta' ħajjitna nkunu nistgħu nagħtu xhieda tal-fidi tagħna fi Kristu quddiem id-dinja billi nimxu fl-imħabba, imwettqin bl-Ewkaristija, li hi s-sagrament tal-imħabba, li tfisser u ġġib u ssaħħaħ dejjem aktar fina x-xirka ta' mħabba bejnietna u ma' Alla fi Kristu Ġesù.

## IL-QADI TAL-MULEJ

Aħna u nroddu ħajr lill-Mulej Ġesù llum għaliex ta lilu nnifsu għalina bħala offerta u sagrifiċċju li jfuħu quddiem Alla, nitolbuh il-grazzja li nimxu fl-imħabba biex inkunu tassew nixbhuh.

Mulej Ġesù, int it-Triq, il-Verità, il-Ħajja: kun mal-Knisja tiegħek hija u tħabbrilna l-verità tiegħek u turina li inti t-Triq li twassalna għall-ħajja ta' dejjem.

Mulej Ġesù, min jemmen fik ikollu l-ħajja ta' dejjem: wettaq il-ħidma ta' dawk kollha li int tagħżel li jxandru ismek lid-dinja, ħa jwasslu l-bnedmin kollha ta' rieda tajba għall-fidi sħiħa fik.

Mulej Ġesù, int il-ħobż tal-ħajja: kun dejjem l-ikel ta' ruħna li jwettaqna fil-mixi tagħna f'din id-dinja sa ma naslu għandek fissaltna tiegħek ta' dejjem.

Mulej Ġesù, int ridt tkun ikel u xorb għal ruħna, għinna nfittxuk dejjem, ħa nippruvaw kemm int tajjeb magħna, int li teħlisna mid-dwejjaq kollha tagħna, għax taħfrilna ħtijietna.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, ilqa' t-talb li qed nagħmlulek illum u eħlisna minn kull biża', biex, imwettqin bis-saħħa ta' ħobż li niżel mis-sema, inkunu nifilħu nimxu l-mixja tagħna f'din id-dinja sa ma naslu għandek ħa ngawduk għal dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

*Il-mara ta' l-Apokalissi*

"Deher sinjal kbir fis-sema: mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha". Din kienet id-dehra li kellu San Ġwann l-Appostlu, meta kien jinsab eżiljat fil-gżira ta' Patmos, dehra li jiddeskrivihielna fil-Ktieb ta' l-Apokalissi. Quddiemu, jikteb San Ġwann, infetaħ it-tempju ta' Alla li hemm fis-sema u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu fit-tempju tiegħu u nstema' leħen qawwi mis-sema jħabbar: "Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-saltna ta' Alla tagħna u s-setgħa tal-Messija tiegħu."

Xi tfisser din id-dehra mħabbra lilna fl-ewwel qari tal-lum? Min hi l-mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha? Ħafna minn Missirijiet il-Knisja, fil-kitba tagħhom, igħidulna li din il-mara hi l-Knisja, imhedda bla heda mid-Dragun ta' l-infern, dragun li San Ġwann fid-dehra li kellu, rah b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' djademi fuq irjusu. Imma ħafna għorrief tal-Knisja, fil-mara ta' l-Apokalissi, jaraw il-Verġni Marija, dik li, permezz ta' Binha Ġesù, kellha tisħaq ras is-serp tal-infern huwa u jħebb għal għarqubu kif naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi, meta Alla huwa u jħabbar il-kastig għad-dnub ta' Adam, lis-serp li bih inqeda x-xitan qallu: "Inqajjem mibgħeda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu."

Il-Knisja, fl-ewwel qari tal-festa tal-lum, bid-dehra tal-mara liebsa x-xemx u bil-qamar taħt riġlejha u kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha, tħabbrilna r-rebħa fuq id-Dragun ta' l-infern li seħħet permezz ta' Kristu Iben Alla u Iben Marija għax ma hemmx isem ieħor mogħti lill-bnedmin biex bih ikunu salvi, rebħa li bla heda sseħħ fil-Knisja ta' Kristu, għax ma hemmx salvazzjoni barra mill-Knisja, li tagħha l-Verġni Marija hi xbieha ħajja, għaliex f'Marija l-Knisja tara dak li tixtieq u tistenna li għad tkun fit-tmiem ta' kollox.

*Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem*

Marija mtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem tħabbrilna dak li għad tkun il-Knisja — jiġifieri x-xirka tal-imgħammdin kollha — wara li tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, u dan turihulna l-Knisja fit-tieni qari tal-lum. Kif Kristu qam mill-imwiet, hekk ukoll għad iqumu mill-imwiet dawk kollha li huma ta' Kristu; Kristu qam mill-imwiet b'ġisem glorjuż, ġisem liebes in-nuqqas ta' taħsir, ġisem liebes l-immortalità, ġisem li ma jarax aktar il-mewt, għaliex, bil-mewt ta' Kristu, imbelgħet il-mewt u tilfet in-niggieża tagħha, għax Kristu bil-mewt tiegħu qered id-dnub, in-niggieża tal-mewt. Kristu qam mill-imwiet, l-ewwel wieħed fost dawk li raqdu, fost dawk li daqu l-mewt: Kristu hu l-ewwel wieħed fost il-bnedmin kollha li qam mill-imwiet. Kif qam hu mill-imwiet, għad inqumu aħna wkoll. Imma, igħidilna San Pawl, mhux minnufih, iżda meta jasal il-waqt, fit-tmiem ta' kollox, meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja, meta Ġesù jerġa' jiġi jagħmel ħaqq mid-dinja, u jeqred kull ħakma, u kull setgħa u kull qawwa tal-ħażen, u joffri lill-Missier dinja mifdija, is-saltna tal-mifdijin mid-dinja.

Iżda fost il-mifdijin kollha minn Kristu, kien hemm waħda li ma kellhiex tistenna t-tmiem ta' kollox biex ġisimha ma jarax it-taħsir tal-qabar, biex ġisimha jilbes l-immoralità. U din kienet il-Verġni Marija, li bi privileġġ singulari kienet ħielsa minn kull tingis ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha: ma kienx hemm mument wieħed li fih il-Verġni Marija kienet taħt is-setgħa tax-xitan, għaliex għall-merti ta' Binha Ġesù magħrufin minn qabel, hi ġiet meħlusa għal kollox mill-jasar tax-xitan. Kien jixraq għalhekk li l-ġisem ta' Marija li lanqas għall-mument wieħed ma kien imtebba' bid-dnub, ma jarax it-taħsir tal-mewt, li daħlet fid-dinja minħabba d-dnub.

Kien jixraq li Marija jkollha privileġġ hekk singulari, għaliex sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja ġiet magħżula biex tkun Omm l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina, għas-salvazzjoni tagħna. Għax kellha tkun Omm Alla tnisslet mingħajr tebgħa ta' dnub, kienet mingħajr tebgħa ta' dnub sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha; għax kellha tkun Omm Alla kienet mimlija bil-grazzja; għax kienet Omm Alla ġisimha ma rax it-taħsir tal-qabar imma ġiet imtellgħa bir-ruħ u l-ġisem fil-glorja tas-smewwiet, malli temmet ħajjitha f'din id-dinja: mewtha kienet raqda ħelwa li minnha qamet biex tiftaħ għajnejha għall-glorja tas-sema, fejn ġiet mgħollija 'l fuq mill-kori kollha ta' l-Anġli u nkurunata Reġina tas-sema u l-art.

*Għaliex Marija ħaqqha kull tifħir*

Bir-raġun kollu għalhekk il-Knisja llum hija u tqim il-Mulej Ġesù, Arka tal-Patt il-Ġdid. L-Arka tal-Patt il-Qadim kienet tfisser il-preżenza ta' Alla fi ħdan il-poplu tiegħu u kienet magħmulha mill-injam tal-gazzi, injam li ma jitħassar qatt. U Marija kellha ġisem li ma kellu jara qatt it-taħsir, kien il-ġisem li fih isawwar l-Iben Alla bħala bniedem, il-ġisem li bih Alla ġie fostna u għammar f'nofsna.

Bir-raġun kollha għalhekk il-Knisja llum hija u tqim il-Mulej Ġesù, tbierku bil-kliem li bih berkitu waħda mara minn fost il-folla tan-nies huwa u għaddej mit-triqat tal-Palestina: "Imbierek il-ġuf li ġabek u s-sider li rdajt". Iżda għal din it-tislima, il-Mulej iweġibna, kif wieġeb lill-mara tal-Evanġelju: "Aktar hienja huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha". B'dan il-kliem Ġesù ried jagħti ġieħ liema bħalu lil Ommu Marija, u fl-istess ħin jagħtihielna bħala eżempju ħaj għalina. Għax il-Verġni Marija, kif igħidilna Santu Wistin, jekk kienet kbira għax nisslet l-Iben ta' Alla fi ħdanha, kienet wisq akbar għax nisslitu f'qalbha u f'ruħha hija u tagħmel dak li ried minnha Alla, hija u ttenni bla heda: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jkun minni skond kelmtek", hija u tfaħħru għall-ħwejjeġ kbar li għamel magħha, huwa u jħares lejn iċ-ċokon tagħha.

Nissieħbu għalhekk mal-Verġni Marija fl-innu ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla, u aħna u ntennu, flimkien ma' Marija, il-kantiku tagħha ta' tifħir u radd il-ħajr lil Alla. Jalla jkollna l-istess sentimenti tal-Verġni Marija, biex magħna wkoll il-Mulej jagħmel ħwejjeġ kbar u juri magħna l-ħniena kollha tiegħu billi jeħlisna mill-miżerji kollha tagħna u jwassalna għall-hena ta' dejjem fis-sema.

TALBA TAL-FIDILI: Lezzjonarju tal-Qaddisin paġ. 766.

## L-EWKARISTIJA

*L-istedina ta' Ġesù*

"Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej". Din hi l-istedina li għamlitilna l-Knisja llum wara li ħabbritilna l-istedina li l-Għerf ta' Alla għamlilna ħa nieklu l-ħobż tiegħu u nixorbu l-inbid li hejja għalina.

L-istedina tal-Knisja bir-responsorju tas-salm u l-istedina mħabbra lilna bi kliem il-Ktieb ta' l-Għerf, m'humiex ħlief stedina biex nieħdu sehem sħiħ fl-Ewkaristija mqaddsa, stedina li l-Mulej Ġesù jagħmlilna b'mod tassew ċar fl-Evanġelju: u jagħmililna mhux darba biss: "Jekk ma tiklux il-ġisem ta' Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom.... Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum... Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih... Min jiekol minn dan il-ħobż igħix għal dejjem."

Il-mod kif kellimna Ġesù llum fl-Evanġelju jmissu jolqotna fil-fond ta' qalbna, għax Ġesù bi kliemu qiegħed jinsisti magħna biex nieklu ġismu u nixorbu demmu jekk irridu li jkollna l-ħajja ta' dejjem; meta nieklu ġismu u nixorbu demmu aħna nsiru ħaġa waħda miegħu, ninbidlu fih, ngħixu bih, ngħixu l-istess ħajja tiegħu; u ma nduqux il-mewt għal dejjem.

Kemm nagħtu widen aħna l-insara għal din l-istedina hekk ħerqana ta' Ġesù? Kemm minna jersqu għall-mejda li Ġesù hejja għalina biex nieklu l-ħobż tiegħu u nixorbu l-inbid li hejja għalina?

*Il-ħobż tal-Kelma ta' Alla*

Kull nhar ta' Ħadd, kuljum jekk irridu, il-Mulej ihejji mejda għalina, mejda bħal dik li hejja l-Għerf, kif smajna fl-ewwel qari tal-lum; anzi mhux mejda waħda jhejjilna l-Mulej, imma żewġ imwejjed: il-mejda tal-Kelma tiegħu u l-mejda ta' l-Ewkaristija. Mill-mejda tal-Kelma tiegħu — mill-ambone — iqassmilna l-ħobż tal-Kelma tiegħu, it-tagħlim tiegħu, il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, il-kliem li jwettaqna fil-fidi, biex nersqu mbagħad b'fidi ħajja għall-mejda ewkaristika. Iżda kemm minna jilqgħu f'qalbhom u jagħmluh ħaġa waħda magħhom il-ħobż tal-Kelma tiegħu li l-Mulej iqassmilna minn fuq l-ambone? Ħafna ma jisimgħuhx għax igħalqu widnejhom għalih għax ma jogħġobhomx; ħafna jistmerruh għax iċanfarhom għal ħżunithom, għax iqisuh kliem ta' bniedem u mhux kliem ta' Alla kif tassew hu; ħafna oħrajn jilqgħuh bi pjaċir, imma mbagħad ma jitwettqux bih għax ifittxu wkoll ħobż ieħor, il-ħobż tal-pjaċiri qarrieqa li ma jġibilhomx ħlief imrar u qrusa f'qalbhom.

U għax il-ħobż tal-Kelma ta' Alla ma nilqgħux bil-qalb, lanqas imbagħad ma nersqu għall-mejda ta' l-Ewkaristija, għax il-fidi tagħna tkun dgħajfa. Il-ħobż tal-Kelma li jitqassmilna minn fuq l-ambone jingħatalna biex iqanqal fina l-fidi, jagħmilha fidi ħajja, ħa nistgħu nersqu kollna ħeġġa għall-ikla tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej, għall-Ewkaristija mqaddsa.

*Immorru għall-ikla tal-Mulej u ma noqogħdux fuq il-mejda*

Meta nhar ta' Hadd aħna mmorru l-Knisja għall-Quddiesa, aħna nkunu lqajna l-istedina tal-Mulej għall-ikla tiegħu, inkunu lqajna l-istedina ta' l-Għerf biex nieklu l-ħobż tiegħu u nixorbu l-inbid li hejja għalina — nilqgħu l-istedina, immorru fid-dar li bena l-Għerf, immorru fid-dar ta' Alla, imma meta jasal il-ħin biex noqogħdu fuq il-mejda ħa nieħdu sehem mill-ikla tal-Mulej, nibqgħu lura, u ma tiġiniex f'rasna li qegħdin nonqsu. Dan għaliex naħsbu li d-dmir tagħna lejn Alla kull nhar ta' Hadd huwa biss li mmorru l-knisja nisimgħu Quddiesa; inqisu s-smigħ tal-Quddiesa nhar ta' Hadd biss bħala qadi ta' dmir, u xejn aktar. Imma l-Quddiesa tal-Hadd hi xi ħaġa aktar minn dmir: hi laqgħa m' Kristu u ma' l-aħwa fi Kristu; hi laqgħa biex insaħħu x-xirka waħda ta' mħabba li tgħaqqadna lkoll flimkien ma' Kristu u bejnietna; hi għalhekk xi ħaġa wisq aktar minn qadi biss ta' dmir.

Meta aħna naslu biex nifhmu x'inhi tassew il-Quddiesa tal-Hadd immorru ferħana f'dar il-Mulej: nifirħu bih, nilqgħu bil-qalb dak li jrid igħidilna bit-tħabbira tal-Kelma tiegħu, u mbagħad nersqu ferħana lejn il-mejda ewkaristika biex induqu u naraw kemm hu tajjeb il-Mulej. U meta aħna nersqu għat-tqarbin iseħħ fina dak li Ġesù ħabbrilna fl-Evanġelju tal-lum: "Min jiekol ġismi u jixrob demmi, jibqa' fija u jien fih," għax hi permezz ta' l-Ewkaristija li tissaħħaħ l-għaqda tagħna lkoll li aħna mgħammdin fi Kristu Ġesù: meta jiġi fina bħala ikel ta' ruħna taħt ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid, ibiddilna fih u jagħmilna ħaġa waħda miegħu għax iqawwi fina l-istess ħajja tiegħu, dik il-ħajja li rċevejna fil-Magħmudija tagħna.

*Sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba*

L-Ewkaristija hi għalhekk għalina sinjal ta' għaqda u rabta ta' mħabba. Iżda tkun dan għalina jekk inħallu l-Bxara ta' Kristu tgħammar sħiħa fina billi nfittxu li nkunu nafu dejjem x'inhi r-rieda ta' Alla għalina. X'irid Alla minna jgħidulna waqt li jqassmilna l-ħobż tal-Kelma tiegħu, permezz tal-qari mill-Kotba mqaddsa u l-omelija, li mhumiex ħlief il-Kelma ta' Kristu għalina dak il-ħin u dak il-waqt li qegħdin nisimgħu.

Kristu jkellimna u jistenna t-tweġiba tagħna; din it-tweġiba aħna nagħtuhielu billi, kif smajna lil San Pawl igħidilna fit-tieni qari tal-lum, inkantaw flimkien salmi, inni u għana spiritwali, billi nkantaw minn qalbna lill-Mulej, u nroddu ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier f'isem Sidna Ġesù Kristu.

Dan it-tifħir u radd ta' ħajr lil Alla ma jintemmx mat-tmiem tal-Quddiesa imma rridu nkompluh fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja, li rridu nqaddsu għal Alla bl-imġiba tagħna billi nwasslu l-paċi ta' Kristu lill-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Dan nagħmluh jekk nagħarfu nġibu ruħna sewwa ma' kulħadd, billi ma nkunux nies bla dehen imma nies għorrief li jafu jgħożżu ż-żmien, nies bil-għaqal li jafu jagħmlu kollox bil-qjies. Imbagħad iva nkunu nistgħu ngħidu li l-Quddiesa tagħna tal-Hadd kienet verament laqgħa mal-Mulej.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien illum f'Jum il-Mulej, biex niltaqgħu ma' Kristu u miegħu, bih u fih nagħtu l-qima li tixraq u tistħoqq lil Alla l-Missier, nitolbuh iseddaq ħajjitna fis-sliem u jeħlisna mit-telfien ta' dejjem.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tistedinna kull nhar ta' Ħadd niltaqgħu miegħek ħalli miegħek bik u fik nagħtu qima lil Missier bħala l-poplu tiegħu, il-poplu li hu kiseb għalih.

Wettaq bil-grazzji tiegħek lil dawk kollha li jilqgħu l-istedina tiegħek, biex qawwijin fil-fidi, jersqu, meta jasal il-waqt, ħa joqogħdu madwar il-mejda tiegħek u jieħdu minn għandek il-ħobż ħaj li niżel mis-sema.

Għinna nġibu ruħna dejjem skond ir-rieda tiegħek biex bil-ferħ kollu ta' qalbna nkantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali, aħna u nroddulek ħajr għall-ikla ewkaristika li hejjejt għalina .

Għallimna nilqgħu bil-qalb u ngħożżu l-Kelma li int tħabbrilna u għinna nifhmu li hi l-kelma tiegħek għalina dak il-ħin u dak il-waqt li qegħdin nisimgħuha.

Mulej Ġesù Kristu, kull nhar ta' Ħadd int tistedinna biex inqaddsu dan il-Jum tiegħek b'tisħib ħaj fil-misteri qaddisa biex ikun ħaġa waħda miegħek u ma' ħutna f'xirka waħda ta' mħabba: agħmel li din l-għaqda tagħna miegek u bejnietna tissaħħaħ dejjem aktar sa ma tilħaq il-milja tagħha meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## Il-wieħed u għoxrin Ħadd tas-sena

## IL-QADI TAL-MULEJ

Meta Ġesù kellem lid-dixxipli tiegħu dwar il-ħobż tal-ħajja u qalilhom li kien jeħtiġilhom jieklu ġismu u jixorbu demmu biex ma jmutu qatt u jkollhom il-ħajja ta' dejjem, ħafna rawh iebes dak il-kliem u tbegħdu minn Ġesù, telquh. Iżda l-Appostli ma telqux, għaliex kienu jemmnu fih, kienu jemmnu li hu l-Qaddis ta' Alla, li hu biss kellu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem.

Kif kellem Ġesù lid-dixxipli tiegħu u lill-Appostli dwar il-ħobż tal-ħajja, hekk ikellem lilna kull darba li niltaqgħu miegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. Kliem Ġesù xi kull tant aħna wkoll narawh iebes għalina: imma, meta dan, se nagħmlu bħalma għamlu ħafna dixxipli u nitilqu lil Ġesù, jew se nagħmlu kif għamlu l-Appostli u nibqgħu ma' Ġesù għax nemmnu u nafu li hu biss għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem?

*L-imġiba tal-Lhud f'Sikem*

Inwieġbu għal dawn il-mistoqsijiet kif għandna nwieġbu, jekk nagħmlu bħal-Lhud meta waslu fl-art li Alla kien wiegħed lil missirijiethom, meta waslu f'Sikem wara l-erbgħin sena mixi fid-deżert. Ġożwe' sejjaħ lill-poplu kollu u qegħidlu għażla quddiemu; staqsa lin-nies kollha ta' Israel x'kien bi ħsiebhom jagħmlu, issa li kienu temmu l-mixi tagħhom, u kienu waslu fl-art imwegħda lilhom: kienu se jaqdu l-Mulej li ħariġhom mill-jasar ta' l-Eġittu b'id qawwija u driegħ merfugħ, jew kienu se jqimu l-allat li kienu ta' l-Amurrin, tal-ġnus li kienu jgħammru f'dik l-art qabel daħlu fiha l-Lhud? Il-Lhud għażlu li jaqdu lil Alla l-ħaj, lil Alla li kien ħelishom mill-jasar ta' l-Eġittu, għalkemm kienu jafu li kien Alla għajjur, Alla li ma riedx li jqimu allat oħra floku, Alla li kkastigahom bl-aħrax kull darba li ħadluha kontra tiegħu u gemgmu għalih. Minkejja dan kollu, il-Lhud għażlu li jaqdu lil veru Alla, għax kienu jafu li hu biss kien tassew Alla għaliex l-allat l-oħra mhumiex ħlief xogħol ta' idejn il-bniedem, li għandhom il-fomm u ma jitkellmux, għandhom l-għajnejn u ma jarawx, għandhom il-widnejn u ma jisimgħux u ebda leħen ma joħroġ minn fommhom.

Il-Lhud f'Sikem għamlu l-istess għażla ta' l-Appostli — jalla aħna wkoll nagħmlu din l-għażla, minkejja li titlob minna ċ-ċaħda tagħna nfusna, minkejja li titlob minna li nerfgħu salibna u mmorru wara Ġesù.

*Mingħajr kompromessi ma' Ġesù*

Ġesù qiegħed igħidilna llum li miegħu ma hemmx kompromessi; miegħu kliemna għandu jkun: "Iva, iva", u "Le, le"; ma hemmx logħob bil-kliem ma' Ġesù; jew naċċettaw il-liġi tiegħu kollha kemm hi, kif inhi, jew nagħmlu kif għamlu d-dixxipli li sabu iebes kliemu. Imma kemm minna qed nagħmluh dan? Kemm minna nippruvaw insibu kompromess biex naq-

du lil Alla u d-dinja? Jekk qed nippruvaw nagħmlu dan, qegħdin ninsew it-twissija tal-Mulej stess, li ma nistgħux naqdu żewġ sidien, ma nistgħux naqdu lil Alla u lid-dinja. U dan fiċ-ċirkostanzi kollha ta' ħajjitna, għax irid ikun hemm dejjem konsistenza sħiħa f'ħajjitna: ma nistgħux inġibu ruħna ta' nsara meta mmorru l-knisja, u mbagħad ninsew li aħna nsara fil-ħajja tagħna ta' kuljum fid-dinja. Jekk jien nisrani, jien nisrani dejjem u kullimkien, u bħala nisrani nħabrek biex id-dinja kollha madwari tkun imqaddsa lil Alla, billi ngħix skond l-ispirtu u mhux skond il-ġisem, għaliex kif smajna lil Ġesù jgħidilna llum, huwa l-Ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn. U ngħixu skond l-ispirtu jekk infittxu nagħmlu l-egħmejjel ta' l-ispirtu u nwarrbu minna l-egħmejjel tal-ġisem li huma l-għira, il-faħx, iż-żina, il-mibgħeda, il-vjolenza, waqt li l-egħmejjel tal-ispirtu huma l-ħniena, il-maħfra, il-mogħdrija, is-sabar u fuq kollox l-imħabba.

*Iż-żwieġ nisrani*

Huwa u jkellimna llum dwar l-għażla li qed jistedinna nagħmlu, Ġesù, fit-tieni qari jkellimna fuq qasam importanti ħafna fil-ħajja tal-bniedem, fuq qasam li fih, speċjalment illum, irridu nagħmlu għażla sewwa: iż-żwieġ.

Għall-insara iż-żwieġ hu sagrament kbir, hu misteru kbir għal Kristu u għall-Knisja, għaliex iż-żwieġ nisrani hu xbieha tar-rabta tal-imħabba ta' Kristu ma' l-għarusa tiegħu l-Knisja: bħalma Kristu ħabb il-Knisja u ta lilu nnifsu għaliha biex iqaddisha u hekk iressaqha quddiemu sabiħa, bla tebgħa jew tikmixa u xejn minn dan, imma kollha ġmiel u qdusija, hekk ukoll fiż-żwieġ nisrani: ir-raġel iħalli 'l missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru t-tnejn ġisem wieħed, Hu Alla li jgħaqqadhom flimkien f'ġisem wieħed, u dak li Alla għaqqad ma jistax iħollu l-bniedem. Alla jgħaqqad ir-raġel u l-mara flimkien fiż-żwieġ biex iseħibhom miegħu ħa jġib ħajjiet ġodda fid-dinja. Dan hu l-ħsieb ta' Alla għaż-żwieġ, il-ħsieb ta' Alla kif jidher mill-Kotba Mqaddsa, u kif urietu l-Knisja tul iż-żminijiet; imma mhux dan il-ħsieb tad-dinja dwar iż-żwieġ.

Il-miżżewġin insara għalhekk illum, aktar minn żminijiet oħra, għandhom għażla quddiemhom: Ġesù qed jistaqsihom illum: se tagħżlu li tgħixu ż-żwieġ tagħkom kif iridu Alla, jew se tqisuh kif qed tqisu d-dinja tal-lum? Temmnu li ż-żwieġ ma jinħall qatt għax dak li Alla għaqqad ma jistax jifirdu l-bniedem? temmnu li bħala miżżewġin tridu tgħixu ħajja ta' safa, ta' fedeltà sħiħa lejn il-kelma li tajtu lil xulxin li tkunu ta' xulxin sal-mewt, li tħallu kull att taż-żwieġ tagħkom miftuħ għall-ħajja u ma tagħmlu xejn li jista' jfixkel it-tnissil tal-ħajja jew jeqred il-ħajja wara li tkun tnisslet fil-ġuf?

Fid-dinja tal-lum wieħed jista' jgħid, kif qalu d-dixxipli f'Kafarnahum: "Iebes dan il-kliem. Min jista' jisimgħu?" Imma Ġesù mhux se jbiddel kliemu. In-nisrani, jekk irid igħix ta' nisrani, irid iħares kliem Ġesù. Ġesù ma jisfurzaniex, iħallina fil-libertà, iħalli l-għażla f'idejna. Imma jridna nagħmlu l-għażla li togħġob lilu, u jwegħdna l-għajnuna kollha li neħtieġu biex ngħixu skond l-għażla li jridna nagħmlu. Il-miżżewġin insara jiżżewġu fi

Kristu, jiżżewġu bil-barka tiegħu, u dan ifisser li Ġesù hu magħhom tul il-ħajja kollha taħħom fiż-żwieġ, biex iwettaqhom bil-grazzji tiegħu, biex ikun ta' għajnuna għalihom fid-diffikultajiet kollha li magħhom jiltaqgħu fil-ħajja iebsa tal-lum, biex igħinhom jibqgħu dejjem fidili għall-kelma li tawh li jgħixu tul ħajjithom kollha l-ideal taż-żwieġ nisrani. Jalla l-insara kollha jżommu dejjem quddiem għajnejhom dan l-ideal hekk għoli, imwettqin bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla u mħejjijin għalih bi tħejjija xierqa, tħejjija li sseħħ mhux biss permezz ta' tagħlim tajjeb mogħti qabel iż-żwieġ, tagħlim li hu dmir ta' kull nisrani li jiksbu sewwa u fil-waqt, imma tħejjija wkoll li sseħħ permezz ta' talb flimkien u ta' tisħib flimkien fis-sagramenti mqaddsa u l-aktar fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u fl-Ewkaristija mqaddsa.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin f'dar Missierna tas-sema, kif għadna kemm smajna lill-Mulej Ġesù jħabbrilna l-kliem tal-ħajja ta' dejjem, nitolbuh iwettaqna bil-grazzji tiegħu ħalli kliemu nagħmluh dejjem, ukoll jekk narawh iebes wisq għalina.

Mulej Ġesù, kun dejjem mal-poplu tiegħek u għinnu jgħożż il-Kelma tiegħek u jħarisha minkejja d-diffikultajiet kollha li magħhom jiltaqa' fid-dinja tal-lum biex ikun fidil lejk f'kollox u f'kull mument.

Mulej Ġesù, għin lill-miżżewġin insara jgħixu ż-żwieġ tagħhom b'mod li jkun dejjem xbieha u sinjal tal-imħabba tiegħek għall-Għarusa tiegħek il-Knisja.

Mulej Ġesù, tħalli 'l ħadd minna jitbiegħed minnek għax jara iebes kliemek u jħoss li ma jistax jisimgħu.

Mulej Ġesù, agħtina l-grazzji kollha li neħtieġu biex nagħarfu nerfgħu salibna, nimxu warajk u niċċaħħdu minn dak kollu li ma jogħġobx lilek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, aħna ma għandniex ħadd ieħor għand min immorru, ma hemmx ħadd ieħor li għandu l-kliem tal-ħajja ta' dejjem: żommna għalhekk dejjem marbutin miegħek f'xirka waħda ta' mħabba u wettaqna dejjem bit-tisħib fl-Ewkaristija mqaddsa, li tagħtina l-qawwa kollha li neħtieġu fil-mixi tagħna f'din id-dinja biex ma nitbegħdux minnek, u naslu għandek fs-saltna ta' dejjem. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IL-KELMA TA' ALLA GĦALINA

*Il-Kelma ta' Alla nilqgħuha*

"Ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma mħawla fikom... kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikom infuskom". Din l-istedina li għadha kemm għamlitilna l-Knisja fit-tieni qari tal-lum, tagħmilhielna kull nhar ta' Ħadd, hija u xxandrilna l-Kelma ta' Alla u turina kemm tgħodd għalina għall-ħajja tagħna ta' kull jum, biex bl-imġiba kollha tagħna nagħtu xhieda ta' twemminna quddiem id-dinja. Hu Alla stess, kif għidna kemm-il darba, li jkun ikellimna waqt il-qari tal-Kotba Mqaddsa fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Liturġija: il-kliem li jitħabbar lilna huwa don ta' Alla, huwa grazzja kbira li Alla qiegħed jagħtina biex, kif smajna lil San Ġakbu jgħidilna, "iwelldilna bil-kelma tas-sewwa ħa nkunu l-ewwel frott tal-ħlejjaq tiegħu". Xi jfisser dan il-kliem ta' l-Appostlu?

Il-Kelma ta' Alla, li titħabbrilna waqt il-qari mill-Kotba Mqaddsa tqanqal fina l-fidi, tqajjimna min-ngħas tagħna, isaħħaħ fina t-tama, timliena b'ħeġġa ta' mħabba u twettaqna f'kull egħmil tajjeb. Imdawlin mill-Kelma ta' Alla, aħna ngħixu b'ħerqa akbar il-ħajja ġdida li għalina twelidna fil-Magħmudija tagħna jew jekk din il-ħajja ġdida qridniha fina bid-dnub, il-Kelma ta' Alla tqanqalna għas-sogħba u għall-indiema biex nersqu nitolbu maħfra u niksbu mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla u mal-Knisja. Il-Kelma ta' Alla li aħna nilqgħu bil-ferħ u ngħożżu f'qalbna tgħinna biex nagħmlu kotra ta' frott ta' egħmejjel tajba għall-ġieh u l-glorja ta' Alla.

*Nuruha f'egħmilna*

Hu għalhekk li l-Knisja tistedinna biex nilqgħu bil-ħlewwa l-Kelma ta' Alla, u fl-istess ħin twissina li mhux biżżejjed li nilqgħuha f'qalbna, imma jeħtieġ li nuruha wkoll f'egħmilna, fl-imġiba kollha tagħna. Il-Kelma ta' Alla għandha qawwa liema bħalha, u tagħmel dak li Alla jridha tagħmel; tista' għalhekk tagħtina s-salvazzjoni, iżda biex il-Kelma ta' Alla tagħmel dak li Alla jridha tagħmel jeħtieġ mhux biss nisimgħuha, imma nagħmluha wkoll. Inkunu qegħdin nitqarrqu bina nfusna, jekk naħsbu li biżżejjed għas-salvazzjoni tagħna, li kull nhar ta' Ħadd noqogħdu attenti għall-omelija tal-Quddiesa, li ma nitilfu ebda okkażjoni li nisimgħu xi priedka, li mmorru għall-eżerċizzi fi żmien ir-Randan, li ma nitilfux priedka waħda meta jkun hemm il-missjoni fil-parroċċa; l-omeliji, il-priedki, l-eżerċizzi li nisimgħu ma għandniex nisimgħuhom biss, imma rridu wkoll nagħmlu dak li jgħidulna, u nagħmluh bis-serjetà kollha..Kemm-il darba aħna naħsbu li dak li jingħad fil-priedka u fl-omeliji, għalkemm sabiħ ħafna, mhux jingħad għalina, imma qed jingħad għall-oħrajn: jekk l-omelija tkellimna fuq il-kruha tad-dnub u tistedinna għall-indiema, f'qalbna forsi ngħidu li dnubiet ma nagħmlux u għalhekk il-priedka ma tgħoddx għalina; jew forsi l-omelija tkun tistedinna għaċ-ċaħda tagħna nfusna, tkun tistedinna biex nerfgħu salibna wara Ġesù, forsi ngħidu li l-omelija ma tgħoddx għalina, għax

aħna la aħna patrijiet u lanqas sorijiet. U meta nirraġunaw b'dan il-mod inkunu nqarrqu bina nfusna. Għax il-Kelma li jsemmagħlna Alla kull nhar ta' Hadd m'hijiex għal ftit minna, imma hi għal kulħadd, għall-insara kollha, għax kull nisrani jrid ikun xhieda ta' Kristu quddiem id-dinja, kull nisrani jrid igħix fid-dinja l-istess ħajja ta' Kristu.

*X'tgħidilna*

X'inhi l-Kelma ta' Alla għalina, il-Kelma li Alla jħabbrilna kull nhar ta' Hadd? Tweġibna l-Knisja bi kliem l-Appostlu San Ġakbu: "it-tjieba safja u bla tebgħa hi din li żżur l-iltiema u r-romol fil-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-dinja". F'dawn l-erba' kelmiet tal-Appostlu għandna miġburin id-dmirijiet kollha tagħna bħala nsara. U x'inhuma dawn id-dmirijiet? L-ewwel li nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u mill-ħażen, u mbagħad nagħmlu egħmil ta' ġid u ta' mħabba ma' ħutna fil-bżonn. Fi kliem ieħor, dmirna bħala nsara hu li nħarsu l-kmandamenti ta' Alla, il-kmandamenti kollha li Ġesù qalilna jinsabu miġbura f'kmandament wieħed: "Hobb lil Alla fuq kollox, u ħobb 'l għajrek bħalek innifsek".

Bħala nsara, bħala l-poplu ġdid ta' Alla, aħna fid-dmir li nħarsu l-kmandamenti kollha. L-ewwel qari tal-lum hu proprju stedina għal dan. Bi kliem Mose' l-Knisja llum qiegħda tgħidilna biex inħarsu u nagħmlu l-kmandamenti ta' Alla mingħajr ma nżidu jew innaqqsu xejn minnhom. Meta nħarsu l-kmandamenti ta' Alla, aħna nidhru għorrief u għaqlin f' għajnejn il-ġnus, f'għajnejn in-nies kollha tad-dinja; dan għaliex il-kmandamenti ta' Alla, jekk inħarsuhom kif għandna nħarsuhom, igħinu nġibu ruħna b'mod li jixraq il-bniedem, inkunu qegħdin inħarsu d-dinjità tagħna ta' bnedmin li aħna, u fl-istess ħin qegħdin inħarsu wkoll id-dinjità ta' ħutna l-bnedmin l-oħra. Il-kmandamenti juruna kif għandu jġib ruħu l-bniedem, bħala bniedem, b'mod li jixraq in-natura tiegħu ta' bniedem li hu, imżejjen bl-għerf u d-dehen, u magħmul ftit inqas mill-anġli u mqiegħed fuq l-egħmejjel kollha ta' idejn Alla.

*Il-ksur tal-kmandamenti*

Il-ħarsien tal-kmandamenti huwa ta' ġieh għall-bniedem; il-ksur tagħhom iwaqqa' l-bniedem fil-għajb, għax kull egħmil li jmur kontra l-kmandamenti jbaxxi l-bniedem għal-livell tal-ħlejjaq bla moħħ u bla dehen. Iż-żina, il-faħx, ir-regħba, is-serq u l-ħażen kollu li semmielna Ġesù fi tmiem l-Evanġelju tal-lum, huwa kollu egħmil li mhux biss itebba' l-bniedem, imma jtelliflu wkoll id-dinjità tiegħu, għaliex hu kollu egħmil li jmur kontra r-raġuni tal-bniedem, kontra r-raġuni li biha l-bniedem hu sura u xbieha ta' Alla.

Il-kmandamenti ta' Alla nġibuhom fix-xejn mhux biss meta niksruhom, meta nagħmlu xi egħmil li jmur kontra tagħhom; il-kmandamenti ta' Alla nġibuhom fix-xejn ukoll meta nintilfu fil-ħarsien ta' ħafna rqaqat u nħallu fil-ġenb dak li hu l-qofol tal-liġi: l-imħabba. Dwar dan, Ġesù kellu

kliem iebes ħafna għal-Lhud ta' żmienu, li kienu jfittxu li jħarsu bir-reqqa kollha kull tikka tal-liġi dwar ħasil tal-idejn u dwar ħasil ta' tazzi u ta' buqari u ta' ktieli, imma ftit kienu jħabblu rashom li jkollhom qalbhom ħielsa minn kull ħsieb ta' ħażen. Kliem Ġesù jgħodd ħafna għalina wkoll, għax aħna wkoll kemm-il darba bl-imġiba tagħna minn barra nuru li aħna nies tajba, imma f'qalbna mbagħad inbejtu kull xorta ta' ħażen.

Mhux biżżejjed immorru l-Quddies kuljum, mhux biżżejjed nisimgħu ħafna priedki, mhux biżżejjed nagħtu karità, imma jeħtieġ ukoll li naħfru lil min hu ħati għalina, li ninsew il-ħtijiet li jsirulna qishom qatt ma kienu, li ma ngħidux fuq in-nies u ninfamawhom, li ma nkunux kburin ma' l-oħrajn u nistmerru u mmaqdru lil min forsi żbalja xi darba, li ma norbtux qalbna żżejjed ma' unuri, flus u ġid tad-dinja. Jekk min-naħa nidhru li qed inħarsu l-kmandamenti għax quddiem in-nies nidhru nies tajba, u min-naħa l-oħra f'qalbna hemm kull xorta ta' ħażen li ħadd ma jaf bih — iżda Alla jaf bih u b'Alla mhux se nidħku — inkunu qed inqarrqu bina nfusna, inkunu nuru li aħna nies bla dehen u bla għaqal; inkunu qegħdin nipperikolaw is-salvazzjoni ta' ruħna. Jalla nintebħu malajr jekk ninsabu f'qagħda ħażina bħal din biex inbiddlu ħajjitna, ngħixu kif irid Alla ħalli, meta jasal il-waqt, nidħlu fl-art li Alla se jagħtina, is-sema pajjiżna.

## TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nroddu ħajr lil Alla għaliex għoġbu jħabbrilna l-Kelma tiegħu u jħawwilha fi qlubna, nitolbuh il-grazzja li ngħożżuha ħalli fina tagħmel kotra ta' frott.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u twassal il-Kelma setgħana tiegħek sa truf l-art kollha, biex kull bniedem jara s-salvazzjoni tiegħek.

Agħmel li l-bnedmin kollha jilqgħu bil-ħlewwa l-Kelma tiegħek, u mhux biss jisimgħuha imma jagħmluha wkoll billi bl-imġiba kollha tagħhom juru mħabba għal ħuthom fil-bżonn.

Ikunu fi ħsiebek il-bnedmin kollha li fiż-żminijiet tal-lum qed ibatu moħqrija u niket għax jinsabu waħedhom, għax mistmerra minn kulħadd, għax immaqdrin u mwarrbin minn kulħadd.

Qawwina bil-grazzji tiegħek biex inħarsu l-kmandament ta' l-imħabba bir-reqqa kollha ħa nkunu bla ħtija quddiemek u nagħmlu dak li hu sewwa.

Mulej Alla li tista' kollox, ara b'kemm tiġrib ninsabu mdawrin u kemm tfixkil insibu biex inħarsu sewwa l-kmandamenti kollha tiegħek sa l-inqas tikka: kun magħna tul ħajjitna kollha u qawwilna qalbna, agħtina l-għerf u l-għaqal kollu li neħtieġu, biex nagħtu dejjem widen għal-liġijiet u l-preċetti kollha tiegħek u nagħmluhom dejjem. Bi Kristu Sidna.

## It-23 Ħadd tas-sena

# IL-WERRIETA TAS-SALTNA

*Il-fqar fl-ispirtu*

"Alla għażel dawk li huma foqra biex isiru werrieta tas-Saltna". Dan ħabbritilna l-Knisja llum, fit-tieni qari tal-Quddiesa, bi kliem l-Appostlu San Ġakbu.

Min huma dawn il-fqar li għażel Alla biex ikunu werrieta tas-Saltna tiegħu? It-tweġiba jagħtihielna Ġesù stess fid-diskors tiegħu lid-dixxipli fuq il-muntanja, meta fetaħ fommu u beda jgħallimhom, u l-ewwel kelmiet li qalilhom kienu: "Henjin il-fqar fl-ispirtu għax tagħhom hi s-saltna tas-smewwiet". Mela l-fqar li huma l-werrieta tas-saltna m'humiex dawk li neqsin mill-ġid l-art, mhumiex dawk li ma għandhomx flus, m'humiex dawk li qegħdin igħixu fil-miżerja u fl-għaks, imma huma dawk li ma għandhomx qalbhom marbuta mal-ġid ta' l-art, mal-ġid li jgħaddi; huma dawk li jafu jagħmlu użu tajjeb mill-ġid ta' l-art, ġid li Alla ħalaq għalina l-bnedmin, b'mod li ma jitilfux il-ġid li jibqa' għal dejjem. Għalhekk jista' jiġri li jkun hemm nies li qegħdin igħixu fil-miżerja u ma għandhomx biex igħixu ħajja tixraq il-bnedmin, li għalkemm fqar m'humiex fqar fl-ispirtu, għaliex, għalkemm ma għandhom xejn, qalbhom marbuta mal-ġid tad-dinja u għalhekk mimlija għira għal min hu aħjar minnhom; u jista' jkun hemm ukoll min għandu ħafna ġid u għana, imma hu fqir fl-ispirtu, għaliex qalbu mhux marbuta mal-ġid li għandu u qiegħed jużah kif irid Alla għall-ġid ta' l-oħrajn ukoll.

*Il-fqar dejjem magħna*

Dawn huma dawk li fehmu sewwa x'ried igħid Ġesù meta lil Ġuda li tkaża għaliex f'Betanja, Marija ħadet libbra ta' nard fin biex bih tidlek riġlejn Ġesù qal li kien ikun aħjar li nbigħ biex bi flusu jgħinu lill-fqar, qallu: "Il-fqar huma dejjem magħkom". Il-fqar huma dejjem magħna, jiġifieri fid-dinja, minkejja l-progress kollu li sar l-aktar fi żminijietna, dejjem se jkun hemm nies li qegħdin igħixu fil-miżerja, nies li jeħtieġu l-għajnuna ta' ħuthom il-bnedmin l-oħra biex jintrefgħu mill-qagħda li fiha jkunu jinsabu, qagħda li ma tkunx tixraq id-dinjità tagħhom ta' bnedmin li huma.

Fostna forsi llum ma nintaqgħux ma' nies li qegħdin igħixu tassew fil-miżerja għax ma għandhomx biex igħixu, imma jinsabu nies fostna li jeħtieġu l-għajnuna tagħna minħabba s-sura ta' faqar li hi proprju ta' żminijietna: huma dawk li waqgħu vittmi tad-drogi, huma dawk li jridu jħabbtu wiċċhom mal-problemi kbar tal-familji tagħhom, familji fejn ma hemmx imħabba imma nkwiet u tilwim biss, familji li mhumiex igħixu sewwa quddiem Alla. Kemm-il darba lilna tiġina t-tentazzjoni li nitwarrbu minn dawn in-nies, li nistmerruhom, immaqdruhom. U għalhekk igħodd ħafna għalina

kliem l-Appostlu li smajna fit-tieni qari tal-lum. Min aħna biex inkunu mħallfin ta' dawn in-nies? Huma wkoll ulied Alla, lilhom ukoll il-Mulej Ġesù jridhom isalvaw, u forsi jrid jinqeda bina biex iġibuhom lura għat-triq it-tajba. Irridu ngħinuhom mhux bil-kliem biss, imma nuruhom bil-fatti li nixtiequ ngħinuhom, u fuq kollox għandna nitolbu għalihom, biex il-Mulej jiftħilhom widnejhom ħa jisimgħu l-kelma tas-sewwa li tagħti-hom il-qawwa biex jintrefgħu mill-miżerja tagħhom. Imbagħad hemm ukoll il-fqar tat-tielet dinja, dawk l-eluf ta' eluf li qed igħixu fil-miżerja, li qed imutu bil-ġuħ, li kelllhom iħallu lil pajjiżhom u ma għandhom ebda futur għalihom u għal uliedhom; dawn kollha huma wkoll ħutna fi Kristu, għax bnedmin bħalna u lkoll mifdijin bid-demm ta' Kristu. Huma fqar li qegħ-din magħna dejjem u rridu naħsbu fihom ukoll. Kif?

*Kif ngħinu l-fqar*

M'hijiex ħaġa ħafifa tgħid kif nistgħu ngħinu lil dawn il-fqar kollha, imma, jekk aħna tassew fqar fl-ispirtu, mill-ġid li għandna nistgħu ngħi-nu l-opri li għandha l-Knisja f'pajjiżna għall-għajnuna ta' dawn il-fqar ta' żminijietna. Il-Knisja f'Malta għandha ħafna djar ta' tfal fejn dawk it-tfal li mhux qed isibu fil-familji tagħhom, għal xi raġuni jew oħra, dik l-imħabba li għandhom dritt għaliha, qegħdin isibuha f'dawn id-djar: hemm id-djar tax-xjuħ tal-Knisja fejn qed isibu kenn tant xjuħ li ma għandhomx min jieħu ħsiebhom; hemm imbagħad il-ħidma kollha tal-Caritas għax-xjuħ li qed igħixu waħedhom fi djarhom, għad-drogati, għall-fqar tad-dinja kol-lha. Iżda lanqas għandna naħsbu li billi nagħtu l-kontribuzzjonijiet tagħ-na, kemm-il darba kontribuzzjonijiet ġenerużi ħafna, inkunu qegħdin naq-du kif jixraq dmirna lejn ħutna fil-bżonn: dan id-dmir tagħna naqduh sew-wa meta bil-fatti nkunu nagħmlu dak li Ġesù jridna nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn biex jagħtina l-premju tal-ħajja ta' dejjem. Hu jgħidilna: "Kont bil-għatx u sqejtuni, kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu żżuruni, kont il-ħabs u ġejtu tarawni". Ġesù jridna niltaqgħu personalment ma' dawn ħutna fil-bżonn, nilqgħuhom għandna, u nuruhom li tassew inħobbuhom. Ħafna fostna dan ġà qed jagħmluh bħala volun-tieri tal-Caritas, bħala voluntieri fid-Djar tat-Tfal, u xi wħud ukoll qed imorru bħala voluntieri f'pajjiżi fejn jinsabu nies li qed igħixu f'miżerja l-aktar kbira. Iżda barra dawn il-ħidmiet, jistgħu jkun hemm ħidmiet oħra li nistgħu nagħmlu ma' min nafu li jeħtieġ l-għajnuna tagħna, u forsi aħna biss nafu bih, u aħna biss nistgħu ngħinuh. Ma għandniex naħsbu biss fina nfusna, imma rridu naħsbu wkoll fil-proxxmu tagħna, għaliex Alla ħalla lil għajrna fi ħsiebna, u jistenna minna li nagħmlu ma' għajrna dak li għamel is-samaritan it-tajjeb mal-midrub fit-triq li minn Ġerusalemm kienet tieħu għal Ġeriko.

Kull nhar ta' Ħadd il-Mulej Ġesù jfakkarna f'dan id-dmir tagħna: jalla nagħtu widen għal kliemu biex dan id-dmir naqduh kif jixraq ħalli mba-għad b'qalbna kollha nistgħu nfaħħru lil Alla għall-kobor bla qjies tat-tjieba tiegħu.

Fil-Magħmudija Ġesù fetħilna widnejna ħa nisimgħu l-kelma tiegħu,

u ħallilna fommna biex inxandru t-tifħir tiegħu; u dan il-Knisja turihulna fl-istess ċerimonja tal-Magħmudija, meta fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni s-saċerdot jagħmel mat-trabi li jiġu mgħammdin dak li għamel Ġesù mat-trux u l-imbikkem kif smajna fl-Evanġelju tal-lum: messlu widnejh u lsienu u qallu: "Effetta" jiġifieri "Infetaħ", ħaġa li l-profeta Isaija kien ġà ħabbar mijiet ta' snin qabel, kif smajna fl-ewwel qari tal-lum.

Kristu fetħilna widnejna, fil-Magħmudija tagħna, ħa nisimgħu l-kelma tiegħu, il-kelma li jgħidilna kull darba li niltaqgħu miegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa. U Kristu kull darba li jkellimna jfakkarna fid-dmirijiet tagħna lejn ħutna l-bnedmin, u l-aktar f'dawk id-dmirijiet li għadna kemm semmejna, fid-dmirijiet li ngħinu lil ħutna l-fqar fil-ħtiġijiet kollha tagħhom. Ma nħallux għalhekk il-kelma ta' Kristu għalina ttir mar-riħ, imma ngħożżuha, u naraw x'nistgħu nagħmlu biex qatt ma tkun tistħoqqilna ċ-ċanfira li San Ġakbu kellu għall-insara ta' żmienu li kienu jħarsu lejn l-uċuħ u jagħtu kull ġieh lil xi ħadd sinjur u jwarrbu u jistmerru lil min kien ikun liebes imċerċer.

Jekk nagħmlu dan, imbagħad inkunu nistgħu bir-raġun kollu nfaħħru 'l Alla, u t-tifħir tagħna jkun tassew jogħġbu, għax ma jkunx tifħir fieragħ, imma tifħir ta' min irid jagħmel dak li hu meħtieġ biex ipatti għall-imħabba ta' Alla għalina. Jalla dejjem nuru mħabba ma' ħutna fil-bżonn u hekk inkunu tassew nixbhu lil Alla li jagħti l-ħobż lill-imġewħin, u jżomm l-iltim u l-armla.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbu 'l Alla llum jiftħilna widnejja ħa nisimgħu l-kelma tiegħu u ngħożżuha biex imbagħad bil-ħeġġa kollha ta' qalbna nkunu nistgħu nxandru l-kobor bla qjies tat-tjieba tiegħu.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek fil-ħidma tagħha biex turina t-triqat tiegħek u tmexxina mill-mogħdijiet tiegħek.

Żomm fi ħsibek il-fqar kollha taż-żminijiet tagħna, erfagħhom mill-miżerja li fiha jinsabu u agħtihom li jkunu jistgħu jgħixu skond id-dinjità li tixirqilhom bħala bnedmin.

Agħmel li kull min għandu xi setgħa fid-dinja jħabrek ħa jinqered il-faqar kollu li hawn fid-dinja llum biex ebda bniedem ma jgħix aktar fil-miżerja tar-ruħ u l-ġisem.

Qanqalna biex nagħtu sehemna ħa ngħinu lil ħutna li jeħtieġu l-għajnuna tagħna, biex meta jasal il-waqt nirċievu mingħandek il-premju tal-ħajja ta' dejjem.

Mulej Ġesù Kristu, int għidtilna li tqis magħmul lilek kull ma nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn; wettaqna bil-grazzja tiegħek biex kull darba li int tistedinna nuru mħabba mal-fqar tiegħek, nilqgħu bil-ferħ il-kelma li tgħidilna ħa nagħmluha biex imbagħad inkunu nistgħu b'fommna nxandru l-egħġubijiet ta' mħabbtek. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## L-24 Ħadd tas-sena

## IL-FIDI LI TIDHER FL-EGĦMIL

Illum il-Mulej Ġesù, f'din il-laqgħa tagħna miegħu, biex flimkien miegħu, bħala r-Ras tagħna, nagħtu l-qima li tixraq li tistħoqq lil Missierna tas-sema, qiegħed jagħmlilna l-istess mistoqsija li hu kien għamel lid-dixxipli tiegħu ħdejn il-belt ta' Ċesarija; qiegħed jistaqsina: "Intom min tgħidu li jien?"

*Il-fidi tagħna*

Għal din il-mistoqsija ta' Ġesù, x'sejrin nirrispondu? Min hu Ġesù għalina? Żgur, fil-kotra l-kbira tagħna, se nirrispondu bl-istess mod kif wieġeb San Pietru, f'isem l-Appostli kollha: "Inti l-Messija, l-Iben ta' Alla l-ħaj." U b'din it-tweġiba tagħna aħna nkunu qegħdin nistqarru l-fidi tagħna, il-fidi tal-Knisja li fiha aħna lkoll tgħammidna, għaliex aħna nemmnu li Alla l-Missier tant ħabbna li ma ridniex nibqgħu għal dejjem imjassra fid-dnub li fih waqajna minħabba d-dnub tal-ewwel bniedem, u għalhekk l-anqas lil Ibnu stess ma ħelisha u tah għalina għas-salvazzjoni tagħna. L-Iben ta' Alla sar bniedem bħalna fil-ġuf safi tal-Verġni Marija, twieled fostna bħalma jitwieled kull bniedem li jiġi fid-dinja, għex l-istess ħajja li jgħixu l-bnedmin fuq l-art, u kien jixbaħna f'kollox barra mid-dnub. Għalkemm ma kellu ebda dnub, sar dnub għalina, billi tgħabba bi dnubietna kollha, ħa jpatti għalihom u aħna neħilsu minnhom; u patta b'mewt kiefra fuq is-Salib; imma wara tlett ijiem qam mill-imwiet rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub u tela' s-sema u qagħad fil-leminija tal-Missier, u minn hemm bagħat l-Ispirtu s-Santu, il-Mulej li jagħti l-ħajja, fuq il-Knisja li hu waqqaf ħa tkompli l-missjoni tiegħu fid-dinja, billi xxandar il-maħfra tad-dnubiet u turi lill-bnedmin kollha t-triq tal-ħajja ta' dejjem.

*Fidi li rridu ngħixuha...*

Din hi l-fidi tagħna, din hi l-fidi tal-Knisja ta' Kristu li aħna lkoll niftaħru li nistqarru. Iżda mhux biżżejjed li nistqarru din il-fidi tagħna bil-kliem; jeħtieġ ngħixuha wkoll; hemm bżonn nuruha fl-imġiba kollha tagħna; irridu nfittxu li jkun hemm qbil sħiħ bejn il-fidi li nistqarru u l-ħajja li ngħixu kuljum fid-dinja. Għaliex ma għandniex inkunu nsara biss meta ninsabu mġiburin fil-knisja, imma rridu nkunu nsara f'kull mument tal-ħajja tagħna fid-dinja: fid-dar, mal-familja, fuq ix-xogħol, waqt il-mistrieħ, ma' ħbiebna, ma' kull bniedem li niltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum, hu min hu, għani jew fqir, liebes ilbies ilellex jew imċerċer, għamlilna l-ġid jew kien ta' tfixkil għalina. Nuru kemm hi vera l-fidi tagħna, kemm ġejja mill-qalb, jekk nuruha fl-imġiba kollha tagħna, u l-aktar fl-imġiba tagħna ma' min xi darba naqasna, għax hekk biss inkunu nixbhu

tassew lill-Mulej Ġesù, għaliex inkunu nuru li tassew nemmnu fil-Mulej Ġesù meta nippruvaw inkunu nixbhuh.

*... billi nknu nixbhu 'l Kristu*

X'hemm speċjali filli tagħmel il-ġid lil min għamillek il-ġid? x'hemm speċjali lil tħobb lil min iħobbok? Imma hi ħaġa speċjali tħobb l-egħdewwa tiegħek, tagħmel il-ġid lil min għamillek id-deni, taħfer lil min naqsek u offendik; b'hekk inkunu nixbhu lill-Mulej Ġesù, li ħabbna qabel stess ma ħabbejnih aħna, li ried ikun wieħed minna meta konna għadna egħdewwa tiegħu minħabba d-dnub, li fuq is-salib talab għalina li bi dnubietna konna u għadna nsallbuh. Ma hemmx imħabba aktar minn dik ta' dak li jagħti ħajtu għal ħbiebu — u Ġesù ta ħajtu għalina mhux għax konna ħbiebu, imma għax konna egħdewwa tiegħu ħa jħabbibna miegħu.

*Stqarrija ta' fidi fit-tiġrib*

Għalhekk ġie fid-dinja, għalhekk ried ibati ħafna, għalhekk ried ikun miċħud mix-xjuħ tal-poplu u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba tal-poplu tiegħu, tal-poplu ta' Alla tal-Patt il-qadim, għalhekk ried li jkun imsallab: kif ħabbar lill-Appostli tiegħu wara li huma stqarrew il-fidi tagħhom fih bħala l-Messija, is-Salvatur u l-Feddej tad-dinja. U ħabbrilhom it-tbatijiet tiegħu proprju meta huma għarfuh bħala l-Messija, is-Salvatur, biex jurihom li s-salvazzjoni tad-dinja kellha tinkiseb permezz tat-tbatijiet tiegħu, u fl-istess ħin jagħtihom x'jifhmu li huma, li hu għażel biex ikomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja wara li jerġa' lura għand il-Missier, huma wkoll kien jeħtiġilhom igħaddu minn ħafna tiġrib: l-istqarrija tal-fidi tiegħu n-nisrani jrid jagħmilha permezz ta' l-egħmil tiegħu, egħmil li kemm-il darba, anzi dejjem, jitlob minna ċaħda, tbatija, sagrifiċċju, salib.

It-tħabbira tal-Mulej ħawdet lill-Appostli, u San Pietru beda jlum lil Ġesù u jgħidlu: "Dan ma jkun qatt." San Pietru, bħal kull wieħed minna, beża' mit-tbatija, ried jaħrab mis-sagrifiċċju, ried ikun ħieles minn kull tiġrib. Imma meta naħsbu bħalma ħaseb San Pietru, inkunu naħsbu bħan-nies tad-dinja. In-nisrani ma għandux ikun hekk, għax in-nisrani jrid igħaddi min-nar tat-tbatija biex bħad-deheb jissaffa minn kull tinġis tad-dinja. U għalhekk Ġesù ċanfar lil San Pietru, u qallu: "Itlaq minn quddiemi, xitan, għax ma intix taħseb fil-ħwejjeġ ta' Alla imma f'dawk tal-bnedmin."

Aħna nemmnu li Kristu hu l-Mulej, imma din il-fidi tagħna rridu nuruha f'egħmilna, b'egħmil li jkun xhieda tal-fidi tagħna, imsoffija minn kull xorta ta' egoiżmu u interess, fidi ħajja li biex turi ruħha fl-egħmil trid tgħaddi minn ħafna tiġrib, tagħmel ħafna ċaħdiet, tilqa' kull sura ta' sagrifiċċju. Dan l-Appostli fehmuh, wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu. Aħna wkoll irċevejnih l-Ispirtu s-Santu, u fina jsawwab bla heda d-doni tiegħu, biex nagħarfu s-sewwa kollu, biex bil-qawwa kollha nagħmlu kull ma hu meħtieġ ħa nżommu ruħna ħielsa mit-tinġis tad-dinja tad-dnub, ħa jkun hemm qbil sħiħ bejn il-fidi li nistqarru u l-ħajja li ngħixu kuljum fid-dinja. Jalla qatt ma nxekklu l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'ruħna biex inkunu nistgħu nimxu dejejm quddiem il-Mulej b'wiċċna minn quddiem fl-art tal-ħajjin.

TALBA TAL-FIDILI

Aħna u nistqarru llum il-fidi tagħna fi Kristu l-Mulej flimkien ma' San Pietru u ma' l-Appostli kollha, nitolbu 'l Alla l-grazzja li tul ħajjitna kollha ngħixu skond il-fidi li nistqarru.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek, hija hu xxandrilna l-fidi u turina x'inhi t-tama tas-sejħa tagħna bħala nsara.

Sieħeb fit-tbatijiet tiegħek lil dawk ħutna li huma mġarrbin mill-mard u mid-deni ta' din id-dinja, biex bit-tbatijiet tagħhom itemmu dak li hu nieqes mill-passjoni tiegħek għall-Ġisem tiegħek li hu l-Knisja.

Dawwal il-fehma ta' dawk kollha li jistqarruk bħala Sid u Mulej, ħa jifhmu li biex ikunu tassew jixbhuk iridu bħalek igħaddu minn kull xorta ta' tiġrib.

Agħtina li nilqgħu bis-sabar is-salib tagħna, biex nimxu warajk mgħobbijin bih.

Mulej Ġesù Kristu, int ġejt fid-dinja biex tbati u tmut għalina ħalli aħna nerġgħu ninħabbu miegħek u ma' Missierna tas-sema: wettaqna bil-grazzji tiegħek biex aħna u nilqgħu s-slaleb kollha ta' ħajjitna nistqarru l-fidi tagħna fik, int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## IĊ-ĊKEJKNIN TAL-MULEJ

*Bin il-Bniedem, il-bnedmin qatluh...*

Il-Ħadd li għadda, flimkien ma' San Pietru, aħna stqarrejna l-fidi tagħna fi Kristu, l-Iben ta' Alla l-ħaj, is-Salvatur tagħna, li bil-passjoni u l-mewt tiegħu, u bil-qawmien tiegħu mill-imwiet ħelisna mill-jasar tad-dnub u l-mewt u tana ħajja ġdida fih. Illum ukoll il-Knisja qiegħda tistedinna biex nistqarru l-fidi tagħna fi Kristu s-Salvatur tagħna, u tridna nistqarru, flimkien ma' San Pawl Missierna, li aħna ma nafu lil ħadd ieħor ħlief lil Ġesù, u lil dan imsallab. Għax is-Salib huwa fiċ-ċentru tal-ġrajja tas-salvazzjoni tagħna.

Kif rajna l-Ħadd li għadda, Ġesù, lill-Appostli, ħabbrilhom dak li kellu jgħaddi minnu, ħabbrilhom il-mod kif kellu jtemm il-missjoni li għaliha l-Missier bagħtu fid-dinja, wara li huma stqarrew, permezz ta' San Pietru, il-fidi tagħhom fih. Tul it-triq kollha hu kellimhom fuq il-passjoni li kellu jġarrab: "Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin u joqtluh". Għaliex? X'kien għamel ħażin? Ħadd qatt ma nstab li seta' jixli 'l Ġesù b'xi egħmil ħażin, u dawk li xlewh quddiem is-Sanhedrin, kienu xhieda foloz, u ma qablux bejniethom. Lil Ġesù xlewh il-ħżiena, għax egħmilu kien ċanfira għalihom.

*...għax ħajtu kienet ċanfira għalihom*

Dak li naqraw fil-Ktieb tal-Għerf — kif smajna fl-ewwel qari tal-lum — seħħ f'Ġesù, kif jixhdilna l-Evanġelju kollu. Lil Ġesù akkużawh li kien jagħmilha mal-pubblikani u l-midinbin, u man-nisa tat-triq, għax kienu jarawh dieħel għandhom, għax kienu jisimgħuh jgħidilhom li dnubiethom maħfura u, huwa u jibgħathom, igħidilhom biex ma jidinbux aktar; akkużawh li kien jikser jum il-Mulej għax kien jagħmel il-ġid lil min kien ikun fil-bżonn, f'jum is-Sibt ukoll; akkużawh li kien jikser il-liġi ta' Mose' u jħalli d-dixxipli tiegħu jiksruha wkoll, għaliex kien igħallem dak li kien il-qofol tal-liġi, l-imħabba, u kien jikkundanna dawk il-ħafna rqaqat li l-Fariżej kienu żiedu fil-ħarsien tal-liġi u hekk għamluha piż li ħadd ma kien jista' jiflaħ għalih; akkużawh li kien jeħodha kontra l-kapijiet tal-poplu għax kien iċanfarhom bl-ikrah talli kienu juru ruħhom bħala nies li jħarsu l-liġi bir-reqqa kollha, waqt li f'qalbhom kien hemm ibejjed kull xorta ta' ħażen. Ftehemu bejniethom biex jaqtgħuhielu għall-mewt, għax dejjaqhom bl-imġiba tiegħu, għax l-imġiba tiegħu kienet ċanfira kontinwa għalihom.

*Bħat-tfal ċkejknin*

Iżda waqt li Ġesù kien qiegħed juri lid-dixxipli tiegħu li kellu jgħaddi minn dan it-tiġrib kollu, għax kien il-bniedem ġust, għax din kienet ir-rieda tal-Missier għas-salvazzjoni tal-bniedem, huma kienu ħsiebhom f'ħaġ' oħra, u ma fehmu xejn minn dak li kien qiegħed igħidilhom Ġesù. Huma moħħom kien f'min kien l-aqwa wieħed fosthom. Ġesù għaraf il-ħsibijiet

tagħhom u ried jurihom kemm kienu fiergħa ħsibijiethom. U biex jifhmuh sewwa sejjaħ tifel ċkejken ħdejh, u qalilhom: "Kull min jilqa' wieħed minn dawn iċ-ċkejknin minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili, u min jilqa' lili jkun jilqa' lil dak li bagħatni".

X'ried ifisser Ġesù b'dan il-kliem? Tifel ċkejken mhux kapaċi jħares lilu nnifsu minn min irid jagħmillu d-deni; tifel żgħir mhux kapaċi jaħseb ħażin f'ħadd, ma hemmx għelt fih, jafda 'l kulħadd, hu sinċier, u proprju għax hu hekk, il-ħżiena jistgħu jaħqruh ħafna. Il-bniedem tajjeb hu bħat-tfal ċkejknin: jafda f'kulħadd, hu sinċier, ma jżommx f'qalbu għad-deni, ma hemm ebda għelt u qerq f'egħmilu, u għalhekk il-ħżiena malajr jipprofittaw minnu għall-interessi tagħhom u jqarrqu bih, u jagħmlulu d-deni; dan ukoll għax min hu ħażin ma jaħmilx jara 'l min hu tajjeb, u jgħir għalih.

In-nisrani hu msejjaħ biex ikun bniedem tajjeb, biex ikun bħat-tfal ċkejknin. Imma kemm minna lesti biex inkunu dan? Aktarx aħna nirraġunaw bħan-nies tad-dinja, u biex ma jqarrqux bina, aħna nippruvaw inqarrqu b'ħadd ieħor; ma nurux x'qed naħsbu, nonqsu mis-sinċerità, ma nafdawx fl-oħrajn, infittxu l-ewwel u qabel kollox dak li jaqbel lilna. Iżda din mhijiex imġiba nisranija; u Ġesù biex jurina x'inhi l-imġiba nisranija, qed igħidilna llum, li fost l-insara l-ewwel wieħed huwa dak li jiġi wara kulħadd, għax irid ikun il-qaddej ta' kulħadd. Huwa biss fost in-nies taddinja li dawk li huma ta' l-ewwel jaħkmu fuq l-oħrajn; fost dawk li jemmnu, fost dawk li huma ta' Kristu, l-ewwel nies huma dawk li jagħtu ruħhom għas-servizz ta' l-aħwa, u l-aktar tal-aħwa fil-bżonn.

Fost in-nies tad-dinja, fejn kulħadd irid ikun l-ewwel wieħed, fejn kulħadd mhux jaqdi jrid imma jkun moqdi, bilfors jinqala' l-ġlied u t-tilwim. San Ġakbu, fit-tieni qari tal-lum, igħidilna li l-ġlied u t-tilwim jiġu mill-ġibdiet ħżiena li jitqabdu f'ġisimna. U dawn il-ġibdiet huma r-regħba għall-ġid ta' l-art, l-għira għal min hu aħjar minna, il-ħajja ta' tberbiq ta' flus bla rażan fix-xalar u d-divertiment. U din il-marda llum qiegħda taħkem il-kotra l-kbira tal-bnedmin, hi mxerrda ħafna fostna wkoll. Illum kulħadd moħħu fil-kapriċċi, fid-divertimenti, fl-infiq addoċċ; kulħadd moħħu li jistagħna malajr, bla taħbit; illum ħadd ma hu lest jagħmel xi sagrifiċċju żgħir, xi ċaħda żgħira; ħadd ma jrid jidher inqas minn ħaddieħor; kulħadd jippika moħħu li jkun aħjar mill-oħrajn. U biex dan, nonqsu missinċerità, nigdbu, nuru ħaġa b'oħra; u ma għandniex kwiet, ngħixu ħajja mqalba. Dan kollu l-effett ta' l-għira u tal-ambizzjoni, li jwassluna biex nonqsu mit-tjieba u l-irġulija, u nimxu bil-qerq ma' kulħadd, basta naħkmu fuq kulħadd.

Jekk irridu ngawdu l-paċi u s-sliem tul il-jiem kollha ta' ħajjitna, jekk ma rridux ngħixu ħajja ta' biża, u ta' qtigħ il-qalb, jeħtieġ infittxu dejjem dak li hu tjieba, verità u ġustizzja. Is-sliem u l-paċi li tant nixtiequ li jkollna, huma biss frott tat-tjieba, tal-verità u tal-ġustizzja. Jekk aħna nuru tjieba ma' kulħadd, u nagħmlu l-ġid lil kulħadd; jekk aħna sinċieri ma' kulħadd, ma ngħidux kliem b'ieħor, ma nurux ħaġa b'oħra, ma nippruvawx inqarrqu b'ħadd; jekk nagħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, jekk nirrispettaw

id-drittijiet ta' kulħadd u nħarsu d-dinjità ta' kull bniedem u nqisu lil kulħadd bħala ħuna fi Kristu; imbagħad iva nistgħu ngawdu l-paċi u s-sliem f'qalbna, ukoll jekk madwarna ma narawx ħlief inkwiet u tilwim. Minkejja t-taħwid kollu li jkun hemm madwarna, qalbna ma titħawwadx, tkun tgawdi s-sliem, għaliex tkun marbuta ħaġa waħda ma' Ġesù, li hu s-sliem tagħna. Mhux kulħadd jifhmu dan il-kliem; jifhmuh biss dawk li huma bħat-tfal ċkejknin: lil dawk il-Mulej Ġesù jgħarrafhom dawn il-veritajiet tas-saltna tas-smewwiet. Jalla nkunu minn dawn aħna wkoll biex inkunu verament dixxipli tal-Mulej.

## TALBA TAL-FIDILI

B'qalbna qawwija nersqu llum quddiem it-tron tal-grazzja biex nitolbu l-għajnuna ta' Alla ħa nkunu nistgħu ngħixu fis-sliem bejnietna, billi nfittxu dejjem dak li hu tjieba, ġustizzja u verità.

Wettaq, Mulej, il-Knisja tiegħek, hija u tħabbar il-mewt tiegħek, ixxandar il-qawmien tiegħek mill-Imwiet, u tistennik terġa' tiġi fil-glorja.

Dawwal il-fehma tal-bnedmin kollha biex ma jfittxux il-ġlied u t-tilwim, u ma jħallux l-għira u l-ambizzjoni jegħlbuhom, ħa jkunu jistgħu jgħixu fis-sliem u l-paċi tul ħajjithom kollha.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek fina biex jagħtina d-don ta' l-għerf ħalli l-egħmil kollu tagħna jkun egħmil ta' tjieba u rġulija li jġib is-sliem u l-paċi fost kulħadd.

Agħtina l-grazzja li nkunu nixbhuk f'kollox biex ma nfittxux li nkunu moqdija, imma li nkunu qaddejja ta' kulħadd għall-imħabba tiegħek.

Mulej Ġesù Kristu, Iben Alla l-ħaj, minn qalbna llum inroddulek ħajr għaliex għoġbok tgħarraf il-misteri tas-sema, lilna ċ-ċkejknin; kun magħna dejjem biex inkunu dejjem bħat-tfal żgħar, mingħajr għelt fl-imġiba tagħna, imma sinċieri u twajbin ma' kulħadd. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.

## PROFETI TAL-MULEJ

*Min huma l-profeti*

"Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti, u jalla l-Mulej iqiegħed fuqhom l-ispirtu tiegħu". Dan qal Mose' lill-qaddej tiegħu Ġożwe', meta mar qallu li barra s-sebgħin xiħ li Mose' kien għażel minn fost il-poplu u ġabarhom fit-Tinda tal-Laqgħa biex jirċievu minn għand Alla l-ispirtu tiegħu ħa jgħinuh fit-tmexxija tal-poplu, kien hemm żewġt irġiel oħra li huma wkoll irċevew l-ispirtu ta' Alla għalkemm mhux imsejħin minn Mose' fit-Tinda tal-Laqgħa.

X'ried ifisser Mose' bi kliemu? Min huma l-profeti tal-Mulej?

Aħna aktarx naħsbu li profeta huwa dak li jħabbar il-ġejjieni. Naħsbu hekk għaliex il-profeti li nafu bihom, jiġifieri l-profeti ta' żmien il-Patt il-Qadim, ħabbrulna il-ġejjieni dwar Ġesù. Iżda meta Alla għażel lil Isaija, lil Ġeremija, lil Ezekjel, lil Danjel u lill-profeti l-oħra kollha, ma sejħilhomx biss biex iħabbrú dak li kellu jseħħ bil-miġja ta' Ġesù fid-dinja, mijiet ta' snin wara li għexu huma; Alla għażilhom bħal profeti tiegħu, l-aktar biex iwasslu l-Kelma tiegħu lill-poplu u juruh x'kienet għalih ir-rieda ta' Alla. Il-profeti kienu jwissu, iwiddbu, iċanfru, iqawwu qalb il-poplu f'isem Alla; kienu juru lill-poplu x'kienet ir-rieda ta' Alla; kienu jwissu lin-nies biex iżommu ruħhom 'il bogħod mill-qima tal-allat tal-ġnus; kienu jhedduhom bil-kastigi kbar ta' Alla minħabba dnubiethom.

*In-nisrani hu profeta tal-Mulej*

Alla lil dawk li hu jagħżel biex iwasslu l-Kelma tiegħu lill-oħrajn, jimliehom bl-ispirtu tiegħu, u jagħtihom l-għerf u d-dehen, l-għaqal u l-qawwa, ix-xjenza u t-tjieba, biex bla biża' ta' xejn, minkejja kull tiġrib li miegħu jiltaqgħu, jaqdu l-missjoni li għaliha Alla jkun għażilhom. Hekk kienu l-profeti tal-imgħoddi. Hekk kien San Ġwann Battista. Hekk għandu jkun kull nisrani, tul iż-żminijiet kollha. Għaliex kull nisrani rċieva l-Ispirtu tal-Mulej, biex jagħti xhieda għall-Mulej quddiem id-dinja. Kull nisrani rċieva l-Ispirtu tal-Mulej fil-magħmudija tiegħu, u rċevih b'mod speċjali mbagħad fil-Griżma meta ġie mmarkat bis-siġill tad-donn tal-Ispirtu ta' Alla. Alla jagħti l-Ispirtu tiegħu lil kull nisrani, biex ikun fih tul ħajtu kollha, għaliex in-nisrani hu msejjaħ ikompli fid-dinja l-missjoni ta' Kristu, li kien Saċerdot, Sultan u Profeta. Kull nisrani jaqdi l-missjoni ta' Kristu Saċerdot, meta ma' Kristu, bi Kristu u fi Kristu jagħti kull ġieh u glorja lil Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa; in-nisrani jaqdi l-missjoni ta' Kristu sultan meta jkun jaqdi lil Alla f'ħutu l-bnedmin fil-bżonn, għaliex min jaqdi lil Alla jkun jsaltan; u n-nisrani jkun jaqdi l-missjoni ta' Kristu Profeta meta jagħti xhieda tal-Kelma ta' Alla quddiem id-dinja, meta din il-Kelma jgħixha f'ħajtu kollha.

*Alla jagħti l-Ispirtu tiegħu lil min irid*

Kull min jemmen fi Kristu u jgħix skond it-tagħlim ta' Kristu huwa profeta tal-Mulej fid-dinja. Alla jibgħat l-Ispirtu tiegħu lil min irid u kif

irid, u jista' jiġri li Alla l-ispirtu tiegħu jagħtih ukoll lil min mhux magħna fi ħdan il-Knisja tiegħu. Erwieħ tajba, qlub ġenerużi, insibuhom ukoll fost dawk li mhumiex tar-reliġjon tagħna, fost dawk ukoll li qatt ma semgħu bi Kristu; u lilhom ukoll Alla jista' jagħti l-ispirtu tiegħu biex huma jwasslu l-kelma tiegħu lill-ġnus li fosthom jinsabu ħa juruhom, mingħajr ma huma stess ikunu jafuha sewwa, it-triq tas-salvazzjoni. Għax it-triqat ta' Alla huma ħafna, u aħna l-bnedmin dgħajfin wisq biex inkunu nafuhom sewwa. Għalhekk Ġesù lill-Appostli li riedu ma jħallux wieħed ikeċċi x-xjaten bħalma kienu jagħmlu huma, għax ma kienx wieħed minnhom, qalilhom biex ma jżommuhx, għaliex, qalilhom, "Min mhux kontra tagħna, hu magħna".

Flok inkunu moħħna x'qiegħed jagħmel ħaddieħor, u forsi ngħiru għalih għax qiegħed jaqdi d-dmir tiegħu ta' profeta aħjar minna, jiġifieri qiegħed jagħti xhieda ta' ħajja nisranija fil-ħajja tiegħu ta' kuljum, wisq aktar minna, għandna nfittxu li d-dmir tagħna ta' profeti tal-Mulej naqduh millaħjar li nistgħu; u dan trid turina l-Knisja llum.

*Kif inkunu profeti tal-Mulej*

Ġesù stess fl-Evanġelju jgħidilna x'jistenna minna, u l-ewwel ħaġa li jgħidilna hi li għandna noqogħdu attenti li ma nagħtu qatt skandlu liċ-"ċkejknin li jemmnu fih". Min huma dawn iċ-ċkejknin? Kif nistgħu nagħtuhom skandlu? Iċ-ċkejknin huma dawk li huma bħat-tfal żgħar, huma dawk li mhux kapaċi jaħsbu ħażin f'ħadd, u għalhekk wieħed malajr jista' jqarraq bihom, u jipprofitta mis-sinċerità tagħhom; huma dawk ukoll li mhumiex sodi biżżejjed fil-fidi tagħhom u l-iċken eżempju ħażin, l-iċken ħaġa, ukoll jekk fiha nfisha mhijiex dnub, tista' tkun ta' tfixkil għalihom. Hu dmir tagħna li, fl-ebda okkażjoni, ma għandna nkunu ta' tfixkil għal xi ħadd bl-imġiba tagħna, u ngagħluh jaqa' fid-dnub minħabba l-eżempju ħażin li nagħtuh: aħna nkunu responsabbli ta' dnubietu jekk bl-imġiba tagħna ħajjarnih għalihom. Ġesù dejjem kellu kliem iebes għal dawk li huma ta' skandlu għal ħaddieħor bl-imġiba tagħhom, għal dawk li b'egħmilhom, bl-eżempji li jagħtu, iħajru lill-oħrajn għad-dnub. Iżda mbagħad Ġesù għandu kliem ta' tifħir għal kull min jagħmel l-iċken egħmil ta' mħabba ma' ħutu fil-bżonn. X'hemm inqas milli tagħti tazza ilma frisk lil min hu bil-għatx? Ġesù jħallas ukoll dan l-egħmil hekk ċkejken jekk nagħmluh għall-imħabba tiegħu, f'ismu.

Dan kollu tagħlim sabiħ, imma kemm minna jħaddnuh? jiġifieri kemm minna jgħixuh fil-ħajja tagħhom ta' kuljum? Aħna lesti dejjem ngħinu lil ħutna fil-bżonn, imqar b'ħaġa żgħira, bil-ftit li jkollna jew ma jimpurtana xejn li nkunu ta' tfixkil għall-oħrajn bl-imġiba ħażina tagħna, b'dik l-imġiba li San Ġakbu jikkundanna b'mod hekk iebes fit-tieni qari tal-lum?

*Egħmil li ma jixraqx lil min hu nisrani*

L-egħmil li jikkundanna San Ġakbu huwa egħmil li ma jixraqx lil min iġib l-isem ta' nisrani; iżda hemm ħafna nsara li jistħoqqilhom il-kliem iebes tal-Appostlu, għaliex għandhom qalbhom tant marbuta mal-ġid u l-għana ta' l-art, li biex ma jonqsilhomx, lesti biex ma jagħtux ħlas xieraq

lill-ħaddiema tagħhom, u medhijin fix-xalar u d-divertimenti ma jqisu xejn il-faqar u l-miżerja li fiha qegħdin igħixu tant u tant eluf ta' nies. Kliem l-Appostlu jgħodd ħafna għaż-żminijiet tal-lum għax f'ħafna pajjiżi llum il-ħaddiem ma għandux id-dinjità tiegħu tal-bniedem li hu mħarsa kif għandu jkun; għax tant u tant eluf ta' nies qegħdin igħixu f'faqar kbir u miżerja tal-biża' waqt li oħrajn qed igħixu f'baħar ta' ġid li bih stagħnew bil-ħidma ta' tant u tant nies li ma ħadux minn għandhom il-ħlas kollu li kien imisshom; għax hawn tan tu tant nies qiegħda speċjalment fost iż-żgħażagħ, għax min għandu l-ġid ma jridx iħaddmu biex joħloq xogħol għal kulħadd.

*Dmirna bħala nsara*

Quddiem qagħda bħal din x'inhu d-dmir tagħna bħala nsara, bħala profeti tal-Mulej? It-tweġiba hi ħafifa għalina li nemmnu: għandna nfittxu ngħixu skond l-ispirtu tal-Evanġelju, aħna lkoll li niftakru li aħna nsara, kemm jekk inħaddmu u kemm jekk naħdmu għal ħaddieħor. Il-Knisja tgħallimna li min iħaddem u min jaħdem għal xi ħadd, mhumiex tnejn kontra xulxin, imma tnejn li qegħdin jaħdmu flimkien għall-ġid ta' kulħadd. Jekk naslu biex nifhmu dan, min iħaddem jara f'dawk li qed jaħdmu miegħu, sħabu għall-bini ta' dinja aħjar, waqt li l-ħaddiema jaraw f'dawk li qed iħaddimhom, dawk li qed jipprovdu l-mezzi u qed imexxu l-ħidma ta' kulħadd għall-ġid tal-komunità kollha. Mhux il-ġlieda bejn klassi u oħra, bejn min iħaddem u min jaħdem, imma l-ħidma id f'id ta' kulħadd għall-bini ta' dinja ġdida fil-ġustizzja u s-sliem, hija l-kelma ta' Alla li l-insara jridu jwasslu lid-dinja tal-lum, ħa jkunu tassew profeti tal-Mulej.

## TALBA TAL-FIDILI

Miġburin flimkien għaċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa, nitolbu lil Alla l-grazzja li nkunu dejjem nistgħu nagħtu xhieda quddiem id-dinja tal-fidi tagħna bl-imġiba kollha ta' ħajjitna.

Ieqaf, Mulej, mal-Knisja tiegħek hija u tħabbar lid-dinja tal-lum il-qdusija tax-xogħol u d-dinjità tal-bniedem li bix-xogħol ta' idejh u bid-dehen tiegħu qiegħed ibiddel għall-aħjar id-dinja li fiha jgħix.

Biegħed mid-dinja kull xorta ta' skandli ħalli ma jkun hemm xejn li jista' jfixkel lill-bniedem biex jersaq lejn Alla u jħares il-liġi mqaddsa tiegħu.

Dawwal il-fehma ta' kull min għandu f'idejh il-ġid u l-għana tad-dinja biex jagħraf iħaddmu sewwa ħalli kulħadd igawdi minnu, għax din hi r-rieda tiegħek.

Sawwab fina l-Ispirtu qaddis tiegħek biex iwettaqna dejjem bid-doni tiegħu ħalli dejjem u kullimkien, bil-qawwa kollha, nagħtu xhieda tal-Kelma tiegħek quddiem id-dinja.

Għallimna, Mulej, il-liġi tiegħek, u tħallix il-kburija taħkem fuqna; għinna nagħtu dejjem xhieda xierqa tiegħek quddiem id-dinja bl-imġiba kollha ta' ħajjitna, ħa nkunu bla ħtija quddiemek, u safja minn kull dnub. Bi Kristu Sidna.

## RANDAN 1985

### L-OFFERTA TAL-PARROĊĊA GHAS-SEMINARJU

| | | | |
|---|---|---|---|
| Attard | Lm 628.50,0 | Mqabba | 231.00,0 |
| Balzan | 525.00,0 | Msida | 481.30,0 |
| Birgu | 513.00,0 | Naxxar | 496.29,0 |
| B'Kara (San Ġużepp Haddiem) | 630.00,0 | Qormi (San Bastjan) | 412.00,0 |
| | | Qormi (San Ġorġ ) | 514,00.0 |
| B'Kara (Santa Liena) | 1,424.00,0 | Qrendi | 200.00,0 |
| B'Bugia | 300.00,0 | Rabat | 796.91,9 |
| Bormla | 616.25,0 | Paola (Kristu Re) | 1,074.00,0 |
| Balluta | 558.95,0 | PaPola (Lourdes) | 101.00,0 |
| Burmarrad | 229.53,0 | Safi | 110.00,0 |
| Dingli | 270.00,0 | San Ġiljan | 714.00,0 |
| Fgura | 225.00,0 | San Ġwann (Imsieraħ) | 330.00,0 |
| Fleur-de-lys | 100.00,0 | Santa Lucia | 350.00,0 |
| Floriana | 436.64,0 | San Pawl il-Baħar | 398.00,0 |
| Għargħur | 208.91,2 | Santa Venera | 231.50,0 |
| Għaxaq | 182.97,0 | Siġġiewi | 458.75,0 |
| Gudja | 135.00,0 | Sliema (Ġesù Nazzarenu) | 241.00,0 |
| G'Mangia | 195.00,0 | | |
| Gżira | 392,12.0 | Sliema (Sacro Cuor) | 549.00,0 |
| Hamrun (Kunċizzjoni) | 738.46,9 | Sliema (San Girgor) | 1,232.65.0 |
| (Hamrun (San Gejtanu) | 452.00,0 | Sliema (Stella Maris) | 898.19,8 |
| Kalkara | 347.41,0 | Tarxien | 606.85,0 |
| Kirkop | 143.59,2 | Ta' Xbiex | 125.00,0 |
| Lija | 424.00,0 | Valletta (San Duminku) | 667.00,0 |
| L-Isla | 386.00,0 | Valletta (S. Ġwann Katt.) | 406.22,5 |
| Luqa | 314.86,0 | | |
| Manikata | 56.00,0 | Valletta (San Pawl) | 894.84,2 |
| Marsa (Maria Regina) | 184.00,0 | Valletta (Santu Wistin) | 213.00,0 |
| Marsa (Trinità) | 301.00,0 | Wied il-Għajn | 150.00,0 |
| M'Xlokk | 235.00,0 | Żabbar | 1,000.13.0 |
| Mdina | 195.42,7 | Żebbuġ | 1,800.00,0 |
| Mellieħa | 460.00,0 | Żejtun | 640.00,0 |
| Mġarr | 451.00,0 | Żurrieq | 567.16,5 |
| Mosta | 1,835.85,0 | | |